# INĦOBBU L-IMĦABBA

## Profil Bijografiku

## ta' Madre Margerita De Brincat

## Fundatriċi

## Kapitlu 1

## BINT IL-GŻIRA T'GĦAWDEX
## LEJN IL-QIMA TAL-ALTARI

Il-gżira t'Għawdex hi t-tieni waħda fil-kobor u fl-importanza fost il-gżejjer Maltin. L-isem tagħha ġej mill-grieg "Gaulos" (minn hawn il-kelma "Gozo"). Għalhekk hu isem qadim u jeħodna lura fi żminijiet bikrija, fl-istess presitorja tal-gżira.

Minn din iċ-ċiviltà ta' żminijiet il-ħaġar illum fadlilna biss xi maqdes u monumenti qodma u li jimpressjonaw lil kull min iżurhom. Dawn il-ħaġar, bħalma huma dawk tal-Ġgantija, t'Għawdex, jaħduna bil-fantasija fi żminijiet tant 'il bogħod minna li mhux faċli li niktbu l-istorja u l-ġrajjiet tagħhom. Mill-banda l-oħra, il-gżira t'Għawdex toffrilna wkoll l-istorja ta' żminijietna. Fiha nammiraw l-istorja ta' gżira ta' nies bieżla, sempliċi u mingħajr il-kumplikazzjonijiet tal-ħajja mgħaġġla tallum. Fuq kollox, insibu poplu li l-għeruq tiegħu huma mħawla sodi fil-fidi nisranija.

Jekk irridu nifhmu u napprezzaw il-persunaġġ ta' Virġinja de Brincat, li din il-kitba trid tippreżenta, hemm bżonn inqiegħduh fl-ambjent reliġjuż tal-poplu Għawdxi.

Il-ħajja ta' fidi tal-Għawdxin ma tidhirx biss fin-numru kbir ta' mqades, knejjes, kappelli, santwarji u niċeċ li niltaqgħu magħhom mhux biss fir-Rabat, imma saħansitra fl-aktar irħula mbiegħda dal-gżira, sbieħ, kbar, artistiċi, għonja bid-dehbijiet, pitturi u rħamijiet, imma fuq kollox fl-imġieba reliġjuża tal-poplu Għawdxi. F'din in-nitfa ta' gżira, r-reliġjon nisranija titħallat mal-arja friska tal-baħar ikħal li jdawwarha. In-nies tal-gżira joħonqu l-knejjes tagħhom. Nhar ta' Ħadd nistgħu ngħidu li kważi l-mija fil-mija tan-nies imorru għall-Quddiesa, jersqu lejn is-sagramenti, jgħixu f'għaqda qawwija mas-saċerdoti numerużi tal-gżira. Il-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi minn dejjem kienu numerużi f'Għawdex, u l-familja li fihom ma ssibx lil xi ħadd mogħti għal Alla tgħoddhom fuq il-ponot ta' subgħajk. Id-djar huma miksija bi kwadri tal-Madonna taħt kull titlu, kif ukoll bil-qaddisin.

Meta wieħed jgħix man-nies tal-gżira u jitħaddet magħhom, jintebaħ li din id-dehra mhix sempliċement xi reliġjożità formali, jew tradizzjonali, jew esterna, imma hawn ninsabu quddiem konvinzjoni profonda ta' ħajja, ta' drawwiet, tal-mod kif in-nies jaħsbu u jgħixu ta' kuljum. Dan kollu jgħaġġeb u jħalli impressjonat lil min jiġi minn barra l-gżira – bħalma hu l-każ tal-awtur ta' dan ix-xogħol – u għalhekk li jġib miegħu l-esperjenza tal-"Knisja tal-katakombi", jew tal-"Knisja fl-eżilju", jew tal-"Knisja tal-foqra", li mhux diffiċli niltaqgħu magħha fil-kultura tagħna oċċidentali, li saret kultura post-nisranija, kif ukoll fil-ħafna bliet "sinjuri" u industrijali.

Virġinja De Brincat, bint umli tal-gżira t'Għawdex, twieldet fl-1862, f'Kerċem, qrib ir-Rabat, u mietet ta' kważi disgħin sena f'din il-belt fl-1952. Hi l-fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, u riesqa b'pass deċiżiv lejn il-beatifikazzjoni. Ma nafux kemm se jdum dan il-proċess li għad iwassalha għar-rikonoxximent uffiċjali min-naħa tal-Knisja għall-kobor tal-qdusija u tal-virtujiet tagħha, imma għandna motivi sodi biex insostnu li dan il-jum ma jdumx ma jżernaq. Ilu ħafna żmien li l-Għawdxin kien jistħoqqilhom dan ir-rigal u l-unur. Bħala Għawdxija awtentika, Virġinja kibret f'ambjent reliġjuż mill-qiegħ nett, u ingħatat mill-ewwel snin ta' tfulitha għall-opri ta' karità nisranija, filwaqt li tħabbet ma' Ġesù fl-Ewkaristija u mal-Madonna. Imżejna minn Alla b'doni mhux komuni u mistiċi, li żgur nibtu mill-esperjenza ta' għaqda ma' Alla, Virġinja De Brincat, li saret Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, tat bħala don lil art twelidha, lill-gżira qariba ta' Malta, u lill-Knisja kollha, familja reliġjuża ġdida, il-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù li, imrawma fl-iskola tagħha u mdawlin mill-eżempji tagħha, għal aktar minn seklu xerrdu l-ispirtu tagħha u l-ġid li għamlet fost eluf ta' tfal, żgħażagħ u kbar, fl-ispirtu ta' Paċi u Ġid Franġiskan u tan-nar li jħeġġeġ fil-Qalb Qaddisa ta' Ġesù.

L-iskop tagħna mela hu dak li nirrakkontaw il-ġrajjiet l-aktar importanti li din il-ħajja tal-għaġeb, li hi tassew eċċezzjonali, ħalli b'hekk in-nies ta' gżiritha, qabel kulħadd, u mbagħad ħafna oħrajn, jistgħu jsiru jafu aħjar lil din il-mara edukatriċi, fundatriċi u mistika, ħalli jaslu biex jitolbuha, iħobbuha u jimitawha.

## Kapitlu 2

## IL-FAMILJA PATRIJARKALI TA'
## MIKIELANĠLU DE BRINCAT F'KERĊEM

Mill-għolja tal-Kastell tar-Rabat wieħed iġib l-isbaħ dehra sħiħa tal-gżira t'Għawdex li tinfirex taħtu. L-irħula, kull wieħed minnhom bil-knisja u l-kampnar li jserdqu fuqu, u li huma s-sinjal l-aktar ċar u karatteristiku tagħhom, huma mferrxin fil-pjanura u fuq l-għoljiet tal-gżira mdawrin minn kull naħa bil-baħar, ta' lewn ikħal skur. Jekk wieħed jitfa' ħarstu mill-Kastell lejn il-lemin, jintebaħ bir-raħal ta' Kerċem, li jinsab ftit aktar minn kilometru 'l bogħod, kemmxejn fil-baxx u mmejjel lejn il-wied li kien jifirdu mir-Rabat permezz ta' ringiela ħitan fortifikati, li llum għabu. Dan ir-raħal ċkejken hu l-post fejn twieldet Virġinja De Brincat, jew kif kellha ssir, Madre Margerita. Se nieqfu ftit bl-attenzjoni tagħna fuq dan ir-raħal li, minn mindu sar il-post tat-twelid tal-protagonista tal-istorja tagħna, għandu interess partikulari għalina u jkollu aktar fil-ġejjieni tal-istorja li dawn il-paġni jirrakkontaw.

Il-familja De Brincat, skont il-kunjom li hu kemmxejn magħruf fiż-żewġ gżejjer Maltin, tidher li hi ta' oriġini Taljana.

Fil-21 ta' Ġunju 1842, Mikielanġlu De Brincat, minn Kerċem, intrabat fiż-żwieġ ma' tfajla mir-raħal tiegħu, li kellha kważi l-istess età, jisimha Katarina Gauci, u mar joqgħod magħha fid-dar numru 3 ta' Triq San Girgor. Twieldet m'hekk familja nisranija ġdida.

Din il-familja ġdida, imbierka minn Alla, ġiet imferrħa minn ħdax ulied, ħames subien u sitt ibniet. Dawn huma l-ismijiet tal-aħwa ta' Madre Margerita, skont l-ordni tat-twelid: Dolores, Franġisk (li mieta ta' età ċkejkna), Karmenu, Franġisk ieħor, Pawlina, Marija Antonja, Adelaide, Rożina, Salvatur u Mikiel. Is-sitt nieqa tal-familja De Brincat kienet dik ta' tifla li twieldet fit-28 ta' Novembru 1862 u ġiet imgħammda fl-istess jum fil-knisja ta' San Ġorġ Martri fir-Rabat, bl-ismijiet ta' Virġinja, Ġużeppina, Marija, Giovanna. Naqraw fil-Ktieb tal-Magħmudijiet tal-parroċċa ta' San Ġorġ Martri:

*"28 ta' Novembru, 1862. Dun Ġużepp Pace, viċiparroku, għammed it-tifla li twieldet illum mill-miżżewġin Mikielanġlu De Brincat u Katarina Gauci, li ngħatat l-ismijiet ta' Virġinja, Ġużeppina, Marija, Giovanna. Il-parrini kienu Anġlu Curmi, bin Ġużepp u Marija, miżżewġa lil Mikiel Tabone."*

Il-fatt li l-Magħmudija ma saritx fil-knisja ta' San Girgor il-Kbir, Papa, patrun ta' Kerċem, li kienet inbniet biss għaxar snin qabel, imma sar fil-knisja ta' San Ġorġ fil-belt kapitali jiġi spjegat għaliex fl-1862 il-knisja ta' Kerċem kienet għadha mhijiex parroċċa. Hi saret parroċċa fl-1885, tlieta u għoxrin sena wara, meta t-tifla mgħammda f'San Ġorġ kienet diġà saret Maestra Virġinja tal-Beata Margerita. Dawn iż-żewġ knejjes, San Ġorġ fir-Rabat u San Girgor f'Kerċem, se jkunu mfakkra ta' spiss fl-istorja tagħna.

Nidħlu anke aħna fid-dar ta' Triq San Girgor, numru 3, biex ikollna l-ewwel għarfien ta' min kien joqgħod fiha. Sallum id-dar għadha tidher kif kienet dejjem, mingħajr bidliet sostanzjali, bil-bejt tipiku Malti, bil-ħitan tal-ġebla ta' kulur griż-safrani. Hi dar magħmula minn terran u mill-ewwel sular, li titla' għalih permezz ta' taraġ minn barra, u hi mdawra b'ħajt għoli moħbi bil-bajtar tax-xewk biex iħares id-dar mill-irwiefen. Tidhrilna ħaġa stramba kif, f'dar ta' dimensjonijiet daqshekk żgħar, setgħet tgħix familja numeruża bħal dik ta' Mikielanġlu De Brincat, imma mitt sena ilu n-nies kienet tikkuntenta ruħha aktar faċilment u tadatta ruħha kif tista'.

Hemm bżonn inkunu nafu aktar dwar din il-familja, inkunu nafu l-ħafna dettalji li minħabba l-medda tas-snin huma kważi impossibli li nikxfuhom. Fil-fatt, jekk inkunu nafu aħjar l-ambjent familjari fejn trabbiet Virġinja, għalina jkun aktar faċli li nsiru nafu l-protagonista tal-istorja tagħna. Sfortunatament se jkollna nikkuntentaw ruħna bi ftit informazzjoni. Fil-familja ta' nies komuni, fl-imgħoddi bħal fi żmienna, wieħed kien aktar jaħseb biex jaħdem, jitlob u jgħix onestament milli biex joqgħod jikteb djarji jew kronaki biex jgħaddihom lil min jiġi warajh.

Il-familja De Brincat ma kinitx sinjura, imma lanqas fqira. Kienet tgħix ħajja deċenti. L-għelieqi li kellu Mikielanġlu barra r-raħal, lejn in-naħa tax-Xlendi, kienu jagħtu lill-familja l-għixien ta' kuljum mingħajr ħafna problemi ta' flus.

Ftit nafu dwar l-omm, Katarina Gauci, li kienet l-ewwel għalliema ta' Virġinja. Ix-xjuħ tar-raħal li staqsejniehom fl-1967, ma kienu jiftakru xejn dwarha. Hi mietet fl-1899, ftit snin qabel żewġha Mikielanġlu, li miet fl-1902. Mill-banda l-oħra, l-ħajja ta' din il-mara twajba bejn id-dar u l-knisja, mehdija għal kollox fl-edukazzjoni tal-familja numeruża tagħha, ma tantx kienet toffrilha possibiltajiet biex tippreżenta ruħha fil-pubbliku u tidħol fil-kronaka tar-raħal.

L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għal żewġha Mikielanġlu. Ix-xjuħ tar-raħal kellhom tifkira mċajpra tiegħu, imma kienu jiftakru li kien raġel onest, bieżel, sieket, mogħti kollu kemm hu għall-familja u reliġjuż għall-aħħar.

Raġel reliġjuż għall-aħħar! Kienet x'kienet il-qagħda ekonomika tal-familja, hi kellha teżor aqwa minn kull għana materjali oħra: ħajja reliġjuża profonda u fidi qawwija, li kienet issir prattika ta' kuljum, li ma kinitx tikkuntenta ruħha b'dak li jidher minn barra, imma kienet karatterizzata minn konvinzjoni u impenn li ma jistgħux jiġu miċħuda.

Billi ma għandniex xhieda oħra ta' fatti storiċi, ikollna nistrieħu fuq il-fatti konkreti tal-ħajja. Il-Vanġelu jgħidilna: "Is-siġra tingħaraf mil-frott tagħha." Il-frott tal-ħajja reliġjuża tal-familja De Brincat jidher, barra milli fis-suċċess ta' Virġinja, fil-ħafna vokazzjonijiet reliġjużi li nibtu madwarha u anke warajha.  Infakkru xi wżud.

Dolores De Brincat, l-ewwel tifla, imwielda fl-1849, Busuttil ta' miżżewġa, kellha tifla li daħlet mas-sorijiet Franġiskani, Sor Marija Alfonsina. Karmenu, l-ewwel fost l-aħwa subien, imwieled f'Marzu 1852, kellu żewġ ulied bniet sorijiet, waħda mal-Franġiskani, Sor Marija Anna, li mietet ta' 34 sena fl-Etjopja, u oħra fost l-Agostinjani. Marija Antonja, imwielda fl-1865, oħt iż-żgħira ta' Madre Margerita, li tagħha baqgħet dejjem mimlija bl-għożża, Abela ta' miżżewġa, kellha bint, Sor Marija Antonja, li għadha tgħix, fost is-sorijiet tal-Karità ta' Santa Giovanna Antida. Salvatur kellu żewġ ulied bniet Franġiskani, Sor Skolastika u Sor Agostina. Rożina, oħt Virġinja u iżgħar minnha fl-età, saret soru Agostinjana u kienet superjura f'diversi djar tal-Istitut tagħha, kemm f'Malta kif ukoll fl-Italja.

Il-membri kollha tal-familja, anke dawk li baqgħu lajċi, ħallew tifkira ta' nsara mill-aħjar, dejjem fidili għall-aħħar għad-dmirijiet reliġjużi tagħhom. Dan huwa l-frott

tajjeb li bihom insiru nafu t-tjubija tas-siġra, li l-frotta l-aktar prezzjuża tagħha kellha tkun il-persuna ta' Virġinja.

Kif għaddew l-ewwel snin ta' din it-tifla xxurtjata? Liema huma l-fatti l-aktar karatteristiċi li akkumpanjaw l-ewwel tfulija tagħha ħdejn ommha u ħutha? Il-ftit fatti li rnexxilna nkunu nafu, li waslu għandna kollha mir-rakkonti li smajna, imma li huma ta' min joqgħod fuqhom, jgħinuna nkunu nafu xi ħaġa, imma mhux kollox. Biss huma biżżejjed biex bihom nibnu flimkien il-kwadru tagħna. Ix-xhieda l-aktar prezzjuża għalina hi dik li ħallietilna Madre Paċifika Xuereb, li għal ħafna snin għexet f'għaqda ma' Madre Margerita, u li għalhekk setgħet issir taf mingħandha dak l-ewwel perjodu tal-ħajja tagħha. Ix-xhieda ta' Madre Paċifika se nfakkruha ħafna drabi f'dawn il-paġni. Għalissa naqraw dak li tikteb dwar it-tfulija tal-ħabiba kbira tagħha:

*"Iċ-ċkejkna Virġinja uriet mit-tfulija li kien jogħġobha ħafna s-skiet u li tinqata' min-nies. Riedet ikollha għaliha kamra ċkejkna fejn, waħidha ma' Alla, setgħet tingħata għat-talb. Kienet tmur il-knisja dejjem flimkien ma' ommha u oħtha l-kbira Dolores. Anke minn barra kienet turi d-devozzjoni u l-imħabba li kellha lejn Ġesù. L-imġieba miġbura tagħha kienet turiha bħala ruħ li kienet miexja 'l quddiem bla taqta' fil-virtù. B'hekk kibret fil-biża' ta' Alla taħt l-għajnejn tal-ġenituri tagħha. Meta kellha seba' snin bdiet tmur ma' ħutha l-bniet fl-iskola tal-gvern, u dejjem kellha riżultati tajbin u fi ftit snin għamlet ħafna progress."*

Ma nafux eżatt meta għamlet l-ewwel Tqarbina.  Il-Griżma tal-Isqof irċevitha nhar il-15 ta' April 1871. Dawn iż-żewġ sagramenti importanti, li għalihom żgur li ħejjiet ruħha b'kura kbira, bl-istudju bla jaqta' tad-duttrina nisranija u b'kuxjenza safja, huma l-bidu tal-mixja spiritwali li hi wettqet u li wasslitha diġà għal deċiżjonijiet importanti meta kellha biss erbatax-il sena.

Sadattant hi kienet tgħallmet ħidma li biha setgħet tkun utli għall-familja. Tgħallmet taħdem il-bizzilla, li f'dawk is-snin kien xogħol għadu kemm daħal Malta mill-Italja, u li kien qed jagħti lil ħafna familji l-possibiltà li jaqilgħu xi ħaġa.

Mix-xjuħ ta' Kerċem sirna nafu dettalji importanti ħafna rigward l-ispiritwalità u t-tjubija tat-tfajla innoċenti Virġinja. Fuq iż-zuntier ċkejken tal-knisja ta' San Girgor,

li titla’ għalih permezz ta’ ħafna turġien, għadhom juruk il-post fejn iċ-ċkejkna Virġinja kienet taħdem il-bizzilla, dejjem ħarsitha lejn il-knisja u lejn l-altar, bħallikieku kienet f’att ta’ qima lejn l-Ewkaristija filwaqt li toffri lil Alla x-xogħol tagħha.

Il-fatt li Mikielanġlu De Brincat, bix-xogħol tiegħu u bil-ftit flus li seta’ jfaddal, irnexxielu jgħajjex il-familja numeruża tiegħu b’mod deċenti, jidher meta naraw kif hu rnexxielu jibgħat lil uliedu, meta kienu għadhom ċkejknin, fl-iskejjel tal-gvern, u b’hekk jagħtihom il-possibilità tat-tagħlim li, f’dawk iż-żminijiet, fil-gżejjer ta’ Malta u Għawdex, kien għadu biss lussu ta’ ftit nies. Fl-aħħar snin tas-seklu li għadda u fl-ewwel snin tas-seklu tagħna, ħafna nies fil-gżejjer Maltin ma kinux jafu jaqraw u jiktbu. Nafu li ħafna novizzi fost il-Franġiskani fl-ewwel snin tal-Kongregazzjoni – kif għad naraw – ma kinux jafu jaqraw u jiktbu. Il-ħidma tat-tagħlim fil-gżejjer Maltin seħħet bis-saħħa tal-iskejjel li l-istess Sorijiet Franġiskani fetħu u mexxew fid-diversi bliet u rħula.

Wara li temmet l-iskola primarja, Virġinja kienet tmur għand għalliem fir-Rabat li kien jagħtiha l-privat fil-lingwa taljana u franċiża. It-taljan kien dak iż-żmien l-ilsien uffiċjali ta’ Malta.

It-tfajla kienet tmur fl-iskola l-ġdida bil-mixi minn Kerċem, u fi ftit żmien għamlet progress mgħaġġel fiż-żewġ ilsna, sakemm saret taf titkellimhom u tiktibhom sew ħafna. Il-ħakma li kellha fuq l-ilsien taljan tidher prezzjuża aktar tard, meta fl-1884 ġiet maħtura Segretarja Ġenerali tal-Kongregazzjoni ġdida Franġiskana, u fl-1889, Superjura Ġenerali.

Dettal ieħor ta’ importanza eċċezzjonali jiżdied fl-1876 meta t-tfajla twajba, bil-permess tal-konfessur tagħha u direttur spiritwali, għamlet il-wegħda privata ta’ safa għal ħajjitha kollha. Din il-wegħda tippreżenta waqt importanti fil-ħajja tagħha spiritwali, waqt li waslet għaliha wara ħafna provi biex imbagħad titlaq minnu ħalli tilħaq gradi aktar għoljin ta’ perfezzjoni.  Kien waqt li ma waslitx għalih f’daqqa, u lanqas b’kumbinazzjoni, imma li ħejjiet ruħha għalih b’attenzjoni u kura kbira, li aħna ma nafux bihom, imma li żgur ma naqsux lill tfajla ta’ erbatax-il sena, filwaqt li, għall-ewwel darba, ġiet wiċċ imb’wiċċ mal-ħajja, fl-età ta’ ħolm u tal-għażla tal-ġejjieni. Proprju f’dan il-waqt importanti hi rnexxielha jkollha viżjoni

ċara ta’ dawk il-valuri li għalihom setgħet tikkonsagra ruħha darba għal dejjem, u b’hekk tħoss fiha kemm tiswa’ l-imħabba sħiħa li biha setgħet tersaq u tingħaqad ma’ Alla.

Imma hu wkoll waqt ta’ tluq lejn il-ġejjieni. Is-sena ta’ wara, fit-8 ta’ Diċembru 1877, hi daħlet biex tagħmel parti mill-għaqda tat-“Tnax-il Kewkba tal-Qalb Imqaddsa ta’ Ġesù”, pass li jkun deċiżiv għall-futur tal-ħajja kollha tagħha. Hi stess riedet tisħaq dwar din id-data fuq biċċa karta awtografa, li dejjem ġarret magħha sal-mewt u li llum hi mħarsa bħala relikwa prezzjuża fl-arkivju tal-Kongregazzjoni. Virġinja De Brincat, li saret “Kewkba tal-Qalb Qaddisa” bdiet tgħix minn qabel dik il-ħajja li mbagħad ħaddnet darba għal dejjem bħala Madre Margerita tal-Qalb ta’ Ġesù.

Issa jmiss li neżaminaw aktar mill-qrib x’kien il-bidu, id-direttivi u l-iskop ta’ dik l-għaqda.

## KAPITLU 3

## IT-TNAX-IL KEWKBA
## TAL-QALB TA' ĠESÙ

Min irid jistudja l-ewwel bidu u jifhem l-iżvilupp tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, hemm bżonn li jkun jaf u jistudja l-importanza tal-għaqda tat-"Tnax-il Kewkba". Fl-istess ħin, wieħed jammira l-providenza u l-għerf ta' Alla, li jinqeda ħafna drabi b'mezzi umli, li jidhru mhux adatti u li ma joqogħdux għall-ħsibijiet tal-bnedmin, biex minnhom joħroġ b'mod tal-għaġeb l-għaqda ta' skopijiet għoljin u nobbli li hemm bżonn jintlaħqu.

L-għaqda tat-"Tnax-il Kewkba" twieldet fi Franza, u eżattament fl-abbazija ta' Notre Dame de Aiuguebelle, permezz tal-ħidma ta' raħeb konvers, fra Berdardin Bernard. Dan, qabel ma miet fl-1867, tkellem dwar din l-inizjattiva ma' żewġ aħwa rħieb, fosthom il-konvers fratel Bonifazju, li sar dak li mexxa din id-devozzjoni lejn il-Qalb Qaddisa, li kienet devozzjoni ġdida u qadima fl-istess ħin: ġdida minħabba l-isem, imma qadima minħabba l-kliem li Ġesù kien qal lil Santa Margerita Marija Alacoque: "Irrid nifforma madwar Qalbi kuruna ta' Tnax-il kewkba li tkun magħmula mill-qaddejja li huma l-aktar fidili lejja u li jħobbuni."

L-għaqda malajr saret magħrufa barra minn Franza, u għalhekk anke fl-Italja. Il-promutur attiv biex ixerred din id-devozzjoni kien Don Giuseppe Olmi (1833 – 1913), qassis minn Siena imma residenti Genova. Bis-saħħa tal-ħidma bla taqta' ta' Don Olmi din id-devozzjoni waslet anke f'Malta.

Fl-1873 Don Olmi kien stampa f'Modena ktejjeb bl-isem: "L-għarusa tal-Qalb Imqaddsa" u kitbiet oħra ta' din ix-xejra. Il-ktejjeb serva biex ixerred l-għaqda li kien jisimha "Ulied il-Qalb Imqaddsa", li ġiet approvata u mżejna minn indulġenzi mill-Papa Piju IX, li xtaq jagħti ġieħ lill-Qalb Qaddisa fil-forma li kien ippropona r-raħeb twajjeb ta' Aiguebelle.

L-istruttura interna tal-għaqda kienet titlob li tkun magħmula minn tnax-il membru, li kienu jieħdu l-isem ta' "Kwiekeb". Il-membri, kollha ta' sess femminili,

kellhom ikunu verġni, u kienu jinqasmu skont l-età u l-grad ta' perfezzjoni li jilħqu, fi tliet kategoriji: "Ancelle" (Qaddejja), "Figlie" (Ulied), u "Spose" (Għarajjes).

Wieħed minn dawn il-kotba, ma nafux kif, ġie f'idejn tfajla twajba mill-parroċċa ta' San Ġorġ, ir-Rabat, fl-1877. Kien jisimha Marija Karmena Xerri, u kellha sittax-il sena. Għalkemm ta' età żagħżugħa ħafna, kienet laħqet grad ta' formazzjoni spiritwali u ta' ħajja interjuri għoli ħafna. L-istedina li Don Olmi kien qed jagħmel lill-Verġni, ma waqgħetx f'art li ma tagħtix frott, imma ġiet milqugħa b'fervur u entużjażmu miż-żagħżugħa twajba, li ddeċidiet li tħaddan id-direttivi għorrief tal-awtur. Għalhekk fittxet qalb sħabhadawk li l-aktar kienu mħeġġin, u talbithom jaċċettaw biex jidħlu magħha fl-ewwel "Kuruna tat-Tnax-il Kewkba" biex jagħtu ġieħ lill-Qalb ta' Ġesù taħt din il-forma.

L-iskopijiet tal-għaqda skont Don Olmi kienu jaqblu perfettament max-xewqat li kien għamel Ġesù rigward il-Qalb tiegħu f'Paray-le-Monial: qima lejn il-Qalb Qaddisa mdawra bix-xewk minħabba d-dnubiet; talb għall-perseveranza ta' dawk li jgħixu sewwa l-ħajja nisranija. Il-virtujiet li wieħed ried jipprattika kienu dawk li Ġesù l-aktar xtaq: l-umiltà, is-safa u l-imħabba. Il-mezzi tat-tqaddis personali kellhom ikunu t-talb, il-prattika tas-Sagramenti, id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija u lejn il-Madonna. L-intenzjonijiet prinċipali tat-talb kellhom ikunu, wara l-glorifikazzjoni tal-Qalb Qaddisa u tal-privileġġi mogħtija lil Marija, it-talb għall-Knisja u għall-Papa, it-tixrid tal-apostolat tat-talb u t-tħaris tal-ħeġġa tal-komunitajiet reliġjużi.

Illum nafu anke l-ismijiet tal-ewwel "Tnax-il Kewkba" li Xerri kienet tlaqqa' f'darha fi Triq San Ġorġ, u nġibuhom għaliex ħafna minnhom nerġgħu nsibuhom fl-istorja tagħna bħala l-ewwel grupp tal-Kongregazzjoni tal-Franġiskani, għalkemm mhux determinat mija fil-mija: Rożanna Gauci, Modesta Gauci, Marija Ġużeppa Pace, Ġużeppa Apap, Virġinja Tricange, Grazzjella Grima, Grazzja Camilleri, Marija Spiteri, Giovanna Diacono, Antonja Galea, Antonja Mintoff.

L-ewwel laqgħat, immexxija minn Xerri fid-dar tagħha, ma kellhom xejn formalitajiet la fl-orarju u lanqas fis-suġġetti li kienu jitkellmu dwarhom. Wara qari qasir kienu jitkellmu dwar l-aħjar mod kif jitqaddsu filwaqt li jagħtu qima lill-Qalb

Qaddisa, u kull waħda kienet turi bis-sempliċità l-esperjenzi u l-opinjonijiet tagħha.

Imma dawk iż-żgħażagħ twajbin riedu aktar minn hekk, riedu programm ta' azzjoni, direzzjoni u regolament stabbli, li waħidhom ma setgħux jaslu għalihom. Għalhekk marru għand l-arċipriet ta' San Ġorġ, Dun Feliċ Refalo (+1917), saċerdot rett u mħeġġeġ, li kien kapaċi joffri lil dawn it-tfajliet b'mexxej għaref u prudenti kif huma xtaqu. Wara li tkellem b'din il-ħaġa mal-isqof il-ġdid tad-djoċesi – Għawdex kien ġie mwaqqaf bħala djoċesi separata minn Malta b'digriet tal-Papa Piju IX nhar it-18 ta' Settembru 1864 – Monsinjur Pietru Pace (1831 – 1914), li kien daħal fid-djoċesi fl-1877, u kiseb minn dan l-isqof ġdid l-approvazzjoni sħiħa tal-inizjattiva twajba ta' Xerri, Dun Feliċ ħatar bħala direttur spiritwali tal-"Kwiekeb", qassis żagħżugħ tal-parroċċa ta' San Ġorġ, Dun Ġużepp Diacono li kellu tletin sena, u li kien ilu saċerdot seba' snin biss, imma li kien spikka għat-tjubija u l-ħeġġa tiegħu.

Minn dan il-waqt 'il quddiem, Dun Ġużepp isir wieħed mill-persunaġġi l-aktar importanti fl-istorja tagħna, dak li jagħti imbuttatura 'l quddiem lill-għaqda ċkejkna u umli tat-"Tnax-il Kewkba". Mingħajr is-sehem ta' Dun Diacono – kif għad naraw aħjar aktar 'il quddiem – il-Kongregazzjoni tal-Franġiskani qatt ma kien ikollha bidu. Aktar tard għad nitkellmu f'aktar dettal dwar dan il-qassis twajjeb.

Il-laqgħat li kien imexxihom Dun Diacono kienu jsiru darba f'xahar fid-dar ta' Xerri, sakemm kellu jinstab post aktar kbir u adatt fil-viċin, biex hemmhekk jiġbor iż-żgħażagħ kollha li kienu jitolbu biex isiru parti mill-għaqda f'numru dejjem akbar. Fost dawn, fit-8 ta' Diċembru 1877, ġiet milqugħa anke Virġinja De Brincat, li kellha ħmistax-il sena.

Ma nafux kif Virġinja saret taf bit-"Tnax-il Kewkba", imma hu faċli li wieħed jimmaġina kif.  Il-belt tar-Rabat mhix xi metropoli. Mitt sena ilu, kellha biss 6000 abitant, u għalhekk kienet iċken milli hi llum. Ma kienx faċli li, f'ambjent daqshekk ċkejken, wieħed jieħu xi inizjattiva li ma tkunx magħrufa. L-aħbarijiet xterdu malajr u kulħadd kien ikun jaf dak li kien jiġri, l-aktar jekk kellu x'jaqsam mal-parroċċa. Virġinja, mill-banda l-oħra, billi ta' spiss kienet tmur ir-Rabat għal-lezzjonijiet tat-taljan u l-franċiż, u forsi anke għax kienet ta' spiss iżżur il-knisja ta'

San Ġorġ, żgur li malajr saret taf bl-inizjattiva ta' Xerri, li kellha l-età tagħha, u tal-viċiparroku, Dun Diacono.  Wisq probabbli Virġinja ġiet aċċettata fl-għaqda meta din kienet għadha tiltaqa' fid-dar ta' Xerri, u għalhekk tista' titqies bħala waħda mill-ewwel membri. Milqugħa fost it-"Tnax-il Kewkba", Virġinja kellha l-okkażżjoni li tiltaqa' għall-ewwel darba ma' Dun Ġużepp Diacono.

Dun Diacono kien qiegħed ifittex xi post akbar u aktar funzjonali għall-"Kwiekeb" tiegħu. Xi ftit passi 'l bogħod mill-knisja ta' San Ġorġ, wieħed għadu jsib sallum il-knisja qadima Ta' Savina, li magħha għandha xi kmamar li kienu jintużaw għall-bżonnijiet tar-rettur tagħha, imma li f'dak iż-żmien kienu vojta u mhux użati għax il-knisja kienet bla rettur.  Dun Diacono talab lill-arċipriet Refalo biex iħallih jużahom, u dan ma sab l-ebda diffikultà biex jagħtih il-permess meħtieġ. Għalhekk, fl-1877, it-"Tnax-il Kewkba" marru fid-dar Ta' Savina, l-ewwel post li ċċaqilqu fih, qabel il-ħafna ċaqliq ieħor li kellhom jagħmlu sakemm sabu dar stabbli u definittiva. F'dan il-post huma kellhom dar sħiħa għalihom u fuq kollox setgħu jieħdu ħsieb ta' knisja u jżejnuha permezz tal-ħidma tagħhom fir-rakkmu kif ukoll permezz tal-fjuri. Hawnhekk setgħu iwettqu mingħajr xkiel id-devozzjonijiet tagħhom lejn il-Qalb ta' Ġesù u lejn il-Madonna. Huma kienu mimlijin bil-ferħ għal din ix-xorti li messithom.

Kien f'Ta' Savina li Dun Diacono seta' jagħti struttura lill-għaqda billi jaqsamha fit-tliet gradi ta' Ulied, Qaddejja u Għarajjes tal-Qalb Qaddisa.  Dan kien l-ewwel pass important biex jasal imbagħad għal aktar strutturazzjoni li fl-aħħar sbukkat fil-Kongregazzjoni tal-Franġiskani. Fil-fatt, mill-"Għarajjes ta' Ġesù", it-tielet klassi tal-membri, twieldu f'Santa Savina l-ewwel elementi li mbagħad kellhom jissejħu "Terzjarji Xebbiet ta' San Franġisk t'Assisi", isem li juri l-bixra tipikament Franġiskana li Dun Diacono ried jagħti lill-għaqda bħala stil ta' ħajja.  Dan hu t-tieni pass importanti li naraw flimkien.

## KAPITLU 4

## L-EWWEL "DAR TAL-KARITÀ"
## FI TRIQ GĦAJN QATET
## Rebbiegħa 1879

It-"Tnax-il Kewkba", damu xi sentejn f'Ta' Savina. L-ewwel ġemgħa ta' miktubin, li issa kienet magħrufa sewwa fil-belt u fl-irħula, kienet tikber minn jum għall-ieħor. It-talbiet għat-tisħib kienu ġejjin minn kullimkien, mir-Rabat, u mill-kampanja, u, kif juruna d-dokumenti ta' dak iż-żmien, l-aktar minn Kerċem u Santa Luċija, forsi minħabba l-inizjattiva ta' Virħinja De Brincat.

Fi ftit żmien il-miktubin laħqu kienu mija, imqassmin f'diversi "Kuruni ta' Kwiekeb". Id-dar u l-knisja Ta' Savina dehru mill-ġdid żgħar wisq biex jilqgħu l-ġemgħa kollha. Dun Diacono ħares madwaru biex isib kenn ġdid akbar u aktar komdu għax-"xbejbiet twajbin" tiegħu, u sab post ftit 'il bogħod f'dik it-taqsima tar-Rabat li tissejjaħ Vajrinġa, fin-numru 54 ta' Triq Għajn Qatet, ftit bogħod mill-Knisja ta' San Franġisk u mill-isptar ċivili. Id-dar kienet ta' ċertu Portelli li, għat-talba ta' Diacono, kien ferħan li jħalli d-dar għall-użu tal-għaqda, u kien lest li jitlob kera baxxa ta' kull xahar. Il-ġarr minn Ta' Savina għad-dar il-ġdida seħħ fir-rebbiegħa tal-1879. Dun Diacono dam hemmhekk tliet snin, sa Jannar 1882, meta seħħ it-tielet u l-aħħar ċaqliq fin-numru 10 ta' Triq Palma, fejn ix-xbejbiet marru joqogħdu darba għal dejjem.

It=tliet snin tax-xbejbiet fid-dar ta' Portelli għandhom importanza rilevanti fl-istorja tal-Franġiskani, għaliex huma nistgħu ngħidu li twieldu hemmhekk fil-15 ta' Awwissu 1880.

Id-dar ta' Portelli, fin-numru 54 ta' Triq Għajn Qatet, li għadha teżisti imma li mhix proprjetà tas-sorijiet, kienet il-Betlehem tagħhom fejn, fil-faqar, fis-skiet u fl-umiltà, twieldet dik in-nixxiegħa li, mbierka minn Alla u mmexxija mill-providenza tiegħu, kellha ssir xmara kbira biex titwessa' dejjem aktar għall-ġid tal-Knisja u tal-erwieħ.

Id-dar il-ġdida kienet tippreżenta l-vantaġġ ta' kmamar akbar u aktar komdi li, f'Ta' Savina ma kienx hemm. Imma kellha l=iżvantaġġ kbir li kienet nieqsa minn kappella bis-Sagrament fejn wieħed seta' jinġabar biex jisma' l-konferenzi tad-

direttur u biex jitlob. Il-knisja ta' San Franġisk, li kienet tinsab ftit 'il bogħod, kienet miftuħa għal kulħadd u għalhekk ma kinitx tajba għal dik il-ġabra u għal dik l-indipendenza li x-xbejbiet tant xtaqu jkollhom għad-devozzjonijiet tagħhom. L-ewwel ħidma mela kellha tkun dik li jħejju oratorju, fqir u mneżża' kemm trid, imma li almenu fih setgħu jilqgħu b'mod kemm jista' jkun deċenti l-veru Patrun tad-dar. L-akbar u l-aħjar kamra mill-ewwel ġiet mibdula f'kappella. Il-ħidma biex jirranġawha damet aktar minn sena, għax nafu li l-inawgurazzjoni tal-oratorju l-ġdid, bl-approvazzjoni tal-awtorità ekkleżjastika, saret fil-15 ta' Awwissu 1880.
Il-faqar li kien jidher fit-tagħmil kollu tal-kappella kien anqas minn dak li kien jidher fil-kumplament tad-dar, fil-ftit għamara fqira li kellhom, fin-nuqqas ta' tiżjin, fil-ħitan li kellhom bżonn tibjid u tiswija.
Nistgħu ngħidu li din kienet l-ewwel fundazzjoni tal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, mwielda taħt il-karatteristika tal-akbar faqar. Ħafna mill-fundazzjonijiet l-oħrajn li nibtu f'Għawdex, f'Malta u anke barra mill-gżejjer Maltin, juruna dejjem li kienu l-istess ripetizzjoni tad-dar tan-numru 54 ta' Triq Għajn Qatet fil-faqar li fih twieldu.
Kien f'dan l-ambjent u f'din l-atmosfera li Dun Diacono kellu l-kuraġġ li jifforma l-programm tiegħu, li kien ilu jaħseb dwaru żmien. Hu xtaq iwaqqaf "Dar tal-Karità" għall-ġid tal-poplu, u l-aktar għall-edukazzjoni reliġjuża u ċivili tal-bniet l-aktar fqar u mitluqin tar-Rabat. Dan kien programm tassew kuraġġuż, li biex jitwettaq kien jitlob somma kbira ta' flus, u anke biex ikompli fil-missjoni tiegħu. Dawn il-flus la d-direttur u lanqas ix-xbejbiet ma kellhom f'dan il-waqt.
Fl-intenzjoni tal-fundatur, id-Dar tal-Karità kellu jkollha tliet skopijiet prinċipali, li jidhru ċar mill-isem li hu taha: jiġifieri l-iskop reliġjuż, soċjali u ekonomiku.
Qabel xejn, l-iskop reliġjuż għax din id-dar kienet id-dar tal-għaqda tat-"Tnax-il Kewkba tal-Qalb Imqaddsa", li kienu diġà fil-proċess li jsiru, skont l-intenzjonijiet ta' Diacono, għaqda b'regoli u voti. Għalhekk id-dar kellha tkun dar ta' talb, ta' apostolat u ta' tpattija għall-Qalb Qaddisa.
L-iskop soċjali għandu x'jaqsam mal-ħidma ta' karità u ta' edukazzjoni li l-"Kwiekeb", li malajr kellhom isiru "Maestre Terzjarji Franġiskani", kellhom iwettqu għall-ġid tat-tfal u taż-żgħażagħ mitluqa. Fl-aħħar snin tas-seklu li għadda, l-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi tal-gżira t'Għawdex – kif b'mod ġenerali kienet il-qagħda fil-pajjiżi kollha tal-Ewropa – ma kinux ċertament dawk li huma llum. Il-faqar kien jidher kull fejn tmur. Kien f'dan il-perjodu li naraw jinfirex ma'

kullimkien il-fenomenu tal-emigrazzjoni numeruża lejn l-Amerika ta' fuq u t'isfel, u fl-istess ħin it-twaqqif ta' ħafna Istituti reliġjużi ta' rġiel u nisa, bl-iskop li jgħinu t-tfal u ż-żgħażagħ foqra, u biex ikabbru t-tagħlim u l-formazzjoni professjonali.
Fl-aħħarnett l-iskop ekonomiku. Ix-xbejbiet li kienu miktubin u li kienu qed jiżdiedu dejjem aktar fil-ħidma u l-għajnuna fit-tagħlim tal-bniet li kienu jiġu d-dar ta' Għajn Qatet, mentri qabel kienu jgħixu fil-familji tagħhom u jiltaqgħu fid-dar ċentrali għat-talb u l-laqgħat, issa kienu obbligati, almenu xi wħud minnhom, li jingħataw għall-ħidma tagħhom matul il-ġurnata kollha, u għalhekk li jgħixu flimkien f'komunità b'regolament tagħhom u b'direzzjoni li tiġi milqugħa minn kulħadd. Imma l-komunità kellha bżonn il-mezzi għall-għixien. Imma kif issibhom? Il-mezzi materjali u r-renti fissi ma kellhomx. L-uniku mod kif idabbru xi ħaġa kien ix-xogħol ta' idejhom. Diacono ħaseb anke għal dan, billi waqqaf fid-Dar tal-Karità post fejn setgħet tinħadem il-bizzilla, li hu xogħol magħruf sew f'Malta (u l-aktar f'Għawdex) u li n-negozjanti tal-Ewropa, u speċjalment l-Ingliżi, tant kienu japprezzaw u jfittxu. Il-ħidma tal-bizzilla kellu jkun il-mezz żgur biex jagħti lill-komunità ġdida dik l-indipendenza ekonomika relattiva li tant kellha bżonn, mezz deċenti li bih tgħix u l-possibiltà li twettaq il-ħidmiet li kien għad fadal fid-dar u l-proġetti futuri tal-opra li beda Diacono.
Minn dan li għedna nistgħu jkollna ħjiel ta' kif ix-xbejbiet kienu jqattgħu l-ġurnata fid-Dar tal-Karità. L-għaqda tal-"Kwiekeb" ma kinitx aktar kuntenta bil-ħajja tat-talb komunitarju u bil-konferenzi spiritwali, jiġifieri bi spiritwalità li kienet prevalentement personali, imma kienet indaħlet ukoll b'mod deċiżiv għall-apostolat attiv. L-iskop tal-għaqda kien, minn issa 'l quddiem, l-edukazzjoni tax-xebbiet, u l-aktar tal-"ifqar fost il-bniet", li kienu jinħelsu mill-perikli tal-ħajja tat-triq, mill-injuranza, mill-għażż, u mressqa lejn it-talb u l-ħidma, ħalli jkollhom moħħhom mistrieħ għall-għada, u jkunu jistgħu jaqilgħu ħobżhom u jdaħħlu xi ħaġa żgħira tal-flus. Il-ħitan qodma tad-Dar tal-Karità donnhom reġgħu ħadu l-ħajja, u kienu jidwu bl-ilħna ferrieħa tal-bniet, bil-kant u t-talb tagħhom, bil-logħob li kienu jagħmlu flimkien. Malli jintemm il-jum, huma kienu jiġu meħuda qabel xejn fil-knisja ta' San Franġisk, biex isellmu lil Ġesù Sagramentat, u mbagħad jitwasslu d-dar. Xi wħud mill-bniet kienu jħallsu meżata ċkejkna, imma ħafna minnhom kienu jinżammu b'xejn.

L-aspett ġdid li ħadu l-“Kwiekeb” mhux talli ma naqqasx, imma saħansitra żied in-numru ta’ dawk li riedu jidħlu magħhom. Ħafna xbejbiet oħrajn talbu lil Dun Diacono biex jilqagħhom ħalli jingħataw għal din l-opra tant sabiħa u utli.

## Kapitlu 5
## IL-MAESTRE TERZARJI
## TA' SAN FRANĠISK T'ASSISI

Wasalna mela bl-istorja tagħna fis-sena 1880, sena ta' importanza kbira fl-istorja li qed niktbu għax kien fiha li twieldet b'mod formali l-Kongregazzjoni tal-Franġiskani.

Dawn is-sorijiet jafu l-bidu tal-eżistenza tagħhom fid-djoċesi ta' Għawdex, u għalhekk fil-Knisja, eżattament fil-15 ta' Awwissu 1880, festa tat-Tlugħ fis-sema tal-Madonna. Hu veru li huma twieldu taħt isem ieħor, taħt regolament ieħor, taħt bixra li, minn barra, kienet differenti minn dik li mbagħad ħaddnu aktar tard. Iżda dawn it-tibdiliet li seħħu wara, dan it-titjib għall-aħjar, li kien suġġerit miċ-ċirkostanzi u kkmandat mill-awtoritajiet tal-Knisja, ma biddilx għal kollox l-istruttura sostanzjali tal-Kongregazzjoni minn kif nibtet.

Anke aħna rridu naraw, b'sentiment ta' kurżità qaddisa u ta' radd il-ħajr minn qalbna, il-fażijiet ta' dan it-tibdil li Alla, li jaf jaħdem billi jibda mix-xejn, għoġbu jwettaq, u li Dun Diacono, flimkien mal-ujlied spiritwali tiegħu, għaraf iqiegħed fil-prattika b'tant ġenerożità u b'perseveranza bla taqta'.

Dun Diacono kompla jwettaq il-ministeru tiegħu ta' viċi parroku f'San Ġorġ tar-Rabat, imma ma qatax mill-impenn tiegħu li jieħu ħsieb b'kura kbira t-"Tnax-il Kewkba" li kienu dejjem jikbru fin-numru, fil-ħeġġa u fl-attività apostolika, ħafna aktar milli hu qatt seta' jobsor fl-ottimiżmu tiegħu. Dan kien sinjal ċar li din kienet ħidma li riedha Alla.

Dan hu ż-żmien li fih Dun Diacono ħaseb li jagħti struttura ġuridika aktar stabbli lill-għaqda tiegħu permezz ta' Regola, biex hekk l-għaqda jkollha l-binja interna tagħha proprja, bil-wegħdiet reliġjużi u bl-approvazzjoni min-naħa tal-Knisja. F'kelma oħra, hu ried jasal għat-twaqqif ta' Kongregazzjoni rleiġjuża femminili ġdida. Jista' jkun li dan kien dejjem il-ħsieb ta' Dun Diacono minn mindu ġiet afdata lilu l-għaqda, imma hi ħaġa ċerta li dan il-ħsieb sar aktar konkret u deher li seta' jseħħ aħjar fil-bidu tal-1880 bit-twaqqif tal-ewwel Dar tal-Karità bl-opri li kien possibbli jwettaq fiha.

IL-ħsieb, iżda, li jinġabru f'komunità – ċertament ħsieb li kellu bżonn jiġi ċċarat aħjar – twieled anke fil-moħħ tal-membri l-aktar maturi u kbar fl-età, dawk li

kienu jagħmlu parti mill-klassi tal-"Għarajjes ta' Ġesù", jiġifieri, dawk li kienu l-aktar 'il quddiem fil-ħajja tar-ruħ. Fost dawn kienet tispikka Ġużeppa Pace, li diġà semmejna, xebba tat-tajjeb imwielda r-Rabat, li kienet tgawdi minn prestiġju partikulari fuq il-membri l-oħrajn aktar żgħażagħ minnha, forsi minħabba l-età tagħha, imma żgur anke minħabba l-imġieba eżemplari li dejjem kienet turi. Forsi tkellmet dwar dan il-ħsieb tagħha mad-direttur jew inkella d-direttur tkellem magħha u ma' oħrajn dwaru. Il-fatt hu li Dun Diacono mal-ewwel sab grupp ċkejken ta' erwieħ magħżulin li fuqhom seta' jafda malli jfiġġ il-bżonn biex iwettaq il-pjanijiet tiegħu.

F'hiex kienu jikkonsistu dawn il-pjanijiet? Kif seta' Diacono jippreżenta din il-fundazzjoni li hu waqqaf taħt l-aspett ġuridiku tal-liġi ekkleżjastika? F'kelma oħra, din l-għaqda kienet Kongregazzjoni reliġjuża proprja, li fiha wieħed kien isib dawk l-istrutturi u garanziji kollha li kull Istitut ta' reliġjużi jrid ikollu, jew inkella kienet sempliċement għaqda ta' erwieħ twajba mogħtija għal ċertu impenn akbar minn dak ta' kull għaqda normali oħra nisranija, imma li l-istruttura tagħha kienet inqas riġida minn dik ta' Kongregazzjoni reliġjuża magħrufa uffiċjalment bħala tali?

Mhux faċli li nagħtu tweġiba eżatta għal din il-mistoqsija. Kif naraw aktar tard, in-novizzjat u l-professjoni li ġew magħmula fil-bidu tal-eżistenza ta' din l-għaqda, għalkemm approvati mill-isqof djoċesan, ma ġewx meqjusa validi aktar tard, u kellhom jerġgħu jsiru mill-ġdid. Dan jurina li l-fundazzjoni kif kienet fil-bidu kellha xi element essenzjali nieqes li aħna, mid-dokumenti li għandna f'idejna, ma nistgħux nintebħu bih u nispjegawh faċilment.

F'Ġunju 1880, ix-xahar dedikat għall-Qalb Qaddisa, Dun Diacono ddeċieda li jwettaq il-pass li kien ilu jaħseb fuqu. Ġabar dawk li fost il-membri kienu wrew rieda tajba li jikkonsagraw lilhom infushom għal kollox lil Alla, u kixef quddiemhom il-pjan tiegħu, filwaqt li insista fuq il-ġid kbir li t-twettiq ta' dan il-proġett seta' jkollu fuqhom u fuq dawk l-erwieħ kollha li huma għamlu l-ħidma magħhom, u fuq il-ġieħ li kienet tirċievi l-Qalb ta' Ġesù. Dan il-kliem waqa' fuq art tajba, u dawn il-membri aċċettawhom bil-qalb.

L-ewwel membri li qablu mal-ħsieb ta' Diacono kienu tmienja, u magħhom Ġużeppa Pace. Matul ix-xhur ta' Ġunju u Lulju huma kienu jiltaqgħu ta' kuljum biex iqisu aħjar il-pass li kienu se jieħdu u biex iħejju ruħhom spiritwalment u materjalment għall-bidu ta' din il-ħidma, jiġifieri – kif ħalla miktub Dun Diacono –

“Kongregazzjoni ta’ Sorijiet tat-Tielet Ordni ta’ San Franġisk t’Assisi”. Dwar dak kollu li kien qiegħed iseħħ fin-numru 54 ta’ Triq Għajn Qatet kien naturalment infurmat l-isqof djoċesan, Monsinjur Pietru Pace, li kien qed isegwi b’interess kbir u simpatija din l-inizjattiva ġdida ta’ Dun Diacono u tal-ulied spiritwali tiegħu. Kien dan l-isqof, fil-fatt, li għammar lil Diacono biex jikteb l-ewwel regolament fundamentali, li mbagħad hu kellu jagħtih l-approvazzjoni tiegħu. Dun Diacono ħejja dan ir-regolament għax-xahar ta’ Awwissu.

Ir-regolament kien jindika l-iskopijiet, l-abitu reliġjuż u l-istruttura interna tad-dar u tal-“Kongregazzjoni” l-ġdida.

L-iskopijiet kienu: li l-imsieħba jgħixu bħala Terzjarji Franġiskani fil-prattika tal-virtujiet insara, u l-aktar tas-safa, tal-faqar u tal-ubbidjenza; li joffru ħajjithom bħala riparazzjoni għaż-żeblieħ lejn il-Qalb ta’ Ġesù u li jieħdu ħsieb tal-għaqda tat-“Tnax-il Kewkba”; li jiddedikaw lilhom infushom għall-edukazzjoni tal-bniet foqra; li jagħtu ġieħ lill-privileġġi ta’ Marija Santissima permezz tat-tnax-il soru li kellhom jiffurmaw il-komunità.

L-abitu reliġjuż partikulari kellu jagħraf l-imsieħba mis-sekulari. Għall-ewwel kien jikkonsisti f’tonka griża b’kurdun iswed – fuq l-istil Franġiskan – u b’maktur kbir li jgħatti r-ras, li kellu jiġi mibdul b’velu iswed meta joħorġu mid-dar. Aktar tard, dan l-abitu reliġjuż ġie mibdul.

L-istruttura interna kienet titlob in-numru magħluq ta’ tnax imseħbin biss, u kellhom ikunu kollha kemm huma mill-gżira ta’ Għawdex, bi projbizzjoni li jitilgħu aktar minn dan in-numru u li jdaħħlu magħhom membri mhux Għawdxin. In-numru ta’ tnax, skont l-intenzjoni ta’ Diacono, kellu jkun sinjal li jidher, u li f’ċertu sens jikkonsagra, id-dipendenza u l-ħruġ tal-Kongregazzjoni ġdida mill-għaqda tat-“Tnax-il Kewkba”; il-membri Għawdxin biss kellhom jindikaw li l-ewwel kamp ta’ ħidma, l-uniku u l-assolut, tal-membri kellu jkun il-missjoni fil-gżira t’Għawdex. Minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet Dun Diacono qatt ma ċċaqlaq, lanqas wara, avolja ġie imħeġġeġ minn oħrajn biex jagħmel hekk u ħafna drabi sab ruħu f’diffikultà biex josservahom. Dan il-fatt – kif għad naraw – kien id-dramma ta’ ħajtu, il-kawża ta’ nuqqas ta’ qbil li kellu mal-isqof tiegħu, li minkejja kollox kien jistmah u jħobbu, kif ukoll tal-fatt li hu inqata’ mill-Kongregazzjoni fl-1886.

Minħabba l-ġibda żejda tiegħu lejn il-gżira ta’ twelidu, Dun Diacono qatt ma wasal biex jifhem verità li hi qadima daqs kemm hi qadima d-dinja: jiġifieri li, fit-treġija

ta’ kull ħidma tal-bnedmin, mhumiex iċ-ċirkustanzi ta’ barra li jridu jadattaw ruħhom għall-bniedem, imma bil-maqlub. Il-fatt, imbagħad li din ma kinitx ħidma tal-bnedmin, imma waħda li kienet frott tat-tnebbiħ u tar-rieda ta’ Alla, juri li l-bżonn ta’ adattament għaċ-ċirkustanzi jsir aktar urġenti u bl-ebda mod ma għandu jtellef il-pjanijiet divini. Mhuwiex Alla li jrid jadatta ruħu għall-programmi dojoq u limitati tal-bnedmin, anke jekk dawn huma tajbin u utli, jew almenu hekk jidhru. Anzi, bil-maqlub, hu l-bniedem li, fl-umiltà u l-ubbidjenza jrid jinfetaħ għall-wisgħa u l-kobor tal-pjan divin.

Ir-regolament li fassal Diacono, qabel ma ġie mressaq quddiem l-isqof, ġie mqiegħed għall-eżami tal-istess membri interessati, li ma sabu l-ebda diffikultà biex jaċċettawh. Għalhekk, fil-15 ta’ Awwissu 1880 inġabru flimkien dawn ix-xbejbiet, li ma damux ma saru l-Kongregazzjoni tas-“Sorijiet tat-Tielet Ordni ta’ San Franġisk t’Assisi” fin-numru 54 ta’ Triq Għajn Qatet, fil-belt tar-Rabat.

Din id-data, marbuta ma’ waħda mill-isbaħ u l-aktar solenni fost il-festi tal-Madonna, hi l-jum li fih twieldu s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù.

L-Isqof Pace laqa’ r-regolament tad-Dar tal-Karità u kien ferħan se jtir bih, kif naqraw f’relazzjoni qadima tal-fatti. Hu ta l-approvazzjoni uffiċjali tiegħu fl-1 ta’ Settembru 1880. Fit-8 ta’ Settembru, festa tat-Twelid tal-Madonna, inqara t-test definittiv tar-regolament u tad-digriet li bih l-isqof approva l-Kongregazzjoni l-ġdida “għall-ġid tal-bniet fqajrin”. Kif naqraw f’dokument notarili ta’ dak iż-żmien:

*“L-imseħbin jiddeċiedu li jikkonsagraw lilhom infushom lis-Sultan tas-sema biex jagħtu lill-għaqda tagħhom l-istabilità meħtieġa permezz ta’ regola ta’ ħajja fil-komunità li kull waħda mill-imseħbin hi lesta li tħaddan.”*

L-ewwel att tal-“konsagrazzjoni” kellha tkun il-vestizzjoni reliġjuża u l-bidu tan-novizzjat, li ġew iċċelebrati fit-18 ta’ Ottubru 1880. Il-kandidati, li f’Awwissu kienu disgħa, f’dawk it-tliet xhur laħqu n-numru ta’ tnax, in-numru li Dun Diacono dejjem kien xtaq. Imma fl-aħħar waqt naqset proprju dik li sa issa kienet l-ewwel waħda u l-aktar imħeġġa fost l-imseħbin kollha, jiġifieri Ġużeppa Pace. Minħabba raġunijiet ta’ saħħa u ta’ età hi kellha terġa’ lura mix-xewqa li kienet ilha tħaddan għal żmien. B’danakollu hi qatt ma naqset li tkompli tingħata għall-qadi tad-Dar tal-Karità u tagħti lil din l-opra l-mezzi kollha li kellha, saħansitra sal-punt li tiftaqar

minn kollox u tkun nieqsa anke mill-ħwejjeġ neċessarji.  Fl-aħħar snin ta' ħajjitha – kif jiftakru s-sorijiet aktar anzjani – hi kienet tippreżenta ruħha kuljum fil-bieb tal-Casa Madre biex tittallab platt minestra u biċċa ħobż.
Dawn huma l-ismijiet tal-ħdax l-oħrajn:

- Rożanna Gauci, li ħadet l-isem ta' Maestra Rożanna tal-Qalb Imqaddsa;
- Grazzjella Grech, li ħadet l-isem ta' Maestra Grazzjella ta' Santa Klara;
- Karmena Grech, li ħadet l-isem ta' Maestra Karmena ta' San Ġużepp;
- Marija Agius, li ħadet l-isem ta' Maestra Marija tal-Immakulata;
- Antonja Mintoff, li ħadet l-isem ta' Maestra Antonja ta' Sant'Ursola;
- Karmena Galea, li ħadet l-isem ta' Maestra Karmena ta' Santa Tereża;
- Margerita Spiteri, li ħadet l-isem ta' Maestra Margerita ta' Sant'Anjeże;
- Ġużeppa Apapa, li ħadet l-isem ta' Maestra Ġużeppa tal-Addolorata;
- Vittorja Vella, li ħadet l-isem ta' Maestra Vittorja tal-Kurċifiss;
- Karmena Buttigieg, li ħadet l-isem ta' Maestra Karmena tal-Bambin Ġesù.

Dawn il-ħdax-il "novizza" kienu kollha minn Għawdex, kif kien xtaq Diacono. Tlieta minnhom kienu jiġu mill-komunità l-qadima Ta' Savina; l-oħrajn kienu żdiedu aktar tard. Biex juru aħjar il-konsagrazzjoni tagħhom 'l Alla, Dun Diacono ried iżid mal-isem tagħhom tal-magħmudija "kunjom" meħud mill-kalendarju liturġiku, u t-titlu ta' "Maestra", biex juru l-missjoni ġdida tagħhom bħala edukaturi li għaliha kellhom jiddedikaw ruħhom minn issa 'l quddiem.

Bħala superjura tal-komunità l-ġdida ġiet maħtura Maestra Rożanna Gauci tal-Qalb Imqaddsa, li barra u ġewwa d-dar kellu jkollha l-isem ta' "Badessa", titlu li baqa' mogħti lill-awtorità superjuri tal-Kongregazzjoni sal-1902, meta ġie mibdul f'dak ta' "Madre Ġenerali".

Il-poplu laqa', b'sinjal ta' ferħ u simpatija, dawn is-sorijiet ġodda, li kienu qed jieħdu ħsieb tat-tfal u li bil-faqar awtentiku tagħhom kienu ta' eżempju għal kulħadd. Mingħar ma qagħad ifittex ismijiet ikkumplikati u jaqblu mal-liġi tal-Knisja, il-poplu sempliċi laqqamhom "is-sorijiet tal-Istilla", jiġifieri tat-"Tnax-il Kewkba".

## Kapitlu 6

## DUN ĠUŻEPP DIACONO
## 1847-1924

Ġużeppi Antonju Serafin Ġorġ Diacono twieled ir-Rabat ta' Għawdex, fil-parroċċa ta' San Ġorġ Martri, fis-16 ta' Awwissu 1847, u fl-istess jum irċieva l-magħmudija. Kien iben ta' missier Sqalli u omm Għawdxija, Marija Cassar. Missieru, Angelo, li kien min Agrigento, kien jaqla' ħobżu billi jaħdem statwi tax-xemgħa tal-Madonna, u speċjalment tal-Bambin, li kien imur ibigħ fid-djar tal-gżira kull meta jersaq il-Milied. Kien persuna magħrufa proprju minħabba din il-ħidma tiegħu, u l-poplu malajr kien sab l-isem adatt biex jagħrfu: "Anġlu tal-Bambini", isem li mbagħad wirtu anke ibnu, Dun Ġużepp, li ġie mlaqqam "Tal-Bambini".

Il-familja Diacono kienet magħmula minn żewġ aħwa subien, Ġużeppi u Franġisk, u żewġ aħwa bniet, Kunċetta u Liberata. Iż-żewġ aħwa subien saru t-tnejn qassisin.

Ġużepp għamel l-istudji tiegħu umanistiċi u tat-teoloġija fis-seminarju djoċesan t'Għawdex, li dak iż-żmien kien immexxi minn Ġiżwiti Sqallin, li kienu ġew Għawdex minħabba l-persekuzzjoni tal-liberali u l-garibaldini li kienu keċċew lir-reliġjużi mill-Italja. Is-seminarista żagħżugħ malajr spikka għall-intelliġenza , tjubija u riżultati tajbin tiegħu. Is-superjuri tiegħu kienu jgħożżuh ħafna u kienu kieku jixtiequ li hu jidħol magħhom fil-Kumpanija ta' Ġesù.

Mill-Ġiżwiti, Dun Diacono tgħallem l-ispiritwalità profonda Kristoċentrika, mibnija fuq id-devozzjoni lejn il-Qalb Qaddisa ta' Ġesù u fuq ir-riparazzjoni tal-apostolat tat-talb li mbagħad hu għaraf jagħti lill-għaqda tiegħu tat-"Tnax-il Kewkba" u lill-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Terzjarji Franġiskani. Flimkien mad-devozzjoni lejn il-Qalb Qaddisa ma jistax jonqos li Diacono kellu wkoll devozzjoni lejn il-Madonna, li hu ħa ħsieb li jikseb u jgħożż daqs l-ewwel waħda. Kien twieled fis-16 ta' Awwissu, il-jum ta' waa solennità kbira tal-Madonna: dik id-data hu kien dejjem baqa' jfakkarha, u ħafna mill-opri li hu wettaq wara, kellhom jibdew proprju f'dik id-data. Meta kien għadu seminarista, kien inkiteb anke fit-TerzOrdni Franġiskan, u

għalhekk żied mal-formazzjoni spiritwali tiegħu, flimkien mal-iskola ta' Sant'Injazju, dik il-karatteristika tal-iskola Franġiskana li tingħaraf mal-ewwel. Dawn kienu żewġ xaqlibiet spiritwali li kellhom jibqgħu miegħu matul il-fażijiet kollha tal-ministeru saċerdotali tiegħu.

Ġie ordnat saċerdot fl-1870 minn Monsinjur Grech Delicata, it-tieni isqof ta' Għawdex. L-ewwel post fejn intbagħat kien Marsalforn fejn kien "viċendarju" għal xiżmien. It-tieni kien dak ta' "viċendarju" tal-knisja tal-Patroċinju tal-Għasri, li dak iż-żmien kienet tiddependi mill-parroċċa tal-Għarb. It-tifkira ħajja tal-preżenza ta' Dun Diacono fl-Għasri hi l-knisja l-ġdida parrokkjali li hu stess kien għamel il-pjanta tagħha u bnieha – fil-fatt hu kien arkitett tajjeb għalkemm qatt ma għamel studji partikulari ta' din l-arti – u li ġiet inawgurata f'Settembru 1903. It-tielet post kien, kif diġà għedna, il-knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat, fejn hu dam xi sitt snin, mill-1875 sal-1881. Fl-1 ta' April 1881 l-isqof Pace ħatru kappillan tal-parroċċa tal-Qala, fix-xaqliba tal-lvant tal-gżira, ftit distanza 'l bogħod min-Nadur. Hawnhekk hu dam għaxar snin, filwaqt li kompla jinteressa ruħu mill-qrib fid-Dar tal-Karità ta' Triq Għajn Qatet, u mbagħad fin-numru 10 ta' Triq Palma. Fl-1891 ġie maħtur arċipriet tax-Xagħra, ċentru importanti tal-gżira, xi ftit 'il bogħod mir-Rabat, fejn dam għal tmintax-il sena, sal-1909. Dan hu l-perjodu l-aktarintensiv u li ħalla l-aktar frott ta' ħajtu, u l-opri li hu wettaq f'dik il-parroċċa żgurawlu tifkira ta' barka għal ħafna snin. Hawnhekk irridu nagħtu ħjiel ta' ftit minnhom.

Fl-1900 hu waqqaf fil-parroċċa l-kolleġġjata tal-kanoniċi, bl-iskop li jagħti l-possibiltà għall-qadi aħjar tal-fidili permezz ta' numru akbar ta' saċerdoti. F'dan l-istess żmien hu waqqaf il-"Casa Industriale", waħda mill-ewwel eżempji ta' industrija tal-artiġjanat fil-gżira, għall-produzzjoni tal-bizzilla. Hu bena għat-tfal u ż-żgħażagħ ċentru li jixraq, b'oratorju u sala parrokkjali.

Diġà semmejna d-don naturali li kellu biex iħażżeż il-pjanti u l-aktar fil-kamp tal-arkitettura u l-ġeometrija. Minkejja dan, hu qatt ma kien għamel studji speċjali f'din il-materja, imma xorta waħda kien kapaċi li jtella' bini li hu tassew kapolavur fil-kamp tal-arkitettura. Kien hu, per eżempju, li mhux biss wettaq il-proġett tal-knisja tal-Għasri, imma wkoll li għamel il-pjanta tal-knisja tal-Qala ddedikata lil San Ġużepp, tal-knisja tas-Sinjura tal-Qalb Imqaddsa magħquda ħaġa waħda mal-Casa

Madre fin-numru 10 ta' Triq Palma, tal-koppla tal-knisja parrokkjali tax-Xagħra, tal-knisja tan-Nazzarenu fit-truf tax-Xagħra – illum miżmuma mis-Sorijiet Franġiskani – u taċ-ċentru u s-sala magħqudin mal-"Casa Industriale" tax-Xagħra. Lanqas ma għandna naħsbu li hu kien kuntent b'ħidma tal-pinna jew bi pjanti maħsubin u ddisinjati biss: hu stess kien imexxi l-ħidma tal-bini u, meta kien ikun hemm bżonn, kien ixammar il-kmiem u jaħdem ta' bennej mal-oħrajn ukoll.

Fl-1909, meta kellu 62 sena, Dun Diacono ħaseb sewwa, minħabba saħħtu, li jħalli l-parroċċa u jirtira għall-ħajja privata fir-Rabat. Dam jgħix ħmistax-il sena oħra, imma qatt ma kien jibqa' qiegħed. Fir-Rabat hu waqqaf it-tieni "Casa Industriale", indipendenti u ħafna akbar minn dik tax-Xagħra, għall-ħidma tal-bizzilla li kienet tagħtixogħol lil ħafna tfajliet u nisa tal-belt, u li saret magħrufa anke barra mill-gżira għall-prodott tagħha. Xi persuna fil-gvern, u speċjalment il-ħabib kbir ta' Dun Diacono, l-avukat Nerik Mizzi, kif ukoll il-gvernaturi ngliżi, kienu dejjem lesti li jgħinuh b'kull mezz, u jinkuraġġuh u joffrulu l-għarfien uffiċjali għall-ħidma tiegħu.

Fuq l-eżempju ta' Għawdex, anke Malta riedet li jkollha l-"Casa Industriale" tagħha, li damet taħdem għal diversi snin fil-Belt Valletta, imma indipendentement minn dik tar-Rabat t'Għawdex.

Il-jum ta' Dun Diacono fir-Rabat kien magħmul mit-talb u mill-ħidma. Kien jgħix f'dar żgħira li kien ħa b'kera fi Triq Xagħra; kien iqaddes fil-knisja Ta' Savina, li għalih kienet għażiża għall-ħafna tifkiriet li kienet iġġib magħha, u kellu l-uffiċju fil-"Casa Industriale", fejn kien iqatta' diversi sigħat kuljum. Kien jgħix fil-faqar, għax kull meta kienu ikollu xi ħaġa kien jagħtiha lil min ikun fil-bżonn. F'ħajtu għaddew xmajjar ta' flus minn idu, imma dejjem għall-ġid tal-oħrajn, u qatt għall-qliegħ tiegħu personali.

U kif għex hekk miet; fil-faqar, imma mingħajr ma ħalla djun. F'Marzu 1924 intlaqat minn marda ħafifa li minħabba fiha kellu joqgħod fos-sodda. Donnu ma kien xejn speċjali, imma l-marda malajr saret aktar kiefra sakemm bdiet tħasseb lil kull min kien jafu. L-eżami tat-tobba f'ċertu waqt ma ħalla l-ebda dubju dwar kif kellha tispiċċa. Il-marid kien megħjun lejn u nhar mill-ħaddiema tal-"Casa Industriale" u mis-sorijiet ta' Triq Palma. Il-marda, li kienet kiaratterizzata minn waqtiet gravi u oħrajn li fihom kien donnu jistejqer, damet it-tliet xhur tas-sajf.

Meta qorob lejn it-tmiem, anke Madre Margerita, li kienet superjura fid-Dar tal-Adorazzjoni tal-Belt Valletta, ħaffet biex iżżur għall-aħħar darba l-missier maħbub ta' ruħha, li tant kellu sehem fis-sejħa reliġjuża tagħha u li lejh dejjem ħassitha rikonoxxenti. Anke Dun Diacono kien żamm stima u mħabba lejn din il-kollaboratriċi tiegħu. Nota fl-arkivju tgħid:

*"Meta r-Reverenda Madre (Margerita) kienet maġenb ir-Reverendu Missier waqt li hu kien qorob lejn it-tmiem, talbitu ħerqana biex jitlob għall-Kongregazzjoni biex hi tibqa' fidila għall-ispirtu tal-faqar u qatt ma jidħol fiha l-ispirtu tad-dinja, kif hu kien għallem lis-sorijiet."*

Din kienet l-unika xewqa ta' wirt li Madre Margerita xtaqet tirċievi mill-moribond. Hi baqgħet ħdejn is-sodda tal-mewt matul l-għodwa tat-22 ta' Lulju 1924, meta Dun Diacono għalaq għajnejh darba għal dejjem. Hu kellu 77 sena. Fost il-ftit ħwejjeġ li kellu, lanqas biss sabu liżar deċenti biex ikeffnu fih il-kadavru, u kellhom iġibu wieħed mill-Casa Madre.

Il-funeral kien mill-aktar solenni, b'parteċipazzjoni mill-akbar tan-nies tar-Rabat, fejn kulħadd kien jaf lil Dun Diacono, tal-parruċċani tax-Xagħra, li ġew bi ħġarhom flimkien mal-kanonċi tal-kolleġġjata, tal-komunità kollha tas-Sorijiet Franġiskani tal-Casa Madre u rappreżentanza tajba tas-sorijiet tad-djar kollha ta' Għawdex u ta' Malta.

Is-sorijiet kieku xtaqu – u fil-fatt kienu ippreżentaw talba formali – li jidfnuh fil-kripta tal-knisja tal-Casa Madre, li hu kien bena, imma l-kanonċi tax-Xagħra ma ċċaqilċux fil-fehma tagħhom: "Jekk Dun Diacono hu tagħkom – qalu lis-sorijiet – hu tagħna wkoll u mhux se nħalluh lil ħadd." "Imma hu l-fundatur tal-Kongregazzjoni tagħna", wieġbu s-sorijiet. "Jekk hu l-fundatur tal-Kongregazzjoni tagħkom, hu anke l-fundatur tal-kolleġġjata tagħna. Ġismu jindifen ix-Xagħra." Illum hu jistrieħ f'din il-knisja parrokkjali tiegħu.

Se jkollna ħafna affarijiet oħra x'nirrakontaw dwar Dun Diacono fil-kapitli li jmiss. Quddiem xi atteġġjamenti tiegħu u xi deċiżżjonijiet li ħa, il-qarrej jista' jibqa' mħawwad u, forsi, jifforma anke xi ġudizzju mhux tant tajjeb dwaru. Biss, l-azzjonijiet tiegħu favur il-Kongreggazjoni li kien waqqaf b'tant kuraġġ u tbatija,

għalkemm jiġu ġġudikati b'modi differenti, ma għandhomx inessu fatt li ħadd ma jista' jiċħad: li l-intenzjonijiet tiegħu kienu dejjem retti u qaddisa. Hu dejjem fittex il-glorja ta' Alla u l-ġid tal-erwieħ, u qatt ma fittex l-interessi personali tiegħu. Il-ġudizzju ta' Madre Margerita fuq Dun Diacono kien għal kollox pożittiv. Naqraw f'nota ta' Madre Paċifika Xuereb:

*"Fid-19 ta' Lulju 1933, waqt il-ħin tal-mistrieħ flimkien wara l-ikla ta' filgħaxija, konna fuq il-bejt tad-dar tax-Xagħra, nitkellmu ma' Madre Margerita dwar il-virtujiet tal-fundatur tagħna, Dun Ġużepp Diacono. Hi qaltilna: 'Għad jiġi l-jum li fih il-fundatur u missier tagħna jkun igglorifikat mill-Knisja, imma aħna ma nkunux hawn'."*

Kliem ta' profezija? Ma nafux.

## Kapitlu 7

## MAESTRA VIRĠINJA TAL-BEATA MARGERITA
## 20 ta' Frar 1881

Fost l-ewwel ħdax-il soru Terzjarja ta' San Franġisk, li fit-18 ta' Ottubru 1880 irċevew l-abitu mqaddes u bdew in-novizzjat taħt it-tmexxija ta' Dun Diacono, il-qarrej kien jistenna ċertament li jsib anke l-isem ta' Virġinja De Brincat li, sa mit-18 ta' Diċembru 1877, minn tliet snin qabel, kienet miktuba bħala waħda mill-"Kwiekeb tal-Qalb Imqaddsa."

Għalkemm kienet għadha żagħżugħa ħafna fl-età – fl-1880 kellha eżattament tmintax-il sena – u ma kinitx miktuba fost l-"Għarajjes tal-Qalb Imqaddsa" il-kategorija mħollija għall-membri li kienu l-akbar fl-età, kienet diġà wriet ħeġġa mhux tas-soltu u fedeltà kbira fit-twettiq tad-dmirijiet u l-ħidmiet tal-għaqda. L-istess wegħda ta' verġinità perpetwa li hi għamlet ta' erbatax-il sena fl-1876, kienet l-aktar sinjal ċar ta' dan. Jekk kien jeħtieġ li waħda jkollha konvinzjonijiet serji, tjubija qawwija, ħajja qaddisa u eżemplari, u l-eżerċizzju fil-virtujiet kollha biex tagħmel parti mis-Sorijiet Terzjarji, u l-aktar permezz ta' ħajja safja, umli u ubbidjenti, kif kien dejjem jisħaq id-direttur, dawn il-kwalitajiet kollha żgur li ma kienx diffiċli li wieħed jintebaħ bihom f'Virġinja. Kollox kien juri fiha grad ta' spiritwalità u ta' ħajja interjuri li kienu mxew sewwa 'l quddiem u immaturaw. Meta kellha tmintax-il sena, anzi qabel ukoll, l-għażla ta' ħajjitha hi kienet diġà għamlitha u d-deċiżjoni tagħha kienet saret taħt forma definittiva: hi riedet tikkonsagra lilha nnifisha 'l Alla fil-ħajja reliġjuża. Hi setgħet issib it-twettiq tax=xewqat l-aktar intimi tagħha biss jekk tinqata' mill-ħsibijiet tad-dinja u tingħata għall-eżerċizzju bla jaqta' tal-ħajja tal-perfezzjoni. Hi kienet ħerqana sa mill-qiegħnett biex tibqa' magħquda ma' Alla f'korrispondenza ta' mħabba u tagħmel il-ġid lill-proxxmu filwaqt li tixħet fuq Alla l-abbundanza tal-imħabba divina tagħha.

Fil-gżira ta' Għawdex u fil-gżira qariba ta' Malta ma kinux jonqsu istituti reliġjużi femminili li hi setgħet tersaq lejhom biex titlob li tingħaqad magħhom. Oħtha ż-

żgħira, Rożina – kif diġà għedna – daħlet ftit wara fost is-Sorijiet Agostinjani. Xi ħbieb u qraba tagħha kellhom isiru, dejjem f'Malta, Sorijiet tal-Karità ta' Santa Giovanna Antida. Imma hi kienet tħossha miġbuda b'mod qawwi lejn is-Sorijiet Terzjarji ta' Dun Diacono. Is-sejħa reliġjuża tiġi minn Alla, u biex tibqa' awtentika ma tridx tiġi mkejla fuq bażi ta' qisien tal-bnedmin.  Ir-ruħ tmur fejn Alla jsejħilha, u b'hekk ma tfalli qatt.  Meta tagħmel hekk tħossha f'postha, fit-triq tajba għaliha.

Kif tfakkarna Madre Paċifika, Virġinja kienet ippreżentat it-talba tad-dħul fil-Kongregazzjoni l-ġdida diġà fl-ewwel snin tat-twaqqif tagħha, jiġifieri fl-1880; imma Dun Diacono kien waħħal f'rasu l-ħsieb li n-numru ta' Sorijiet ma setax jaqbeż in-numru tnax, u għalhekk kien jiċħad it-talba tagħha billi jgħidilha: "Għadek żgħira, u ma hemmx post għalik." Minkejja dan, iż-żagħżugħa, minflok tilfet il-kuraġġ għal din it-tweġiba, kienet tkompli tinsisti mingħajr ma tgħejja: "Hi kompliet tħabbat kuljum mal-bieb tal-Istitut – kif tikteb Madre Paċifika filwaqt li ġġib il-kliem stess ta' Virġinja – u anke kienet tibki minħabba x-xewqa kbira li kellha li tikkonsagra ruħha 'l Alla fl-età żgħira tagħha."

Fl-aħħarnett, billi kellha toħroġ waħda mit-Terzjarji minħabba l-mard, Diacono ma sabx aktar diffikultà biex jimla postha permezz ta' Virġinja De Brincat.

Hi, mimlija turija ta' ħajr 'l Alla għall-grazzja kbira li taha, u lejn Dun Diacono għat-tjubija tiegħu, ħalliet id-dar tal-ġenituri fil-5 ta' Frar 1881, u daħlet fid-Dar tal-Karità tan-numru 54 Triq Għajn Qatet.

Il-ġenituri tagħha, li qatt ma kienu kontra l-intenzjonijiet ta' binthom, f'din iċ-ċirkostanza riedu juru l-kunsens u l-hena tagħhom billi taw lil Virġinja, barra mill-ħtiġijiet tagħha personali, xi kwadri reliġjużi li kellhom valur ċkejken ħafna mill-aspett artistiku u finanzjarju.  Imma dan ir-rigal kellu fih innifsu valur ħafna aktar profond minn dak artistiku: bih il-ġenituri tagħha wrew kif huma, b'xi mod kienu offrew 'l Alla mhux biss lil binthom imma wkoll lilhom infushom.

Wara ġimagħtejn ta' postulandat – f'dawk l-ewwel snin kemm il-postulandat kif ukoll in-novizzjat kienu stabiliti kull darba minn Diacono mingħajr regolament fiss – Virġinja ġiet aċċettata għall-vestizzjoni reliġjuża, immexxija mill-istess Diacono, nhar l-20 ta' Frar 1881, u daħlet fin-Novizzjat. Fil-vestizzjoni ġie mogħti lin-novizza

isem ġdid, dak ta’ Maestra Virġinja tal-Beata Margerita. Il-ħolma li kienet ilha tgħożż għal tant żmien fl-aħħar saret għaliha realtà li farrġet lil ruħha.

Minn dan il-waqt ‘il quddiem hi dejjem baqgħet tgħix fil-komunità, u kienet tmur id-dar xi kultant u għal ftit żmien. Dan id-distakk tagħha mill-membri tal-familja u mill-qraba baqa’ dejjem l-istess matul ħajjitha kollha, tant li r-raħħala ta’ Kerċem kienu għoddhom insew il-persuna ta’ Virġinja.

Għandna ftit aħbarijiet dwar in-novizzjat tagħha. Mingħand Madre Paċifika nafu li kienet mehdija fit-tagħlim tat-taljan u tal-franċiż, għat-tagħlim tar-reliġjon u għal dak tal-bizzilla, li fih hi kienet kisbet prattika u esperjenza mill-aħjar. “Il-fundatur – tkompli Madre Paċifika – kien kuntent b’din in-novizza u kellu fiduċja kbira fiha”.

Biex tagħmel il-professjoni reliġjuża Maestra Virġinja kellha tistenna sentejn u nofs. Din seħħet fis-17 ta’ Awwissu 1883, mhux aktar fi Triq Għajn Qatet, imma fid-Dar il-ġdida tal-Karità, fin-numru 10, Triq Palma li kienet infetħet fil-15 ta’ Jannar 1882.

Ir-raġunijiet ta’ dan id-dewmien mhumiex ċari, imma forsi nistgħu nifhmuhom aħjar meta nkunu nafu l-ġrajjiet, mhux kollha mimlija faraġ, li seħħu f’dan il-perjodu fin-numru 10 ta’ Triq Palma.

## Kapitlu 8

## ID-DAR IL-ĠDIDA TAL-KARITÀ
## FIN-NUMRU 10 TRIQ PALMA
## 15 ta' Jannar 1882

Is-sena 1881 kellha ġġib ġrajjiet ġodda oħrajn għall-komunità tas-Sorijiet Terzjarji Franġiskani.

Ftit aktar minn xahar wara l-vestizzjoni ta' Maestra Virġinja, Dun Diacono ġie maħtur kappillan il-Qala, raħal li jinsab fix-xaqliba tal-lvant tal-gżira, mhux ħafna bogħod mir-Rabat. L-isqof Pace ried jippremja l-ħeġġa u l-ħidma pastorali tas-saċerdot żagħżugħ, li dak iż-żmien kellu 34 sena, billi qiegħdu biex imexxi parroċċa. F'dak iż-żmien, minħabba n-numru kbir tal-kleru, kienet ħaġa tassew diffiċli li wieħed jilħaq kappillan, u min kien jirnexxilu jasal għal din il-ħidma kien iqis lilu nnifsu xxurtjat. Imma, anke issa meta kien mehdi f'dan il-qasam ġdid tax-xogħol tiegħu, Dun Diacono qatt ma telaq il-fundazzjoni; kien dejjem iħarisha mill-viċin bħal qabel, billi kien imur kważi kuljum mill-Qala sa Triq Għajn Qatet, għall-ewwel, u mbagħad sa Triq Palma, filwaqt li jieħu fuqu nnifsu r-responsabbiltà tal-problemi kollha li kienu jinqalgħu issa li l-ħidma tiegħu kienet dejjem tikber ġmielha.

Waħda mill-ewwel problemi kienet it-tfittxija u l-akkwist ta' post ġdid għat-Terzjarji tiegħu. Fid-dokument notarili li semmejna naqraw:

*"Flimkien mal-bniet foqra kienu jingħaqdu anke dawk ġejjin minn familji tat-tajjeb. In-numru tal-imseħbin kien jikber jum għal jum. Biex jipprovdi għal dawn iż-żewġ ħwejjeġ, u anke għaliex id-dar kienet kemmxejn imbiegħda mill-abitat, Dun Diacono ħaseb biex jakkwista dar akbar u aktar qrib iċ-ċentru. U akkwista mingħand il-maġistrat duttur fil-liġi Giovanni Caruana, d-dar li tinsab fin-numru 10 ta' Triq Palma. Kien it-3 ta' Ottubru 1881."*

Huma tlieta mela r-raġunijiet tal-ġarr mill-ġdid: iż-żjieda fin-numru ta' Sorijiet Terzjarji, iż-żjieda tal-bniet li kienu jiġu jitgħallmu u l-fatt li d-dar ta' Triq Għajn Qatet kienet imbiegħda miċ-ċentru. Din ir-raġuni tal-aħħar, jekk inqisuha bil-kriterji tagħna llum, tidher relattiva ħafna, imma jekk inqisuha bix-xiber ta' mitt sena ilu nifhmu kemm kienet valida. L-ewwel żewġ raġunijiet kienu ċertament

determinanti. Id-Dar tal-Karità ta' Triq Għajn Qatet kienet saret żgħira wisq, u mhux adatta aktar għat-twettieq regolari tal-ħidma li kienet inbdiet fiha.

Flimkien ma' dan it-tliet raġunijiet li semmejna, ta' min isemmi oħra li mhix imniżżla fil-verbal tal-att notarili li għadna kemm rajna, imma li hi mfakkra u mgħoddija bil-fomm minn ħafna xhieda, fosthom anke mill-futura Madre Margerita, u għalhekk ta' min iqisha valida storikament u ċertament awtentika: din kienet esperjenza ta' viżjoni li Diacono kellu fl-ewwel żminijiet li fihom kien jinsab il-Qala. Id-dettalji tal-ġrajja tgħaddihomlna x-xwejħa Mikelina Xerri, li għal ħafna snin kienet taqdi lil Dun Diacono.

Jum wieħed hu kien mehdi fit-talb fil-knisja, quddiem ix-xbieha ta' Marija Immakulata, li hi meqjuma ħafna mill-poplu anke llum, u li quddiemha jaslu wkoll ħafna pellegrinaġġi. Hu kien qed jafda f'idejn l-Omm tas-sema l-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Terzjarji Franġiskani, li kienet għadha fil-bidu tal-iżvilupp tagħha, b'xejra mhux dejjem ċerta fl-istruttura tagħha, u fil-bżonn li ssib regola ta' ħajja żgura u definita għall-istabilità u l-ġejjieni tagħha. Il-kappillan żagħżugħ li kien imbeżża' minħabba r-riskju li kien qed iħabbat wiċċu miegħu, xtaq sinjal mis-sema biex ikompli b'fiduċja akbar u b'ċertezza l-ħidma tiegħu. F'daqqa waħda, hekk hu, x-xbieha tal-Verġni ħadet il-ħajja, l-għajnejn bdew ileqqu, ix-xufftejn bdew jitħarrku u mill-fomm tal-Madonna ħarġu dawn il-kelmiet prezzjużi: "Waqqfu Kongregazzjoni ta' reliġjużi mogħtija għar-riparazzjoni ta' Ibni li tant hu offiż". Imbagħad il-viżjoni għabet. Is-sinjal mis-sema kien ġie biex jikkonferma l-qdusija, l-opportunità u l-bżonn tal-ħidma ta' Diacono. "Waqqfu", kienet qalet il-viżjoni mis-sema, filwaqt li wżat il-plural. Għaliex? Plural jew singular, dan il-fatt ma kellux importanza. L-importanti kien li titkompla sal-aħħar l-inizjattiva li ried is-sema, bil-mod kif ġie spjegat mis-sema. Mela ma kienx importanti li wieħed jaf min kellu jkun l-awtur ta' din il-ġidma.

Il-ġarr mid-dar il-qadima għad-Dar il-ġdida tal-Karità sar fil-15 ta' Jannar 1882. It-tieni dar, ta' Triq Palma, kellha ħafna vantaġġi fuq l-ewwel waħda. Kienet akbar, bil-possibiltà li titkabbar u tiżdied aktar fil-bini, kienet aktar qrib l-abitat, u kienet proprjetà personali ta' Dun Diacono, u mhux aktar suġġetta għal irbit u ftehim ta' kera. Biss lanqas din id-dar ma kienet xi palazz, u kellh bżonn ta' tiswijiet urġenti. Dun Diacono ingħata b'ruħu u ġismu mal-ewwel biex jirranġa din id-dar il-ġdida bi sforz li kellu jtul mill-inqas erba' snin sħaħ, mill-1882 sal-1886. Id-Dar tal-Karità ta'

Triq Palma kellha tkun frott ta' sagrifiċċju wieħed wara l-ieħor, ta' taħbil ir-ras, ta' umiljazzjonijiet, ta' qtigħ il-qalb, li kienu dejjem imħallta xi kultant bil-faraġ għall-ġid li kien joħroġ minn dik id-dar u minn dawk li kienu jgħixu fiha.

L-ewwel ġrajja ġdida ta' Triq Palma kienet id-dħul tal-komunità tas-Sorijiet Terzjarji. Bħala superjura ġiet ikkonfermata Maestra Rożanna Gauci tal-Qalb Qaddisa, imma l-libsa tas-sorijiet inbidlet fit-tifsila u fil-kulur, minn griża saret sewda.

L-isqof Pace, imqanqal minn Diacono aktar minn darba, ta l-approvazzjoni tiegħu lill-Istitut b'ittra tat-13 ta' Ottubru 1883, bit-tama li jkun jista' jippreżenta lis-sorijiet, malajr kemm jista' jkun, bir-Regola tat-Tielet Ordni Franġiskan u bil-Kostituzzjonijiet adattati għall-Istitut tagħhom.

L-approvazzjoni tal-isqof ingħatat lid-"Dar tal-Karità" u lis-"Sorijiet tat-Tielet Ordni ta' San Franġisk li jieħdu ħsieb tat-tfal bniet fqajrin u jippruvaw iħarsuhom mill-perikli tal-età tagħhom u mill-faqar, filwaqt li jħeġġu ħidmiet diversi ta' edukazzjoni u ta' karità." L-isqof, iżda ma tax approvazzjoni lill-Kostituzzjonijiet, li kienu għadhom ma jeżistux u kienu fi proċess ta' tħejjija. Approvazzjoni importanti kif naraw, imma li tħalli xi punti mingħajr ma tieħu deċiżjoni dwarhom.

Fl-ittra tal-isqof kien hemm klawsola li tidhrilna barra mis-soltu, u li tidher biċ-ċar li kienet ġiet mitluba minn Dun Diacono. Is-sorijiet ġodda kollha li kellhom jidħlu fil-komunità, kellhom jiġu "ippreżentati" minn Dun Diacono u mis-sinjorina Katerina Farrugia. Dawn it-tnejn kellhom id-dritt jagħżlu jekk jaċċettawx il-postulanti u n-novizzi fil-ġejjieni, skont kif jidhrilhom huma. Din il-klawsola kellha raġuni magħha. Minħabba l-ispejjeż kbar li talbet id-dar, it-tiswijiet l-aktar urġenti, l-għamara, u mbagħad, wara l-25 ta' Novembru 1883, il-bini tal-knisja tal-Madonna tal-Qalb Imqaddsa, li la Dun Diacono u lanqas is-Sorijiet Franġiskani ma setgħu iħallsu għalihom waħidhom, ġew imħeġġin l-offerti mill-poplu. Fost il-benefatturi ewlenin insibu lil Katerina Farrugia, li kienet għażlet li tipoteka ġidha kollha biex tgħin permezz ta' self privat, ħalli ttaffi l-ispejjeż l-aktar urġenti, u b'hekk spiċċat biex tegħreq fid-djun. Bħala sinjal ta' rikonoxxenza Dun Diacono kien kisbilha d-dritt "tippreżenta" l-kandidati.

Din il-klawsola kellha tkun għajn ta' n kwiet mhux żgħir għall-Istitut.

## Kapitlu 9

## L-AVVENTURA TA’ MADRE GELTRUDE DARMANIN
## 1883 – 1885

Fost is-Sorijiet Terzjarji li, fil-15 ta’ Jannar 1882 daħlu fin-numru 10 ta’ Triq Palma, kien hemm ukoll Maestra Virġinja tal-Beata Margerita. Dik il-ħabta hi kellha għoxrin sena. Minħabba t-tħejjija tagħha spiritwali, iħda, kif ukoll minħabba l-ħajja tar-ruħ u l-impenn li bih kienet taqdi d-dmirijiet li kienu jingħatawlha ta’ kuljum – l-iskola tal-bniet, il-katekiżmu, u l-ħidma tal-bizzilla – hi setgħet tiġi meqjusa fost is-sorijiet l-aktar anzjani u perfetti. Dun Diacono kien jieħu ħsiebha b’attenzjoni kbira u kien iqiegħed fiha l-isbaħ tamiet tiegħu. Minkejja kollox, ma setax jara, almenu għalissa, dak li din ir-reliġjuża żagħżugħa kellha tkun għall-ġejjieni tal-Kongregazzjoni.
Sentejn wara, fil-15 ta’ Awissu 1884, hu ħatarha Segretarja Ġenerali tal-Kunsill tal-Kongregazzjoni, li kienet waħda mill-karigi tal-akbar responsabbiltà wara dik tal-Madre Superjura jew “Badessa”.
L-isqof Pace kien qiegħed iqis x’Regola jagħti lis-Sorijiet Terzjarji Franġiskani ta’ Triq Palma, u t-tfittix tiegħu naturalment indirizzah lejn ir-Regola tat-Tielet Ordni ta’ San Franġisk. Hu fassal ukoll regolamenti li għamilhom jaqblu max-xejra ta’ ħajja ta’ dawn is-Sorijiet.
Fl-1882, minħabba l-gwerra bejn l-Ingilterra u l-Eġittu, is-Sorijiet Franġiskani Missjunarji tal-Eġittu, illum imsejħin Franġiskani Missjunarji tal-Qalb bla tebgħa ta’ Marija, kellhom ibattlu u jagħlqu ħafna djar fl-Eġittu. Fost dawn kellhom jagħlqu dik tal-Kajr, fejn kienu joqogħdu żewġ reliġjużi Maltin: Marija Geltrude Darmanin u Marija Ġużeppa Caruana, li kellhom bilfors jerġgħu lura Malta.
Darmanin, li issa kienet ‘il bogħod mill-komunità tagħha ġiet mibgħuta mill-isqof Pace biex tgħin l-Istitut l-ġdid jaqbad it-triq tal-iżvilupp tiegħu.
L-isqof kien iqis din l-għajnuna bħala don tal-providenza ta’ Alla. Il-ħsieb tar-Regola Franġiskana u tal-Kostituzzjonijiet li kien qed isawwar sar aktar konkret. Hu ħaseb li jaħtar lil Darmanin bħala Superjura flok Maestra Rożanna Gauci, biex b’hekk il-komunità ta’ Triq Palma tkun tista’ tikseb ġid mill-esperjenza tagħha.

Diacono ma qalx le għal din il-proposta tal-isqof. Hu kien imdorri joqgħod għall-isqof tiegħu – li għalih kienu ordni – anke jekk, mix-xaħta, ma tantx kien konvint personalment u lanqas ma kien imħeġġeġ għal dan il-pass il-ġdid.
Iż-żmien li fih Darmanin kellha tkun Superjura beda, bħala prova, fi tmiem is-sena 1882 u b'mod definittiv fil-15 ta' Awwissu 1883.
L-ewwel sena għaddiet b'wiċċ il-ġid u Dun Diacono ma kellux għalfejn igorr fuq xejn. Darmanin kienet dehritlu li kienet mara intelliġenti, kollha ħeġġa, attiva u deċiża, u mogħtija kollha kemm hi għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-komunità. Anke l-isqof kien sodisfatt mill-ħidma ta' żvilupp li kienet qiegħda ssir fid-Dar tal-Karità. Taħt it-tmexxija ta' Darmanin ġraw xi fatti importanti li diġà semmejniehom qabel: il-professjoni reliġjuża ta' Maestra Virġinja tal-Beata Margerita, nhar is-17 ta' Awwissu 1883, il-ħatra tagħha bħala Segretarja Ġenerali fil-15 ta' Awwissu 1884, u l-approvazzjoni mogħtija mill-isqof Pace fit-13 ta' Ottubru 1883. Imma l-aktar fatt ta' importanza kien it-twaqqif tal-ewwel dar tal-Kongregazzjoni barra mill-gżira t'Għawdex, f'Birkirkara.
It-twaqqif tad-dar ta' Birkirkara kien sar wara dak tal-Qala f'Għawdex, li twettaq mingħajr diffikultajiet. Din it-tieni fundazzjoni, iżda, hekk kif ġiet milqugħa mill-Kongregazzjoni u mwettqa, kellha ġġib bidla kważi radikali għall-binja tal-Istitut għadu fiż-żgħożija tiegħu. Kienet bidla li taqbel max-xejra tal-ħsieb tal-isqof Pace, imma li kienet kontra dak ta' Dun Diacono, li kien baqa' dejjem imwaħħal mal-konvinzjoni tiegħu li l-ħidma tas-Sorijiet Terzjarji tiegħu kellha titwettaq biss fil-gżira ta' Għawdex.
It-talba tat-twaqqif kienet saret minn Lady May Hutchinson, il-mara tas-segretarju tal-Gvernatur ta' Malta. Din, bi qbil mal-arċisqof ta' Malta, Monsinjur Carmelo Xicluna (1800 – 1888), riedet tħalli lis-Sorijiet Terzjarji Franġiskani t-tmexxija ta' skola "għall-bniet tal-klassi tal-foqra". Il-ftehim, li beda bi trattattivi f'Awwissu tal-1884, sar tliet xhur wara, fil-31 ta' Ottubru, bil-firma tal-kuntratt minn Darmanin u minn Lady Hutchinson. L-iskola l-ġdida, iżda, fetħet biss disa' xhur wara, fis-17 ta' Lulju 1885, wara li Darmanin ġiet imneħħija minn Superjura, kif se naraw dalwaqt.
It-twaqqif tad-dar ta' Birkirkara kien jaqbel mal-intenzjonijiet tal-isqof t'Għawdex u ta' Darmanin, imma ma nafux x'kienet ir-rejazzjoni ta' Dun Diacono. Din il-ħaġa ġdida hu ma kienx stennieha, u ħawdet għal kollox il-pjanijiet tiegħu ta' komunità ta' biss "Tnax"-il soru, li kellhom ikunu kollha minn Għawdex u jaħdmu biss fil-

gżira t'Għawdex. Iżda anke din id-darba hu, b'sens ta' rispett għall-ordni tal-isqof, baxxa rasu u obda mingħajr tgemgim u mingħajr protesti. Fid-dar ta' Triq Palma, iżda, kien hemm xi elementi ġodda l-aktar fil-binja interna tal-Kongregazzjoni. Din id-dar issa bdiet tissejjaħ "Casa Madre", jiġifieri, ċ-ċentru uffiċjali tal-fundazzjonijiet li kienu saru jew li kellhom isiru fil-ġejjieni. Il-"Badessa", jiġifieri Darmanin, bdiet tissejjaħ "Madre Vigaria", jiġifieri Superjura Ġenerali, li kellha tiddependi mill-veru Superjur li kienu u kellu jibqa' Dun Diacono. Maestra Rożanna Gauci ġiet maħtura Superjura tal-komunità lokali ta' Triq Palma.

L-inkwiet beda wara din id-data, jiġifieri fi tmiem l-1884. Darmanin ma kinitx għadha l-persuna adatta biex tmexxi l-Kongregazzjoni li għadha kemm twieldet. L-imġieba tagħha kienet nisslet sens ta' tensjoni fil-Kongregazzjoni, li beda jikber minn jum għall-ieħor. Dun Diacono, mix-xaħta, induna bikri b'dawn il-problemi u bil-perikli li kien hemm għall-Kongregazzjoni. Iżda billi Darmanin kienet ġiet mqiegħda mill-isqof, hu ma ħassx li għandu jindaħal mal-ewwel minħabba s-sens ta' ubbidjenza lejn is-superjuri li dejjem kellu. Imma meta l-qagħda saret tant gravi li ħadd ma seta' jissaporti aktar, hu indaħal bl-awtorità tiegħu biex jevita deni akbar.

Laqqa' Konsulta filgħodu tat-3 ta' Jannar 1885, u din waslet għall-qbil tal-membri kollha li Darmanin, il-Madre Vigarja, kellha titwarrab mill-kariga tagħha. Hi baqgħet fil-Casa Madre għal biss għaxar xhur, sa Novembru 1885, meta hi stess iddeċidiet li tħalli l-Kongregazzjoni.

## Kapitlu 10

## L-APPROVAZZJONI TAL-KOSTITUZZJONIJIET
## 6 ta’ Mejju 1885

Għadna kemm semmejna l-“Konsulta”, jiġifieri l-Kunsill Superjuri li, fil-laqgħa tat-3 ta’ Jannar, “bil-kunsens tad-Direttur”, kien neħħa lil Darmanin minn Vigarja Ġenerali u ħatar superjura ġdida.

Din il-Konsulta kienet xi ħaġa ġdida. Fil-fatt, fl-1 ta’ Jannar 1885, kien tlaqqa’, taħt it-tmexxija ta’ Diacono u ta’ Darmanin, dak li, fil-verbali, hu improprjament imsejjaħ l-“ewwel Kapitlu Ġenerali”, imma li wara qatt ma tqies bħala tali u ġie eskluż mil-lista tal-Kapitli Ġenerali. Nistgħu inqisuh bħala laqgħa straordinarja, li storikament kienet importanti għall-binja aktar organika tal-Kongregazzjoni li, bil-barka ta’ Alla, kienet tikber minn jum għall-ieħor fin-numru tal-imseħbin, u fil-ħidmiet li ħaddnet. F’dik il-laqgħa ġew eletti erba’ “konsultriċi prinċipali” fissi, u tliet konsultriċi oħrajn sekondarji għal kull dar, li kienu jiskadu mill-ħatra tagħhom meta kienu jiġu mibgħuta x’imkien ieħor. L-erba’ konsultriċi prinċipali kienu: il-Madre Vigarja, jew Ġenerali, Geltrude Darmanin; is-Segretarja Ġenerali, Virġinja De Brincat; is-Superjura lokali tal-Casa Madre, Rożanna Gauci; u l-Primarja Ġenerali tal-iskola, Grazzjella Grech. Il-konsulta kienet taħdem dejjem taħt id-dipendenza ta’ Diacono, li baqa’ d-Direttur u l-Fundatur. Fil-fatt, hu kien jiffirma “Direttur”.

Kif diġà għidna, il-proprjetà kollha, jiġifieri d-dar, il-knisja u l-art ta’ Triq Palma, kienet tidher bħala proprjetà tiegħu, wara li hu tant tħabat biex jakkwistaha u jirranġaha b’ħafna sagrifiċċji. Imma kien ilu żmien jaħseb biex jgħaddi kollox lis-Sorijiet Terzjarji Franġiskani, biex dawn ikunu jistgħu jkomplu b’aktar kwiet il-ħajja tagħhom komunitarja, mingħajr il-biża’ li jistgħu jiġu maħruġa minn darhom fil-ġejjieni, jew minnu stess jew minn xi ħadd ieħor.

Meta għaddiet il-kriżi interna li tkellimna dwarha u kollox reġa’ f’postu, Dun Diacono wettaq l-ewwel pass bl-att ta’ “konċessjoni” tal-14 ta’ Awwissu 1885, li kellu jħejji u jiġi qabel l-att definittiv ta’ “donazzjoni” jekk u meta jitwettqu xi kundizzjonijiet li kienu ħafna għal qalbu. Dawn il-kundizzjonijiet kellhom x’jaqsmu biss mal-istabilità tal-Istitut, jiġifieri mat-tħejjija u l-approvazzjoni tal-

Kostituzzjonijiet li l-isqof Pace kien ġie mitlub biex itemm u li hu kien wiegħed li jwettaq mingħajr dewmien iżda li, b'dispjaċir ta' Dun Diacono, kienu donnhom ma huma se jaslu qatt.
Fis-7 ta' Mejju 1885, il-Madre Vigarja l-ġdida, Rożanna Gauci, irċeviet mingħand Monsinjur Pace dokument li fih kien hemm ir-Regola tat-Tielet Ordni ta' San Franġisk t'Assisi u l-Kostituzzjonijiet.
Dan kien pass tajjeb 'l quddiem u Dun Diuacono kien sodisfatt, iżda mhux għal kollox. Kien għad fadal l-approvazzjoni djoċesana li hu, ġustament, kien jagħtiha l-akbar importanza. L-aġir tal-isqof kien dejjem wera li dan kien iħares b'simpatija lejn dak li kien qed isir fi Triq Palma. L-isqof kien wera ħafna drabi, bil-kliem u anke bil-fatti, li hu ma kienx sejjer idum ma jagħti l-approvazzjoni definittiva, wara li jara li ż-żmien u ċ-ċirkostanzi kienu jaqblu, u wara li jiċċara xi ftit dubji li kien għad fadallu. Dun Diacono, iżda, għaqli bħas-sriep, kif jgħid l-Evanġelju, ried jibda jiċċaqlaq bil-mod il-mod ħalli jġiegħel lill-isqolf iħaffef aktar. Għaldaqstant hu ried li l-atti tal-konċessjoni u tad-donazzjoni jiġu magħmula quddiem nutar u b'hekk ikollhom valur legali, ħalli ma jinqalax għawġ fil-ġejjieni.
L-att ta' "konċessjoni" ġie magħmul min-nutar Vincenzo Giorgo Gioioso mir-Rabat, nhar l-14 ta' Awwissu 1885, u inqara quddiem il-komunità ta' Triq Palma. Iżda dan l-att ta' konċessjoni kien *ad tempus*, jiġifieri ,hux definittiv. Dan għaliex il-kwestjoni tal-approvazzjoni kienet għadha ma ġietx iċċarata ġuridikament skont il-liġijiet tal-Knisja. Dun Diacono kien konvint li dan il-ġest tiegħu seta' jinftiehem minn min kien jinsab fuqu, u għalhekk iħaffef l-approvazzjoni li hu tant kien jixtieq.
L-isqof, iżda, baqa' sieket għal kważi sena oħra, billi għamel ta' bir-ruħu li ma nduna b'xejn. B'hekk hu beda jġiegħel lil Dun Diacono jasal f'xifer il-limiti tat-tensjoni u tan-nervi. Għaliex?
Monsinjur Pace hu, bla dubju, wieħed mill-akbar u l-aqwa benefatturi tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani, tant li wħud kienu jixtiequ jqisuh, improprjament, bħala l-fundatur jew almenu l-ko-fondatur tal-Kongregazzjoni. Fil-fatt kien hu li, f'diversi ċirkostanzi, salva l-Kongregazzjoni, u aktar tard tħabat biex iferrixha fiż-żewġ gżejjer u anke barra minn Malta. Mill-bidunett hu ra l-ħidma ta' Dun Diacono bħala inizjattiva qaddisa li kienet twieġeb għall-bżonnijiet spiritwali u materjali tad-djoċesi tiegħu, u li kellha twettaq bosta ġid fost il-poplu, speċjalment

fost min kien fqir u abbandunat. Għaliex allura dam tant biex jagħti lill-Kongregazzjoni l-aktar ħaġa importanti, jiġifieri, l-approvazzjoni djoċesana?
It-tweġiba għal dan il-misteru trid tkun l-element biex jgħinna nifhmu s-sitwazzjoni partikolarment diffiċli u mimlija tensjoni ta' dawk l-ewwel snin, u anke d-diffikultajiet tal-Kongregazzjoni żagħżugħa, li kienu dejjem jiżdiedu ma' dawk li diġà semmejna u li ma kinux biss kwestjonijiet finanzjarji.
Il-kawża tal-inċertezza tal-isqof u tal-fatt li tant dam biex jagħti l-approvazzjoni djoċesana, kienet tiddependi biss mill-metodu u mill-mentalità ta' Dun Diacono, li kien baqa' dejjem imwaħħal mal-ideja tan-numru ta' tnax-il soru li kellhom jiġu biss mill-gżira ta' Għawdex, u li l-ħidma tagħhom kellha ssir biss f'Għawdex. Dan kien jeskludi kull element li seta' jiġi minn barra jew kull twaqqif ta' djar barra mill-gżira ta' Għawdex. Mela ma kienx hemm nuqqas ta' qbil personali, jew antipatija, jew xi żbalji dwar duttrina, jew inkella xi piki. L-isqof, wara kollox, kellu l-akbar stima ta' Dun Diacono. Hu kien ħatru kappillan il-Qala u mbagħad ix-Xagħra. Dun Diacono, b'eċċezzjoni ta' dan il-punt li semmejna, dejjem wera l-akbar rispett u qima lejn l-isqof u lejn is-suċċessuri tiegħu. L-ideja li kellu, iżda, kienet meqjusa bħala opinjoni żbaljata mill-isqof. Hu kien jaraha barra minn postha, u kien iqis li setgħet iġġib aktar deni milli ġid, għax hi ma kinitx tħalli okkażjoni għal żvilupp ieħor tal-Kongregazzjoni fil-ġejjieni. Il-periklu kien li din il-ħidma setgħet titwaqqaf u tmut f'ġuf ommha wara biss ftit żmien. U dan l-isqof ma kienx jixtieq jarah b'għajnejh. Għalhekk, filwaqt li hu kien jistenna bil-paċenzja lil Dun Diacono biex ibiddel fehemtu, hu wkoll kien jeħpdha bil-mod biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu.
Iżda l-paċenzja ta' Dun Diacono ma kellhiex x'taqsam ma' dik tal-isqof.
Tmien xhur wara l-"konċessjoni", Dun Diacono li ra li ma kien akkwista xejn mill-palazz tal-isqof, wettaq ġest li anke issa li għaddew tant snin, iħallina ħosbiena. Fl-20 ta' April 1886 hu rtir il-"konċessjoni" li kien għamel tmien xhur qabel u formalment bagħat l-avviż lis-sorijiet ta' Triq Palma, li kellhom iħallu dik id-dar "jekk fi żmien ħmistax-il jum minn dik id-data" l-isqof ma jagħtix personalità ġuridika lill-Kongregazzjoni. Dan hu t-test tad-dokument li hu bagħat lil Madre Rożanna Gauci u lil-komunità tagħha:
*"Is-saċerdot Dun Ġużepp Diacono, kappillan tar-raħal tal-Qala, bħala proprjetarju assolut, jgħarrafkom li hu ma għadx għandu l-intenzjoni li jħallikom iżżommu l-*

*proprjetà taħt l-isem ta' Dar tal-Karità u l-knisja li tmiss magħha, jekk l-Eċċelenza Tiegħu Reverendissimu Monsinjur Isqof t'Għġawdex, Pietru Pace, fi żmien ħmistax-il jum ma jagħtikomx ir-Regola u l-Kostituzzjonijiet li huma mitluba mil-liġijiet kanoniċi, kif ukoll dak kollu li hu meħtieġ sabiex il-komunità reliġjuża tagħkom tiġi rikonoxxuta bħala tali skont ma jridu l-kanoni mqaddsa."*

Din it-theddida wisq probabbli saret mingħajr ma kien jaf l-isqof, anke jekk Diacono żgur ma kienx naqas li jkompli jsus warajh biex ilesti l-approvazzjoni. Anke l-isqof kien jaf li Diacono ma kienx wieħed li se jikkuntenta ruħu b'nofs kliem, imma li kien kapaċi jwassal sal-aħħar il-proġett tiegħu, bi tbatija kbira għas-sorijiet u bi skandlu għan-nies tar-Rabat. Għalhekk ħaseb li kien hemm bżonn jindaħal malajr biex ma jħallix dan jiġri.

"Fi żmien ħmistax" kien qal Dun Diacono fl-20 ta' April, u ħmistax wara, u wieħed magħhom, fis-6 ta' Mejju, l-isqof Pace bagħat lil Madre Vigarja Rożanna Gauci, r-reskritt tant mistenni li kien japprova l-Kostituzzjonijiet u anke l-Kongregazzjoni.

Is-6 ta' Mejju 1886 hi data oħra mportanti fl-istorja tal-Kongregazzjoni. Wara l-1879, id-data tat-twaqqif tad-dar ta' Għajn Qatet, din id-data tiffissa t-tieni twaqqif tal-Istitut, li issa sar ħafna aktar stabbli u definittiv permezz tal-approvazzjoni ekkleżjastika. B'din l-approvazzjoni, anke jekk għalissa biss djoċesana, il-Kongregazzjoni tal-Franġiskani setgħet tistrieħ fuq bażi ġuridika, kienet daħlet fl-approvazzjoni tal-liġi u għalhekk setgħet tħares b'aktar fiduċja lejn il-ġejjieni tagħha.

F'din it-tieni fażi tal-istorja tal-Kongregazzjoni takkwista mportanza dejjem aktar bħala "fundatriċi" dik li kellha tkun Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, filwaqt li l-figura ta' Dun Diacono, kif naraw, tibda tersaq dejjem aktar 'il bogħod u tonqos mill-importanza tagħha. L-influss tiegħu fuq il-Kongregazzjoni jibda jsir aktar minn barra milli minn ġewwa. Dan għaliex l-isqof kien jixtieq hekk u anke hu beda jintebaħ li dan kien l-aktar pass għaqli. Madre Margerita, minn issa 'l quddiem, tagħti xejra ġdida lill-komunità. Sa issa dan l-Istitut żagħżugħ kien mexa 'l quddiem, imma dejjem qalb inċertezzi u dubji, qalb ħafna intoppi u xkiel fl-iżvilupp tiegħu li wasslu għal waqtiet li tihom wieħed kien jitħasseb jekk kienx se jibqa' jgħix fil-ġejjieni. Permezz ta' Madre Margerita, iżda, l-Istitut jaqbad dik il-mixja, dak l-iżvilupp u dik il-ħajja li għadhom jinsabu fih sallum. Taħt il-qawwa tal-virtujiet u tal-eżempji tagħha, u wkoll permezz tal-prestiġju li kienet tnissel il-

personalità deċiża tagħha, il-Kongregazzjoni qabdet dik il-mixja spiritwali ta' sempliċità Franġiskana, ta' umiltà sinċiera, ta' faqar evanġeliku, ta' ħeġġa apostolika, ta' qadi lejn l-aħwa, ta' talb u ta' ħidma li kellhom ikunu s-sinjali l-aktar ċari tal-karatteristika tagħha u l-isbaħ tiżjin li kellha takkwista. Għaliex kien ikun kollu ta' xejn li jiżdied in-numru tal-imseħbin, tad-djar u tal-opri, jekk kien jonqos dak li kien proprju tal-Kongregazzjoni, jekk kien jitwarrab l-iskop li għalih twaqqfet, jekk l-ispirtu tal-ewwel żminijiet kien jintefa mir-riħ tal-idejali ġodda tad-dinja li kienu jkunu f'nuqqas ta' qbil mal-uniku idejal li jrid iħeġġeġ l-erwieħ ikkonsagrati 'l Alla.

Hawn jinsab il-mertu ta' Madre Margerita. Sa issa hi kienet reliġjuża twajba, eżemplari, fidila għad-dmirijiet tagħha, umli u ubbidjenti u dejjem minn ta' quddiem fit-twettieq tad-dmirijiet kollha li kienu jiġu afdati lilha. Hi kienet l-ewwel waħda u l-aktar waħda ġeneruża fl-iskola ta' Dun Diacono, li mal-ewwel intebaħ bl-ispiritwalità profonda tagħha kif ukoll bil-kapaċitajiet tagħha li kienu jispikkaw. Kien għalhekk li kien ħatarha Segretarja Ġenerali. Dan kien wieħed mil-ħidmiet l-aktar importanti u delikati tal-Kongregazzjoni. Il-bqija tal-istorja tagħna turina li din il-fiduċja ma kinitx qiegħda fuq ix-xejn.

Dan li għidna jidher ċar wara s-6 ta' Mejju 1886, bl-approvazzjoni djoċesana tal-Kostituzzjonijiet tal-Istitut.

It-test tar-Regola u tal-Kostituzzjonijiet kellu miegħu ittra tal-isqof lil "uliedu maħbubin", li fih wieħed jaqra:

*"Alla sejħilkom biex titqaddsu u xxerrdu l-fwieħa ħelwata' Ġesù Kristu, l-Għarus tagħkom bla tebgħa, mhux billi tibqgħu fil-ħemda tal-kjostru, imma billi toħorġu f'nofs id-dinja b'ħajjitkom mimlija sagrifiċċji u kollha ikkonsagrata għall-ġid tal-bniet l-aktar foqra u mitluqa".*

Ir-raġuni li kienet qanqlitu biex jikteb u japprova l-Kostituzzjonijiet kienet din:

*"Mingħajr liġijiet stabbli u normi żguri l-ebda soċjetà ma tista' tibqa' tgħix għal żmien twil. Għalhekk ħsibna li nagħtukom Regola li tidhrilna li taqbel ħafna għall-Istitut tagħkom: ir-Regola tat-Tielet Ordni ta' San Franġisk t'Assisi. Intom diġà ġġibu l-ilbies fqajjar tiegħu, u issa għandkom il-Kostituzzjonijiet li huma mħarsa f'ħafna postijiet u minn Istituti reliġjużi oħrajn li huma ħajjin bil-ħeġġa għall-qdusija u bil-ħidmiet tal-virtù, li bihom huma jgħixu stil ta' ħajja u għandhom skopijiet li mhumiex differenti minn tagħkom. Għalhekk aħna se*

*nippreżentawlkom din ir-Regola flimkien mal-Kostituzzjonijiet li ġew mibdula minna f'xi partijiet: ilqgħuhom bil-ferħ ta' qalbkom ..."*
Issa li kellhom ir-Regola u l-Kostituzzjonijiet, kien jonqos biss li jħarsuhom bil-fedeltà y buk-kuraġġ mingħajr ma jaqgħu fi dgħufija jew inkella f'tentazzjonijiet faċli:
*"Kunu qawwija u ħarsu bla ma taqtgħu dak kollu li r-Regola u l-Kostituzzjonijiet jikkmandawkom jew jipprojbixxu. La tibżgħux u jalla ma tintefiex fikom il-ħeġġa tal-ispirtu, minkejja t-tbatijiet u s-sagrifiċċji li tridu tħabbtu wiċċkom magħhom. Jekk l-għadu ta' kull ġid u d-dgħufija tagħkom bħala bnedmin iġiegħlukom tonqsu mill-kuraġġ u ma tkomplux fit-triq li qbadtu, ftakru, uliedi għeżież, li kollox nistgħu bil-qawwa ta' Dak li jfarraġna, Ġesù Kristu, it-triq u l-imħabba tagħna. Jekk tifhmu dan intom tirbħu żgur. Din ir-rebħa tkunilkom eħfef jekk tibqgħu sħaħ fil-qima tagħkom lejn Marija Santissima u lejn l-Għarus safi tagħha San Ġużepp, u lejn San Franġisk, il-missier Serafiku tagħkom, fil-waqt li timitaw il-ħajja tagħhom ta' sagrifiċċju għall-imħabba tal-proxxmu."*
Il-kronaka tgħidilna li r-Regola u l-Kostituzzjonijiet li kienu ġew approvati ġew milqugħa "b'ferħ ta' kulħadd" min-naħa tal-komunità ta' Triq Palma u miż-żewġt idjar tal-Qala u ta' Birkirkara, kif ukoll mill-istess Dun Diacono, li, issa li ra li l-mossa tiegħu kellha s-suċċess li hu kien xtaq, seta' jkompli ħalli jwettaq bil-kwiet it-tieni proġett importanti li kien ilu f'moħħu, jiġifieri, li jċedi darba għal dejjem il-proprjetà kollha ta' Triq Palma lis-sorijiet ħalli jagħtihom awtonomija u libertà akbar, kif ukoll ħalli jkunu jistgħu jimxu fuq saqajhom fit-twettiq tal-iskopijiet apostoliċi tagħhom.
Għandna għalhekk l-att ta' "donazzjoni" li sar għand in-nutar Vincenzo Gioioso fis-17 ta' Ġunju 1886. Anke din id-darba, Diacono ried li jagħti valur li jiġi rikonoxxut legalment għall-ġest tiegħu, u dan għal raġunijiet diversi, kif naqraw fit-test:
*"Kemm biex ħadd ma jieħu f'idejh il-fondi li huma l-oġġett tad-donazzjoni, kemm għall-ħlas tad-dejn li jsir mill-istess Dar tal-Karità, kif ukoll biex jinżamm sħiħ l-iskop ewlieni tal-Istitut, jiġifieri, l-edukazzjoni tal-bniet foqra."*
Id-donazzjoni kienet totali, u kellha x'taqsam kemm mad-dħul kif ukoll mad-djun. L-immobbli kollha, jiġifieri id-dar, il-knisja, il-ġnien, kif ukoll l-oġġetti kolha tad-dar u tal-knisja, kellhom jgħaddu għand is-sorijiet bħala proprjetà. Mhux biss, imma d-dar u l-art li kienet tmiss magħha fil-Qala, kif ukoll xi immobbli fir-Rabat, fl-Għarb,

fiż-Żebbuġ t'Għawdex u f'postijiet oħrajn, li kienu jaqgħu taħt Dun Dicono, u kienu mogħtija b'kera lil barranin, kienu mħollija kollha lill-Kongregazzjoni. L-att ta' donazzjoni kellu wkoll din il-klawsola:

*"Dun Diacono jipoteka u jqiegħed taħt id-dipendenzi u a favur ta' din il-Kongregazzjoni il-proprjetà tiegħu preżenti u futura."*

Mad-donazzjoni, iżda, kien hemm ukoll xi obbligi:

*"Dun Diacono jżomm għalih u għas-sinjorina Katerina Farrugia d-dritt li jippreżentaw dawk it-tfajliet li jrid jxiddu l-abitu tas-Sorijiet Terzjarji Franġiskani u jħaddnu r-Regola."*

U dan ma kienx kollox. Kien jonqos l-aktar ħaġa importanti: il-ħlas tad-dejn li kien għadu ta' piż, u li f'dik id-data kien ta' 12, 300 skud Maltin. Din is-somma flus Diacono kien issellifha mingħand privati u, bejn l-interessi u l-ammortizzazzjoni tal-kapital, saret nefqa ta' 528 skud fis-sena. Issa l-ħlas ta' din is-somma ġie mixħut fuq il-Kongregazzjoni mingħajr l-ebda ċans li jittawwal iż-żmien li fih kellu jsir.

*"Taħt il-kundizzjoni espressa – naqraw fl-att notarili – li, jekk din il-Kongregazzjoni tonqos mill-obligu li ħadet fuq spallejha li tħallas id-djun .... id-donazzjoni tallum għandha titqies daqslikieku qatt ma saret u bla ebda effett."*

L-att notarili inqara quddiem il-preżenza ta' 19-il soru li dak iż-żmien kienu jiffurmaw il-komunità ta' Triq Palma u ġie iffirmat minnhom quddiem in-nutar, żewġ xhieda, u Dun Diacono. Għaxra minnhom, fosthom Virġinja De Brincat, iffirmaw bl-isem u l-kunjom tagħhom; id-disgħa l-oħra, billi ma kinux jafu jaqraw u jiktbu, iffirmaw permezz ta' salib ħdejn l-isem u l-kunjom tagħhom miktub minn ħaddieħor.

## Kapitlu 11

## VIRĠINJA TAL-BEAT MARGERITA
## ISSIR MARGERITA TAL-QALB TA' ĠESÙ
## 8 ta' Diċembru 1887

Bil-promulgazzjoni tal-Kostituzzjonijiet mill-isqof Pace u bil-bdil tal-proprjetà tal-bini ta' Triq Palma mingħand Dun Diacono għal għand is-Sorijiet, tibda dejjem tonqos l-importanza ta' Dun Diacono fil-ħidma ewlenija tiegħu u fl-awtorità tiegħu fit-tmexxija u fl-organizzazzjoni tad-dar. Ma' dawn il-fatti kienu żdiedu ċirkostanzi oħrajn, speċjalment xi qlajja' u tlablib dwaru li kienu weġġgħu mill-qiegħnett is-sensibilità tiegħu u ġegħluh jitbiegħed dejjem aktar mill-opra li sa dak iż-żmien tant kienet għal qalbu. Kull min jieħu xi inizjattiva dejjem iqajjem kritika u mhux dejjem jogħġob lil kulħadd, u dak l-aktar f'ambjent ċkejken u magħluq bħalma hu r-Rabat t'Għawdex. Dun Diacono kien wettaq ħafna inizjattivi, u kien qiegħed ikompli jagħmel ħafna aktar ħidma. Għalhekk ma għandniex għaliex nistagħġbu li hu kien fuq fomm kulħadd u li mhux kulħadd kien kapaċi jqis għall-ġid l-azzjonijiet u l-intenzjonijiet tiegħu. Anke dan id-dettal seta' għen ħafna biex inaqqas l-irbit tiegħu mad-Dar tal-Karità. F'ittra li kiteb mill-Qala fit-22 ta' Spril 1887, hu, b'mod delikat ħafna, jikxef beraħ dak li kien qiegħed iħoss f'qalbu:

*"Neħħewli kull ġurisdizzjoni li kelli fid-Dar tal-Karità, jew aħjar, kull fakultà spiritwali, u dan ġara b'tant qlajja' min-naħa tal-Għawdxin, li, min-nhar il-Ħadd li għadda, baqgħu jiżdiedu. Minn fejn ġej dan kollu? Jien ma nafx. Jien inbierek għal elf darba dak kollu li jien għamilt għal din il-Komunità, u nittama li, jekk il-Mulej jagħtini l-perseveranza, inkompli nkun benefattur kbir tad-Dar tal-Karità li waqqaft. Iżda issa jiena deċiż li ma inix se nieħu aktar responsabbiltà dwarha fil-ġejjieni. Jiena ħdimt u batejt biżżejjed. Issa ma għadx fadalli l-qawwa biex inkompli nistinka u nbati."*

Il-promulgazzjoni tal-Kostituzzjonijiet, iżda, ġabet magħha ħwejjeġ ġodda u ta' importanza fundamentali għall-istabilità u l-iżvilupp tal-Kongregazzjoni. Qabel kollox, kien hemm bżionn li l-proifessjonijiet tas-Sorijiet isiru skont in-normi tal-liġi kanonika. Ħafna mis-sorijiet, fil-fatt, biex ma ngħidux kollha, ma kinux f'qagħda regolari quddiem il-liġi tal-Knisja, għaliex jew ma kinux għamlu s-sena tan-

novizzjat, jew inkella kienu għamlu biss biċċa minnha. Dun Diacono, bi ftehim mal-isqof, f'din il-ħaġa kien mexa mingħajr ma jfittex l-irqaqat tal-liġi, u kien jiddetermina hu, każ b'każ, iż-żmien u l-mod ta' kif kellha ssir is-sena tal-prova, l-aktar biex iwieġeb għall-bżonnijiet immedjati tal-komunità li kellu jibni. Billi ma kellux regola fuqhiex jimxi, ma nistgħux ngħidu li dan il-mod irregolari li bih kien jimxi kien ta' min jikkundannah, kif seta' jagħti l-każ wara li ġew mogħtija l-Kostituzzjonijiet. Wieħed mill-ewwel passi li ħa l-isqof, mela, kien dak li jiddeċiedi li jġiegħel lis-sorijiet kollha, kemm professi kemm mhumiex, li jerġgħu jagħmlu n-novizzjat matul is-sena 1886 – 1887, ħalli mbagħad huma jerġgħu jagħmou l-professjoni reliġjuża tagħhom skont in-normi li kienu jinsabu fil-Kostituzzjonijiet il-ġodda. Iċ-ċerimonja solenni tal-Professjoni kellha ssir f'Diċembru 1887.

L-ewwel profess kienet Madre Margerita, li fit-8 ta' Diċembru, festa tat-Tnissil bla tebgħa tal-Madonna, għamlet it-tieni professjoni reliġjuża f'idejn l-isqof Monsinjur Pace. F'din iċ-ċirkostanza hi ħadem l-isem ġdid tagħha bħala reliġjuża, Sor Margerita tal-Qalb ta' Ġesù. Dik il-ħabta hi kellha 25 sena. Mela Madre Margerita hi, fis-sens l-aktar veru, kemm fiż-żmien kif ukoll fl-ordni spiritwali, l-ewwel waħda li għamlet il-Professjoni fil-Kongregazzjoni. Hi kienet dik li kellha timxi quddiem in-numru kbir ta' Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, biex tikkonsagrahom, bl-eżempju tagħha, ħalli jimxu wara l-Ħaruf Divin, u jkantaw quddiemu dik il-għanja ġdida li ħadd ma jista' jkanta jekk mhuwiex verġni.

F'dak il-jum kien hemm biss il-Professjoni tagħha. Is-sorijiet l-oħrajn ipprofessaw tlitt ijiem wara, fil-11 ta' Diċembru, quddiem il-Vigarju Ġenerali, Monsinjur Ġużeppi Farrugia, delegat tal-Isqof. Anke dawn ħadu isem ġdid. Huma dawn li ġejjin:

- Marija Camilleri, imsejħa Marija Franġiska ta' Santa Briġida (+1901);
- Antonja Mintoff, imsejħa Marija Ursola tal-Ħniena (+1918)
- Vinċenza Vella, imsejħa Marija Rożalija tal-Kustat Imqaddes (+1937);
- Margerita Cutajar, imsejħa Marija Luċija ta' l-Inkarnazzjoni, li ħarġet fl-1901 biex tmur ma' Dun Diacono fix-Xagħra;
- Karmena Grech, iż-żgħira, imsejħa Marija Veronika tar-Redentur Imqaddes (+1957);
- Karmena Asciaq, imsejħa Marija Anna tal-Passjoni (+1913);
- Karmena Buttigieg, imsejħa Marija Anġolina tal-Bambin Ġesù (+1935);

- Ġużeppa Apap, imsejħa Marija Dolores tat-Trinità Mqaddsa (+1902);
- Roża Portelli, imsejħa Marija Ġuljana tas-Sagrament Imqaddes (+1911);
- Karmena Farrugia (minn Malta), imsejħa Marija Luiġa ta' San Ġużepp (+1927);
- Luċija Debono, imsejħa Marija Ċeċilja tal-Ħames Pjagi (+1941);
- Marija Roża Xicluna, imsejħa Marija Ġeltrude ta' Ġesù (+1906);
- Roża Attard, imsejħa Marija Katerina tal-Inkarnazzjoni (+1920);
- Marija Sultana, imsejħa Marija Agata tal-Immakulata (+1943);
- Vittorja Xiberras, konversa, li kienet purtinara għal ħafna snin fil-Casa Madre, imsejħa Marija Bonaventura (+1927).

Dawn il-professi ġodda kienu kollha mill-gżira t'Għawdex (tlieta mir-Rabat, erbgħa minn Kerċem, waħda mill-Għarb, ħamsa mill-Qala, tnejn miż-Żebbuġ u waħda mix-Xagħra). Sor Marija Luiġa, jiġifieri Karmena Farrugia, biss kienet minn Malta.
Mid-dsatax-il soru li fis-17 ta' Ġunju 1886 kienu ffirmaw l-att tad-donazzjoni, kif naraw, baqgħu sbatax. Kien jonqos il-Madre Ġenerali Rożanna Gauci, li għal tmiem l-1886, bil-permess tal-isqof u ta' Dun Diacono, kellha tħalli l-komunità biex tkun ħdejn ommha, li kienet xiħa u marida, u li kienet baqgħet weħidha fid-dinja wara li bintha daħlet soru, u għalhekk, kellha bżonnha għall-għajnuna kontinwa. Wara l-mewt ta' ommha, Rożanna Gauci reġgħet lura fil-komunità, imma qatt ma kellha xi uffiċju ta' responsabbiltà.
Min ġie maħtur warajha bħala Madre? Mid-dokumenti li huma miżmumin fl-arkivju ma nistgħux inkunu nafu eżattament, imma kollox iġiegħelna naħsbu li flokha l-isqof kien qiegħed lil Madre Margerita. Hu ma kienx taha nomina uffiċjali, minħabba l-fatt tas-sena li fiha kien qiegħed isir in-novizzjat tas-sorijiet, kif rajna. Fil-fatt, sentejn wara, fil-11 ta' Ġunju 1889, Dun Diacono, f'ittra li kiteb lil Madre Margerita, li kienet ġiet eletta Superjura Ġenerali, jagħti l-awguri tiegħu "lill-Madre Superjura li reġgħet ġiet eletta". Dan kollu jurina li kien hemm xi nomina qabel din tal-aħħar, u din irridu bilfors inqiegħduha bejn it-tluq ta' Rożina Gauci u n-nomina ta' Madre Margerita bħala "Primarja" ta' Birkirkara, kif naraw aktar 'il quddiem. Il-fatt li hi probabilment kienet Superjura nispjegawh ukoll meta naraw il-preferenza li uża magħha l-isqof meta ried ikun hu personalment preżenti ġgall-

Professjoni tagħha tat-8 ta’ Diċembru 1887, filwaqt li lis-sorijiet l-oħrajn saritilhom ċerimonja oħra mmexxija mill-Vigarju Ġenerali Ġużepp Farrugia.

## Kapitlu 12

## MADRE MARGERITA TINDAĦAL
## FL-AĦĦAR MUMENT BIEX ISSALVA L-KONGREGAZZJONI
## 1888

It-twaqqif tad-dar ta' Birkirkara kien sar, kif rajna, fuq ix-xewqa ta' Lady Hutchinson, mart l-Onorevoli Walter Hely Hutchinson C.M.G. Lieutenant Governor u Chief Secretarj tal-gvern ta' Malta, "biex tipprovdi Dar li fiha l-bniet li ma jmorrux skola jistgħu jiġu meħlusa mit-triq u jitgħallmu xi ħaġa utli bħall-ħidma tal-bizzilla, ħjata, indafa personali, kura tad-dar, ħalli b'hekk ikunu jistgħu jgħixu bix-xogħol ta' idejhom, bil-bejgħ tal-bizzilla u ta' ħwejjeġ oħrajn magħmula minnhom tfajliet."

Il-kuntratt, li ġie ffirmat fil-31 ta' Ottubru 1884, kellu jdum sentejn. Wara dan iż-żmien is-sorijiet kienu ħielsa li jkomplu din il-ħidma tagħhom jew inkella jħalluha. Wara li għaddew is-sentejn, is-Sorijiet Franġiskani ddeċidew li jieħdu taħt idejhom it-tmexxija ta' din l-opra li, wara ħafna ġrajjiet li għaddiet minnhom, għadha miexja sallum wara seklu ta' ħajja.

Meta Madre Margerita waslet Birkirkara sabet li d-dar, li kienet tinsab fin-numru 3 ta' Triq Nannua, kienet żgħira, 'il bogħod miċ-ċentru, u ma kellhiex kappella. Dawn il-fatti ma tantx għenu biex l-ommijiet jibagħtu lil uliedhom bniet hemmhekk, u n-numru tagħhom kien baqa' żgħir. Madre Margerita mal-ewwel ħasbet għal dark aktar wiesgħa, aktar qrib iċ-ċentru u aktar adatta bħala skola. Biex tirnexxi f'dan il-ħsieb tagħha, hi talbet b'fiduċja kbira lil San Ġużepp. Il-qaddis patrijarka kellu jipprovdi dar ġdida, kbira u komda, fiċ-ċentru ta' Birkirkara; bħal dik, per eżempju, li kienet tinsab fi Triq San Ġużepp u li, fil-kantuniera kellha bħall-ġurnata tallum, niċċa bl-istatwa tal-qaddis. Dik id-dar kienet tidher idejali għall-iskopijiet tal-Istitut. San Ġużepp sema' t-talb ħerqan u mimli fidi ta' Madre Margerita, li kellh l-ferħ u x-xorti li ġġorr l-iskola ul-bniet f'dan il-post ġdid. Din id-dar damet taqdi l-iskop tagħha għal xi għoxrin sena, sal-1909, meta s-sorijiet akkwistaw biċċa art u fuqha bnew id-dar li għandhom illum. Kien fid-dar ta' Triq San Ġużepp li Madre Margerita kellha ispirazzjoni misterjuża li tmur bilġri lejn Għawdex, u li permezz

tagħha hi rnexxielha ssalva l-Kongregazzjoni fl-aħħġar waqtiet, meta donnha kienet mhedda li se tintemm darba għal dejjem.
Dan l-episodju għandu tant importanza fl-istorja tal-Kongregazzjoni li ħaqqu li jiġi rakkontat bid-dettalji kollha li waslu għall-għarfien tagħna.  Hu waqt deċiżiv li jtemm perjodu storiku u jiftaħ ieħor ġdid, hu indħil dirett ta' Alla li jnebbaħ u jmexxi lil Madre Margerita, li tobdi malajr u b'kuraġġ li ma konniex nistennewh minn mara żagħżugħa ta' 26 sena. Għandna ħafna xhieda ta' kif ġraw l-affarijiet, li ġibniehom minn diversi għejjun u li huma żguri mill-aspett kritiku. Wara kollox, dan il-fatt hu marbu mat-tradizzjoni ħajja tal-komunità, u s-sorijiet anzjani kollha li aħna kellimna kienu jiftakruh, jew għaliex rawh b'għajnejhom stess, inkella għaliex kienu semgħuh mill-fomm ta' min kien jinsab preżenti. L-uniku nuqqas ta' informazzjoni għandu x'jaqsam mad-data tax-xahar u l-jum, imma minn elementi esterni nistgħu nqiegħduh b'ċertezza relattiva għal tmiem is-sena 1888.
Għodwa waħda, għall-ħabta tal-għaxra u nofs, meta kienet tinsab fil-kappella tagħmel l-adorazzjoni quddiem l-Ewkaristija, Madre Margerita ħasset ispirazzjoni f'daqqa waħda, bħallikieku kienet xi vuċi minn ġewwa li kienet tgħidilha: "Hemm bżonn li tmur Għawdex!  Issa stess! Mur il-Casa Madre mingħajr dewmien!"
Il-Madre marret fil-kċina u staqsiet lill-konversa Sor Bernarda tal-Anġli Kustodji: "L-ikel lest?"
"Le, Madre," wieġbet il-koka, "imma jekk trid xi ħaġa, jekk tħossok ħażin, inħejjilek kafè".
"Le, le", wieġbet Madre Margerita, "jiena tajba, imma rrid immur Għawdex, u malajr. Anzi mur u ħejji ruħek biex tiġi miegħi int ukoll."
Għal xis-siegħa ta' wara nofs in-nhar wslu l-Marfa biex jaqbdu l-vapur li kellu jeħodhom Għawdex. Waslu l-Casa Madre mingħajr ħadd ma kien jistenniehom, u ġew milqugħa mill-purtinara Vittorja Xiberras, li marret magħhom fil-"loġġa" jew sala kbira, li minnha kont tidħol għall-kmamar u l-kuriduri l-oħrajn tad-dar. Hawnhekk kienet milqugħa l-komunità madwar Dun Diacono. Kien hemm konfużjoni sħiħa, tant li Madre Margerita, hekk kif daħlet, ma setgħetx tifhem x'kien qiegħed jiġri.
Dun Diacono kien f'nofs is-sorijiet jagħmel l-inventarju tal-oġġetti u tal-għamara li ried ibiegħ u jeħles minnha. F'kelma oħra, hu ried jeqred darba għal dejjem il-Kongregazzjoni, id-Dar tal-Karità, l-iskola u kollox! Is-sorijiet, għajnejhom mimlijin

dmugħ, kienu qed jinnutaw kull ma jgħid. Xi wħud minnhom kienu diġà lestew ħwejjiġhom biex jitilqu. Mhux biss, imma – kif qaltilna Madre Paċifika, li kienet semgħet l-istorja minn fomm Madre Margerita nfisha – erba' minnhom kienu diġà libsu l-ħwejjeġ ta' sekulari u kienu bi ħwejjiġhom f'sorra lesti biex jitilqu. Anke Dun Diacono kien jidher imħawwad u donnu ma jafx x'inhu jagħmel. Malli ra lil Madre Margetira, li hu la kien sejħilha u lanqas kien qed jistennieha f'dakl il-waqt, "ħares lejh bl-ikrah" u qalilha b'ton iebes:
"Għalfejn ġejt? Min sejjaħlek? Stajt bqajt Malta fejn kont!"
Hi nxteħtet għarkobbtejha quddiemu u qaltlu bl-umiltà kollha: "Missier, jien ħassejt ispirazzjoni kbira biex niġi u ġejt mal-ewwel."
"Int ġejt?" qalilha Dun Diacono, filwaqt li deher imdejjaq għall-aħħar għax kien qed jaraha quddiem wiċċu f'dak il-mument? "Forsi ġejt biex tieħu ħsieb int tal-komunità? Nixtieq narak! Tista' forsi int tħallas id-djun, tħallas il-ħaddiema u ttemm il-bini u dak kollu li fadal isir?"
Madre Margerita kienet baqgħet dejjem għarkobbtejha f'nofs is-sala b'idejha flimkien fuq sidirha u b'għajnejha mimlijin dmugħ. F'daqqa waħda fehmet għaliex kien hemm dak it-taħwid kollu u għaliex Diacono kien qiegħed iġib ruħu b'dak il-mod stramb. Is-sorijiet ma kienx irnexxielhom iħallsu fiż-żmien is-somma flus li kellhom jagħtu għall-interessi u għall-ammortizzazzjoni tal-kapital. Għalhekk Diacono ippretenda li jerġa' jieħu f'idejh il-ġid tiegħu. Fil-fatt, fl-att tad-donazzjoni tas-17 ta' Ġunju 1886, kien hemm il-klawsola li kienet tgħid: "Jekk din il-komunità tonqos mill-obbligu li tħallas id-djun ... id-donazzjoni għandha titqies daqslikieku qatt ma saret u mingħajr effett."
It-telfa tad-dar ta' Triq Palma kienet tfisser it-tmiem ta' kollox, tal-Kongregazzjoni, tal-opri, tal-iskola, it-telfa tal-vokazzjonijiet, it-tferrix tas-sorijiet. Ma setax ikun li tiġri bawxata bħal din. Kien hemm bżonn li xi ħadd ma jħallix li dan jiġri bil-mezzi kollha li seta' juża. Ir-rieda ta' Alla kienet li din l-opra, li sa issa kienet ġiet 'il quddiem, tkompli għall-ġid ta' ħafna erwieħ. Hi ma setgħetx, u lanqas kien xieraq, li tintemm daqshekk ħesrem. Imma min, f'dak il-waqt, kien se jieħu f'idejh dik ir-responsabbiltà daqshekk kbira? Kien hemm bżonn ta' fidi kbira, ta' fidi bla limiti fil-providenza ta' Alla, biex wieħed jieħu f'idejh dik is-sitwazzjoni daqshekk diffiċli u li kienet tisboq il-kapaċitajiet tal-bnedmin. Kien hemm bżonn ta' dik il-fidi li Madre Margerita dejjem kellha sa dak il-jum, u li kellu jkollha għall-kumplament

ta’ ħajjitha: Alla huwa akbar, aktar qawwi, aktar għani mill-bnedmin u ma jitlaq qatt lil dawk li jqiegħdu l-fiduċja tagħhom fih. Fik, Mulej, jien nistkenn, ma jkolli qatt għax ninfixel.

Dejjem għarkobbtejha, u bid-dmugħ f’għajnejha, Madre Margerita wieġbet: “Iva, Missier, jiena nħoss li, bil-għajnuna ta’ Alla, nista’ nieħu din ir-responsabbiltà u mmexxi ‘l quddiem din l-opra”.

“Int li m’intix kapaċi lanqas terfa’ għajnejk mill-art? Int? Kif tista’ int tieħu fuqek innifsek din il-ħidma u twassalha għat-tmiem, tmexxi lill-ħaddiema, issib il-flus, tħallas id-djun u tmexxi ‘l quddiem il-ħidma tal-komunità? Ma tkun qatt kapaċi”.

“Iva, Missier”, wieġbet Madre Margerita bl-umiltà kollha, imma fl-istess ħin b’qawwa fit-ton mhux tas-soltu. “Iva, nista’. Bil-għajnuna ta’ Alla nħoss li nista’ nieħu dan kollu fuq spallejja u nkompli l-ħidma.”

Dun Diacono mhux biss ma ħassux konvint u mqanqal minn din l-umiltà u l-qawwa ta’ karattru, imma talli ħassu aktar offiż għax sab min mar kontrih. Dejjem kellu stima kbira ta’ Maestra Virġinja, tal-ispiritwalità profonda tagħha, tal-kapaċità tagħha li tobdi, imma hu qatt ma kien qiesha bħala mara li kapaċi tmexxi lill-oħrajn, speċjalment li kapaċi tmexxi komunità kbira, u l-aktar f’waqtiet diffiċli u ta’ emerġenza bħal dak. Hu kien jaħseb li hi kienet kapaċi ħafna biex titlob, biex tagħti eżempju tajjeb u biex taħdem taħt id-direzzjoni tal-oħrajn, imma mhux li tagħmilha ta’ Superjura. Madre Paċifika tkompli tgħidilna: “Dun Diacono beda jgħidilha kliem iebes u li bih beda jbaxxiha. Hi bdiet twieġeb bil-kalma kollha, filwaqt li tkompli tinsisti li kienet tħossha kapaċi li tieħu fuq spallejha dak il-piż, u li bl-għajnuna ta’ Alla kienet tittama li twettaq dik il-ħidma diffiċli li kellha tieħu.”

Dan l-indħil daqshekk deċiż, u li ħadd ma stennieh kien biddel il-qagħda drammatika ta’ dak il-waqt. Dun Diacono, li kien wasal għad-deċiżżjoni li jerġa’ jibgħat lis-sorijiet fil-familji tagħhom u b’hekk isiru sekulari, issa ħassu obbligat li jieqaf mill-pjan tiegħu u s-sorijiet preżenti ħadu r-ruħ. Mill-erbgħa li kienu lesti li jitilqu, tnejn baqgħu ma’ Madre Margerita, deċiżi li kellhom jgħinuha fl-opra tagħha biex issewwi s-sitwazzjoni: huma Madre Rożalija u Madre Katerina, li baqgħu fil-Kongregazzjoni sal-mewt. Anzi, Madre Rożalija li kienet minn Kerċem, saret Suprjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni mill-1901 sal-1906. Mill-grupp tal-oħrajn, il-maġġoranza ddeċidiet li tibqa’ u ftit biss telqu, minħabba n-nuqqas ta’ kuraġġ li kellhom quddiem dik il-qagħda mwiegħra.

Dan il-fatt jimmarka bidla deċiżiva fl-istorja tal-Kongregazzjoni u fil-ħajja ta' Madre Margerita. Il-Kongregazzjoni donnha toħroġ mill-istat ta' tfulija li kienet fih, u tidħol fl-età matura. Minn dan il-waqt, Madre Margerita tibda, mingħajr ma taf kif u mingħajr ftaħir, l-azzjoni vera tagħha ta' fundatriċi. Din il-ħidma tagħha hi tibdieha wara indħil dirett magħmul minn Alla. Din kienet il-fehma dejjiema tas-sorijiet anzjani. Marija Luisa Busuttil, li kienet is-sitt Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni, hekk tikteb:

*"Filwaqt li kienet mehdija f'ħajja ta' ġabra u skiet, Madre Margerita kienet tassew imnebbħa mis-sema f'dak il-waqt ta' twegħir, jekk ħassitha kapaċi li tieħu fuq spallejha tant responsabbiltà bħal din f'opra li kienet bdiet biss seba' snin qabel, u li kienet mhedda li tintemm."*

## Kapitlu 13

## MADRE MARGERITA
## L-EWWEL SUPERJURA ĠENERALI TAL-KONGREGAZZJONI

L-episodju li għadna kemm fakkarna jħallina b'ħafna mistoqsijiet li mhux faqli nagħtuhom tweġiba. Ma nistgħux nifhmu, per eżempju, għaliex Dun Diacono, li wara kollox kien raġel ta' fidi kbira, ta' mħabba qawwija għall-Knisja u ta' spiritwalità profonda, seta' wasal għal dan il-ġest ta' suwiċidju tal-Kongregazzjoni. Ma nistgħux nifhmu kif hu pprova jtemm b'mod mhux ta' min ifaħħru, dik l-opra li tant ħabb u li kellha tagħtih tant merti quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. Huma tassew misteri tal-qalb tal-bniedem! Imma minn din il-ġrajja nistgħu nikkonkludu wkoll ħaġa oħra: il-fatt li Dun Diacono beda aktar jitbiegħed b'mod deċiżiv mill-Kongregazzjoni. Tassew, hu baqa' dejjem juri lejha dik ir-rabta affettiva u spiritwali, imma qatt aktar ma kellu awtorità fiha, u lanqas qatt aktar ma kellu magħha xi relazzjoni ġuridika jew ekonomika. Il-Kongregazzjoni bdiet dejjem ikollha awtonomija aktar sħiħa, kienet kapaċi tmexxi lilha nfisha taħt il-ħarsien u l-appoġġ tal-isqof djoċesan, li baqa' bħala s-superjur estern u l-ħarries tagħha.

Fil-15 ta' Frar 1889 l-isqof t'Għawdex Monsinjur Pietru Pace ġie mċaqlaq mid-djoċesi tiegħu għall-arċidjoċesi ta' Malta, li fiha, ftit xhur qabel, kien miet l-arċisqof Carmelo Xicluna (1800 – 1888). Bit-trasferiment ta' Monsinjur Pace għas-sede ta' Malta, is-sorijiet Franġiskani tilfu ħabib kbir, benefattur u ħarries. Iżda anke fis-sede ġdida tiegħu, hu baqa' l-benefattur u l-ħarries tas-sorijiet, tant li ħejjielhom fundazzjonijiet oħrajn f'Malta u, fuq kollox, għen bil-mezzi kollha li kellu t-twaqqif importanti tal-ewwel kunvent barra minn Malta, fil-gżira ta' Corfù, li dwaru nitkellmu aktar 'il quddiem.

Warajh sar isqof t'Għawdex Monsinjur Ġwanni Marija Camilleri, Patri Agostinjan (1843 – 1925), li okkupa s-sede tiegħu għal 36 sena, sakemm fl-1924 irtira għal ħajja privata. Anke Camilleri kien ħabib u benefattur tal-komunità tas-Sorijiet Franġiskani. Hu dejjem ħa ħsiebhom mill-qrib, kif ikollna okkażjoni li naraw diversi drabi, u dejjem żamm l-aqwa relazzjonijiet ma' Madre Margerita.

Ftit xhur wara d-dħul tiegħu fid-djoċesi, Camilleri sejjaħ l-ewwel Kapitlu Ġenerali ttas-sorijiet Franġiskani, li kien sar taħt il-presidenza tiegħu fil-Casa Madre fl-10 ta;

Ġunju 1889. Dik il-ħabta l-Kongregazzjoni kellha 44 soru. Dan kien numru mhux ħażin, jekk wieħed jaħseb għat-taqlib li s-sorijiet kienu għaddew minnu s-sena ta' qabel. Kien numru li kellu jiżdied dejjem aktar permezz tal-ħafna vokazzjonijiet li kienu jiġu miż-żewġ gżejjer f'ritmu bla jaqta'.

L-ewwel dmir tal-kapitulari kien dak li jinnominaw il-Madre Ġenerali. Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù ġiet eletta b'maġġoranza kbira ta' voti.

Ma nistgħux niskantaw minn dan ir-riżultat; konna niskantaw kieku ġara l-maqlub. U nistgħu naħsbu li lanqas is-sorijiet ma skantaw b'din l-elezzjoni, la dawk li kienu ġewwa l-Kapitlu u lanqas l-oħrajn li ma daħlux. L-unika waħda li kienet mistagħġba kienet Madre Margerita nfisha. Dik il-ħabta kienet lanqas biss għalqet 27 sena, u kulħadd kien jaf kemm kienu iebsin il-problemi li kellha tħabbat wiċċha magħhom. Imma fin-nomina tagħha hi kienet għarfet ir-rieda ta' Alla, li minnu kienet tistenna kull għajnuna. Kien Alla li riedha f'dak l-uffiċċju u għalhekk ma kienx fadlilha xejn aktar għajr li tbaxxi rasha u tobdi. Mill-banda l-oħra, l-imħabba lejn il-Kongregazzjoni għażiża tagħha, li issa kienet saret il-familja spiritwlai ġdida tagħha, kienet tagħtiha kuraġġ biex ma tibżax quddiem ix-xkiel u s-sagrifiċċji. Għaldaqstant hi aċċettat mingħajr ma ċaħdet għall-madmad li kellha tieħu fuq spallejha. Malajr hi wriet ruħha bħala l-persuna l-aktar tajba biex tieħu f'idejha t-treġija tal-Kongregazzjoni f'dak il-waqt.

Mal-awguri u x-xewqat tajba li, f'dik iċ-ċirkustanza waslulha minn ħafna bnadi, ta' min iżid waħda li ċertament ħadet gost biha b'mod partikulari. Din kienet l-ittra ta' awguri tal-kappillan tal-Qala, Dun Diacono. Wara l-episodju li tkellimna dwaru aktar 'il fuq faċli li naħsbu li bejn il-"fundatur" u l-komunità ta' Triq Palma kien hemm ċertu nuqqas ta' kuntatt u relazzjonijiet kemmxejn bierda. Imma ż-żmien isewwi l-ġrieħi u Dun Diacono, wara li għaddiet l-impressjoni ta' dak il-mument, kien reġa' lura għall-atteġġjament soltu tiegħu ta' ħbiberija li, wara kollox, qatt ma kien tilfu.  Malli rċieva l-aħbar tan-nomina ta' Madre Margerita, li forsi għalih kienet sorpriża, fil-11 ta' Ġunju ħa f'idejh il-pinna u kiteb lis-Superjura Ġenerali l-ġdida ittra twila ta' erba' folji kbar, li tkun ħaġa xierqa li nġibuha kollha. Imma biżżejjed inġibu xi biċċiet minnha hawnhekk:

*"Jien naf, Reverenda Madre Superjura, li d-dmir ta' kull Superjura hu gravi, iebes, jista' jdejjaq u għalhekk diffiċli: ċertament hu aktar diffiċli d-dmir ta' Superjura ta' komunità reliġjuża, ta' komunità ta' aktar minn erbgħin soru kkonsagrati kollha*

*kemm huma għar-Redentur Divin bħala għarajjes veri tiegħu ... Jiena ma nistax nonqos milli nifraħlek għaliex inti reliġjuża privileġġjata, talli ġejt imtella' Superjura tal-komunità għażiża tagħkom. Ħutek is-sorijiet żgur mhux se jiddispjaċihom tal-vot li tawk."*

Dun Diacono kien jara f'din l-elezzjoni xi ħaġa providenzjali, wieħed minn dawk il-fatti li qatt ma ħaseb dwaru u li ltaqa' magħhom diversi drabi, li hu la kien fittixhom u lanqas riedhom, iżda li mbagħad, mil-lat prattiku, kienu dehru bħala l-aktar adatti u l-aktar jaqblu mar-rieda qaddisa ta' Alla:

*"La tiddubitax minn dak li se ngħidlek: l-elezzjoni tiegħek hi opra ta' Alla. Il-Mulej ried li int tiġi magħżula biex mill-ġdid tmexxi l-komunità tiegħek ... u jekk is-sema ried l-elezzjoni tiegħek, int għandek tittama wkoll li kull għajnuna se tiġik mis-sema."*

Niftakru anke issa l-ġudizzji tant negattivi u li żgur ma tawx kuraġġ lil Madre Margerita , li Diacono kien għamel dwar il-kapaċita tagħha li tmexxi lis-sorijiet: "Int m'intix kapaċi lanqas li tgħolli ħarstek mill-art, int m'int se tkun qatt kapaċi li tmexxi 'l quddiem il-ħidmiet tal-komunità". Issa li qiegħed jaraha quddiemu bħala Superjura Ġenerali hu faċli li wieħed jaħseb li, xi ħjiel, almenu indirett, għal dan in-nuqqas ta' fiduċja tiegħu fiha żgur ma kienx se jonqos.  Iżda, għall-kuntrarju, hu ma jitkellimx dwar dan. Mhux biss, imma f'din in-nomina, hu jara l-premju għall-virtujiet tal-magħżula:

*"Jekk hu veru, kif jiena ċert, li l-Mulej iħallas lill-fidili tiegħu mhux biss bil-premju tas-sema, imma anke f'din id-dinja bid-doni u l-benefiċċji tiegħu, filwaqt li jkattar bil-mija fil-wieħed dak kollu li huma joffrulu, hu stess jagħmel tajjeb għad-dgħufija tagħkom filwaqt li jkattar bil-mija fil-wieħed id-dispożizzjonijiet twajba tiegħek ta' umiltà, ta' ċaħda, ta' ħeġġa, ta' fedeltà u tant oħrajn."*

Il-provi ta' din il-bidla fl-istima ta' Diacono tal-kapaċitajiet tal-Madre Ġenerali l-ġdida hi t-"Talba tas-Superjura", li f'dik iċ-ċirkustanza hu ried isawwar apposta għal Madre Margerita, li kien iqisha bħala l-wild spiritwali. Hi talba kemmxejn twila, imma naħsbu li hi ħaġa xierqa li nġibuha kollha:

*"Hawn jien, Ġesù maħbub tiegħi, li għadni kemm ġejt magħżula biex immexxi l-komunità li tant swietlek grazzi u benefiċċji. Jiena nistqarr li ma jistħoqqlix u lanqas jien kapaċi li naċċetta dan l-uffiċċju tant kbir, mhux biss minħabba d-dgħufija tiegħi komuni, imma wkoll minħabba tant affarijiet oħrajn.*

*Iva, jien nistqarr bla tlaqliq, sallum jien mhux dejjem weġibt bil-qalb għad-dmirijiet tiegħi mhux biss ta' Superjura, imma anke, u din hi l-agħar ħaġa, ta' Kattolika vera. Jien jiddispjaċini b'qalbi kollha u nitolbok maħfra.*
*Imma jien nixtieq nitolbok bil-ħerqa din il-grazzja wkoll, jiġifieri li ma tippermettix li jiena nkun qatt ta' xkiel għall-erwieħ twajba li int afdajtli,. Le, Mulej, nixtieq aktar immut milli nkun kawża ta' xi deni, anke jekk ħafif, għal ruħ waħda biss li int fdejt. Jalla jogħġbok, Ġesù tiegħi u għarus tiegħi, li tilqa' din it-talba tiegħi, mhux minħabba fija, imma għall-akbar glorja tiegħek.*
*Jien nagħti lili nnifsi kollni kemm jien lilek, nagħtik ruħi, ġismi u ħajti. Minkejja li ma jistħoqqlix, nerġa' ntenni, jiena noffri lili nnifsi mal-ewwel u nissagrifika lili nnifsi għall-ġid tal-komunità mħollija f'idejja. Għalhekk qatt ma naqta' qalbi, għax jien irrid nittama fl-għajnuna mqaddsa tiegħek, u ma nibżax naħli l-ħsibijiet, l-istudju, it-tbatijiet, u ċ-ċaħdiet tiegħi għal dan l-iskop.*
*Agħmel, o Feddej tiegħi, li din l-għotja tiegħi tasal quddiemek, u li jiena niġi mgħallma, mħeġġa u mħarsa mis-Saċerdoti li taw il-ħidma tagħhom b'riżq il-komunità. Qaddes lilhom l-ewwel, ħalli huma jkunu jistgħu jqaddsu lili.*
*Agħmel ukoll li jiena nkun nista' ngħin lil kull waħda minn ħuti s-sorijiet biex tilħaq il-perfezzjoni. Agħti lil kull waħda dawk il-grazzji li hi għandha bżonn. Jiena noffrihomlok kollha miegħi, kif ukoll flimkien ma' dawk l-erwieħ li jieħdu l-ġid jew jixtiequ jieħdu l-ġid mill-komunità. Sa fejn nista', jien noffri l-merti tiegħi kollha u dawk ta' ħuti s-sorijiet bi tpattija għaż-żeblih li f'dan iż-żmien ta' telfien qed tirċievi l-Qalb l-aktar adorabbli tiegħek. Hekk ikun."*
Madre Margerita għażlet kamra fil-Casa Madre għall-uffiċċju u biex fiha twettaq id-dmir tagħha ta' Madre Ġenerali. Din il-kamra, minn dak iż-żmien, bdiet tiġi okkupata mis-Superjuri Ġenerali l-oħrajn li ġew warajha. Mix-xellug tal-"loġġa" kuridur ċkejken kien jieħu għall-ewwel kamra, li kellha ssir l-uffiċċju, kif ukoll għal kamra oħra, li fiha kienet tgħix Madre Margerita. F'din it-tieni kamra kien hemm ganċ tal-metall mal-ħajt biex miegħu ddendel ħwejjiġha, u mbagħad kien hemm sodda tat-twavel b'saqqu tal-ħaxix u ħdejha inġinokkjatur li, bil-lejl, kienet tużah mhux anqas mis-sodda.  Kollox fi spazju ristrett ħafna. Minn dan il-post, li ħadd ma jista' jimmaġina jew jixtieq ieħor aktar "franġiskan" minnu, Madre Margerita mexxiet il-Kongregazzjoni għal tnax-il sena sal-1901.  Hemm ġraw diversi fatti soprannaturali u barra mill-ordinarju.

Fit-tinei Kapitlu Ġenerali tal-1892 u fit-tielet tal-1895 – f'dak iż-żmien il-Kapitli Ġenerali kienu jsiru kull tliet snin – Madre Margerita ġiet konfermata fl-uffiċċju tagħha għat-tieni u għat-tielet darba. Dan kien sinjal ċar li t-tamiet li kienu qiegħdu fiha s-sorijiet ma kinux naqsu li jiġu mwettqa. Fil-Kapitlu Ġenerali tal-1901 ġiet eletta Superjura Ġenerali Madre Rożalija tal-Kustat Imqaddes, Vinċenza Vella minn Kerċem, u Madre Margerita ġiet eletta Vigarja.

## Kapitlu 14

## L-APPROVAZZJONI PONTIFIĊJA
## TAL-KOSTITUZZJONIJUIET U TAL-KONGREGAZZJONI

Kull komunita', kemm żgħira kif ukoll kbira, għandha bżonn ta' liġijiet preċiżi biex tgħix u taħdem fl-ordni u l-paċi, ħalli l-membri kollha jkunu jafu l-post li jrid jokkupaw, il-kamp ta' ħidma li jridu jagħmlu, u t-tip ta' xogħol li jridu jwettqu. Il-liġijiet huma mportanti f'komunitajiet żgħar, bħalma hi l-familja, kif ukoll fil-kbar, bħalma huma l-bliet, in-nazzjonijiet u l-gvernijiet. Mingħajr il-fedeltà lejn dawn il-liġijiet, hu mpossibbli li wieħed isib l-armonija u l-progress fil-ħajja komunitarja. Mingħajr liġijiet fissi ssaltan l-anarkija, il-konfużjoni, l-inċertezza u l-akbar diżordni. Dawn il-liġijiet, jew kodiċi ta' ħajja komunitarja, fil-komunitajiet reliġjużi jissejħu Regoli u Kostituzzjonijiet. Iż-żewġ ismijiet għandhom x'jaqsmu mal-istess ħaġa, u xi drabi huma meqjusin l-istess. Imma, fil-pjan ġuridiku hemm differenza bejniethom, li wieħed irid iqisha. Ir-Regola hija l-liġi magħmula fuq pjan aktar ġenerali, filwaqt li l-Kostituzzjonijiet jinżlu aktar fl-irqaqat proprji ta' kull Kongregazzjoni reliġjuża partikulari.

Fil-komunità ta' Triq Palma kienet ġiet maħtura r-Regola Franġiskana, li hi komuni għal tant Istituti oħrajn ta' rġiel u nisa reliġjużi fil-Knisja, li jieħdu l-ispirazzjoni tagħhom mill-iskola ta' spiritwalità tal-qaddis ta' Assisi. Fil-każ tas-sorijiet tagħna dan kien ġara fis-7 ta'ġ Mejju 1885, meta Monsinjur Pietru Pace, isqof ta' Għawdex, ta lil Madre Rożanna Gauci, il-Vigarja, it-test tar-Regola tat-Tielet Ordni ta' San Franġisk t'Assisi. Flimkien mat-test tar-Regola, l-isqof kien żied it-test tal-Kostituzzjonijiet, imma li kienu biss *ad experimentum,* jiġifieri bi prova, sakemm issir redazzjoni ġdida tal-Kostituzzjonijiet, li aktar taqbel mal-ħtiġijiet tal-komunità ta' Triq Palma.

Madre Margerita, li bħala Segretarja Ġenerali l-ewwel u mbagħad bħala Superjura Ġenerali, dejjem ħassitha mdaħħla fil-ħajja u fit-treġija tal-familja reliġjuża ġdida tagħha, mal-ewwel fehmet l-importanza u l-bżonn li din ikollha liġijiet miktubin li jfasslu fid-dettalji kollha d-dmirijiet ta' kull imsieħba, bħala għajnuna għat-tqaddis personali, għall-ġid tal-komunità u għall-qadi tal-Knisja. Għaldaqstant, hi kienet inxteħtet mal-ewwel għad-dmir li tara li l-Kongregazzjoni jkollha liġijiet stabbli.

Dan kien wieħed mill-punti li l-aktar kienet tagħtihom importanza fit-tagħlim tagħha lil ħutha s-sorijiet. Il-Kostituzzjonijiet kellhom iservu biex jgħaqqdu r-relazzjoni tal-individwi ma' dik ta' Alla u mal-komunità u fl-istess ħin li jfasslu l-post li kull imsieħba kellha tokkupa u d-dmirijiet li kellha twettaq, biex juru l-mixja biex tħossha ferħana bl-għażla tagħha u biex kull soru tista' tidħol aktar faċilment u b'mod aktar żgur fl-ap;ostolat għall-qadi li l-Kongregazzjoni, il-komunità u kull reliġjuża, kulħadd skont l-istat tiegħu, huma msejħin li jwettqu fil-Knisja. Jekk is-sorijiet kollha, u l-aktar dawk li kienu jagħmlu parti mill-Kunsill Ġenerali, kienu jħossuhom mgħobbijin b'dan id-dmir u ingħataw b'ruħhom u b'ġisimhom għall-ħidma tar-redazzjoni mill-aktar perfetta possibbli ta' dawn il-liġijiet, ħafna aktar minn kulħadd kienet tħossha responsabbli u interessata Madre Margerita. Għal dan l-iskop hi kienet taħdem bla heda, kienet titlob pariri u suġġerimenti mingħand persuni kompetenti, u kienet titlob b'ħeġġa kbira lill-Ispirtu s-Santu biex tirċievi minn għandu d-dawl u d-direzzjoni meħtieġa.

Skont Madre Margerita u l-Kunsill Ġenerali tagħha, il-Kostituzzjonijiet ġodda riedu jitnisslu minn żewġ għejjun ċari u li mingħajrhom ma kinux possibbli, għax minnhom kienet toħroġ l-ispiritwalità karatteristika tal-Kongregazzjoni. Dawn kienu l-għajn Franġiskana li turi l-għaqda perfetta mal-Evanġelju fl-espressjonijiet tiegħu kollha, kif xtaq il-qaddis ta' Assisi; u l-għajn Kristoċentrika mibnija fuq il-qima lejn il-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, f'kelma oħra, fuq il-post ċentrali li Kristu, ħajja tar-ruħ, irid ikollu fil-ħsieb, fl-imġieba u fil-ħidma tal-imsħbin kollha.

Dawn iż-żewġ għejjun spiritwali, it-tnejn flimkien fi qbil bejniethom, u fl-istess ħin kellhom, imbagħad, jesprimu ruħhom u jiġu applikati fi tliet direzzjonijiet, jew fi tliet oqsma li ma jistgħux jiġu mifruda minn xulxin u li jgħinu lil xulxin, jiġifieri, ir-relazzjoni ma' Alla, mas-sorijiet infushom, u mal-proxxmu.

Ir-relazzjoni ma' Alla kienet tfisser fidi, ħeġġa, tpattija, abbandun ta' wlied fil-providenza, smigħ tal-Kelma tiegħu, disponibilità assoluta biex iwettqu r-rieda tiegħu sħiħa u dejjem. Dan kollu kellu jsir b'imħabba, li hi l-qawwa li biha l-bniedem jaffronta kollox, jilqa' kollox u jirnexxi f'kollox.

*"Il-ħajja tas-sorijiet trid tkun kontinwament ħarsa lejn Alla. Alla għandu jokkupa l-ewwel post assolut f'kollox. Ir-relazzjoni ma' Alla, il-ħajja ta' għaqda miegħu, iridu jkunu fuq kollox tħassib."*

Din ir-relazzjoni ma' Alla trid tħares u tqawwi r-relazzjoni bla taqta' ma' dawk li juru 'l Alla viżibilment, jiġifieri, il-Papa, l-Isqfijiet, is-Santa Sede:

*"Is-sorijiet għandhom juru rispett umli, qima mill-aktar għolja u ubbidjenza mill-aktar qawwija għall-Papa u għall-Knisja Rumana."*

It-tliet aġġettivi umli, għolja u qawwija ma tqiegħdux hemmhekk b'kumbinazzjoni, imma b'intenzjoni evidenti u li titkellem weħidha.

Ir-relazzjoni magħhom infushom kienet tfisser umiltà, sempliċità kollha kemm hi Franġiskana, ħidma, distakk minnhom infushom, mill-familja, minn ħwejjiġhom, u faqar assolut:

*"Jekk il-ħajja tal-faqar ikkonsagrata hija xhieda partikulari li hi maħbuba mill-bnedmin, l-imħabba lejn il-faqar għandha tkun għas-Sorijiet Franġiskani l-punt li jagħmlilhom ġieħ, ħidma dejjem konkreta u li tidher."*

Ir-relazzjoni mal-aħwa l-aktar bżonjużi: edukazzjoni nisranija taż-żgħażagħ, tagħlim tar-reliġjon u katekiżmu, għajnuna materjali u morali għax-xjuħ u l-morda, imħabba lejn il-foqra kollha:

*"Għandhom jaqdu lill-foqra bil-ħlewwa, bil-ħniena, bl-imħabba, bil-paċenzja, b'impenn prudenti, mingħajr l-ebda interess uman."*

Din il-karità taħt ħafna xorta kienet ilha sejra żmien twil, tant li narawha preżenti diġà fil-bidu tal-Kongregazzjoni, li twieldet propju bl-isem ta' "Dar tal-Karità", kif niftakru.  Issa kien jonqos biss li hi tkompli miexja fuq l-istess linji mingħajr ma tabbanduna l-ebda waħda mill-attivitajiet ta' karità li kienu diġà jeżistu. Mhux biss, imma sakemm hu possibbli, kien jixraq li jiżdiedu oħrajn bħala għajnuna u biex itaffu l-ħafna miżerji umani, biex jixxottaw xi demgħa, biex jerġgħu jġibu t-tbissima fuq ix-xofftejn ta' l-aħwa li jbatu. Għalhekk il-lista tal-opri tal-Kongregazzjoni kienet titwal minn jum għall-ieħor: skejjel għas-subien u l-bniet foqra, orfanatrofji, djar ta' mistrieħ għall-anzjani, katekeżi u ħidma fil-parroċċi, ħidma fl-isptarijiet u kliniċi, u irtiri għaż-żgħażagħ u għall-kbar.

Madre Margerita qatt ma kienet tieqaf ittenni li dawn l-attivitajiet kollha kienu jitilfu s-siwi tagħhom jekk ma kinux dejjem imħeġġin mill-ispirtu ta' Ġesù Kristu; spirtu li ried jintwera anke minn barra, għall-bini tar-ruħ ta' kulħadd, proprju fil-mod li bih is-sorijiet kienu jersqu lejn il-foqra, fil-karità li biha kienu jieħdu ħsiebhom u fil-paċenzja li kienu jieħdu bihom.

Dawn l-ewwel Kostituzzjonijiet mexxew il-Kongregazzjoni tal-Franġiskani għal għaxar snin. Fl-1894, billi kiber in-numru tal-imseħbin u tal-ħidmiet tal-Kongregazzjoni fiż-żewġ gżejjer Maltin, inħass il-bżonn li jerġgħu jiġu riveduti l-liġijiet li kienu mħarsa sa dak il-ħin u jiġu aġġornati għall-bżonnijiet ġodda. Fl-1894 Madre Margerita, bil-parir tal-Kunsill tagħha, ippreżentat lill-isqof Camilleri t-talba li jerġgħu jiġu riveduti l-Kostituzzjonijiet.

L-isqof, bħala superjur rikonoxxut tal-Istitut, wieġeb mal-ewwel għal din ir-reviżjoni u għall-aġġornament mitlub, u fis-27 ta' Awwissu tal-istess sena, approva t-test tal-Kostutizzjonijiet bit-tibdil li sar fihom.

Fl-1917, fl-okkażżjoni tas-solennità ta' Għid il-Ħamsin, kienu għadu kemm ħareġ il-Kodiċi ġdid tal-Liġi Kanonika, li kien riedu l-Papa Piju X. Dan il-Kodiċi kien ġie msawwar mill-Kardinal Pietro Gasparri, u ġie promulgat mill-Papa Benedittu XV. Minn dak il-waqt 'il quddiem ir-Regoli u l-Kostituzzjonijiet tal-Ordnijiet kollha maskili u femminili tad-dinja kellhom jaqblu ma' dan il-Kodiċi l-ġdid.

L-isqof Camilleri qiegħed il-Kostituzzjonijiet tas-Sorijiet Franġiskani taħt eżami ġdid, biex b'heklk jagħmillhom it-tibdil, li fil-fatt ma kienx radikali, li suppost li kellu jsir skont il-liġi l-ġdida tal-Knisja. It-test il-ġdid ġie ppreżentat lis-sorijiet bħala test *ad experimentum* (bi prova) minn Madre Margerita b'ittra ċirkolari tal-1 ta' Ġunju 1917:

*"Ħuti, ngħarrafkom li intom obbligati li tħarsu l-Kostituzzjonijiet il-ġodda, li ġew mibdula xi ftit, flok l-oħrajn li ħaristu sa issa. Dinl-osservanza għandha valur għal sena, b'esperiment, u għandha tibda fis-7 ta' dan ix-xahar, solennità tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej.*

*Matul dan iż-żmien is-Superjuri għandhom jaqraw dawn il-Kostituzzjonijiet b'attenzjoni kbira, jispjegawhom lis-Sorijiet u jinnutaw il-punti kollha li jidhrilhom li ma jistgħux jiġu mħarsa ħalli, hekk kif tintemm is-sena tal-prova, il-Kunsill Ġenerali, flimkien mas-Superjura lokali, mad-Direttri1i tas-sorijiet li għadhom kemm ipprofessaw u mal-Majjistra tan-novizzi, wara li jkunu għamlu d-diskussjonijiet meħtieġa, jistgħu jiġġudikaw jekk dawn il-Kostituzzjonijiet humiex adatti għall-Kongregazzjoni tagħna. Jekk il-parir tagħhom ikun li jaqblu mal-ħajja tagħna, għandna nkomplu nħarsuhom, taħt esperiment, għal ħames snin oħra."*

Dan l-eżami tal-Kostituzzjonijiet, li għalih Madre Margerita tant kienet tagħti importanza, ma kellux biss għan li jadatta u jqabbel il-ħajja tal-komunità mal-

bżonnijiet ġodda tal-leġislazzjoni tal-Knisja, imma wkoll dak li jħejji l-approvazzjoni pontifiċja tal-istess Kostituzzjonijiet u tal-Kongregazzjoni. Din kienet il-ħolma li kellu mill-bidunett Dun Diacono, u din kienet ix-xewqa li tant drabi wriet Madre Margerita. Matul kważi ħamsin sena ta' ħajja l-Kongregazzjoni kienet għamlet passi kbar 'il quddiem u kienet laħqet għanijiet importanti. Flimkien mal-ħafna djar li kienu nfetħu f'Għawdex u f'Malta, kienet żdiedet il-fundazzjoni tad-dar ta' Corfù, u kien hemm il-ħsieb li jitwaqqfu djar oħrajn fl-Italja. Kien dejjem aktar jinħass il-bżonn li l-Kongregazzjoni tinħall mil-limiti ta' djoċesi ċkejkna biex tieħu dimensjonijiet mondjali. L-isqof Camilleri nnifsu, li ma kienx imħasseb mill-fatt li kienet se tonqoslu l-awtorità fuq l-Istitut, jekk dan jakkwista l-approvazzjoni pontifiċja, kien iħeġġeġ din it-tendenza , u kien jgħinha bil-kuntatti tiegħu mad-dikasteri kompetenti tal-Kurja Rumana. Bl-approvazzjoni pontifiċja l-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani setgħet tqis lilha nfisha kapaċi li twassal fil-kontinenti kollha l-messaġġ tagħha ta' paċi u ġid għat-tixrid tas-saltna ta' Kristu.
Wara li għaddew is-sitt snin ta' prova u saru l-korrezzjonijiet meħtieġa lit-test tal-Kostituzzjonijiet dwar dawk il-punti li l-aktardehru li kellhom bżonn jinbidlu, fis-sajf tal-1921 l-isqof Camilleri, wara li hu nnifsu kien approva l-Kostituzzjonijiet fil-5 ta' Awwissu 1921, għamel it-talba tal-approvazzjoni tat-test il-ġdid quddiem is-Sagra Kongregazzjoni tar-Reliġjużi. Madre Margerita, li kienet Superjura Ġenerali, hekk kitbet lis-sorijiet fl-ittra ċirkolari tagħha tat-28 ta' Lulju 1921:
*"B'ferħ kbir ngħarrafkom li l-Kongregazzjoni tagħna, bl-għajnuna tal-ħniena t'Alla, issa waslet biex tippreżenta l-Kostituzzjonijiet tagħna quddiem is-Sagra Kongregazzjoni tar-Reliġjużi. Dawn il-Kostituzzjonijiet ġew mill-ġdid imsawra u mibdula skont il-Kanoni tal-Kodiċi l-ġdid tal-Liġi Kanonika, u minna diġà ġew imħarsa għal numru ta' snin.*
*Intom tafu sewwa l-importanza ta' dan il-pass u kemm talb u sagrifiċċji hemm bżonn nagħmlu biex nitolbu din il-grazzja mingħand il-Mulej. Għaldaqstant, qabel xejn, nitlob minnkom li tħarsu bir-reqqa dawn il-Kostituzzjonijiet ħafna aktar milli ħaristuhom fil-passat ...:"*
Il-ħeġġa tal-istennija u tax-xewqat ta' Madre Margerita u tas-sorijiet kollha li jkollhom l-approvazzjoni tal-Papa, iżda, ma kinitx daqshekk qawwija f'Ruma. Ruma qatt ma għandha għaġġla. Timxi dejjem bil-prudenza, teżamina bir-reqqa l-aspetti kolla tal-problemi. Biss wara li tasal għaċ-ċertezza morali li hi meħtieġa,

tasal għall-konklużjoni u tagħti l-ġudizzju tagħha. Hekk ġara wkoll fil-każ tal-Kostituzzjonijiet tas-Sorijiet Franġiskani.

Id-"Decretum Laudis" li, skont kif isir fil-Kurja Rumana, jiġi dejjem qabel l-approvazzjoni definittiva, u sa ċertu punt jiżguraha, intbagħat il-Casa Madre f'Għawdex biss sittax-il sena wara, jiġifieri, fit-2 ta' Lulju 1937. Il-Kostituzzjonijiet tas-Sorijiet Franġiskani kienu ġew aċċettati *ad experimentum* għal seba' snin u "mfaħħra" mis-Santa Sede. Dan kien ifisser li laħqu għan importanti, anke jekk mhux definittiv.

Il-ferħ li kien hemm fid-djar kollha tas-Sorijiet Franġiskani ma nistgħux niddiskrevuh, kif wieħed jista' jimmaġina. B'liema ħeġġa u sens ta' radd il-ħajr lejn Alla u lejn is-Santa Sede s-sorijiet ħadu f'idejhom il-librett imbierek u bisuh. Dan nafuh mill-kronaka tal-Casa Madre:

*"Ġiet imsejħa mal-ewwel il-Komunità fil-kappella, u wara li tqiegħed it-test tal-Kostituzzjonijiet fuq l-altar, il-Madre Ġenerali (li dak iż-żmien kienet Madre Nazarena Gouder, quddiem Madre Margerita li dik il-ħabta kienet Kunsilliera Ġenerali) għarrfet lis-sorijiet l-aħbar it-tajba. Kulħadd qal it-Te deum ta' radd il-ħajr filwaqt li kull soru bieset it-test tal-Kostituzzjonijiet. Imbagħad marru mal-ewwel il-Kurja biex jinfurmaw bl-aħbar it-tajba lill-isqof ta' Għawdex, Monsinjur Mikiel Gonzi" (10 ta' Settembru 1937).*

L-approvazzjoni definittiva waslet għaxar snin wara, fit-23 ta' Diċembru 1946. F'dak il-jum, il-Kardinal Luigi Lavitrano, Prefett tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Reliġjużi, kien ġie milqugħ f'udjenza mill-Papa Pinu XII, li kien ippreżentalu l-inkartamenti kollha li kellhom x'jaqsmu mal-każ tas-Sorijiet Franġiskani, l-ittri kommendatizji tal-isqfijiet tad-djoċesijiet li fihom kienu jinsabu d-djar tal-Istitut, ir-relazzjoni li kien ippreżenta l-Kunsill Ġenerali, u l-vot tal-Kummissjoni tar-Reverendissimi Konsulturi. Il-Papa, b'digriet li hu iffirma dak l-istess jum, approva b'mod definittiv il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani li issa saret Kongregazzjoni ta' dritt Pontifiċju, u approva l-Kostituzzjonijiet tagħhom.

Mill-jum tal-fundazzjoni tal-Kongregazzjoni, jiġifieri mit-18 ta' Ottubru 1880, kienu għaddew 66 sena. Kemm ġrajjiet, kemm provi, kemm tbatijiet, imma fl-istess waqt kemm progressi, kemm rebħiet, u għalhekk kemm raġunijiet għaliex is-sorijiet ikunu ferħana u mimlijin radd il-ħajr 'l Alla għal dak iż-żmien li kien tul aktar minn nofs seklu! Issa fl-aħħarnett, permezz tas-siġill ta' Pietru, li kien is-siġill ta' Alla,

kienet wslet l-istabilità. Issa l-Kongregazzjoni setgħet timxi ‘l quddiem żgura minnha nfisha. L-approvazzjoni pontifiċja kienet għan tant mistenni u milħuq b’mod definittiv, waqfa ta’ mistrieħ fuq ir-rand tar-rebħa. Imma fl-istess waqt, kienet ukoll waqt ta’ tluq lejn il-ġejjieni, kienet il-bidu ta’ ġrajjiet oħrajn, kienet raġuni għaliex il-Kongregazzjoni kellha tinxteħet b’ħeġġa ġdida għar-rebħa tad-dinja lejn Alla u għas-salvazzjoni ta’ tant erwieħ. Fil-kronaka tal-Casa Madre naqraw:

*“Illum hi data li ma tintesa qatt fl-istorja tal-Istitut tagħna. Waslet telegramma li ma konniex qed nistennewha, u li ġabitilna l-aħbar ta’ ferħ li l-Kostituzzjonijiet tagħna ġew definittivament approvati mis-Santa Sede u li l-Istitut issa sar wieħed ta’ Dritt Pontifiċju”* (23 ta’ Jannar 1947).

Madre Margerita, li kienet l-ewwel waħda li stinkat b’ħila għal dak il-waqt importanti, kienet dik li ferħet aktar minn kulħadd.

Il-Kostituzzjonijiet, li ġew approvati minn Ruma u saru l-liġi tal-ħajja tas-sorijiet, kienu frott tal-ħidma ta’ Madre Margerita mhux biss għax, fil-parti l-kbira tagħhom, kienu ħarġu mill-pinna tagħha, imma l-aktar għaliex kienet hi stess li għexithom mill-qiegħnett u kienu ħarġu tassew minn qalbha. Hi kienet l-iskola ħajja tar-Regola. Lejha kienu jħarsu uliedha s-sorijiet, u lejha jibqgħu jħarsu uliedha taż-żminijiet kollha.

Hu fl-ispirtu u fid-dawl tal-eżempji ta’ Madre Margerita li l-Kostituzzjonijiet reġgħu ġew eżaminati u aġġornati mill-Kapitlu Speċjali tal-1969, u minn dak tal-1984, u fl-aħħarnett approvati mis-Santa Sede fit-3 ta’ Mejju 1985.

**Kapitlu 15**

## ĦEĠĠA TA' TWAQQIF TA' DJAR ĠODDA
## 1889 – 1900

L-ewwel tnax-il sena tas-superjorat ta' Madre Margerita – hi terġa' tiġi magħżula għal dan l-ogħla uffiċċju tal-Kongregazzjoni għas-sitt darba fl-1917, kif naraw – kienu karatterizzati b'ħeġġa kbira għat-twaqqif ta' djar ġodda. F'dan il-perjodu saru sitt fundazzjonijiet, kollha importanti għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-Kongregazzjoni li kienet għadha żagħżugħa.

Dawn il-fundazzjonijiet saru kollha fil-gżira ta' Malta. L-ebda waħda minnhom ma kienet fil-gżira ta' Għawdex. Dan jurina żewġ affarijiet: qabel xejn li l-ħsieb qadim ta' Dun Diacono, li kien baqa' mwaħħal li jrid vokazzjonijiet, djar u opri biss Għawdxin, kien twarrab għal kollox u l-Kongregazzjoni bdiet tħares lejn il-missjoni tagħha b'għajnejn aktar "kattoliċi", jiġifieri universali; u fl-istess ħin jurina li Monsinjur Pietru Pace, li kien sar arċisqof ta' Malta, ma kienx nesa s-sorijiet tiegħu ta' Triq Palma, u riedhom ħdejh biex jaħdmu fl-arċidjoċesi tiegħu. Dawn il-fundazzjonijiet kollha, fil-fatt, kienu mqajmin u megħjunin minnu personalment.

Dawn il-fundazzjonijiet, fi żmien ta' ftit snin, juruna anke kif in-numru tar-reliġjużi sorijiet kien dejjem jikber. Mingħajr id-dħul ta' ħafna vokazzjonijiet mhux possibbli naħsbu li kienu jsiru fundazzjonijiet ġodda oħrajn. Meta naħsbu li kull ħidma għall-iskola, għall-għajnuna lill-bniet, u għal kull ħtieġa oħra, kellha bżonn ta' numru tajjeb ta' sorijiet, minn ħamsa sa għaxra skont il-każijiet, nistgħu ngħodedu bejn wieħed u ieħor in-numru ta' sorijiet ġodda li kienu żdiedu mal-komunità f'dawn is-snin. Ħafna minn dawn il-vokazzjonijiet ma kinux jiġu biss min Għawdex, imma anke minn Malta. Il-fundazzjonijiet f'Malta, fil-fatt, kienu l-isbaħ riklam vokazzjonali li s-sorijiet setgħu jagħmlu, u li ħadem mija fil-mija.

Fl-aħħarnett, dawn il-vokazzjonijiet, li dejjem nibtu mill-postijiet fejn kienu s-sorijiet juruna l-istima kbira li l-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani kellha mhux biss fil-Knisja imma wkoll fis-soċjetà ċivili. It-talbiet għat-twaqqif ta' djar tas-sorijiet, kif naraw, kienu jiġu s-soltu mill-kleru, mill-arċisqof, mill-kanonċi jew minn saċerdoti u reliġjużi sempliċi, imma mbagħad insibu li kien ikollhom l-appoġġ sħiħ tal-awtorità ingliża li kienet tmexxi l-gżejjer Maltin. Is-Sorijiet Franġiskani kienu

jsibu l-bibien miftuħa beraħ għalihom. Jekk id-diffikultajiet tal-fundazzjonijiet ġodda ma kinux jonqsu – u kienet ħaġa tajba li ma jonqsux – huma kienu jqumu kollha kawża tal-faqar tan-nuqqas ta' mezzi materjali, tan-nuqqas mhux biss tal-ġid żejjed, imma saħansitra ta' dak neċessarju. Dawn id-diffikultajiet qatt ma kienu riżultat ta' ostakli jew bsaten fir-roti min-naħa tal-awtorità ekkleżjastika jew ċivili. Meta Madre Margerita, fl-10 ta' Ġunju 1889, ħadet f'idejha t-tmexxija tal-Kongregazzjoni, kienu jeżistu f'Malta diġà żewġt idjar tal-Franġiskani, id-dar ta' Birkirkara, li dwarha diġà tkellimna, u l-istitut ta' Fra Diegu, l-Ħamrun, li kien infetaħ fl-1887.

L-ewwel tliet fundazzjonijiet li saru minn Madre Margerita f'Malta huma kollha tal-1889, tnejn minnhom l-Isla u waħda Bormla.

Fl-Isla, permezz tal-interess tal-arċisqof Monsinjur Pace, kienet ingħatat lis-Sorijiet Franġiskani t-tmexxija tal-ospizju ta' Sant'Anna. Magħquda mal-isptar kien hemm ukoll il-knisja dedikata lil din il-qaddisa, fejn is-sorijiet organizzaw l-iskola tad-duttrina nisranija u fejn ħadu ħsieb l-għaqdiet taż-żgħażagħ li kienu diġà jeżistu fil-parroċċa. Ftit wara, f'Settembru 1889, fetħu fl-istess belt skola għall-bniet foqra.

It-tielet fundazzjoni għal dik is-sena saret fil-belt ta' Bormla, li kienet it-tielet belt fost l-aktar importanti ta' Malta dik il-ħabta, u li kellha bżonn ta' skola kattolika malajr kemm jista' jkun għat-tfal u żgħażagħ tal-post, li kienu mhedda mill-immoralità li kienet tbejjet fit-tarzna.

Bewnefatturi ġenerużi, li fosthom jiġi mfakkar b'rikonoxxenza partikulari l-kavallier Ġużepp Inglott, offrew lis-sorijiet id-dar u l-għamara biex jibdew skola għall-bniet foqra u fil-bżonn, li fiha marru ħafna minnhom mill-bidunett. Ftit wara saret żjieda fil-bini. Il-progress tal-ħidma tant kien mgħaġġel li fl-1904 inħass il-bżonn li jergġħu jitkabbru l-lokali permezz ta' bini ġdid.

Il-ftuħ tal-iskola ta' Bormla kien juri l-livell ta' kultura u ta' formazzjoni fil-kamp tat-tagħlim u fl-organizzazzjoni. Turi wkoll kemm kienu apprezzati dawn il-kwalitajiet tagħhom. Fl-1 ta' Jannar 1893 reġa' sar esperiment ġdid permezz tal-fundazzjoni tal-iskola importanti msejħa Tal-Pilar fil-Belt Valletta. Is-sorijiet kienu ġew imsejħin minn Monsinjur Luigi Farrugia, kanonku tal-kattidral, li kien ilu tliet snin imexxi l-"Iskola tal-Providenza" għall-bniet foqra, li kien waqqaf ħdejn il-knisja tal-Madonna tal-Pilar, li antikament kienet tal-Kavallieri tal-lingwa ta'

Aragona. Farrugia kien stinka bis-sħiħ biex jgħin spiritwalment lil dawk il-bniet foqra, imma kien intebaħ li r-riżultati tal-ħidma tiegħu kienu ftit u għalhekk kien ħabat jaqta' qalbu. Kien hemm bżonn ta' metodi oħrajn, u l-aktar ta' għalliema oħrajn, u għalhekk hu ġewh f'rasu s-Sorijiet Franġiskani, li laqgħu l-offerta tiegħu bl-akbar sodisfazzjoni ta' kulħadd, kemm tal-arċisqof, kif ukoll tal-awtorità ċivili u tal-popolazzjoni. Huma ħadmu taħt id-direzzjoni ta' Farrugia sal-1917, meta l-opra kollha spiċċat f'idejhom. Mill-iskola tal-Pilar ħarġu ħafna vokazzjonijiet reliġjuħi.
Seba' snin wara, fit-12 ta' Frar 1900, is-sorijiet kienu msejħin biex imexxu dar tal-anzjani ta' Ħaż-Żebbuġ f'Malta, li magħha kien hemm ukoll il-Knisja ta' San Ġużepp, u dar tal-orfni. Anke Ħaż-Żebbuġ sar, minn dak in-nhar 'il quddiem, raħal minn fejn ħarġu ħafna vokazzjonijiet Franġiskani.
L-aħħar fundazzjoni magħmula minn Madre Margerita fil-gżira ta' Malta matul l-ewwel perjodu tas-superjorat tagħha kienet id-"Dar tas-Sagra Familja" fil-Furjana. Anke din il-fundazzjoni, bħat-tnejn ta' qabilha tal-Pilar u ta' Ħaż-Żebbuġ, twieldet minn istituzzjoni li kienet diġà teżisti, imma li tħalliet f'idejn is-sorijiet ħalli jagħtuha tmexxija aktar regulari u żvilupp aktar organizzat. Id-dar tal-Furjana kienet twaqqfet minn saċerdot imħeġġeġ ta' din il-belt, Dun Ġwann Battista Zarb, bil-għan li tiġbor fiha l-bniet għat-tagħlim tar-reliġjon, u biex tħejjihom għall-ħajja ċivili u l-aktar għaż-żwieġ, ħalli b'hekk isiru aktar tajbin għala għarajjes u ommijiet. Biex tilħaq dan l-għan hu wkoll intebaħ li kellu bżonn l-għajnuna ta' istitut reliġjuż femminili li kien speċjalizzat f'dan it-tip ta' skejjel, u għalhekk hu dar għas-Sorijiet Franġiskani ta' Għawdex. Huma ġew il-Furjana, u bdew jaħdmu b'vantaġġ kbir spiritwali fid-Dar tas-Sagra Familja b'riżq il-persuni kollha ta' dawk l-inħawi, taħt it-tmexxija ta' Dun Zarb, sakemm fl-1917, hu ħalla kollox lis-sorijiet, kemm id-dar kif ukoll l-għamara, u rtira għal ħajja privata. Taħt it-tmexxija għaqlija tas-sorijiet id-dar kellha żvilupp aktar qawwi u li għadu jwettaq ħafna ġid sal-ġurnata tallum.

## Kapitlu 16

## IS-SORIJIET FRANĠISKANI F'CORFÙ
## 1907

Fir-raba' Kapitlu Ġenerali li nżamm fil-Casa Madre fis-27 ta' Mejju 1901, Madre Margerita, kif diġà għidna, ġiet mibdula fl-uffiċċju tagħha ta' Superjura Ġenerali minn Madre Rożalija tal-Kustat Imqaddes, waħda mid-dixxipli tagħha u bħalha, minn Kerċem, filwaqt li hi ġiet maħtura Vigarja Ġenerali.

Madre Rożalija, iżda, flimkien mal-erba' Kunsillieri Ġenerali, baqgħu fl-uffiċċju tagħhom għal erba' snin biss, minħabba inċident li ġara wara, jiġifieri l-kxif li n-novizzjat tagħhom, li għamluh fl-1885, kien invalidu, għax ma kienx dam kemm kienet trid il-liġi kanonika.

Billi dawn il-ħames sorijiet kellhom jirriżenjaw mill-uffiċju tagħhom, fil-5 ta' Marzu 1904, reġa' ġie msejjaħ Kapitlu Straordinarju, u għal darb'oħra reġgħet ġiet magħżula Madre Margerita bħala Superjura Ġenerali.

Fit-28 ta' Jannar 1905, ġie ċċelebrat is-sitt Kapitlu Ġenerali u Madre Margerita reġgħet ġiet ikkonfermata bħala Superjura Ġenerali. Hi damet fl-uffiċċju tagħha għal sitt snin oħra, sal-1911.

Kien f'dan iż-żmien li twasslet fit-tmiem il-fundazzjoni importanti fil-gżira ta' Corfù, fil-Greċja. Kienet l-ewwel fundazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani barra miż-żewġ gżejjer Maltin. Din il-fundazzjoni nistgħu nħarsu lejha bħala l-bidu tal-ħidma tal-Istitut fuq skala mondjali, li minn dak il-waqt kellu jkollha żviluppi oħrajn promettenti ħafna.

Il-fatt li s-Sorijiet Franġiskani spiċċaw proprju fil-gżira ta' Corfù, u mhux x'imkien ieħor, kien jiddependi minn ċirkostanzi li kienu kemm 'il bogħod kif ukoll viċin fiż-żmien. Fost iċ-ċirkustanzi li kienu 'l bogħod kellha importanza kbira l-politika tal-Ingilterra, li minnha kienet tiddependi Malta, li tisfrutta mit-tkissir u l-waqgħa tal-imperu Tork, li dak iż-żmien kien qed imajna ġmielu, billi okkupat il-punt strateġiku ta' Corfù, gżira li tinsab fid-daħla tal-baħar Adrijatiku. B'dan il-mod l-Ingilterra setgħet tikkontrolla t-traffiku kollu mill-portijiet ta' Venezja, Trieste u Pola. Fost iċ-ċirkustanzi viċini nsibu l-bżonn li xi ħadd jieħu ħsieb tal-komunità kbira ta' Maltin li, aktar tard, dejjem taħt pressjoni u inizjattiva mill-Ingilterra,

kienu emigraw fil-gżira ta' Corfù. Kien hemm bżonn li xi ħadd jgħinhom mhux biss mill-aspett reliġjuż, imma anke minn dak soċjali. Dawn il-Maltin, emigrati f'art barranija, mhux biss ma kinux sabu dak il-ġid ekonomiku li kien ġie mwiegħed lilhom u li kienu ttamaw fih, imma kienu tħallew mitluqin għalihom infushom f'pajjiż li ma kinux jafu l-ilsien tiegħu, u fejn ma kienx hemm l-istess reliġjon tagħhom. Hekk, mingħajr l-ebda għajnuna, dawn il-Maltin kienu fil-periklu li jitilfu dak kollu li kien proprju tagħhom, mhux biss id-drawwiet għeżież tagħhom iżda, fuq kollox, il-fidi u l-prattika tar-reliġjon tagħhom.

L-isqof latin ta' dawn l-inħawi, Monsinjur Teodoro Antonion Polito, imwieled f'Lulju tal-1843 u li miet fl-1911, kien interessa ruħu fil-kattoliċi Maltin, imma ma kellux ħafna riżultati, mhux biss għax ma kienx jaf l-ilsien tagħhom, iżda wkoll għax il-Maltin, min-naħa tagħhom, ma kinux jafu l-ilsien Grieg. Għalhekk hu dar lejn l-arċisqof ta' Malta, Monsinjur Pietru Pace, sabiex dan jipprovdi għall-kura spiritwali u materjali ta' dawn l-emigranti f'Corfù, billi jingħata ħaddiema reliġjużi Maltin. L-arċisqof Pace, li kien ilu jsegwi bi tħassib serju l-qagħda tal-fidili tiegħu mitluqin għal rashom f'dik il-gżira mbiegħda, mhux biss ipprovda biex jibgħat xi saċerdoti, imma saħaq kemm felaħ ma' Madre Margerita biex hi wkoll tibgħat grupp ta' sorijiet ħalli jingħataw għall-għajnuna spiritwali u skolastika tal-Maltin. Madre Margerita mal-ewwel kienet imħeġġa biex twettaq dan il-ħsieb tal-arċisqof. Kien kamp ġdid ta' apostolat li kien qed jinfetaħ għal uliedha, fejn kien hemm ħafna ħidma xi ssir u l-frott spiritwali kellu jkun tassew kbir. Imma għal fundazzjoni ġdida, u din f'art barranija u 'l bogħod, ma kinux jonqsu diffikultajiet attwali, u qabel xejn in-nuqqas ta' nies disponibbli u n-nuqqas ta' mezzi materjali.

Ma' dawn l-ewwel diffikultajiet malajr żdiedu ħafna oħrajn, li nsemmuhom bil-ħatfa: indħil politiku, biża' – ċertament iġġustifikat – min-naħa tal-Kunsill Ġenerali tal-Kongregazzjoni, dubji min-naħa ta' persuni awtorevoli qrib ħafna tal-Madre Ġenerali, qlajja' u kritika mill-popolazzjoni tal-gżira hekk kif il-proġett sar magħruf publikament. Donnu x-xitan kien deffes denbu f'kollox ħalli, bil-qawwa tiegħu kollha, jipprova jfixkel mill-bidunett dan il-proġett tant bżonjuż, urġenti u ta' min iwettqu. Madre Margerita ma qatgħetx qalbha. Hi kellha fiduċja fl-għajnuna tal-Providenza – għajnuna li mbagħad dehret b'mod tal-għaġeb – u baqgħet dejjem tippersevera fl-intenzjoni tagħha, tant li rnexxielhba tnissel fiduċja u tikkonvinċi

anke lil dawk li, minħabba l-biża’ ta’ xi pass fid-direzzjoni żbaljata jew kuraġġuż iż-żejjed, kienu dehru dubjużi biex iħeġġu l-progress ta’ dan il-proġett.
Fis-sajf tal-1907 Madre Margerita, flimkien ma’ Madre Nazarena Gouder, li mbagħad kellha tkun Madre Ġenerali, kif ukoll maż-żagħżugħa Sor Marija Benedetta Gauci, marret Corfù biex tara b’għajnejha stess il-qagħda li fiha kienet tinsab il-komunità tal-Maltin, qagħda ċertament li kienet kritika ħafna mill-aspett reliġjuż: injuranza reliġjuża, tfal li ma kinux irċevew il-magħmudija u lanqas il-griżma tal-isqof, prattika sagramentali u attendenza għall-Quddies li kienet majnat sewwa, żwiġijiet imħalltin u saħansitra l-bdil tar-reliġjon. Mill-aspett soċjali sabu qagħad, sfruttament, faqar, nies ma jafux la jaqraw u lanqas jiktbu. Kienet qagħda, iżda, li setgħet tiġi mirbuħa, u mhux iddisprata, jekk wieħed ma kienx jitlef żmien u jibda jaħdem mal-ewwel b’intelliġenza, prudenza u kuraġġ.
Tassew nisslet stagħġib l-ittra li ntbagħtet mill-Casa Madre b’aħbarijiet tassew koroh dwar il-qagħda mwiegħra tal-Maltin f’Corfù. Dawn l-aħbarijiet sa kienu xterdu fost in-nies ta’ Għawdex minn min ma riedx li l-fundazzjoni tad-dar f’Corfù ssir realtà. Skont dak li wieħed kien jaqra f’din l-ittra, kellu jkun tentattiv impossibbli u ardit li s-Sorijiet Franġiskani jmorru għall-missjoni ta’ Corfù. Dawn ix-xniehat kienu waslu anke f’Malta. L-arċisqof Pace kien imxebba’ sal-ponta ta’ mnieħru meta sama’ b’dawn il-qlajja’ u biex juri l-għaqda u l-qbil tiegħu mas-sorijiet u biex itemm din il-kritika inġusta u t-tlablib bla sens li kien dejjem aktar jinfirex, ried imur hu personalment f’Corfù flimkien ma’ xi saċerdoti. Hemmhekk dam għal xi ftit żmien li fih seta’ jersaq qrib il-Maltin u jagħtihom kuraġġ u tama. Imbagħad reġa’ lura Malta ma’ Madre Margerita, u b’hekk irnexxielu jitfi dik il-biża’ żejda u bla sens.
Bil-mod il-mod reġgħet lura l-kalma fiż-żewġ gżejjer. Il-grupp tas-sorijiet li kellhom imorru Corfù sellem lis-sorijiet l-oħrajn tal-Casa Madre. Kien tluq li tassew iqanqal il-qlub, kemm għas-sorijiet li kellhom jitilqu kif ukoll għal dawk li kellhom jibqgħu. Wara li ħadu l-barka tal-isqof ta’ Għawdex Monsinjur Camilleri, kif ukoll tal-arċisqof ta’ Malta, Monsinjur Pace, huma baħħru għad-destinazzjoni ħdida tagħhom fit-28 ta’ Mejju 1907.
Il-laqgħa li saritilhom f’Corfù kienet festa sħiħa. Il-povri Maltin mal-ewwel raw fis-sorijiet tant ommijiet li fihom setgħu jafdaw u li lilhom setgħu jħallu l-kura ta’ wliedhom. Intemm iż-żmien tal-iżolament tagħhom li fih tant kienu jħossuhom

mitluqin. Kien hemm xi ħadd li kien qed jinteressa ruħu fihom mill-qrib, li kien jifhem l-ilsien tagħhom, li miegħu setgħu jitħaddtu mingħajr diffikultà, li lejh setgħu jersqu biex isibu l-għajnuna morali u materjali.

Ħmistax-il ġurnata wara l-wasla tagħhom ġiet miftuħa b'mod uffiċjali l-ħidma tas-sorijiet fil-kappella taċ-ċimiterju bil-Quddiesa u diskors – naturalment bil-Malti – li għamlu l-kanonku Emanuele Pullicino, li kien ġie minn Malta mas-sorijiet. Wara l-Quddiesa tkanta t-Te Deum u ingħatat il-barka sagramentali.

Imbagħad fetħet l-iskola f'qagħda ta' faqar tassew kbir, bi ftit tfal, u fuq il-bankijiet li kienu jġorruhom mill-kapella taċ-ċimiterju. Imma wara ftit xhur l-iskola bdiet timxi fuq passi aktar żguri, it-tfal żdiedu u l-programm skolastiku – bit-tagħlim tal-ilsien Grieg – seta' jsir b'mod aktar sħiħ u organizzat. Mill-bidunett is-sorijiet kienu ġew milqugħin mis-sorijiet Kompassjonisti Franċiżi, imma bil-mod il-mod setgħu jkunu indipendenti permezz ta' dar tagħhom, bil-kappella u bil-kappillan proprju.

Ħames xhur wara li waslu, fit-2 ta' Novembru 1907, ġie l-ewwel niket fuq il-komunità ċkejkna tas-Sorijiet Franġiskani: Sor Marija Benedetta Gauci, li fuqha kienu xeħtu l-aqwa tamiet tagħhom, mietet vittma tat-tifo meta lanqas biss kellha 22 sena. Din it-telfa kienet tassew daqqa ta' ħarta kbira fuq is-sorijiet l-oħrajn, tant li ħalliet l-effett tagħha anke fil-Casa Madre, u speċjalment f'Madre Margerita, li qalet: "Il-Mulej għoġbu jieħu mill-ġnien tiegħi l-isbaħ warda". Dawn kienu l-kliem tagħha meta semgħet bil-mewt ta' Sor Marija Benedetta: "Ikun imbierek għal dejjem!" Madre Paċifika tikkummenta: "Aħna kollha konna nammiraw ir-rassenjazzjoni tal-Madre li, mingħajr ma kienet iżżid xejn aktar, kienet tbierek 'l Alla f'kull ma jagħmel!"

Sor Benedetta kienet l-ewwel Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù li, meta kienet għadha daqshekk żagħżugħa, mietet barra mit-territorju tal-gżejjer Maltin. Hi kienet l-ewwel waħda fost il-ħafna missjunarji l-oħrajn Franġiskani mxerrdin mad-dinja kollha li, bl-istess spirtu u bl-istess ġenerożità, ikkonsagraw ruħhom għall-ġid, għall-glorja ta' Alla, għall-miġja tas-saltna tiegħu fuq l-art, għas-salvazzjoni tal-erwieħ, u mietu u jkomplu jmutu barra mill-gżejjer li tant ħabbew.

Il-fundazzjoni tad-dar ta' Corfù kellha, kif rajna, diversi nies u fatturi li għenuha u li ħeġġew it-twaqqif tagħha: l-isqof tal-post Monsinjur Polito, l-Arċisqof Pietru Pace, il-bżonn urġenti tal-emigranti Maltin. Iżda, fost il-fatturi li ma għandniex ninsew, u

forsi hu l-aktar wieħed importanti fosthom, irridu nsemmu lil Madre Margerita. Sa mill-bidunett hi kienet li ħeġġet b'qalbha kollha dan il-proġett li għarfet li kien imnebbaħ minn Alla, u li fih hi rat mezz tassew qawwi li bih isir l-apostolat prattiku għall-ġid ta' tant erwieħ fqajrin u abbandunati. Mingħajr l-indħil deċiżiv u kuraġġuż tagħha, hu prbabbli li s-Sorijiet Franġiskani qatt ma kienu sejrin jaslu Corfù.

Madre Margerita kienet marret darbtejn f'din il-gżira Griega, l-ewwel darba ma' Madre Nazarena Gouder biex tara b'għajnejha stess il-qagħda li fiha kellhom isibu ruħhom is-sorijiet tagħha, u mbagħad it-tieni darba ftit xhur wara, biex tkun mal-ewwel grupp ta' sorijiet likellu jmur hemm. Dan it-tieni vjaġġ dam xi ftit xhur, minn Ġunju 1907 sar-rebbiegħa tal-1908. Hi ħadet ħsieb il-bini tad-dar il-ġdida, li l-arċisqof Pace kien ħallas għat-terran tagħha, iżda li tlestiet biss għaxar snin wara, meta Madre Margerita kienet superjura fiha, kif naraw dalwaqt.

Fil-5 ta' Ġunju 1911, fil-Casa Madre, sar is-seba' Kapitlu Ġenerali taħt it-tmexxija ta' Monsinjur Camilleri, għall-elezzjoni tas-Superjura Ġenerali billi kienu għaddew is-sitt snin li l-Kostituzzjonijiet kienu jagħtu lil Madre Margerita bħala Superjura. Anke f'dan il-Kapitlu l-vot tal-Kapitulari reġa' kien favur Madre Margerita, u dan għas-sitt darba, imma hi talbet lis-sorijiet biex iħaffulha r-responsabbiltà tagħha, li kienet diġà ħaditha fuq spallejha għal ħmistax-il sena sħaħ, u qaltilhom biex jivvutaw lil xi ħadd ieħor mis-sorijiet. It-talba tagħha ġiet mismugħa, u f'postha ġiet eletta Madre Nażarena ta' Santa Tereża imwielda Tereża Gouder, li kienet ilha erba' snin superjura fid-dar ta' Corfù. Madre Nazarena hi, flimkien ma' Madre Margerita, waħda mill-figuri l-aktar importanti fl-istorja tas-Sorijiet Franġiskani.

Issa li kienet ħielsa mill-uffiċċju tagħha u ma kellhiex irbit ieħor mal-Kunsill Ġenerali, Madre Margerita ġiet maħtura Superjura tad-dar ta' Corfù flok Madre Nazarena. Madre Margerita damet f'din il-gżira griega għal sitt snin mill-1911 sal-1917, meta ġiet imsejħa malajr lejn Għawdex għaliex reġgħet ġiet magħżula Superjura Ġenerali. Nitkellmu dwar dan b'dettalji akbar meta jasal il-waqt.

Hu faċli li nimmaġinaw dak li għamlet is-superjura l-ġdida matul is-sitt snin li fihom damet Corfù, issa li nafu x'kien l-ispirtu ta' inizjattiva li kellha u l-ħeġġa tagħha apostolika, li qatt ma kienet tmajna minnha meta kienet tiġi msejħa biex twassal 'l Alla lejn l-erwieħ u tressaq lilhom lejn Alla. F'dak il-perjodu li ingħatat anke għall-istudju ta' l-ilsien Grieg modern u rnexxielha takkwist riżultati tajbin li wrew

ruħhom bżonjużi kemm għall-iskola kif ukoll għar-relazzjonijiet li, ta' spiss, kien ikollha mal-awtorità lokali u mal-poplu.

## Kapitlu 17

## MADRE MARGERITA SUPERJURA ĠENERALI
## GĦAS-SITT DARBA
## 1917 – 1923

Is-seba' Kapitlu Ġenerali sar fil-Casa Madre fit-28 ta' Mejju 1917. Dik is-sena kienet ir-raba' waħda tal-ewwel gwerra dinjija u Madre Margerita, li kienet superjura f'Corfù, għalkemm kellha dritt li tidħol fil-Kapitlu, kienet ċaħdet għalih minħabba d-diffikultajiet ta' dak il-waqt. Ma kienx la faċli u lanqas prudenti f'dawk iż-żminijiet li wieħed ibaħħar, għaliex l-attakki u l-perikli kienu wisq numerużi u kienu jsiru ta' spiss.  Wieħed kien ikun jaf meta se jitlaq, imma ma kienx jaf jekk jirnexxilux jasal fejn ikun xtaq.  Fuq kollox, għal raġunijiet ta' sigurtà, il-vjaġġi bil-baħar kienu projbiti għan-nies, u kienu jitħallew isiru mill-awtorità biss meta tinqala' ħtieġa kbira, u dan dejjem fuq ir-riskju u l-periklu personali ta' min kien ibaħħar.

Minn dak il-Kapitlu spiċċat eletta, għas-sitt darba, Madre Margerita. Fi żminijiet ta' ħtieġa kbira s-sorijiet li kienu fil-Kapitlu reġgħu straħu għal darb'oħra fuq din il-persuna li kellha kapaċità mhux tas-soltu biex tirbaħ id-diffikultajiet tal-mument. L-isqof Camilleri, li kien ippresjieda fil-Kapitlu, bħal drabi oħrajn, iddeċieda li jissospendih sakemm Madre Margerita kellha tagħti t-tweġiba tagħha li biha taċċetta dik il-ħatra. Hu bagħat mal-ewwel telegramma f'Corfù, li fiha talab lil Madre Margerita tgħarrfu bid-deċiżjoni tagħha.

Madre Margerita ma tantx kienet qed tistenna dik il-ħatra. Hi ma kinitx għadha taħseb li ħutha s-sorijiet iridu jitolbuha mill-ġdid dak l-uffiċċju daqshekk importanti u delikat. Kienet taħseb li issa kien hemm sorijiet aktar żgħażagħ minnha li setgħu jagħmlu suċċess f'dik il-ħatra għax kellhom aktar saħħa minnha. Dak iż-żmien hi kellha 55 sena, jiġifieri l-età l-aktar tajba biex fiha tieħu t-tmexxija tal-Kongregazzjoni. Għalkemm saħħitha ma kinitx xi ħaġa tal-għaġeb, b'danakollu kienet tajba biżżejjedm u l-esperjenza ta' tmintax-il sena ta' tmexxija tal-Kongregazzjoni kienu qegħduha f'kuntatt mal-problemi kollha li kienu jistgħu jolqtu lill-Kongregazzjoni u lis-Sorijiet minn ġewwa u minn barra. Iżda hi kienet taħseb li issa ħajjitha kien imissha tkompli u tintemm fil-missjoni ta' Corfù, fl-

inizjattiva l-aktar kuraġġjuża tal-Kongregazzjoni, u mhux aktar fil-Casa Madre, fejn hi kienet għexet u ħadmet għal tant snin qabel ma marret Corfù.
Imma quddiem it-telegramma tal-isqof il-problema li hi kellha tħoll kienet waħda biss: jekk kienet rieda ta' Alla li hi terġa' tilqa' dak l-uffiċċju, ma kellhiex għażla oħra għajr li taċċetta, titlaq u tasal mill-aktar fis fil-Casa Madre. Hi ħadet il-parir tad-direttur spiritwali tagħha, Dun Anton Galea, kappillan tas-sorijiet f'Corfù, li qalilha li kienet ħaġa tajba li taċċetta dik il-ħatra. Imma Madre Margerita xtaqet tistaqsi wkoll lill-isqof, ħalli jgħinha tieħu deċiżjoni daqshekk importanti. It-tweġiba ta' Monsinjur Camilleri ġiet mibgħuta minn Għawdex għal Corfù fl-20 ta' Ġunju 1917:
*"Wisq Reverenda Madre Superjura ... int tlabtni l-parir dwar jekk għandekx taċċetta l-uffiċċju ta' Superjura li għalih ġejt magħżula. Skont il-ġudizzju tiegħi, l-elezzjoni li saret kanonikament, turi r-rieda ta' Alla, li għaliha int trid dejjem tobdi".*
Madre Margerita ma riedet xejn aktar. Jekk kienet ir-rieda ta' Alla, allura hi kellha bilfors tgħid iva, u mal-ewwel. Malajr bagħtet telegramma lejn Għawdex b'dawn il-kelmiet sempliċi: "Iva, naċċetta."
Il-problema, issa, kienet kif se tiġi lura Malta. Ried ikollha kuraġġ mhux ħażin biex tħabbar u tiġi quddiem il-perikli li dan il-vjaġġ seta' jippreżenta. Imma jekk kellha tobdi, u għal Madre Margerita l-ubbidjenza tirbaħ dejjem, hi kienet konvinta li Alla jgħin lil min jingħata għall-providenza tiegħu. F'dawk il-ġranet, b'xorti tajba għaliha, kien hemm f'Corfù "destroyer" ingliż li kellu jiġi Malta, u b'hekk Madre Margerita setgħet issib post abbord. Saċerdot twajjeb, Dun Agatanġlu offra lilu nnifsu biex imur magħha Malta. Il-vjaġġ avventuruż dam tliet ġimgħat sħaħ taħt biża' bla jaqta'. Il-passiġġieri kellhom jilbsu "salva uomo" mill-ewwel sal-aħħar ġurnata, mingħajr qatt ma jneħħuh, biex hekk ikunu lesti għal kull ma jiġri biex jaqbżu l-baħar f'każ ta' ħbit jew nawfraġju. Fl-ewwel ġranet ta' Lulju, fi tmiem dak il-vjaġġ tant avventuruż, Madre Margerita u Dun Agatanġlu waslu fid-dar tal-Pilar, il-Belt, Valletta. Is-sorijiet tal-Pilar ma setgħux jemmnu li kienet Madre Margerita, u laqgħuhom b'tant ferħ daqslikieku laqgħu xi żewġ imsejknin li ġew meħlusa mill-għarqa. Kantaw Te Deum solenni ta' radd il-ħajr u mbagħad Madre Margerita, wara li straħet għal ftit waqtiet, kompliet triqtha lejn Għawdex fejn is-sorijiet

kienu qed jistennewha bil-ħerqa. Wara ftit ġranet l-Iosqof Camilleri reġa' laqqa' l-Kapitlu biex jiġu magħżula, quddiem il-Madre Ġenerale, id-diskrieti tal-Kunsill.
L-ewwel ħsieb ta' Madre Margerita kienet li żżur id-djar kollha u jkollha kuntatt mas-sorijiet li kienu tant imħabbtin ħtija tal-gwerra, li dik il-ħabta kienet waslet biex tintemm, għall-grazzja ta' Alla. F'Malta ma kinux saru attakki mill-ajru u lanqas manuvri tal-gwerra u s-suldati Maltin ma kinux intbagħtu fuq il-"front". Madankollu t-tbatijiet u l-problemi li ġabet magħha l-gwerra għall-popolazzjoni, kif nistgħu nimmaġinaw, ma naqsux lanqas f'Malta. Kien jonqos l-ikel l-aktar meħtieġ, bħall-ħobż, żalib, zokkor, kif ukoll il-pitrolju għad-dawl – l-elettriku ġie mdaħħal Malta biss fis-sena 1922 – u n-nies kienu dejjem jibżgħu minn xi sorpriża kerha li kull gwerra bilfors iġġib magħha. Il-preżenza tal-Madre Ġenerale kienet ta' faraġ kbir u ta' inkoraġġiment għas-sorijiet kollha f'dawk il-waqtiet ta' niket. Hi kienet tieħu ħsieb il-problemi ta' kull soru, tant li donnhom kienu jsiru tagħha, u kienet tħeġġeġ lis-sorijiet billi tixħet fihom fiduċja u kuraġġ ġodda. Hekk tikteb Madre Paċifika:
*"Hi kellha xi kelma gajba għal kulħadd. Is-sorijiet kollha kienu jafdaw fiha l-problemi tagħhom u hi kienet tagħtihom pariri għaqlin, direttivi spiritwali, u kienet tħalli l-paċi fil-qalb ta' kulħadd."*
Meta Madre Margerita ħadet f'idejh, għas-sitt darba t-tmexxija tal-Kongregazzjoni, din diġà kellha aktar minn mitt soru f'xi għaxart idjar, f'Għawdex, Malta u corfù. Il-vokazzjonijiet kienu jidħlu bla jaqtgħu u ftit snin wara, fl-1929, kienu diġà rduppjaw u laħqu 240 soru.
Matul it-tmexxija ta' Madre Nażarena kienu nfetħu żewġt idjar ġodda. L-ewwel waħda kienet dik tal-Imdina, imsejħa Città Notabile u belt kapitali qadima ta' Malta – fl-1916 fejn, permezz tal-għajnuna tal-arċisqof il-ġdid Monsinjur Mawru Caruana, is-Sorijiet Franġiskani ħadu f'idejhom it-tmexxija tal-kċina u tal-ħwejjeġ fis-seminarju djoċesan. Fl-1920 is-seminarju ta' San Kalċedonju kien ittieħed il-Furjana u s-sorijiet komplew il-qadi tagħhom anke f'dan il-post ġdid. Fl-1917 Madre Nażarena kienet fetħet ukoll l-iskola għall-bniet tan-Nadur, raħal ftit 'il bogħod mill-Qala fil-gżira ta' Għawdex.
Ir-ritmu tal-fundazzjonijiet li kien karatteristiku tal-ewwel żminijiet tal-ġeneralat ta' Madre Margerita kompla anke fiż-żmien li qegħdin insemmu. Il-ħeġġa li hi kellha fil-bidu ma kinitx majnat f'dan il-waqt; mhux biss, imma talli wriet ruħha

aktar qawwija minħabba l-esperjenza li issa kellha Madre Margerita, u aktar prudenti minħabba l-provi li kienet għaddiet minnhom qabel. Fl-istes ħin, l-esperjenza tagħha saret aktar kuraġġuża, għax hi kienet dejjem tikber fil-fiduċja li kellha fil-providenza divina.

L-ewwel fundazzjoni ta' dan il-perjodu kienet dik tal-Qrendi, fil-gżira ta' Malta, fejn is-sorijiet fetħu skola tal-katekiżmu u tax-xogħol tal-idejn għall-bniet u t-tfajliet foqra tal-parroċċa. Matul l-ewwel ħames snin l-iskola kienet tinżamm f'dar li s-sorijiet b'kera, u mbagħad marret ġo villa li kienet ingħatat lis-sorijiet mill-Markiża Ursola De Piro, omm Monsinjur Ġużapp De Piro, fundatur ta' ħafna opri soċjali u reliġjużi f'Malta, li kien jaf sewwa lil Madre Margerita. Fl-aħħarnett is-sorijiet għaddew fid-dar il-ġdida li għadha taħdem sallum.

Fl-1921 Madre Margerita marret Ruma għall-ewwel darba bil-għan li tfittex Kardinal Protettur għall-Kongregazzjoni. L-ewwel Protettur tas-Sorijiet Franġiskani kien il-Kardinal Oreste Giorgi.

Imma l-fundazzjonijiet l-aktar importanti, li wettqet Madre Margerita f'dan l-aħħar perjodu huma dawk tad-dar tal-Adorazzjoni tal-Belt Valletta, kif ukoll ta' Regalbuto u Troina fi Sqallija, fundazzjonijiet li kellhom influss deċiżiv fl-iżvilupp futur tal-Kongregazzjoni. Għalhekk jaqbel li niddedikaw kapitlu għal kull waħda minn dawn il-fundazzjonijiet, b'informazzjoni aktar abbundanti u dettaljata.

## Kapitlu 18

## ID-DAR TAL-ADORAZZJONI TAL-BELT VALLETTA

Id-Dar tal-Adorazzjoni tal-Belt Valletta nistgħu nqisuha – u Madre Margerita hekk kienet tqisha dejjem – bħala d-dar kontemplattiva tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li skont il-binja tagħha hi Istitut ta' ħajja apostolika. Din id-dar kellha tkun waħda li l-għan tagħha jkun qabel xejn dak tat-talb, tal-adorazzjoni tal-Ewkaristija mqaddsa u ta' tpattija. Hi ħaġa ċara li d-djar kollha tal-Kongregazzjoni huma djar ta' talb, imma mhux bl-istess intensità u lanqas bl-istess kontinwità profonda ta' talb li jsir fid-dar tal-Belt. Id-Dar tal-Adorazzjoni dejjem kienet meqjusa minn Madre Margerita bħala t-Tabor privileġġjat tas-sorijiet tagħha, il-post tal-laqgħa diretta tagħhom ma' Alla, il-qawwa kontra l-beraq ta' kull periklu tal-għadu, u fl-istess ħin, kalamita li kellha tiġbed lejn il-Kongregazzjoni dawk il-grazzji l-aktar speċjali u l-barkiet l-aktar abbondanti.

Madre Margerita kienet ilha żmien twil, sa mill-ewwel snin tat-twaqqif tal-Kongregazzjoni, taħseb għal inizjattiva bħal din. Hi kienet ta' spiss tgħid lil ħutha s-sorijiet: "Għad jiġi żmien li fih ikollna dar bil-għan li fiha ssir l-adorazzjoni perpetwa tal-Ewkaristija."

Hi ma kinitx taf la meta, la kif u lanqas kif kellu jkun possibbli li twettaq dik il-ħolma, imma ħsibijietha kienu diġà jogħxew bil-hena u kienet tara quddiem għajnejha l-jum tal-ftuħ ta' din id-dar.

Jum wieħed – ninsabu qrib is-snin 1920-1921 – meta hi kienet titlob fil-Kattidral tal-Imdina, resaq lejha Monsinjur De Piro u qalilha: "Mur għand l-arċisqof għax jixtieq ikellmek".

Hi marret għand Monsinjur Caruana li qalilha: "Trid taċċetta d-Dar tal-Adorazzjoni ta' Triq San Kristofru fil-Belt?" Għal dik il-proposta hekk ħabta u sabta, Madre Margerita ma kinitx taf twieġeb jekk mhux dawn il-kliem: "Qed tiċċajta, Eċċelenza?" Ma setgħetx temmen li l-ħolma tagħha setgħet titwettaq daqshekk faċilment. "Le, le, minix qed niċċajta, qed ngħidlek bis-serjetà", wieġeb l-arċisqof. "Allura tridha jew le?"

"Ċertament li rriduha, Eċċelenza. Imma, kif hu possibbli li aħna jistħoqqilna mmorru ngħixu f'dik id-dar qaddisa?" wieġbet Madre Margerita.

“U żgur li jistħoqqilkom”, wieġeb l-arċisqof bi tbissima. “Jiena ferħan li tilqgħu l-offerta tiegħi u nirringrazzjakom. Issa mur għand is-Sinjura De Piro u hi għandha tagħtik l-affarijiet kollha li ħallew is-sorijiet l-oħrajn meta telqu. Qis li tagħmel ħiltek ħalli terġa’ tibda mill-aktar fis l-adorazzjoni ta’ kuljum f’dik il-knisja”.

Fi Triq San Kristofru, kantuniera ma’ Triq Merkanti, fiċ-ċentru tal-Belt, kien hemm, u għad hemm, il-knisja ċkejkna tar-Redentur fejn, minn żmien qabel, kienet issir l-adorazzjoni tal-Ewkaristija ta’ kuljum. Il-knisja kienet imħollija f’idejn is-Sorijiet Adoratriċi, li kienu ġew mill-Italja, li kienu jorganizzaw dik li kienet tissejjaħ l-“Opra tat-Tabernakli”, biex jgħinu l-knejjes foqra, permezz ta’ klassijiet ta’ duttrina tat-tfal li jħejju ruħhom għall-ewwel tqarbina u permezz ta’ attivitajiet oħrajn simili. Iżda billi sabu ruħhom f’diffikultajiet finanzjarji – għax il-knisja ma kellhiex renti – qrib l-1920 kellhom iħallu l-ħidma tagħhom u jerġgħu lura l-Italja, b’dispjaċir kbir tal-fidili li kienu ta’ kuljum imorru fil-knisja tar-Redentur. L-arċisqof Caruana dar fuq diversi Kongregazzjonijiet reliġjużi biex huma jkomplu dik l-opra tant qaddisa kif ukoll importanti għall-ġid spiritwali tad-djoċesi, imma sab li kulħadd kien ċaħad li jaċċettaha. Ir-raġuni kienet dejjem l-istess waħda li minħabba fiha telqu l-Adoratriċi, jiġifieri n-nuqqas ta’ mezzi ta’ għajnuna biex l-opra tkompli miexja ‘l quddiem. Sadanittant il-knisja baqgħet magħluqa. Kien għalhekk li Monsinjur Caruana dar fuq Madre Margerita.

Il-ħeġġa u l-ferħ tal-Madre twajba, iżda, ma kinux mal-ewwel milqugħin mill-Kunsillieri tagħha, meta hi ppreżentatilhom il-propost tal-arċisqof. Li jaċċettaw dik il-fundazzjoni kien ifisser li jerġgħu jieħdu riskju ieħor, li kien mimli dubji, għax jekk il-Kongregazzjonijiet l-orħjn li kienu aktar b’saħħithom minnhom, ma ridux jaċċetawha, aħseb u ara kemm setgħu huma. Id-dar kienet letteralment vojta u mneżża’ għal kollox. Il-knisja biss dehret li kellha t-tagħmil meħtieġ. L-inventarju li kienet għamlet is-sinjura De Piro kien isemmi sitt kandlieri, ostensorju, tagħmir ieħor, diversi paramenti sagri, li fosthom kien hemm pivjal irrakmat. Insomma, kien hemm dak kollu li kien meħtieġ biex il-prattika tal-adorazzjoni terġa’ tibda ssir, anke minnufih. Għal Madre Margerita, li kienet tqis aktar importanti l-knisja mid-dar, dan kollu kien biżżejjed, anzi kien aktar milli hi kienet qed tistenna: “Kemm qed nieħu pjaċir! Ftit ieħor nistgħu nibdew l-adorazzjoni!”

Id-dubji tas-sorijiet l-oħrajn kien diffiċli li wieħed jirbaħhom, imma Madre Margerita tant insistiet u stinkat li fl-aħħr neħħiet kull nuqqas ta' fiduċja fihom: "Almenu, ejjew neħduha bi prova", qalet, "u mbagħad il-providenza taħseb hi".
Għalkemm hi kienet taf x'diffikultajiet kellhom jgħaddu minnhom is-sorijiet biex iwettqu dik l-inizjattiva, Madre Margerita kienet konvinta li Alla ma kienx se jonqos li jgħinhom, għax din kienet opra mogħtija għal kollox għall-unur tiegħu u għat-tpattija. Meta fl-aħħar il-Kunsill laqa' din il-fundazzjoni l-ġdida, hi kienet taret bil-hena. Dan seħħ fl-1923, meta hi kienet għadha kemm spiċċat minn Superjura Ġenerali.
Hi kellha wkoll ix-xorti li tkun l-ewwel superjura tad-Dar tal-Adorazzjoni. Magħha kellha tliet sorijiet oġrajn li magħhom aktar tard żdiedet Sor Luisa tal-Qalb ta' Ġesù li ħallietilna ħafna informazzjoni dwar din il-fundazzjoni.
L-ewwel żminijiet kienu mill-aktar iebsin, forsi aktar iebsin minn dawk ta' fundazzjonijiet oħrajn tas-Sorijiet Franġiskani. Id-dar kienet imneżża' minn kollox, saħansitra mill-għamara l-aktar meħtieġa. L-ewwel lejn is-sorijiet qattgħuh bilqiegħda fuq siġġu, jitolbu u jongħosu kif jistgħu, għajjenin mejtin mix-xogħol tal-ġurnata ta' qabel. Lil Madre Margerita kienu ħejjewlha saqqu tat-tiben u tal-ħaxix mal-art, imma hi ma riditux u għaddiet il-lejl fuq siġġu bħall-oħrajn. Fid-dar la kien hemm imwejjed, la sodod, la armadji u saħansitra lanqas il-platti u l-borom. Fl-ewwel żminijiet kienu jġibulhom l-ikel mid-dar tal-Pilar, li ma kinitx 'il bogħod wisq, imma mhux l-ewwel darba li kien jonqoshom xi ħaġa. Dan kollu qatt ma tellef il-ferħ ta' din il-komunità ċkejkna, anzi kien iżidu għaliex – hekk tikteb Madre Luisa:
*"L-eżempju ta' Madre Margerita kien jimbuttana biex aħna wkoll ngħixu bħall-għasafar tas-sema, u nkunu kuntenti biss bil-Providenza li kien jibgħatilna Alla, li ta' kuljum kien jagħtina l-ħobż meħtieġ."*
"Imbagħad taħseb il-Providenza", kienet qalet Madre Margerita. U l-Providenza ħasbet tassew b'fatti li huma tassew straordinarji.
Jum wieħed ġiet is-soru ekonoma għand Madre Margerita u qaltilha lima kien fadal xejn fil-ħażna tal-ikel, u li l-bejjiegħa ma ridux ikomplu jagħtu lis-sorijiet jekk ma jħallsux id-djun li kellhom. "Jaħseb Alla għalina", wieġbet Madre Margerita mingħajr ma kkonfondiet.

Id-Dar tal-Adorazzjoni ma kellhiex skejjel jew attivitajiet oħrajn barranin li bihom setgħet iddaħħal xi ħaġa għall-ħajja. L-uniku dħul kien jiġi mill-karità li kienet tasal għand is-sorijiet mill-knisja jew inkella minn xi offerti straordinarji li kienu jagħtuhom xi nies privati. Madre Margerita marret tiġri fil-knisja biex tara jekk kienx hemm xi ħaġa fil-kaxxa tal-offerti. Il-kaxxa kienet vojta. Għalhekk hi, mingħajr ma qagħdet tistenna, qabdet iċ-ċavetta tal-kaxxa u poġġietha quddiem it-tabernaklu, niżlet għarkobbtejha għal ftit waqtiet quddiem l-altar u qalet lil Ġesù, b'dik il-kunfidenza tagħha tas-soltu:

*Għażiż Ġesù, jekk inti trid li s-sorijiet adoratriċi tiegħek jibqgħu miegħek, aħseb int biex tmantnihom!"*

Dan il-fatt ġara għal xi nofsinhar. Filgħaxija l-Madre ħadet iċ-ċavetta li kienet qiegħdet fuq l-altar u marret tiftaħ il-kaxxa li kienet daqshekk mimlija flus li kien għoddu ma fadalx iżjed post fejn joqogħdu. F'dik l-istess ġurnata xi benefatturi kienu ġew fil-bieb tas-sorijiet u ħallew offerta kbira lill-komunità.

"Alla jipprovdi", kienet qalet il-Madre twajba, imma hi stess qatt ma ħasbet li Alla kellu jwieġeb għat-talba tagħha b'abbundanza bħal dik. Hi baqgħet imħawda u kważi mbeżża' talli iddubitat għal waqt wieħed mill-Providenza ta' Alla. Hi wiegħdet lis-sorijiet li qatt aktar ma kienet se tonqos mill-fiduċja fl-għajnuna ta' Alla.

Darba oħra, Madre Margerita kellha bżonn tal-flus biex tagħmel ħlas urġenti, imma flus – bħal darbi oħrajn – ma kienx hemm u l-ħlas ma setax isir. Il-Madre Bagħtet żewġ sorijiet għand xi benefatturi, li kienu dejjem ikunu ġenerużi mas-sorijiet, ħalli b'hekk jgħinuha f'dik iċ-ċirkostanza. Malli ħarġu mid-dar iż-żewġ sorijiet, u kienu għamlu biss ftit passi, ħabu ma' raġel li qatt ma kienu rawh qabel u li għalhekk ma kinux jafuh, li ħallielhom f'idejhom is-somma eżatta li kienet meħtieġa biex isir dak il-ħlas. La l-benefattur li kien għamel l-offerta u lanqas is-sorijiet li kienu laqgħuha ma kienu jafu dwar il-ħlas li kellu jsiru u lanqas dwar kemm kienet is-somma li kellha titħallas.

Il-Providenza xi kultant mhux talli kienet tibgħat il-meħtieġ lis-sorijiet adoratriċi, imma anke wkoll xi ħaġa iżjed. Nisimgħu r-rakkont ta' Madre Paċifika: "Fiż-żmien li fih Madre Margerita kienet superjura fid-Dar tal-Adorazzjoni, fis-17 ta' Ottubru, festa ta' Santa Margerita Marija Alacoque, il-komunità kienet qed tiċċelebra l-festa tas-superjura tagħha. Għal dik l-okkażjoni l-Madre ma riedet xejn partikulari

jew speċjali. Biss, l-ikla ta' nofsinhar kienet naqra waħda aktar abbundanti mis-soltu. Is-sorijiet kienu bilqiegħda madwar il-mejda ħdejn il-Madre Superjura.
"Illum għandna ikla tajba", qalet waħda. "Imma biex tkun tassew ikla sħiħa jonqsu l-pastizzi", żiedet l-oħra. "Tassew, jonqsu l-pastizzi" qalet anke Madre Margerita. "F'din l-okkażjoni xieraq nikluhom."
Is-sorijiet temmew l-ikla mingħajr il-pastizzi, imma ferħana xorta waħda. Wara xi ħames jew sitt minuti, instemgħet il-qanpiena ddoqq fil-bieb. Kien benefattur li, billi kien ftakar li kien jum il-festa tas-superjura, kien bagħat kannestru mimli pastizzi. Il-purtinara sejħet lis-soru mal-ewwel biex tippreżenta dan ir-rigal sabiħ lill-Madre u lis-sorijiet l-oħra. Dawn – kif nistgħu faċilment nimmaġinaw – ma waqfux biss biex iħarsu lejn ir-rigal sabiħ li l-Providenza kienet bagħtitilhom fil-ħin tajjeb.
Ġrajja oħra tagħtihielna Madre Luisa Busuttil:
*"Qrib tagħna kien hemm lukanda fejn kienu jsajru t-tiġieġ għall-ingliżi. Dawn kienu jkunu jridu l-laħam tat-tiġieġ, u mhux il-brodu. Sid il-lukanda, li kienet waħda mara, u li kellha qima speċjali lejn Madre Margerita, kienet tibgħatilna borom kbar tal-brodu, li lilna kien jaħjina. Madre Margerita, li s-soltu ma kinitx tħobb la l-laħam u lanqas il-brodu tal-laħam, kienet tieħu dan il-brodu għaliex "kien mogħti bħala karità". L-istess sinjura xi kultant kienet tħejjilna xi ħlewwiet tajbin, u Madre Margerita kienet tieħu anke dawn, għax kienet issejħilhom "il-ħelu tal-Providenza." Fil-festi l-kbar kien l-istess arċisqof Caruana li kien jieħu dejjem ħsieb biex jibgħatilna xi ħaruf jew xi ftit tiġieġ, u hi kienet tikolhom bil-qalb ma' ħutha s-sorijiet".*
Roża Salomone, ħabiba tal-Madre, jekk tirrakkonta:
*"Darba waħda kienu ġabu lis-sorijiet lampuka kbira.  Dawn sajruha u qattgħuha biċċiet żgħar u Madre Margerita, li ħalliet l-aħjar partijiet lis-sorijiet, kielet ras il-ħuta u dawk il-partijiet li s-soltu jintremew".*
Nisimgħu għal dab'oħra lil Madre Luisa li tirrakkontalna:
*"Ħafna drabi matul il-ġimgħa, hi kienet tmur bil-mixi mid-Dar tal-Adorazzjoni għas-seminarju tal-Furjana, fejn kien hemm is-sorijiet tagħna, u kienet tiġbor il-biċċiet tal-ħobż li kien fadal fuq il-mejda tas-seminaristi u li kienu jispiċċaw fil-gallinar jew fl-istalla.  Kienet timla l-barżakka tagħha b'dawn il-biċċiet tal-ħobż, li xi drabi jkunu diġà migduma jew inkella iebsin, u kienet teħodhom id-dar, mimlija*

*bil-ferħ. Fir-reterroju kienet tagħżel għaliha l-aktar biċċiet iebsin u kienet tqegħedhom fil-kexxun tagħha. B'hekk kien ikollha x'tiekol għal xi tlitt jew erbat ijiem. Xi kultant il-ħobż kien jimmoffa, imma hi kienet tieklu xorta waħda. Il-ħobż l-iezor kienet tqiegħdu f'nofs il-mejda u kienet tgħid: "Dan hu l-ħobż tal-Providenza!" Wieħed jista' jimmaġina li s-sorijiet l-oħrajn, anke jekk ma tantx kienu mimlijin ħeġġa, kienu jippruvaw jidhru bit-tbissima quddiem din il-"Providenza" anke jekk xi kultant kienu jħossu l-istonku tiela'!"*

Is-snin li Madre Margerita kienet qattgħet fid-Dar tal-Adorazzjoni kienet tqishom dejjem bħala l-isbaħ u l-aktar hienja ta' ħajjitha. Kienet qrib ta' Ġesù lejl u nhar. Hi setgħet tiftaħ qalbha quddiem it-tabernaklu, fejn kien jismagħha l-Għarus divin.

*"Iċ-ċentru ta' ħajjitha kienet l-Ewkaristija",* tgħidilna Madre Luisa. *"Kienet tidħol biex tagħmel l-adorazzjoni mhux biss meta kien ikun imissha, imma kienet tisraq ukoll il-ħin tas-sorijiet l-oħrajn meta kienet tkun taf il-ħin li fihi kien imisshom jagħmlu l-adorazzjoni. Kienet tistenna l-waqt li fih ma jkun hemm ħadd jew lifih xi ħadd kien jasal tard, u mbagħad kienet tidħol titbissem, tinżel għarkobbtejha fil-bank tal-presbiterju quddiem l-altar. Donnha kienet tagħmel tellieqa biex tidħol l-ewwel waħda u qatt ma kienet tegħja toqgħod għal sigħat sħaħ għarkobbtejha. Ħafna drabi kien iħossha ħażin wara t-Tqarbin u s-sorijiet anzjani kienu jeħduha f'kamritha fejn kienet tintilef għal ftit waqtiet f'Alla. Lanqas is-sigħat tal-jum ma kienu biżżejjed għaliha, imma kienet tqatta' fil-knisja anke ħafna sigħat tal-lejl quddiem it-tabernaklu. Xi kultant, wara jum xogħol li jfarrkek, meta għajnejna kienu għoddhom jingħalqu bin-ngħas u kien ikollna nħejju kollox biex inżejnu l-altar għall-espożizzjoni tal-jum ta' wara, konna ndumu kważi sa nofs il-lejl nirranġaw il-fjuri u l-kandlieri."*

Xi drabi donnu li Alla kien jieħu pjaċir jara lill-qaddejja fidila tiegħu tinkwieta għal żmien twil u mbagħad jagħtiha l-grazzja li tkun talbitu fl-aħħar mument, kif ġara lejlet Għid il-Ħamsin tas-sena 1927. Madre Margerita kienet tixtieq fjuri ħomor. Kienet tixtieq li tant ikun hemm fjuri ħomor bħan-nar li f'dak il-jum niżel fuq l-appostli permezz tal-Ispirtu s-Santu, ħalli b'hekk jimlew u jżejnu l-altar li kellu jidher bħal ħuġġieġa nar taqbad bil-ward aħmar, qronfol aħmar, gladjoli ħomor. Imma minn fejn kellha ssib fjuri ħomor, u kif tħallashom? Filgħaxija tard, meta l-bibien tal-knisja kienu diġà magħluqa, ħabbtet il-bieb persuna mhux magħrufa li kellha tnax-il mazz fjuri ħomor, kollha ħomor, proprju kif xtaqet Madre Margerita.

Dawn kienu rigal għall-knisja, ir-"rigal" tal-Mulej. F'dik is-siegħa tal-lejl, is-soltu, hi ħaġa stramba li xi ħadd jiġri fit-toroq bil-mazez tal-fjuri.

Fatti oħrajn straordinarji huma mfakkrin mis-sorijiet li kienu jgħixu ma' Madre Margerita fid-Dar tal-Adorazzjoni:

*"Darba waqt il-"capitulum culparum" (drawwa penitenzjali fil-ħajja reliġjuża), il-Madre kellmitna dwar l-umiltà bħala virtù meħtieġa qatigħ fil-ħajja reliġjuża. Billi waħda mis-sorijiet kienet naqset fuq dan il-punt, hi tant tħeġġet waqt li kienet titkellem dwar din il-virtù, il-virtù ta' Ġesù, li ċekken lilu nnifsu sal-mewt u sal-mewt tas-salib, li f'ħin minnhom sfaret, u waqfet titkellem. Damet hekk qisha mitlufa minn sensieha għal kważi siegħa sħiħa. Is-sorijiet żgħażagħ intbagħtu barra mill-kamra u baqgħu magħha biss is-sorijiet anzjani, li mbagħad ħallewha waħidha. Madre Margerita, mbagħad, ħarġet mill-kamra titbissem, bħallikieku ma kien ġara xejn.*

*Darba oħra, l-komunità kollha kienet miġbura f'kamra għall-qari spiritwali ta' filgħaxija. Waħda soru kienet ġabet kurċifiss sabiħ li kulħadd ħa gost bih. Madre Margerita ħaditu f'idejha, bisitu bil-ħlewwa u nfexxet tibki. Il-povra soru li kienet ġabet il-kurċifiss, u li ħasbet li kienet tat gost lil kulħadd, kellha tieħu paċenzja biċ-ċanfir li għamlulha s-sorijiet l-oħrajn: 'Ma kontx taf li Madre Margerita kienet tispiċċa tibki?'"*

Billi ma kinitx kuntenta b'dak li kienet tagħmel fil-knisja għall-qima u t-tpattija tal-Ewkaristija mqaddsa, Madre Margerita kienet organizzat xi korsijiet ta' rtiri spiritwali fid-dar ta' ħdejn il-knisja, li mal-ewwel kellhom attendenza kbira. Ħafna żgħażagħ, li kienu jinġibdu għal wara l-Madre, ħaddnu l-ħajja reliġjuża jew mas-Sorijiet Franġiskani jew ma' Istituti reliġjużi oħrajn.

Is-sitt snin li damet fid-Dar tal-Adorazzjoni – 1923-1929 – Madre Margerita ma setgħet tinsiehom qatt. Hi baqgħet iżżomm sa tmiem ħajjitha d-drawwa sabiħa li tqum bil-lejl u tinżel fil-knisja ħalli tara jekk il-lampier ta' quddiem it-tabernaklu kienx għadu mixgħul. Dejjem kienet iżżomm xemgħa u suffarini magħha, u jekk kienet tintebaħ li l-lampier kien ikun mitfi, kienet tixgħel ix-xemgħa fil-kor u tibqa' hemmhekk quddiem it-tabernaklu bħala lampier ħaj ħalli żżomm kumpanija mal-Maulej tagħha magħluq fit-tabernaklu.

Hi baqgħet dejjem tiżżi ħajr lill-Mulej taż-żmien li kien taha li tgħaddi f'dik id-dar. Kienet tħoss li din kienet grazzja li tagħha hi ma kinitx tħossha kapaċi li turi

biżżejjed ir-radd ta' ħajr tagħha. Hekk kitbet fil-25 ta' Marzu 1926 lil Madre Paċifika:

*"Għall-grazzja ta' Ġesù jiena f'saħħti mhux ħażin u kuntenta bli qed nagħmel; jiġifieri bil-kumpanija li dejjem nista' nagħmel lil Ġesù Ostja. Min seta' jgħidu dan kważi erba' snin ilu: Id-Dar tas-Sorijiet Riparatriċi kellha tkun imħollija, jew tingħata lill-fqajra Franġiskani. U dak li l-aktar jgħaġġibni hu l-kif l-imsejkna u ta' min jitħassarha Sor Margerita kellha tkun waħda mill-Adoratriċi! Oh l-ġudizzji t'Alla kemm huma moħbija! Naduraw fis-skiet!"*

It-tifkiriet ta' dak iż-żmien baqgħu dejjem magħha, u dejjem żammithom f'qalbha b'xewqa u nostalġija kbira. Ħafna snin wara, fit-13 ta' Marzu 1945, hekk tikteb lil Madre Luisa Busuttil, li kienet sieħba f'dik id-dar fl-ewwel żminijiet:

*"Tiftakar, għażiża Sor Luisa, fid-Dar tal-Adorazzjoni? Xi żmien għaddejna! Tiftakar l-aħħar lejla, dik tat-tluq? Kif jgħaddi ż-żmien! Nittamaw li tinbena mill-ġdid, għax kważi meqruda (*minħabba l-bumbardamenti tat-tieni gwerra dinjija). *Iżda għall-grazzja ta' Alla l-Adorazzjoni għadha sejra".*

F'ċirkostanza oħra, f'ittra miktuba fil-21 ta' Ġunju 1934, dejjem lil Madre Luisa, nsibu:

*"Ikun imbierek il-Mulej Ġesù, li għoġbu jsejjaħ lilna msejknin ħlejjaq tiegħu biex inżommulu kumpanija quddiem it-tron Ewkaristiku tiegħu."*

## Kapitlu 19

## FUNDAZZJONI TAD-DJAR
## TA' REGALBUTO U TROINA FI SQALLIJA

Qabel ma għalqet l-aħħar perjodu tal-ġeneralat tagħha, Madre Margerita rnexxielha twassal għat-tmeim żewġ fundazzjonijiet oħra fi Sqallija. Waħda minnhom dik ta' Troina, kellha mbagħad tkun okkażżjoni biex tiftaħ toroq u orizzonti ġodda lill-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani. Dawn kienu l-ewwel fundazzjonijiet fl-Italja, fejn is-Sorijiet Franġiskani sabu t-tieni pajjiż tagħhom kif ukoll it-tieni triq li minnha kellhom jitiliqu għal kontinenti oħrajn u għal ħidmiet ta' apostolat oħrajn fid-dinja, u minn fejn kellhom jiġbru ħafna vokazzjonijiet reliġjużi ġodda u mill-aħjar.

Ninnutaw kif l-ewwel fundazzjonijiet tal-Kongregazzjoni saru kollha fi gżejjer: Għawdex, Malta, Corfù, Sqallija. L-ewwel fundazzjoni barra minn Malta kienet, kif rajna, dik ta' Corfù. B'din il-fundazzjoni l-Kongregazzjoni kienet telqet, fit-teorija u fil-prattika, biex tilqa' ħidmiet ġodda barra minn Malta, anke jekk din il-fundazzjoni għalissa kienet saret bil-għan li tgħin lill-Maltin emigranti. Kien progress kbir min-naħa tal-Kongregazzjoni, jekk wieħed iqis il-mentalità tipikament provinċjali tal-Maltin u l-Għawdxin, magħluqin fid-dinja ċkejkna tagħhom u, f'ċertu sens, marbutin mal-ideja tant għażiża ta' Dun Diacono, li minnha hu qatt ma kien irnexxielu jeħles għal kollox. Il-fundazzjoni ta' Corfù kienet tfisser daqqa ta' ħarta kbira għal din l-ideja komuni, għal dan in-nuqqas ta' ħeġġa biex is-sorijiet joħorġu mill-gżejjer Maltin, ħalli jħallu arthom u jħaddnu d-dinja. Il-fundazzjonijiet ta' Sqallija kellhom ikunu l-aħħar daqqa, dik definittiva, li warajha l-Kongregazzjoni tħossha ħielsa biex tieħu inizjattivi li bihom timraħ dejjem aktar, permezz ta' fundazzjonijiet aktar importanti.

Iż-żewġ fundazzjonijiet ta' Sqallija kellhom ukoll jiltaqgħu ma' ħafna diffikultajiet u kellhom jirbħu diversi provi. Minn dawn il-provi nistgħu nikkonkludu b'mod ċar żewġ ħwejjeġ: mill-banda l-waħda, li Alla jindaħal dejjem fil-waqt opportun, anke jekk forsi meta l-ħtieġa tkun tassew urġenti, u mill-banda l-oħrajn,m li l-ispirtu kbir ta' fidi u ta' disponibiltà ta' Madre Margerita li tilqa' s-sagrifiċċju jasal xi kultant sax-xifer, imma li hi qatt ma tonqos li tirċievi l-għajnuna u l-ħarsien mis-sema.

L-ewwel stedina biex is-sorijiet jiftħu skola għat-tfal f'Regalbuto, fil-provinċja ta' Catania u fid-djoċesi ta' Nicosia, kienet saret mis-saċerdot Giuseppe Campione, li kien sindku tal-post u president tal-"Casa Rurale" lokali. Hu qal bix-xewqa tiegħu lill-isqof ta' Nicosia, Monsinjur Agostino Addeo, Agostinjan, li mal-ewwel għarraf lil Monsinjur Camilleri, isqof ta' Għawdex, u wera l-approvazzjoni tiegħu għal din il-fundazzjoni.
Is-sitt sorijiet Franġiskani waslu Regalbuto fis-17 ta' April 1922, u mal-ewwel infetħet l-iskola tan-nuna, li fiha kienu jiġu xi mitt tifel u tifla. Barra minn din l-iskola, is-sorijiet kienu jingħataw għat-tagħlim tal-katekiżmu fil-parroċċa, kif ukoll għal attivitajiet oħrajn pastorali skont il-ħtieġa tal-waqt. In-nies tal-post kienu tassew sodisfatti b'dawn is-sorijiet li kienu ġew mill-bogħod, u kollox deher li kellu jiżviluppa dejjem aktar u b'mod aktar żgur fil-ġejjieni.
Iżda x-xitan deffes denbu – ikollna nammettu – u rnexxielu jisfaxxa kollox f'inqas minn sentejn. L-istorja ta' kif ġara dan hi din li ġejja.
Meta kien sar il-kuntratt, Dun Campione kien ried li fl-iskola tidħol bħala impjegata għall-qadi tas-sorijiet ċerta Concettina Romano, li kienet mill-post u kienet taħdem fil-"Casa Rurale". Is-sorijiet ma kellhomx bżonn ta' impjegati u forsi kienu jippreferu jaħdmu mingħajr indħil ta' barranin f'darhom. Madankollu, minħabba s-sens ta' rispett lejn Dun Campione, huma aċċettaw dik il-kundizzjoni, li mbagħad uriet ruħha bħala żball kbir min-naħa tagħhom.
Concettina ma kienet xejn aktar għajr spija ta' Dun Campione. Hi kienet tmur tgħid lil dan il-qassis, punt wara punt, dak kollu li kien jiġri f'dik id-dar, u anke dak kollu li ma kien jiġri xejn. Hi kienet tgħidlu dak kollu li, bil-għira kbira tagħha, kienet tara jew temmen li qed tara, mingħajr ma Dun Campione ma kien jintebaħ li dak kollu li tgħidlu kien falz u frott biss tal-fantasija u l-għira tagħha. Għalhekk ma damitx ma tnisslet klima ta' bruda u ta' nuqqas ta' fiduċja bejn is-sorijiet u d-direttur, li bdiet tikber minn jum għall-ieħor, bi tbatija kbira morali għall-komunità. Is-Superjura Ġenerali, li dak iż-żmien kienet Madre Nazarena Gouder, kienet infurmata b'kollox regolarment. Għalhekk hi, flimkien ma' Madre Fortunata, Madre Cleofa u Madre Margerita, marret Regalbuto, ħassret il-kuntratt ma' Dun Campione u ordnat lis-sorijiet tal-komunità biex jitilqu lura Malta fi żmien tlitt ijiem. Din kienet l-unika ħaġa li hi setgħet tagħmel f'dak il-waqt biex tevita nkwiet akbar lill-komunità.

Il-fundazzjoni ta' Troina, fil-provinċja ta' Enna u fid-djoċesi ta' Nicosia, saret fl-istess żmien ta' dik ta' Regalbuto. Bdiet f'qagħda kemmxejn diffiċli għall-ewwel, imma mbagħad kellha żvilupp aktar normali u organiku, li sewa biex jerġa' jaħji l-moral tas-sorijiet wara dik id-daqqa ta' ħarta li ħadu, u b'hekk jimliehom b'kuraġġ ġdid.

L-ewwel tentattivi tal-fundazzjoni saru fl-1921, meta Madre Margerita kienet Ruma biex tiltaqa' mal-Kardinal Oreste Giogi, l-ewwel kardinal protettur tal-Kongregazzjoni. Patri Domenico Fisicaro, li kien minn Troina, u li kien provinċjal tal-Kapuċċini fi Sqallija, kien offra lil Madre Margerita t-tmexxija ta' skola tan-nuna u ta' skola tal-ħjata u tax-xogħol tad-dar f'belt twelidu. Il-postijiet għal dan il-għan kienu lesti u kien fadal biss li xi ħadd jieħu l-inizjattiva biex jibda, jew aħjar, ikompli, dik il-ħidma li kienet ilha wieqfa għal xi numru ta' snin.

Is-Sorijiet Franġiskani kien ilhom żmien twil jixtiequ jidħlu Sqallija, f'din il-gżira li, storikament u kulturalment, tant hi magħquda mal-gżejjer Maltin. L-offerta tal-Kapuċċin swiet ħalli dan l-iskop jirnexxi. Madre Margerita talbet biex l-ewwel titkellem dwar din il-ħaġa mal-Kunsill Ġenerali, li ma sabx oġġezzjonijiet kbar biex jaċċetta din id-dar. Biss, il-Kunsillieri talbu bil-prudenza li l-Madre Ġenerali u l-Madre Vigarja jmorru Sqallija biex jaraw eżattament l-affarijiet b'għajnejhom u biex jiftiehmu ma' Patri Fisicaro dwar xi dettalji li kien għad fadal għad-diskussjoni. Madre Margerita u l-Vigarja, Madre Fortunata, marru Troina fit-8 ta' Diċembru 1921 u ftiehmu dwar kollox ma' Patri Fisicaro biex din l-opra tibda mill-aktar fis. Sadanittant kienu akkwistaw ukoll il-permessi meħtieġa mill-isqof ta' Nicosia, Monsinjur Addeo, kif ukoll miż-żewġ isqfijiet ta' Għawdex u Malta.

It-tluq tal-ħdax-il soru lejn Sqallija – sitta kellhom imorru Regalbuto u ħamsa Troina – saret fit-8 ta' Marzu 1922. Kienet mexxiethom Madre mArgerita, li kienet Superjura Ġenerali. Meta waslu Catania, iż-żewġ gruppi nfirdu: il-Madre Vigarja marret mal-grupp ta' Regalbuto, u Madre Margerita baqgħet ma' dak ta' Troina.

Il-vjaġġ minn Catania għal Troina kien mimli avventuri u sitwazzjonijiet ġodda, kurjużi u xi ftit tad-daħq, li jkun dnub li ma nirrakkuntawhomx lill-qarrejja tagħna, l-aktar għaliex Madre Margerita kellha sehem kbir fihom, u huma l-akbar turija ta' dawk l-aspetti karatteristiċi u simpatiċi tal-personalità tagħha. Hi tant kellha fiduċja fil-providenza divina li xi kultant iġġiegħelna naħsbu li tasal fix-xifer li tqiegħed lil ħutha s-sorijiet f'qagħda kemmxejn skomda. Ir-rakkont ta' dan il-vjaġġ

tagħtihulna Madre Paċifika, waħda mill-grupp li kellha tkun l-ewwel superjura tal-Fundazzjoni l-ġdida.

Meta s-sorijiet waslu Catania staqsew lil Madre Margerita jekk kinitx bagħtet telegramma lil Patri Fisicaro, kif suppost kienu ftiehmu, ħalli tgħidlu li s-sorijiet kellhom jaslu. Wieġbet: "Le, ma bgħattx telegramma. Aħjar naslu mingħajr ma navżaw, ħalli b'hekk ma ndejqu lil ħadd. Taħseb il-Providenza għalina".

Wara li raqdu fil-kunvent tas-Sorijiet Sależjani, l-għada filgħodu kmieni telqu lejn Bronte bil-ferrovija. Din kellha tkun l-ewwel waqfa tal-vjaġġ tagħhom. Waslu wara sitt sigħat vjaġġ. Fi Bronte kellhom jieħdu karozza tal-linja tal-posta, li kellha twassalhom Troina. Din kienet karozza qadima li kont trid tagħmel imħatra biex tirkeb fiha u tgħid li se tasal. Telqet fil-ħin ftit wara nofsinhar, u suppost li kellha tasal Troina f'ħin tajjeb ħalli s-sorijiet isibu posthom fid-dar il-ġdida. Imma wara ftit kilometri din l-imbierka karozza tal-linja waqfet u s-sewwieq ma setax iqabbad il-magna bl-ebda mod. Il-povru raġel beda jdur magħha u jilgħab fil-magna forsi taqbad u titlaq, imma kien kollu ħela ta' enerġija. Il-passiġġieri għalhekk kellhom jibqgħu hemmhekk tliet sigħat sħaħ jistennew mejtin u ma kinux jaraw is-siegħa u l-mument li jaslu Troina ħalli jistrieħu ftit. Kien jonqos ukoll din l-istorja tal-karozza issa! Madre Margerita kienet kalma u kompliet titlob u tħeġġeġ lis-sorijiet biex jitolbu forsi l-karozza terġa' tibda miexja. Kollu ta' xejn. Il-ħin beda jgħaddi u qorob filgħaxija, u kienu għadhom imwaħħlin hemmhekk. Is-soroijeit niżlu mill-karozza biex jieħdu ftit arja fit-triq. Madre Margerita baqgħet fil-karozza weħidha ma' Madre Paċifika.

F'daqqa waħda hi ddeċidiet li tagħmel wegħda, jiġifieri li tagħmel il-Via Crucis jekk jaslu Troina. Madre Paċifika, meta semgħetha tgħid x'kienet se tagħmel wieġbet li s-sorijiet kienu għajjenin ħafna u forsi aħjar iħallu għall-għada l-Via Crucis. Madre Margerita wieġbet: "Imma, issa jew ħaġa jew oħra, jew il-wiegħda tal-Via Crucis, inkella nibqgħu hawn sa għada."

Madre Margerita resqet lejn is-sewwieq, li kien kollu għarqan u li issa kien qata' qalbu għal kollox, u li kien għadu jilgħab mal-magna bit-tama li taqbad, u qaltlu bil-ħlewwa: "Kuraġġ! Ipprova għal darba oħra u tara kif issa nitilqu ħgur".

Tassew ħaġa stramba. Din id-darba, wara sitt sigħat ta' sforz inutli, il-magna bdiet taqbad qisha xi ċuqlajta, u mbagħad taħdem sewwa sakemm il-karozza tal-linja setgħet titlaq. Is-sorijiet waslu Troina tard filgħaxija meta kien diġà d-dlam –

f'Marzu l-ġranet ikunu għadhom qosra – mingħajr ħadd ma kien qed jistenniehom, saħansitra l-Patri Kapuċċin, li qatt ma ħolom li kellhom jaslu dak il-ħin biex jidħlu fid-dar il-ġdida. Il-karozza tal-linja kienet tieqaf kemmxejn 'il bogħod mill-abitat. Għalhekk is-sorijiet ħadu l-bagalji tqal, u weħidhom mdew iterrqu bil-mixi lejn il-belt, ifittxu l-Kulleġġ ta' Marija Addolorata, fejn kellhom itemmu, f'dik il-lejla, l-avventura tagħhom. Imma ll-Kulleġġ donnu ma kien se jasal qatt. Kull ħames minuti kien ikollhom jieqfu u jpoġġu l-bagalji tqal mal-art għax ma kinux jifilħu jġorruhom iżjed. Magħhom kien hemm ukoll passiġġier li kien ġej minn Catania, u staqsewh: "Taf turina, jekk jogħġbok, fejn qiegħed il-Kulleġġ ta' Marija Addolorata?" "Iva, ejjew miegħi. Jiena noqgħod fil-pjazza ta' ħdejh".
Fl-aħħar waslu l-Kulleġġ, imma sabuh magħluq. Il-mara li tieħu ħsiebu kienet marret il-knisja biex tisma' l-priedka tar-Randan li kienu qed jagħmlu l-missjunarji Ġiżwiti bħala tħejjija għall-Għid/ Kellhom jitħabtu fuq li jitħabtu biex isibu 'l din il-mara u jgħidulha tiġi tiftħilhom. Malli daħlu l-povri sorijiet, li kienu għajjenin mejta mill-vjaġġ, inxteħtu fuq siġġu biex jistrieħu. Ma kinux jifilħu iżjed. Imma Madre Margerita, donnu qatt ma kien ġara xejn, qaltilhom kollha ferħana: "Issa, uliedi, agħmlu l-qalb, qumu. Imxu ħalli mmorru nirringrazzjaw lil Alla talli wasalna qawwijin u sħaħ. Inkantaw Te Deum u nagħmlu l-Via Crucis."
Sadanittant il-funzjoni fil-knisja kienet intemmet u n-nies, li saret taf li kienu waslu s-sorijiet li dwarhom tant kienu ilhom jisimgħu, marru kollha l-Kulleġġ biex jarawhom! "Waslu s-sorijiet! Waslu s-sorijiet! Ejjew ħa narawhom ...".
Ma setgħetx issirilhom laqgħa daqshekk ferreħija, spontanja u li tqanqlek. "Imma Patri Domenico jaf?" staqsiet waħda mara, "Fejn hu Patri Domenico?"
It-twajjeb Kapuċċin kien ilu jistenna għal ħafna sigħat il-wsla tas-sorijiet u mbagħad reġa' lura l-kunvent. Wieħed tifel mar jiġri fil-kunvent tal-Kapuċċini u ftit wara n-nies raw lil Patri Domenico fid-dlam, jilheġ, b'idejh merfugħa u d-daqna mħarbta bir-riħ, filwaqt li kien jistagħġeb u jgħid: "Santa fede! Santa fede!" Din kienet l-espressjoni li biha kien soltu jistagħġeb. "Għaliex ma avżajtunix? Għaliex ma bgħattux telegramma?"
Madre Margerita talbet skuża: "Aħfirli, Patri Domenico, jien ħallejt kollox f'idejn il-Providenza."
Dak il-vjaġġ avventuruż kien fl-aħħar wasal għat-tmiem. Madre Margerita damet Troina xahrejn bied tħeġġeġ u tgħin lil uliedha fid-diffikultajiet u t-taħbit tal-bidu

sakemm jaqbdu l-art fil-ħidma tagħhom. Hi ħalliet impressjoni tant profonda finnies tal-post, li huma baqgħu jiftakruha għal ħafna snin. Troina mal-ewwel uriet ruħha bħala art tajba u ħammiela fejn nibtu ħafna vokazzjonijiet tajbin Franġiskani. Tliet ġimgħat wara li waslu s-sorijiet, fit-28 ta' Marzu, sar il-ftuħ solenni tal-iskola fil-preżenza tal-isqof ta' Nicosia. L-ewwel superjura ta' Troina, kif għidna, kienet Madre Paċifika Xuereb.

Madre Margerita dejjem baqgħet tgħożż id-dar ta' Troina. Fl-1923, meta waslet fit-tmiem tas-sitt snin bħala Superjura Ġenerali, bit-tama li dan il-piż issa jgħaddi fuq spallejn ħaddieħor, fil-25 ta' April riedet tikteb lil ħutha s-sorijiet ta' Troina ittra ta' tislija:

*"Nittama li din ser tkun l-aħħar darba li ser inkellmek bħala Superjura Ġenerali, imma m'inix ser nieqaf, ukoll minn pożizzjoni oħra, li nħeġġiġkom ħalli tkunu umli, ġwejda, tafu ċċedu, u li nħobbkom u ngħinkom kemm nista'. Iva, għeżież tiegħi, iva, ngħinu dejjem lil xulxin ħalli nġorru l-piż waħda lill-oħra, ħalli l-Mulej jogħġbu jgħaqqadna b'rabta ta' mħabba fraterna u f'imħabb safja filwaqt li ngħakksu dak il-**jiena** kattiv u malizzjuż tagħna ... Fhimtni? Għalhekk aħfru n-nuqqasijiet li rajtu fija midinba imsejka. Tehdew qatt li titolbu għalija lill-Mulej, bħalma b'qalbi kollha nwegħedkom li nagħmel għalikom ilkoll, il-fqajra u bla ma jistħoqqilha,*
*Sor M. Margerita".*

**Kapitlu 20**

# MADRE NAZARENA GOUDER (1874 – 1951) IT-TIELET SUPERJURA ĠENERALI TAL-KONGREGAZZJONI

It-tmien Kapitlu Ġenerali li sar fil-Casa Madre, fil-21 ta' Mejju 1923, taħt it-tmexxija tal-isqof Camilleri, ħalli terġa' ssir l-elezzjoni tal-Madre Ġenerali, wara li kienu għaddew sitt snin ta' Madre Margerita, kien Kapitlu mqalleb ħafna. Minn Għid il-Ħamsin tal-1918, jiġifieri ħames snin qabel, kien beda jorbot il-Kodiċi l-ġdid tal-liġi kanonika, li kien riedu l-Papa San Piju X u kien sawru l-Kardinal Pietro Gasparri. Dan kien jagħti lill-isqfijiet awtorità ikbar fit-tmexxija tad-djoċesi tagħhom. Il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani kienet għadha waħda ta' dritt djoċesan u l-isqof, fil-prattika, kien il-veru superjur ta' dan l-Istitut b'setgħa u awtorità anke fuq il-Kunsill u l-Kapitlu Ġenerali.

L-aħħar sitt snin tat-tmexxija ta' Madre Margerita kienu pożittivi ħafna għall-iżvilupp tal-Istitut, proprju bħat-tmintax-il sena li kienu ġew qabilhom. Il-fundazzjonijiet ġodda barra minn Malta, in-numru dejjem jiżdied ta' novizzi u ta' sorijiet professi u, fuq kollox, il-formazzjoni spiritwali profonda li kienet tingħata lill-imseħbin kollha permezz tal-kelma, tal-kitba u tal-eżempju, kienu swew għas-sodisfazzjoni ta' kulħadd, ħlief ta' xi ftit. Fil-fatt, xi tlieta jew erbgħa mis-sorijiet li kienu anke kapaċi biex imexxu l-komunitajiet, u li kienu anke huma mħeġġin minn intenzjonijiet tajba, ma tantx kienu jaqblu mal-metodu ta' tmexxija ta' Madre Margerita fuq xi punti, u kienu jakkużawha li kellha ftit ħeġġa biex issikket l-abbużi fil-kamp dixxiplinari, li ma tantx kienet ordnata fl-amministrazzjoni tagħha, li tilqa' lin-novizzi anke jekk dawn jidħlu mingħajr id-dota li suppost kellhom iġibu magħhom, kif ukoll kienu jakkużawha fuq ħafna rqaqat oħrajn prattiċi li huma kienu jippreferu jarawha tagħmilha mod ieħor. Madre Margerita kellha għalhekk tbati ħafna minn dawn l-uħud.

Dan il-garr kien wasal anke f'widnejn l-isqof, li personalment kellu stima ta' Madre Margerita, kif diġà rajna drabi oħra. Imma anke hu issa beda jaħseb li, minħabba dawn ir-raġunijiet u anke minħabba raġunijiet oħrajn, kien jaqbel li issa jagħti mixra ġdida lill-Istitut, jew aħjar, jerġa' jindirizzah 'il quddiem mill-ġdid billi ssir

bidla fit-tmexxija tal-Kongregazzjoni. Fl-1923, Madre Margerita diġà kellha 61 sena u kienet tagħmel parti mill-imseħbin l-aktar anzjani, mal-grupp tas-sorijiet xjuħ li kienu kibru fl-iskola ta' Dun Diacono. Sadanittant żgħażagħ oħrajn intelliġenti u kapaċi kienu daħlu fil-Kongregazzjoni u kienu taw prova mill-aqwa tat-tħejjija u l-formazzjoni tagħhom. Għaliex ma jgħaddix ir-responsabiltà tat-tmexxija lil xi waħda minnhom?

Meta fetaħ il-Kapitlu, l-isqof wissa lill-kapitulari biex jivvutaw – kif jingħad dejjem – "b'għaqal u skont il-kuxjenza" għall-aħjar ġid tal-Kongregazzjoni, imma qalilhom ukoll biex jeskludu kategorikament lil Madre Margerita mill-elezzjoni u jixħtu l-voti tagħhom fuq isem ieħor li huma jridu jagħżlu:

*"Tridu tibdlu lil Madre Ġenerali! Dejjem Madre Margerita! Ma għandkomx tivvutawlha aktar. U anke l-Kunsillieri tridu tibdluhom kollha. It-tmexxija kollha tal-Kongregazzjoni trid tinbidel!"*

Il-kliem tal-isqof deher stramb ħafna għal kważi l-membri kollha tal-Kapitlu. Dawn ivvutaw bil-għaqal u skont il-kuxjenza għal dak li dehrilhom kien l-aħjar ġid tal-Kongregazzjoni, mingħajr ma taw kas tal-ordni tal-isqof, u reġgħu tellgħu lil Madre Margerita b'maġġoranza assoluta. Wara li saru l-iskrutinji, l-klima li kien hemm fil-Kapitlu, li kien diġà beda b'tensjoni kbira, kompliet tiħrax. L-isqof ċanfar lis-sorijiet li vvutaw talli ma obdewx għall-ordni tiegħu u qalilhom ċar u tond li hu ma kienx se japprova dik l-elezzjoni. Fis-sala kapitulari kien hemm agħa kbir, li malajr beda jinħass ukoll fil-lokali kollha tal-Casa Madre. L-aktar waħda kalma qalb dak it-taħwid kienet Madre Margerita. Hi niżlet għarkobbtejha quddiem l-isqof u talbitu maħfra f'isem is-sorijiet kollha. Imbagħad daret lejn il-kapitulari, u kkmandathom biex ma jivvutawx aktar għaliha u biex jagħżlu bħala superjura lil dik li l-aktar kien jidhrilhom li jistħoqqilha quddiem Alla.

B'hekk reġgħet il-kalma f'dik il-ġemgħa, u l-isqof reġa' tenna l-ordni tiegħu: is-sorijiet jagħżlu Madre Ġenerali ġdida u Kunsill ġdid, filwaqt li jeskludu l-Madre Ġenerali ta' qabel, is-segretarja u l-ekonoma ġenerali. Din id-darba l-kapitulari obdew. Mat-tielet skrutinju ġiet eletta bħala Madre Ġenerali, Madre Giovanna tal-Axxensjoni, Anna Fenech, imwielda fil-Mellieħa, Malta, fl-1868, li ngħatat Kunsill ġdid għal kollox mingħajr l-ebda element qadim.

Il-fatt li Madre Margerita tħalliet barra kien ħalla miblugħa mhux biss lis-sorijiet, imma anke lill-barranin, kemm lajċi kif ukoll saċerdoti, li kienu qalu lis-sorijiet:

*"Għaliex ma għamiltux appell Ruma? Issa tliftu superjura li bħalha m'intomx sejrin issibu fil-Kongregazzjoni kollha."*

Imma s-Sorijiet Franġiskani ma għamlu l-ebda appella Ruma u lanqas ma għamlu l-ebda oppożizzjoni lill-isqof. Madre Margerita ma kinitx se tħallihom jagħmlu ħaġa bħal din bl-ebda mod. Anke f'din il-ġrajja, bħal fil-ġrajjiet l-oħrajn kollha, hi kienet tara r-rieda ta' Alla. Hi kienet taħseb li dak li kien ġara ma kienx ġej mill-ħżunija u l-indħil tal-bnedmin, imma li kien Alla li jaf jiddisponi kollox bil-qawwa u bil-ħlewwa tiegħu u li, fil-għerf tiegħu, jaf joħroġ il-ġid anke mid-deni.

Is-Superjura Ġenerali ġdida, iżda, ma kellhiex tibqa' għal żmien twil tmexxi l-Kongregazzjoni. Infatti, lanqas erba' xhur wara l-elezzjoni tagħha, fid-19 ta' Settembru 1923, attakk tal-qalb ħasdilha ħajjitha meta kienet lanqas biss għalqet 55 sena. Dawk kollha li kienu jafuha u li kellhom stima tagħha kienu bkewha ħafna. L-aktar waħda li tnikktet u ddispjaċiha għall-mewt tagħha kienet Madre Margerita, li fl-10 ta' Ottubru, kitbet hekk lis-sorijiet ta' Troina:

*"X'jidhirlek mit-telfa kbira tal-maħbuba Madre tagħna? Kif ħadd ma jifhimhom il-ġudizzji t'Alla! Min qatt kien jaħseb li fi żmien ta' erba' xhur kellu jerġa' jsir Kapitlu Ġenerali? ... Nitolbu wkoll għall-Kongregazzjoni għażiża tagħna li bħalissa hi orfni u mgħaddsa f'dan in-niket kbir".*

Il-Kapitlu straordinarju tlaqqa' fit-2 ta' Jannar 1924 u minnu ħarġet eletta Madre Ġenerali, Madre Nazarena ta' Santa Tereża, imwielda Tereża Gouder, li kellha tkun waħda mill-aktar figuri li spikkaw fl-istorja tal-Kongregazzjoni dak iż-żmien. Hi jistħoqqilha li nagħtuha attenzjoni partikulari, proprju minħabba l-indirizz li rnexxielha tagħti lill-Kongregazzjoni matul it-tmienja u għoxrin sena tas-superjorat tagħha, u rridu nagħmlu dan fil-bijografija ta' Madre Margerita minħabba r-rabtiet intimi ta' ħbiberija, ta' stima reċiproka li kienet torbot bejniethom lil dawn l-erwieħ kbar. Madre Nazarena tista' titqies bħala r-ruħ tewmija ta' Madre Margerita, li kienet dejjem qrib lejha kemm minħabba l-intenzjonikjiet tagħhom li kienu dejjem jaqblu kif ukoll minħabba t-twettiq ta' diversi opri u minħabba li kienu jħossuhom qrib xulxin fil-ħajja tal-ispirtu.

Lil Madre Nazarena diġà fakkarnieha diversi drabi f'dawn il-paġni għax hi kienet superjura tal-fundazzjoni ġdida ta' Corfù mill-1908 sal-1911 u mbagħad Superjura Ġenerali mill-1911 sal-1917.

Tereża Gouder kienet twieldet l-Imdina, Malta, fl-21 ta' Jannar 1874 minn familja tat-tajjeb – għax missierha kien tabib – reliġjuża ħafna u numeruża: kellha żewġ ħutha subien u sitta bniet. Minn żmien tfulitha kienet uriet intelliġenza miftuħa, karattru qawwi, u kapaċità li tieħu deċiżjoni mal-ewwel. Hi kellha żżomm dawn id-doni għal ħajjitha kollha. Wara li kienet kisbet id-diploma ta' għalliema, kienet diġà bdiet tgħallem fi skola u kienet tgħarrset ma' ġuvni bil-għaqal, meta f'daqqa waħda iddeċidiet li ma tkomplix miegħu aktar u tidħol mas-Sorijiet Franġiskani ta' Għawdex. Dak iż-żmien kellha għoxrin sena. Tal-familja ma kinux qed jistennew dik id-deċiżżjoni, u kienu wrew xi oppożizzjoni għall-proġett tagħha li tidħol fil-kunvent, imma l-karattru tagħha iebes u deċiż malajr rebaħ lil tal-familja: "Jien bint San Franġisk", kienet qalet lil missierha, "M'inix aktar bintek".
Għamlet il-vestizzjoni reliġjuża fl-14 ta' Mejju 1894 u l-professjoni temporanja eżattament sentejn wara: fl-14 ta' Mejju 1896, festa tat-Tlugħ tal-Mulej fis-sema.
Madre Nazarena ma kinitx ġejja mill-iskola ta' Dun Diacono, għalkemm hi kellha tafu u tiltaqa' miegħu f'ċirkostanzi diversi, iżda dejjem wara li hu kien ħalla l-ħidma tiegħu fi Triq Palma. Madre Nazarena mela kienet kibret u ġiet iffurmata matul it-tieni fażi tal-Kongregazzjoni, dik immexxija mill-figura tal-"fundatriċi", Madre Margerita, li tagħha hi dejjem baqgħet bint għażiża.
Tkellimna dwar il-karattru qawwi ta' din in-novizza żagħżugħa. Kellha karattru li ħabbatha ħafna matul is-snin tal-formazzjoni reliġjuża tagħha, u li kontra tiegħu kellha tiġġieled u li minħabba fih kellha tbati ħafna. Hija, iżda, rnexxielha li tirbħu u timmansah bl-ispirtu profond ta' pjetà u ta' talb bla jaqta'. Hi kienet imdorrija tieħu bis-serjetà dawk l-affarijiet kollha li kienet taħseb li jixraq li jittieħdu bis-serjetà, u għalhekk ingħatat b'ruħha u ġisimha biex twieġeb totalment għas-sejħa divina. Hi riedet tgħix u tinkarna fiha nfisha sal-qiegħnett din is-sejħa, billi ma ċaħdet xejn minn dak li kienet iġġib magħha l-vokazzjoni u li kienet titlob minnha b'obbligu l-professjoni tal-voti. L-għalliema u l-mudell ħaj tagħha kienet Madre Margerita, li min-naħa tagħha, mal-ewwel kellha stima kbira lejn l-għalliema żagħżugħa u kienet timxi pass pass wara l-progressi tagħha, filwaqt li tistenna futur mimli tama u frott ta' ħidma minnha. Lejlet il-professjoni, fit-13 ta' Mejju 1896, kitbitilha ittra twila b'espressjonijiet tassew ħajjin, profondi u mhux komuni, li jgħinuna nifhmu ħafna ħwejjeġ bejn il-linji tat-test. Inġibu hawnhekk xi passi minnhom:

*"Binti l-aktar għażiża fi Kristu,*

*Tqanqalt u sad-dmugħ xirifli, waqt li qrajt l-ittra mħeġġa tiegħek ... Iva, għażiża binti, għandek raġun li tifraħ u bħal togħdos sal-qiegħ f'baħar ta' mħabba u hena. Għax il-Maħbub divin li miegħu se tintrabat hu tabilħaqq għani fl-għotjiet tiegħu ... Kun af, maħbuba tiegħi, li l-Għarus tiegħek hu għajjur ħafna. Għalhekk inħeġġek minn qiegħ qalbi, li żżomm sħiħa f'dawn il-wegħdiet tiegħek. Hekk niżgurak li dan il-hena u l-ferħ ta' llum, idum ukoll għal dejjem. Minkejja li dan mhux dejjem b'mod ċar u li jidher ... Infakkrek li m'għandek qatt u qatt matul ħajtek kollha tinsa li inti issa mejta, kemm f'dak li hu tad-dinja, kif ukoll f'dak li hu spiritwali, biex hekk tingħata kollox kemm int u tintelaq fil-ħniena tal-Maħbub tiegħek. Ukoll meta bħal donnu jistaħba. Agħmel li kemm jista' jkun tkun miġbura, kollok ħeġġa, umli u l-aktar ubbidjenti. U m'hemmx għalfejn ngħidlek biex tagħmel kollox bl-imħabba, għall-imħabba u fl-imħabba, għax taf aktar minni li l-Maħbub tagħna ma jogħġbuhx l-opri, imqar l-aktar magħrufa, li jsiru mingħajr imħabba. Insomma, għix fil-Qalb ta' dan il-Maħbub ħelu, ħajja ta' mħabba, imħabba safja, imħabba ta' sagrifiċċju. Għix fiH, bħall-ħut fil-baħar ..."*

Wara li kienet okkupat diversi uffiċċji, fl-iskola tal-Pilar fil-Belt u tal-Qala f'Għawdex, Madre Nazarena kienet saret, kif għidna, l-ewwel superjura f'Corfù, fejn damet tliet snin, sakemm fl-1911 ġiet eletta bħala t-tieni Superjura Ġenerali flok Madre Margerita, li kienet talbet lis-sorijiet biex ma jtellgħuhiex. Dak iż-żmien Madre Nazarena kellha 37 sena, imma ħutha s-sorijiet kellhom stima kbira tagħha minħabba l-kultura kbira tagħha – kienet titkellem b'mod tajjeb it-Taljan, l-Ingliż u b'mod mhux ħażin il-Grieg modern – kif ukoll minħabba l-karattru u t-tjieba kbira tagħha. Damet fil-kariga ta' Madre Ġenerali għal sitt snin, li kienu s-snin iebsin tal-ewwel gwerra dinjija. Hi kienet mexxiet il-Kongregazzjoni f'dawk is-snin tant diffiċli b'qawwa u deċiżjoni, b'fedeltà assoluta għall-ispirtu Franġiskan tar-Regola. "B'qawwa u deċiżjoni", skont il-karattru tagħha; forsi xi kultant anke ż-żejjed, tant li mhux is-sorijiet kollha kienu ħadu gost bit-tmexxija qawwija tagħha, sakemm fil-Kapitlu tal-1917 ma riduhiex iżjed bħala Madre Ġenerali u kienu reġgħu tellgħu għal darb'oħra, kif għidna, lil Madre Margerita. Dik it-tagħlima swiet ħafna lil Madre Nazarena, u fit-tieni perjodu tas-superjorat tagħha, bejn l-1924 u l-1945, hi biddlet mill-qiegħnett il-metodu tat-tmexxija tagħha. Flok il-qawwa hi wżat l-imħabba ta' omm, flok it-tmexxija iebsa wżat it-tjubija u ppruvat tifhem lil

kulħadd. Is-sorijiet anzjani jgħidulna li, għall-festi ewlenin tas-sena, kienet taħdem b'idejha stess pakketti żgħar ta' ħelu jew rigali "mibgħutin minn ommhom" ħalli tagħti prova ċara lill-ulied għaqlin tagħha li "ommhom" ma kinitx tinsiehom.
L-iżvilupp qawwi li kellha l-Kongregazzjoni bejn is-snin għoxrin u tletin kien kollu frott tal-ħidma ta' Madre Nazarena. Hi kienet għamlet disa' fundazzjonijiet ġodda, uħud fil-gżejjer Maltin u oħrajn barra minn Malta. Fost dawn tal-aħħar, tnejn kellhom ix-xorti li jkollhom żvilupp straordinarju b'mod partikulari: dik tal-Etjopja fl-1925 u dik ta' Ruma fl-1926.
Dawn il-fundazzjonijiet saru b'ritmu bla jaqta'. Kważi kull sena rat id-dħul ta' numru ġdid ta' Sorijiet Franġiskani li bil-barka ta' Alla, kienu dejjem jiżdiedu. Fl-1927 saret il-fundazzjoni ta' Misterbianco, fi Sqallija, fil-provinċja ta' Catania; fl-1929 dik tal-Birgu, Malta; fl-1930 dik tax-Xagħra, Għawdex; fl-1932 dik tas-Siġġiewi, Malta; fl-1934 dik tas-Sliema, Malta; u fl-1941 dik tal-Imġarr, Malta. Dawn il-fundazzjonijiet kollha, inkluża dik tal-missjoni tal-Etjopja, kellhom skejjel tan-nuna, orfanatrofji, skejjel tax-xogħol tad-dar, skejjel primarji u sekondarji. Minn dawn il-postijiet kollha bdew ġejjin ħafna vokazzjonijiet ġodda fil-Kongregazzjoni.
L-għaxar Kapitlu Ġenerali, li ltaqa' fil-Casa Madre fl-24 ta' Mejju 1945, tella' bħala Superjura Ġenerali lil Madre Cleofa Bondin u Madre Nazarena, li kellha 71 sena, irtirat fil-Casa Madre, fejn saret suprjura lokali, filwaqt li baqgħet Kunsilliera Ġenerali. Damet Għawdex għal sitt snin u kienet tittama li tmu hemmhekk, f'dik id-dar fejn kienet twieldet il-Kongregazzjoni ħamsin sena qabel, imma kellha tmut barra. F'Ottubru tal-1951, marret il-Belt Valletta biex tagħmel il-kura ta' snienha, u kienet marret toqgħod fid-Dar tal-Adorazzjoni. Fit-22 ta' Ottubru kellha attakk qawwi tal-qalb, li reġa' taha drabi oħrajn, u malajr wassalha fi tmiem ħajjitha.
Is-sorijiet kollha tad-djar ta' Malta, meta ħadu l-aħbar tal-qagħda gravi tagħha u tal-periklu li jitilfuha, marru jiġru jarawha ħalli jitolbuha l-barka tagħha. Il-jum qabel ma mietet kitbet fuq karta l-aħħar pariri tagħha lis-sorijiet bl-ilsien Malti:
*"Ħuti u wliedi maħbubin, din hi t-tifkira li nixtieq inħallilkom: l-imgħoddi ħalluh f'idejn il-ħniena ta' Alla, tqaddsu fiż-żmien ta' issa, u nitlob maħfra ta' dak kollu li fih inqastkom, kif jiena naħfer lilkom b'qalbi kollha. U nitolbu għal xulxin."*
Il-patri Franġiskan li kien qed jassistiha, qabel ma taha l-assoluzzjoni u l-barka papali, staqsiha jekk riditx iġġedded il-voti. Hi għamlet sinjal li riedet billi ċaqalqet

rasha, u eżatt wara mietet. Kienu s-sitta neqsin kwart ta’ filgħaxija tas-26 ta’ Ottubru 1951. Kellha 78 sena, li għaddiet 55 minnhom fil-Kongregazzjoni.

Dik il-mewt mhux mistennija xeħtet lill-komunità kollha fl-akbar niket. Madre Margerita, li dik il-ħabta kienet fil-Casa Madre u sa ftit ġranet qabel kienet dejjem ma’ Madre Nazarena, kienet l-aktar waħda mnikkta mis-sorijiet kollha. Waħda mill-aktar sorijiet li ħadmu id f’id magħha issxa ħallietha u telqitha waħedha. Għaliex mietet Madre Nazarena, li kienet iżgħar minna, u mhux hi li kienet tnax-il sena ixjeħ minnha? Fin-niket tagħha, iżda, kienet titfarraġ biċ-ċertezza li Madre Nazarena kienet diġà waslet biex tikseb il-glorja li ma tintemm qatt. Hi kienet qalet b’dan lil madre Paċifika, li tatna r-rakkont ta’ dan il-fatt:

*“Mill-ewwel jum li fih ġejt magħżula bħala Superjura Ġenerali sallum, jien dejjem tlabt ‘l Alla wara t-Tqarbin imqaddes, biex ikolli mis-sema sinjal li l-Kongregazzjoni tagħna hi tassew approvata minn Alla. U s-sinjal kellu jkun li qabel ma jiena mmut ikolli x-xorti nara waħda mis-sorijiet tagħmel mewta tassew qaddisa. Issa rajt il-mewt ta’ Madre Nazarena, u għandi ċ-ċertezza li hi tinsab flimkien mal-beati. Issa x’fadalli ħlief li mmut anke jien?”*

Madre Margerita kellha tmur wara Madre Nazarena fil-qabar tliet xhur wara, fit-22 ta’ Jannar 1952.

Il-qbil bejn Madre Margerita u Madre Nazarena, li ssejħu t-tnejn għall-ogħla uffiċċju tal-Kongregazzjoni, jidher sħiħ biżżejjed minn dak li għidna f’dan il-kapitlu. Nixtiequ nerġgħu nuruh fil-qosor billi nġibu l-ġudizzju awtorevoli ta’ Monsinjur Mikiel Gonzi (1885 – 1984), li fid-19-il sena li dam isqof ta’ Għawdex (1924 – 1943) u fit-32 sena li kien arċisqof ta’ Malta (1943 – 1976), kellu l-okkażjoni li jiltaqa’ u jsir jaf tajjeb ħafna kemm lill-waħda kif ukoll lill-oħra. Fl-1967 hu qal lili li qed nikteb:

*“Madre Margerita kienet reliġjuża osservanti ħafna, twajba, mogħtija għat-talb u jistħoqqilha b’kull raġun it-titlu ta’ “Fundatriċi” tal-Kongregazzjoni għaliex kellha influss ta’ ġid kbir u dejjiemi fuq ħutha s-sorijiet bil-personalità tagħha, b’ħajjitha u bit-tagħlim tagħha, bl-osservanza eżatta tar-Regola, bil-fedeltà tagħha lejn l-ispirtu Franġiskan ta’ faqar u sempliċità. Madre Nazarena kienet mara li kienet imwielda biex torganizza, li kienet tikkmanda bil-ħlewwa. Madre Nazarena ma nistgħux nsejħulha fundatriċi, imma ċertament dik li saħħet il-Kongregazzjoni.”*

## Kapitlu 21

## IL-MISSJONI FL-ETJOPJA
## 1925

Is-Sorijiet Franġiskani waslu fl-Etjopja, art tal-missjoni, fl-1927, meta kienet Superjura Ġenerali Madre Nazarena. Madre Margerita kienet ilha mill-1924 li temmet il-perjodu tagħha ta' superjorat. Il-fundazzjoni fl-Afrika, mela, ma tmisshiex direttament, għax ġiet magħmula minn oħrajn mingħajr l-indħil dirett tagħha, iżda tmissha indirettament għaliex anke hi dak iż-żmien kienet tagħmel parti mill-Kunsill Ġenerali u saħħet bil-vot tagħha din l-inizjattiva ġdida missjunarja li l-Kongregazzjoni ħadet f'daqqa waħda.

Dan l-ispirtumissjunarju kien xi ]a[a [dida u li mela lill-Kongregazzjoni b'entużjażmu kbir. Lanqas ma kellu jkun limitat biss għal dik l-ewwel esperjenza li kellu jkollha żviluppi promettenti ħafna wara permezz ta' opri u vokazzjonijiet fil-Brażil, fil-Pakistan u fl-Awstralja. Din l-inizjattiva, mela, kien jistħoqqilha li tiġi appoġġjata u inkuraġġjata b'kull mezz. Dan l-indirizz il-ġdid missjunarju kellu jservi biex jiġbed mis-sema barkiet aktar abbondanti, u jkabbar il-ħeġġa apostolika tal-Kongregazzjoni, ħalli b'hekk tinfirex is-saltna ta' Alla fid-dinja. Kienet inizjattiva li kellha ddaħħal lill-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani li kienet għadha waħda ta' dritt djoċesan, fl-attività ħajja tal-Knisja universali, u b'hekk tħaffef dik l-approvazzjoni pontifiċja tant mistennija.

L-impressjoni li din l=inizjattiva qanqlet fil-Kongregazzjoni, malli s-sorijiet saru jafu li kellha tinfetaħ missjoni fl-Afrika, narawha ċara f'nota li sibnieha fl-arkivju, u li nkitbet minn idejn Madre Luisa Busuttil, li kellha tkun Madre Ġenerali:

*"Is-sorijiet Franġiskani ta' Malta qegħdin iħossuhom imsejħin għal idejali dejjem egħla, u għal destin akbar skont ma trid minnhom il-Providenza divina. Min kien qatt joħlom li l-grupp ta' xbejbiet Għawdxin kellu biż-żmien jikber f'numru bħal dan u li mhux talli kellu jiftaħ djar 'il bogħod minn art twelidhom biex jgħallem l-iskola u l-ħidma tad-dar lil tant tfal u xbejbiet, imma saħansitra li kellu joħroġ barra mill-fruntieri tal-Ewropa ħalli jmur f'artijiet imbiegħda u jingħata għall-ħajja*

*missjunarja bil-ħidma u bl-eżempju? Kemm tassew huma moħbijin il-ġudizzji ta' Alla!"*

L-ewwel pass li wassal lis-Sorijiet Franġiskani fl-Etjopja kien sar mill-Kapuċċin Malti Patgri Anġlu Mizzi, ħu l-onorevoli Nerik Mizzi. Patri Mizzi, li kien jagħmel parti mil-provinċja tal-Kapuċċini ta' Tolosa, kien ilu snin kbar missjunarju fis-Somalja Franċiża, li llum tissejjaħ Gibuti, u kien reġa' lura fl-Ewropa biex ifittex Istitut femminili li jrid jieħu f'idejh it-tmexxija ta' ħafna opri li twaqqfu fil-missjoni: skejjel tat-tfal u tan-nuna, orfanatrofji, sptarijiet. Għal dan il-għan hu dar lejn is-Sorijiet Franġiskani ta' Malta. Mar fil-Casa Madre u għamel konferenza lill-komunità kollha, filwaqt li wriehom il-bżonn, il-ġmiel, l-opportunità u l-ħtieġa li jkun hemm sorijiet f'oqsma determinati tal-ħidma missjunarja, u kemm kien ikun tajjeb kieku s-Sorijiet Franġiskani setgħu jidħlu huma wkoll f'dan l-apostolat tant meħtieġ fil-Knisja. Il-popolazzjoni tal-Afrika kienet tistenna ħerqana l-għajnuna mill-Ewropa. Hemmhekk kien hemm kamp immens ta' ħidma lesta biex tinżera', u bil-wiegħda żgura li jkollha żsad abbundanti għall-glorja ta' Alla u għat-tifrix tas-saltna tiegħu fuq l-art. Għaliex jistennew? Għaliex joffru reżistenza? Għaliex joqogħdu lura?

Madre Nazarena kienet ukoll preżenti għall-konferenza ta' Patri Anġlu. Hi ma kellha l-ebda ħsieb li twaqqaf fundazzjoni fl-Afrika f'dak il-waqt. Kien għad hemm ħafna pjanijiet oħrajn xi jsiru u ħafna fundazzjonijiet li kellha taħseb għalihom ta' malajr, u din l-inizjattiva missjunarja, ta' dawk id-dimensjonijiet, dehritilha għall-ewwel pass li jkun ikbar mill-forsi tagħha u tal-Kongregazzjoni kif ukoll wieħed perikoluż u nċert. Imma l-entużjażmu li kien qanqal il-kliem imħeġġeġ u konvinċenti ta' Patri Anġlu kien jidher fuq l-uċuħ ta' ħafna sorijiet, li mal-ewwel ippreżentaw it-talba tagħhom biex imorru fl-art tal-missjoni. Madre Nazarena, meta kienet taf li l-ħidma kienet tajba li wieħed jagħmilha, ma kinitx tibqa' lura milli twettaqha. Ġabret il-Kunsill u ġiet eżaminata din il-kwestjoni u mgħarbla taħt l-aspetti kollha. Ġie deċiż li l-Kongregazzjoni kellha taċċetta, fuq linji ġenerali, it-talba ta' Patri Anġlu, dejjem jekk iż-żewġ isqfijiet ta' Għawdex u ta' Malta jagħtu l-kunsens tagħhom u b'hekk wieħed seta' jħaffef it-tħejjija għal dan il-pass kbir. Iż-żewġ isqfijiet, mhux biss kienu kuntenti li jagħtu l-kunsens tagħhom, imma talli żiedu t-tħeġġiġ u l-barka tagħhom għal din l-inizjattiva ta' ħidma li kellha tibda.

Patri Anġlu kien ferħan se jtir u kien diġà qed jittama li se jmur lura l-Afrika u jieħu miegħu l-ewwel grupp ta' Sorijiet Franġiskani missjunarji, meta tant inqalgħu diffikultajiet ta' natura prattika li t-tluq tas-sorijiet ġie mħolli bil-fors għal żminijiet aktar tajbin, u l-patri Kapuċċin kellu jitlaq lura waħdu. Imma meta wasal l-Afrika hu kompla jikteb il-Casa Madre, mingħajr ma tilef it-tama li, f'xi jum jew ieġor, kellu jara mwettaq il-proġett tiegħu. L-ittri tiegħu kienu jinqraw fil-komunità, u kienu jqajmu ħeġġa ġdida min-naħa taż-żgħażagħ professi. Huma kienu jaraw lilhom infushom imdawrin minn ċorma wara ċorma ta' tfal suwed, storbjużi, u mimlijin ħajja fl-istazzjonijiet missjunarji, jew inkella fl-opri li Patri Anġlu kien jaf jiddeskrivi u jpinġi b'tant kapaċità.

Għaddew b'hekk sentejn. Fl-10 ta' Settembru 1927, il-Kunsill Ġenerali mmexxi minn Madre Nazarena, wera l-qbil tiegħu formali u definittiv għall-fundazzjoni tal-missjoni tal-Etjopja. Minn dawk il-ħafna sorijiet li kienu offrew lilhom infushom biex imorru, ġew magħżula ħamsa, tlieta koristi u tnejn konversi, taħt it-tmexxija ta' Madre Roża tal-qalb ta' Ġesù, Giovanna agius minn Ħal-Lija, Malta, li kienet majjistra tan-novizzi. Iċ-ċerimonja tat-tluq saret fis-6 ta' Ottubru 1927 fil-knisja tal-Casa Madre f'Għawdex, mmexxija mill-kanonku arċidjaknu Ġużepp Pace, li mbagħad kellu jkun isqof ta' Għawdex. Il-jum ta' wara ċ-ċerimonja reġgħet saret fil-knisja tal-Pilar tal-Belt, Valletta, immexxija mill-arċisqof Caruana. Il-knisja kienet maħnuqa bin-nies li kienet ħadet sehem imqanqal għal din iċ-ċerimonja sabiħa u mimlija tifsir.

Jumejn wara, is-sorijiet salpaw minn Malta għal Alessandria tal-Eġittu, u minn hemmhekk għal Sofi, l-ewwel stazzjon missjunarju tagħhom, li waslu fih wara tliet ġimgħat ibaħħru.

Sena wara telaq it-tieni grupp ta' erb' sorijiet: Madre Mansweta ta' San Mark, superjura, u tlieta oħra, fosthom Sor Marija Anna tal-Passjoni, imwielda Carmela De Brincat, li kienet neputija ta' Madre Margerita għaliex kienet bint ħuha Karmenu. Anke din id-darba reġgħet saret iċ-ċerimonja tat-tluq nhar il-31 ta' Ottubru 1928 fil-Knisja tal-Casa Madre, immexxija minn Monsinjur Mikiel Xerri, li kien għamel diskors imqanqal. Il-popolazzjoni ta' Għawdex u Malta, li kienet dejjem ġeneruża biex twieżen il-missjonijiet Kattoliċi in ġenerali, anke din id-

darba, billi din kienet missjoni, f'ċertu sens "Maltija", uriet aktar minn drabi oħrajn il-ġenerożità tagħha u l-parteċipazzjoni tagħha.

Dan it-tieni grupp ta' sorijiet kien destinat għall-istazzjon ta' Ġiġica. Fis-snin ta' wara żdiedu stazzjonijiet oħrajn missjunarji f'Borsum, Harar, Dire Daua u Addis Abeba. Sadanittant il-mnewt kienet diġà ġasdet l-ewwel vittma qalb is-Sorijiet Franġiskani, li kienu għadhom ta' età żagħżugħa, u mietu ħtija tal-klima iebsa li ma kinux imdorrijin fiha, min-nuqqas ta' kull xorta ta' ħtieġa għall-ħajja, u mit-taħbit tal-ħajja apostolika. F'Novembru 1929 kienet mietet is-superjura ta' Sofi, Madre Roża Agius, u ftit warajha Sor Marija De Brincat fid-dar ta' Ġiġica. Is-sorijiet mejtin malajr ġew sostitwiti minn oħrajn ġodda mibgħutin minn Għawdex.

Il-missjonijiet komplew sejrin 'il quddiem sal-1936, meta faqqgħet il-gwerra bejn l-Italja u l-Abbisinja, li fiha kibru d-diffikultajiet u s-sorijiet kellhom ħafna xi jsofru. Id-djar kollha, ħlief dik ta' Ħarar, kellhom jingħalqu, bi ħsara kbira għan-nies tal-post li kienu jiddependu minnhom.

Il-missjoni tas-Sorjiet Franġiskani għadha ħajja sallum fl-Etjopja bl-istess spirtu, bl-istess ħeġġa u bl-istess riżultati tal-ewwel snin, anke jekk f'dik l-art, li llum hi mmexxija minn gvern Marxista, il-qagħda soċjali u politika inbidlet bħal-lejl min-nhar.

## Kapitlu 22

## IL-FUNDAZZJONI TA' RUMA
## 1926

Is-Sorijiet Franġiskani bħal kull Istitut reliġjuż ieħor fid-dinja xtaqu minn dejjem li jkollhom dar stabbli f'Ruma, iċ-ċentru tal-kristjanità. Fil-ħajja ta' kull Kongregazzjoni hemm ħafna okkażjonijiet li fihom hemm bżonn, għal raġunijiet diversi, li wieħed jitkellem mal-ogħla awtorità tal-Knisja u mad-diversi dikastgerji pontifiċji. Il-kuntatti li jsiru mill-bogħod jew permezz ta' persuni oħrajn dejjem iwasslu għal nuqqas ta' konvenjenza u dewmien, li wieħed jista' faċilment jevitahom meta jkollu dar proprja fil-belt tal-Papa.

Matul iż-żmien twil li kienet superjura, u l-aktar matul l-aħħar perjodu bejn l-1917 u l-1923, Madre Margerita kellha l-okkażjoni, kif diġà għidna, li tmur Ruma biex titkellem dwar ħtiġijiet li jolqtu l-Kongregazzjoni, u kienet tant tixtieq li tkun tista' tmur toqgħod f'dar tas-sorijiet tagħha. Imma l-mezzi biex takkwista dar kienu neqsin u l-ftit li kellhom is-sorijiet ma kinux biżżejjed għall-ħtiġijiet l-aktar immedjati u urġenti.

Il-persuna li tat daqqa t'id kbira u definittiva għat-twaqqif ta' dar tas-sorijiet f'Ruma kien l-isqof ta' Għawdex, Monsinjur Mikiel Gonzi, li mill-bidunett tal-episkopat tiegħu, fit-13 ta' Ġunju 1924, kien were ruħu ħabib kbir u missier tas-Sorijiet Franġiskani. Meta hu kien jinsab Ruma, fl-1926, sar jaf li fil-kwartier ġdid "Latino-metronio" li kien jinsab barra "Porta San Giovanni" kien hemm villa żgħira għall-bejgħ u hu mal-ewwel ħaseb li din setgħet tkun okkażjoni mill-isbaħ għas-Sorijiet Franġiskani. F'dawk l-inħawi ma kien hemm l-ebda Istitut reliġjuż femminili u din il-villa, għalkemm kemmxejn 'il barra miċ-ċentru abitat, kienet madankollu viċina biżżejjed, u kont tista' tasal għaliha faċilment. Ma kinitx ilha mibnija u kienet kapaċi li tilqa' fiha komunità ftit imdaqqsa ta' sorijiet, flimkien ma' skola tan-nuna għat-tfal. Kienet okkażjoni li mhux ta' min jitlifha.

Monsinjur Gonzi  tkellem mal-ewwel ma' Madre Nazarena, s-Superjura Ġenerali, u taha l-permess li tibda t-trattattivi biex tixtri dan il-post. Meta l-Madre Ġenerali

laqqgħet il-Kunsill, dan kien tal-parir li, qabel ma jieħdu deċiżjoni, kien jaqbel li s-sorijiet iżuru l-post ħalli jaraw b'għajnejhom, jagħmlu l-ftehim li jkun hemm bżonn, u mbagħad jiddeċiedu.

Il-Madre Ġenerali u l-Madre Vigarja, li kienet Madre Fortunata, bl-awtorizzazzjoni li jiffirmaw, jekk ikun possibbli, l-att tax-xiri tad-dar, marru Ruma, u qagħdu bħala mistednin għand is-Sorijiet Kompassjonisti Franċiżi, li kienu diġà jafuhom Corfù. Iżda huma sabu ruħhom quddiem tant diffikultajiet ġodda li kienu għoddhom qatgħu qalbhom li jaslu għal konklużjoni kif xtaqu. Id-diffikultajiet kienu tnejn prinċipalment: il-prezz li kienu jqisuh għoli wisq, ċertament ħafna ogħla mill-possibiltajiet finanzjarji li s-sorijiet kellhom f'dak il-waqt, u l-liġi Taljana jekk imsejħa tal-"manomorta", li ma kinitx tħalli lill-organizzazzjonijiet reliġjużi li jixtru proprjetà, jekk din ma tkunx tidher li hi intestata għal persuna waħda. Il-konkordat Taljan tal-1929 neħħa din il-liġi f'xi partijiet tagħha, imma tliet snin qabel, fl-1926, din kienet għadha tgħodd.

Iż-żewġ sorijiet Franġiskani, li kienu barranin f'dik il-belt kbira u li ma kellhomx la min jagħtihom parir u lanqas min jgħinhom, afdaw lilhom infushom f'idejn il-Mulej, u l-Mulej irnexxielu jwassal l-affari għal konklużjoni tajba. Il-prezz, li ġie mnaqqas għal 3,500 liri sterlini, ġie mħallas f'biċċa minnu mill-imħallef Ġużepp Cremona – dak li tliet snin wasa sejjaħ lis-Sorijiet Franġiskani x-Xagħra, f'raħal twelidu – u f'biċċa oħra minn self privat bl-interess tat-tlieta fil-mija. Il-villa bl-art li kellha ħdejha ġiet intestat lill-isqof Gonzi, ħalli b'hekk jintrebħu d-diffikultajiet kollha ta' natura legali għax-xiri ta' din id-dar.

Għall-bidu ntbagħtu erba' sorijiet f'din il-fundazzjoni ġdida, b'Madre Ġemma Camilleri bħala superjura. Fis-snin ta' wara, billi kabbru l-ħidma u l-opri tagħhom, marru sorijiet oħrajn, fosthom Madre Luisa Busuttil, li tagħtina ħafna informazzjoni dwar l-ewwel snin tal-ħajja Rumana tas-sorijiet.

L-ewwel grupp ta' sorijiet kien telaq mill-Casa Madre fl-10 ta' Mejju 1927, flimkien ma' Madre Nazarena u ma' Madre Margerita. Huma, wara li kienu mistednin għal ġimgħa għand is-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija, f'Via Giusti, setgħu jmorru għal kollox fil-villa żgħira ta' Via Iberia fil-21 ta' Mejju. L-ewwel impressjoni li ħadu kienet mill-aħjar: id-dar kienet ġdida, kienet mdawla u arjuża, kienet kbira

mhux ħażin u wkoll f'ambjent kwiet. Imma ma damux ma nqalgħu d-diffikultajiet. Id-dar kienet kważi vojta, u kien jonqosha l-aktar affarijiet meħtieġa, bħad-dawl elettriku u kappella. Għall-Quddiesa u t-talb l-ieħor is-sorijiet kien ikollhom imorru fil-bażilika viċina ta' San Giovanni Laterano, mhux mingħajr diffikultajiet u ħela ta' żmien. Anke d-dar ta' Ruma twieldet taħt it-timbru tal-faqar.

Bil-mod il-mod is-sorijiet irnexxielhom isolvu d-diffikultajiet l-aktar gravi, bil-għajnuna tal-interess ta' Monsinjur Cesare Cartoni, kappillan ta' San Giovanni, li kienu saru ħafna għal qalbu s-sorijiet Maltin u l-qagħda tagħhom. Madre Nazarena u Madre Ġemma, bl-għajnuna ta' xi benefatturi Rumani li malajr kienu saru jafu lis-sorijiet, ressqu t-talba tagħhom quddiem l-ONMI – "Opera Nazionale Maternità e Infanzia" – biex iżommu u jieħdu ħsieb tat-tfal morda. Din il-ħidma kellha sservi għall-vantaġġ tagħhom: l-ewwelnett għax b'hekk iwettqu ħidma soċjali fl-ispirtu tal-Kongregazzjoni, u mbagħad għax setgħu jużaw is-sussidji li l-Istat Taljan kien jagħti għal din l-opra, u b'hekk jiżguraw l-indipendenza finanzjarja tal-komunità permezz tal-ħidma tagħhom stess. L-iskola tan-nuna nfetħet fit-2 ta' Settembru 1927. Fix-xhur ta' qabel kienet diġà nfetħet skola tal-ħjata u rakkmu għall-bniet ta' dawk l-inħawi, li malajr kibret fin-numru ta' tletin tifla.

Nhar il-5 ta' Awwissu, wara xahrejn u nofs li fihom qagħdu Ruma, Madre Nazarena u Madre Margerita reġgħu lura Għawdex, filwaqt li wiegħdu li jibqgħu jżommu kuntatt mill-aħjar li setgħu mad-dar ta' Ruma, ħaġa li kienet għal qalb kulħadd. F'Ottubru ta' wara Monsinjur Gonzi reġa' kien Ruma, u kiseb għas-sorijiet l-ewwel udjenza għand il-Papa Piju XI nhar is-16 ta' Ottubru 1927. Il-Papa laqagħhom bħal missier, ħeġġiġhom biex ikomplu l-ħidma ta' apostolat qalb it-tfal u berikhom flimkien mal-ħidma ta' kollha li huma u s-sorijiet l-oħrajn kienu qegħdin iwettqu fid-djar l-oħrajn tal-Kongregazzjoni. Il-jum ta' wara, nhar is-17 ta' Ottubru, sar il-ftuħ uffiċjali tad-dar bil-Quddiesa iċċelebrata minn Monsinjur Gonzi f'sala li kienu bidluha f'kappella, kif ukoll l-ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof mogħtijin lil xi tfal tal-iskola. Il-kappella proprja tad-dar, li s-sorijiet kienu ħadmu bla nifs biex iħejjuha, ġiet miftuħa fl-4 ta' Novembru u ġiet iddedikata lil Kristu Re. Għal ħafna snin kien kappillan Patri Pancrazio, Franġiskan mill-Olnda li kien joqgħod fil-Pontificio Ateneo Antonianum tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri ġo Via Merulana, u li s-sorijiet għadhom jiftakruh sallum b'qima u rikonoxxenza kbira.

F’Jannar tal-1928, ġiet miftuħa l-iskola elementari, li għall-ewwel kienet limitata biss għall-ewwel klassi, imma li diġà kellha klassijiet oħrajn is-sena ta’ wara. F’April infetħet l-iskola tal-katekiżmu u f’Diċembru l-orfanatrofju tat-tfal kemm subien kif ukoll bniet li kienu jintbagħtu mill-ONMI. L-opra żdiedu u d-dar, li kienet imtliet b’ħajja ġdida, bdiet issir iżgħar ta’ kuljum.  Fl-10 ta’ Awwissu 1928 is-sorijiet akkwistaw biċċa art ħdejn il-villa bl-iskop li jkabbru l-orfanatrofju, jekk ikun hemm bżonn.

Sadanittant, flimkien mal-iskola tat-tfal, is-sorijiet kienu wkoll ingħataw għall-għajnuna tal-morda fi djarhom, għajnuna materjali u spiritwali billi kienu jħejju l-morda biex jirċievu s-sagramenti. Biex iħaffu din l-għajnuna, is-sorijiet kienu ngħataw il-parir li jieħdu d-diploma ta’ infermieri. Huma għamlu dan għand il-“Blue Sisters” tal-klinika Santa Maria, li tinsab ħdejn il-knisja ta’ Santo Stefano Rotondo fuq iċ-Ċelio, ftit ‘il bogħod minn San Giovanni.

Id-diffikultajiet u l-intoppi ma naqsux lanqas wara, imma kollha ġew mirbuħa bil-paċenzja u bil-fiduċja f’Alla. Għall-komunità ta’ Via Iberia kienu partikularment diffiċli s-snin tat-tieni gwerra dinjija, bejn l-1940 u l-1945, minħabba n-nuqqasijiet ekonomiċi, in-nuqqas ta’ ikel u minħabba l-periklu kważi kontinwu ta’ ħbit mill-ajru, li ma naqsux f’Ruma, anke jekk kienet iddikjarata “città aperta”. Fuq kollox is-sorijiet Maltin kienu meqjusin bħala “ingliżi” mit-taljani u kienu jiġu ssuspettati li jgħinu b’xi mod lill-allejati. Is-Sorijiet Frabġiskani dejjem għarfu jżommu l-akbar prudenza, mingħajr qatt ma taw l-iċken suspett tan-newtralità perfetta tagħho, u tas-sena ta’ rispett lejn il-gvern Taljan. Mhux biss, imma talli kienu jinqdew bil-fiduċja li l-awtoritajiet kellhom fl-Istitut tagħhom biex jilqgħu fi djarhom u jgħinu fid-djar tal-viċin lir-rifuġjati, priġunieri, rifuġjati politiċi, lhud u barranin li kienu ħarbu mill-Ġermaniżi, u li kienu f’periklu li jitilfu l-libertà ta’ ħajjithom. Il-gvern allejat, li ġie stabilit f’Ruma fl-1947, ta lis-superjura ta’ Via Iberia, Madre Luisa Busuttil, attestat ta’ ġieħ li kellu l-firma tal-Maġġur R.M. Jones:

*“Għall-għajnuna nobbli u kuraġġuża li ngħatat lill-priġunieri tal-gwerra allejati u lil dawk kollha li kienu jfittxu li jaħarbu mill-għadu wara l-firma tal-armistizju mal-Italja ta’ Settembru 1943”.*

Madre Margerita kellha diversi okkażjonijiet biex fihom tmur Ruma f'Via Iberia. L-aktar waqfa importanti u l-iktar waħda twila kienet dik ta' bejn Awwissu 1932 u Frar 1933, meta ġiet imsejħa biex tissuplixxi lill-majjistra tan-novizzi, Madre Dionisia Thomas, li kienet mardet gravement.

Fil-fatt, mis-sena 1932 kien hemm novizzjat fid-dar ta' Ruma, li kien żdied ma' dak tal-Casa Madre, u li beda b'ħames novizzi Taljani. Malajr żdiedu magħhom novizzi oħrajn Maltin. L-ewwel waħda fosthom kienet Emidia Mercieca, li min qed jikteb iltaqa' magħha aktar tard fid-dar tal-Pilar, u li minn għandha nieħdu xi informazzjoni dwar dak il-perjodu u dwar il-metodi wżati mill-majjistra sostituta Madre Margerita. Wara dan in-novizzjat ta' Ruma żdied b'sitt novizzi oħra. Madre Margerita kienet issegwihom personalment, "xi kultant kienet issejħilna biex tkellimna weħidna", tiżgurana Sor Emidia, u ħafna drabi n-novizzi raw lill-majjistra tagħhom f'estasi u esperjenzi ta' ħtif mistiku. Dan kien ikabbar fihom l-istima u l-ammirazzjoni lejha.

*"Meta Madre Margerita kienet titkellem fuq Alla, kienet tintilef u tidħol f-estasi* – tkompli Sr Emidia – *u darba waħda innutajna li minn filgħodu fid-disgħa sal-erbgħa ta' wara nofsinhar baqgħet dejjem fl-istess qagħda."*

Anke Madre Gemma, superjura tad-dar, tiftakar li jum wieħed, meta kienet qed titkellem ma' Madre Margerita dwar ħwejjeġ spiritwali, din f'daqqa waħda biddlet il-lewn ta' wiċċha, li sar aħmar nar, in-nifs sarilha aktar tqil, għajnejha ntrefgħu lejn is-sema u filwaqt li bdiet ixxerred dmugħ sħu, bdiet tgħajjat:

*"Biżżejjed, Mulej, biżżejjed! Int ġeneruż iż-żejjed miegħi!"*

Madre Ġemma ħarġet minn dik il-kamra u ħallietha waħidha. Meta reġgħet lura wara xi sagħtejn, sabitha fl-istess qagħda li fiha kienet ħallietha.

Ittra li Madre Margerita kienet kitbet fil-11 ta' Ottubru 1932 lil Madre Paċifika, li dik il-ħabta kienet Vigarja Ġenerali, tħallielna xi ħjiel dwar dan il-perjodu Ruman tal-ħajja tagħha:

*"IS-sorijiet tagħna jeħtieġu tabilħaqq l-għajnuna. Verament, dak li qed isir hawn hu misteru. Jonqos il-personal, għax tnejn huma morda u hu meħtieġ li ħaddieħor*

*joqgħod flokhom u jdur bihom ukoll. Imbagħad it-tfal, interni u esterni, bla nifs, issa iġri 'l hawn imbagħad iġri 'l hemm. Paċenzja! Meta wieħed jieħu l-affarijiet dejjem bil-kalma. Għażiża tiegħi, itlob ħafna għalija ħalli nkun nista' ngħin bl-aħjar mod li nista' lil dawn it-twajbin uliedna. Proprju ma nafx x'naqbad nagħmel biex inżommhom ferħanin u fl-istess waqt biex japprofittaw ruħhom minn din l-okkażjoni. Itlob ħafna għalihom inti wkoll, u għid lil min jitlob, ħalli jiksbu mingħand Ġesù l-ispirtu reliġjuż, u mhux minni li jiena biss kapaċi li nduq minnu."*

Madre Margerita, wara li fieqet u reġgħet lura għall-uffiċju tagħha Madre Dionisia, reġgħet lura Malta fit-13 ta' Frar 1933. Min-nota tal-arkivju sibna li Madre Margerita kienet Ruma l-aħħar darba fl-1936, u f'dik l-okkażjoni kellha udjenza privata mal-Papa Piju XI, li lilu talbitu barka speċjali għaliha u għall-Kongregazzjoni kollha.

## Kapitlu 23

## APOSTOLAT FIX-XAGĦRA
## 1930 – 1940

Fl-1930 Madre Margerita, li issa kienet ħelset mill-ħsibijiet tat-tmexxija tas-sorijiet, ġiet maħtura bħala superjura tad-dar il-ġdida msejħa ta' Marija Bambina fix-xagħra, Għawdex. Din id-dar kienet infetħet minn Madre Nazarena, imma mhux mingħajr il-kontribut u t-tħeġġiġ ta' Madre Margerita. Ix-Xagħra tinsab ftit kilometri 'l bogħod mir-Rabat ta' Għawdex. Għal kważi għoxrin sena, mill-1891 sal-1909, kien arċipriet ta' dan ir-raħal Dun Diacono li kien ħalla impressjoni tajba tiegħu nnifsu. Is-sorijiet Franġiskani kellhom jiġu biex jaħdmu fil-kamp li kien diġà nbeda u ssaħħaħ mill-missier tagħhom tal-imgħoddi, u issa komplew iżidu l-opra tiegħu.

Fl-1930 Madre Margerita kellha 68 sena. F'din l-età mhux soltu li wieħed jieħu f'idejh opri ġodda. Hu aktar normali li wieħed jgħix bir-renta u jistrieħ f'dik l-età. Għal Madre Margerita, iżda, l-affarijiet kienu xorta oħra. Kienet donnha għadha qiegħda tibda issa, hemm fix-Xagħra, biex taħdem. Donnha din kienet l-ewwel prova u l-ewwel esperjenza tagħha.

Ħamsin sena ilu, x-Xagħra kienet raħal, fil-biċċa l-kbira tiegħu, ta' nies sempliċi u bdiewa, ta' nies ġenerużi u sinċieri, li kienu kuntenti bil-ftit li kellhom u b'dik id-dinja ċkejkna, għadha magħluqa u limitata, li fiha kienu jgħixu. Madre Margerita għalhekk sabet ruħha f'ambjent ġdid, divers minn dak storbjuż u mqalleb tal-bliet li fihom, kemm fil-gżejjer Maltin kif ukoll barra minnhom, hi kienet drat tgħix u taħdem sa dak il-waqt. L-ambjent tax-Xagħra kien qrib ħafna għal dak ta' Kerċem, fejn hi kienet għaddiet l-isbaħ snin ta' tfulitha. Kollox kien iservi biex jagħmel li l-għajxien ta' Madre Margerita fix-Xagħra jkun bħal nifs ġdid u li l-ħiodma tagħha tibqa' dejjem żagħżugħa u mimlija ħajja, minkejja s-snin li bihom kienet mgħobbija: ix-xogħol li hi kellha tingħata għalih fid-dar il-ġdida, l-edukazzjoni tat-tfal, l-iskola tax-xogħol tad-dar u tal-ħjata, l-organizzazzjoni tal-Azzjoni Kattolika femminili, kif ukoll il-kuntatt kontinwu mal-poplu umli u sempliċi, u l-aktar mal-ommijiet u fl-aħħarnett it-tifkira tal-missier fundatur li kien midfun fil-knisja parrokkjali.

Sinjal ta’ din iż-żogħżija mġedda hi l-attività kollha li hi wettqet matul aktar minn għaxar snin li fihom kienet damet ix-Xagħra, li tagħha nagħtu hawnhekk dehra ħafifa, kif ukoll il-“kronaka” li hi, bħala superjura, kienet żammet jum wara jum mill-21 ta’ Lulju 1930 sad-9 ta’ April 1935: tliet pitazzi mimlijin b’kitba ċkejkna u uniformi, mingħajr kliem imħassrin, li jġibulna l-fatti ftit jew wisq importanti tal-kronaka tad-dar, tal-komunità, tal-iskola, kif seħħu f’dak il-mument, kif ukoll l-impressjonijiet ta’ Madre Margerita li, xi kultant, ittawwal biex tikkummenta b’divertiment ċerti fatti u episodji. Aħna se ninqdew b’din il-“kronaka” sempliċi biex niktbu dan il-kapitlu.

Il-fundazzjoni tad-dar ta’ Marija Bambina, fil-parti l-kbira tagħha hi mertu tal-ġenerożità tal-imħallef Ġużepp Cremona, imwieled ix-Xagħra, li diġà ltqajna miegħu bħala benefattur kbir tas-Sorijiet Franġiskani fil-fundazzjoni tad-Dar ta’ Ruma. Hu, li kien irtira għal ħajja privata, kien jixtieq li d-dar fejn twieled issir skola għat-tfal tar-raħal, li kienu għadhom fil-maġġoranza kbira tagħhom bla skola u neqsin minn kull għajnuna, u kien jixtieq ukoll li l-iskola tkun mogħtija lis-Sorijiet Franġiskani. Hu tkellem dwar din il-ħaġa ma’ Madre Nazarena, li minħabba li kienet imħabbta bil-fundazzjonijiet l-oħrajn fl-Etjopja, Malta u Ruma, ma setgħetx f’dak il-waqt, tagħtih tweġiba affermattiva. Dan sakemm, bis-saħħa tat-talb insistenti tal-arċipriet tax-Xagħra, Dun Mawrizju Cauchi, li kienu żdiedu ma’ dawk ta’ Cremona, kif ukoll bis-saħħa tax-xewqat tan-nies kollha tax-Xagħra, l-fundazzjoni fl-aħħar ġiet milqugħa. L-ewwel superjura li ġiet maħtura kienet Madre Margerita.

Il-ftuħ uffiċjali tal-komunità l-ġdida sar fil-21 ta’ Novembru 1930, festa tal-Preżentazzjoni ta’ Marija Santissima fit-tempju, u d-dar ġiet imsemmija, kif għidna, għal Marija Bambina.

Il-komunità b’hekk twieldet taħt il-ħarsien tal-Madonna, u dan għal Madre Margerita kien ifisser ħafna u hi riedet li dan il-fatt ikun il-garanzija għal suċċess żgur fil-ġejjieni.

Il-popolazzjoni twajba tax-Xagħra, li sa issa qatt ma kellha grupp ta’ sorijiet fir-raħal, għamlet laqgħa festuża u sħuna lil dawn is-sorijiet li kienu għadhom kemm waslu. Madre Margerita tirrakkontalna l-fatt bid-dettall fid-djarju tagħha. Mill-

ewwel ġurnata xi ommijiet kitbu lil uliedhom għall-iskola. L-ewwel tifel li kien ippreżentat kien jismu Ewkaristiku, isem tipikament Malti. Ħafna nies, kemm kbar kif ukoll tfal, imma l-aktar it-tfal li qatt ma kienu ħarġu mill-ambjent ċkejken tgaħhom lanqas biex imorru r-Rabat ta' Għawdex, qatt ma kienu raw sorijiet f'ħajjithom, u l-kurżità tan-nies kienet kbira. Madre Margerita tieħu gost tiddeskrivi l-ewwel impressjonijiet li s-sorijiet qanqlu fin-nies, hekk kif dehru għall-ewwel darba fix-Xagħra:

*"Fil-ħamsa u nofs ta' filgħodu morna l-knisja għall-Quddiesa u t-Tqarbina. Kien hemm folla kbira ta' nies. Kulħadd kien iħares lejna u n-nisa u x-xbejbiet ġew qrib tagħna donnhom skantati."*

Bl-iskola tat-tfal beda l-apostolat fost il-bniet tar-raħal. Dawn, għall-ewwel b'naqra mistħija, imma mbagħad b'aktar kuraġġ, meta kienu jiġu mistiedna minn Madre Margerita, resqu lejn is-sorijiet, kienu jiġu d-dar jitkellmu, jinteressaw irwieħhom fil-ħajja u l-ħidma tas-sorijiet, jingħaqdu magħhom fit-talb li huma kienu jagħmlu fil-kappella, u b'hekk tnisslet dik il-ħbiberija li aktar tard kellha tkun il-pedament tal-ewwel għaqda tal-Azzjoni Kattolika tal-parroċċa. Madre Margerita tikteb hekk:

*"Huma jistaqsuna wkoll biex nagħmlulhom l-irtir tax-xahar. Li kieku kellna post akbar fejn inkunu nistgħu niġbru l-bniet kollha li jiġġerrew fit-toroq. Hemm minnhom min għandu tnax jew erbatax-il sena li joħorġu jilagħbu anke fil-jiem tal-btala, u xi kultant mas-subien ukoll. Kellna bżonn naħsbu li nagħmlu klassi għal dawn il-bniet waħidhom. Il-Mulej jipprovdi."*

L-iskola tax-Xagħra kellh kważi l-bżonnijiet kollha. L-imħallef Cremona kien nefaq ħafna mill-kapital tiegħu biex din l-opra taħdem kif suppost mill-bidunett, u benefatturi oħrajn kienu ndaħlu għall-istess għan. Imma ma nistgħux ngħidu l-istess għad-dar fejn kienu jgħixu s-sorijiet. Anke l-fundazzjoni tax-Xagħra kellha titwieled taħt il-marka tal-akbar faqar. Dan ma kienx ibeżża' la lis-superjura u lanqas lill-ewlenin sorijiet li kienu jgħinuha, għax dawn kienu kollha żgħażagħ li, ftit qabel, kienu għażlu u għamlu t-talba biex imorru fil-missjoni tal-Etjopja: ix-Xagħra, għall-ewwel, kienet tidher ftit differenti u ftit aħjar mill-Etjopja!

Naqraw fil-kronaka:

*"Il-ferħ qaddis li kienu jħossu s-sorijiet twajbin kien jinqara fuq wiċċhom, għax huma kienu diġà xtaqu li jmorru fl-Etjopja flimkien ma' ħuthom is-Sorijiet għeżież li ftit ġranet qabel kienu telqu. Huma jistgħu almenu juru l-ħeġġa tagħhom ma' dawn it-tfal ta' dan ir-raħal, li huma wkoll mifdija mid-demm l-aktar għażiż tal-Mulej tagħna."*

Is-sorijiet tax-Xagħra ftit kellhom għax jgħiru għal ħuthom is-sorijiet tal-Etjopja rigward nuqqasijiet u faqar. Id-dar li kien ħallielhom Cremona kienet għadha vojta minn kollox: la kellha għamara, la siġġijiet, la sodod, la armadji, la affarijiet tal-kċina, la borom; tant li, għal xi ftit ġranet, is-sorijiet kellhom jimxu t-triq kollha sar-Rabat ħalli jmorru jorqdu fil-Casa Madre u jerġgħu lura l-jum ta' wara, filgħodu kmieni, għall-post tal-ħidma tagħhom. In-nisa tax-Xagħra, li kienu jafu bil-faqar tas-sorijiet, ippruvaw jgħinuhom b'rigali żgħar u fqajrin, ħaxix, ħobż, frott; imma billi kienu foqra anke huma, l-għajnuna li huma kienu jagħtuhom qatt ma kienet tkun biżżejjed għall-ħtiġijiet tagħhom.

*"Aħna konna nilqgħu kollox b'radd il-ħajr* – tgħidilna l-kronaka – *u nagħmlulhom kuraġġ billi ngħidulhom: Aħna għandna bżonn ta' kollox u għalhekk nilqgħu kull ma tagħtuna bil-ferħ. B'hekk jibqgħu kuntenti".*

Bil-mod il-mod id-dar ġiet mgħammra b'kollox permezz ta' għamara qadima u li min jaf kemm kienet intużat minn idejn, li s-sorijiet kienu jakkwist jew b'xejn jew bi prezz baxx ħafna.  Xi kultant kienu jirċievu anke għamara li ma kinitx għadha tintuża iżjed. Naqraw fil-kronaka tal-jum 27 ta' Diċembru 1930:

*"Illum waslulna żewġ gwardarrobbi, siġġijiet, imwejjed, kollha qodma ħafna, li xtrajniehom bi prezz tajjeb minn mara twajba li mietet ir-Rabat xi ftit ġranet ilu. Meta rajniehom tqażżiżna minnhom għax huma maħmuġin mhux ħażin. Kienet biċċa xogħol għas-sorijiet twajbin biex inaddfuhom u jiżbgħuhom. Sadanittant id-dar timtela, avolja b'għamara qadima, għax aħna foqra."*

Aktar 'l isfel naqraw:

*"In-nisa twajbin iġibulna t-tiben biex b'hekk nagħmlu s-saqqijiet ... Illum il-Providenza bgħatitilna ħewġ ftajjar ... Ġabulna ftit lumi u ħobża ... Ilqajna b'karità ħobża u xi ftit flieles ...".*

Il-faqar ta' din il-fundazzjoni kien tassew "franġiskan". Minkejja kollox, Madre Margerita u ħutha s-=sorijiet ma kinux iħabblu rashom ħafna, anzi talli kienu jifirħu daqslikieku rċevew rigal mill-aktar prezzjuż u speċjali mingħand it-twajjeb Alla.

Madre Margerita ma kienx jiddispjaċiha għan-nuqqas ta' għamara u ħwejjeġ utli għad-dar daqskemm għan-nuqqas ta' kappella interna fejn is-sorijiet setgħu jieħdu sehem fil-Quddiesa u jkollhom is-Sagrament. Wieħed mill-ewwel ħsibijiet tagħha kien dak li tlesti l-kappella. Imma kellha tistenna kważi tliet xhur sa ma rat ix-xewqa tagħha mitmuma. Il-ftuħ solenni tal-kappella sar fl-14 ta' Frar 1931, mill-arċipriet tax-Xagħra, quddiem Madre Margerita, Madre Paċifika, in-novizzi u sorijiet oħrajn li kienu ġew mill-Casa Madre, u naturalment quddiem folla kbira tan-nies tal-post.

Minn dak il-jum 'il quddiem wieħed qassis kien imur kuljum biex jiċċelebra l-Quddiesa fil-kappella tas-sorijiet u biex jagħmel il-funzjonijiet reliġjużi l-oħrajn fil-ġranet ta' festa. Madre Margerita kienet se ttir bil-ferħ:

*"Deo gratias! Ma nistgħux nesprimu bil-kliem l-hena u l-paċi li għandna fir-ruħ fqajra tagħna. Is-sorijiet huma kollha ferħanin u jgħidu: Issa żgur li ma jonqosna xejn! Anke n-nies twajbin huma kollha ferħanin. Min iġibilna ż-żejt (għal-lampier), min imsiebaħ, min xemgħat, min inbid għall-Quddiesa. Iva, niżżu ħajr dejjem lil Dak li jagħtina kull ġid!"*

Madre Margerita baqgħet imfakkra fix-Xagħra anke għall-apostolat li kienet wettqet fost iż-żgħażagħ tfajliet bit-twaqqif tal-Kongregazzjoni tal-Ulied ta' Marija kif ukoll tal-ewwel għaqda tal-Azzjoni Kattolika femminili.

Il-laqgħa ta' darba fix-xahar tal-Ulied ta' Marija kienet issir fil-kappella tal-Istitut, imma għal xi ċirkustanzi aktar solenni, bħat-tqarbin ġenerali u l-festa ta' Sant'Anjeże, meta kienu jiġu ħafna nies, il-funzjoni kienet issir fil-knisja parrokkjali. L-Ulied ta' Marija kienet ikollhom l-irtiri tagħhom darba fix-xahar, u

kienu jieħdu sehem fis-siegħa adorazzjoni; xi wħud mill-aktar imħeġġin kienu jingħaqdu mas-sorijiet meta dawn kienu jagħmlu l-meditazzjoni u l-qari spiritwali; kull sena, u anke aktar minn darba fis-sena, kienu jagħmlu pellegrinaġġ għas-santwarju tal-Madonna ta' Pinu u għal xi santwarji oħra.

L-għaqda taż-żgħażagħ xbejbiet tal-Azzjoni Kattolika kienet imwaqqfa minn Madre Margerita u minn Dun Ġużepp Mizzi, li mbagħad kien assistent djoċesan, ħdejn id-dar tas-sorijiet, u fi ftit żmien kellha numru kbir ta' miktubin. Il-ftuħ solenni kien sar fil-11 ta' Mejju 1933. Dak kien iż-żmien tal-akbar żvilupp tal-Azzjoni Kattolika fid-dinja kollha, minħabba l-għajnuna kbira li kien ta lil din l-organizzazzjoni l-Papa Piju XI. Madre Margerita kienet ir-ruħ ta' din l-għaqda l-ġdida, li kienet tieħu ħsiebha flimkien ma' dik tal-Ulied ta' Marija. Kien fuq kollox l-eżempju tagħha u l-konvinzjoni li biha hi kienet tgħid u tagħmel kollox, li ħallew impressjoni qawwija fuq dawn ix-xbejbiet li kienu saru parti mill-għaqda. Hi kienet tikkundanna bl-aħrax kull forma ta' vanità u lussu, u saħansitra fl-okkażjoni tal-ewwel Tqarbina hi kienet tikkundanna l-isforzi inutli li kienu jsiru biex ilibbsu t-tfal subien u bniet għall-okkażjoni. L-ispirtu profondament liturġiku, li bih kienet mimlija, kienet tgħallmu anke lix-xbejbiet l-oħrajn tal-għaqda. Hi kienet tieħu ħsieb, b'mod partikulari, biex iżżomm 'il bogħod lix-xbejbiet tagħha mill-periklu tal-karnival, iż-żmien li fih jiġu minsija faċilment il-prinċipji tal-morali u tal-modestja nisranija, b'deni kbir għall-erwieħ. Madre Margerita kienet titkexkex quddiem il-ħsieb biss li waħda mix-xbejbiet tagħha taqa' fid-dnub. Biex iżżommhom 'il bogħod mill-okkażjonijiet ta' divertiment mhux tajjeb u li jwassal għad-dnub, hi kienet torganizza festini onesti u, fuq kollox, sigħat ta' adorazzjoni quddiem is-Sagrament li kienet issejħilhom "Karnival imqaddes". Ix-xbejbiet twajbin dejjem kienu jwieġbu bil-ġenerożità għal din il-kura ta' Madre Margerita.

Ma nistagħġbux, għalhekk, li f'din il-klima ġdida ta' spiritwalità li ġiet maħluqa u kibret madwar il-persuna ta' Madre Margerita kellhom joħorġu ħafna vokazzjonijiet reliġjużi, li dejjem komplew iżidu n-numru tas-Sorijiet Franġiskani, kif ukoll dawk ta' Istituti reliġjużi oħrajn. Hi kienet tieħu d-dar il-kandidati futuri, kienet teħodhom magħha biex iżuru lill-morda fi djarhom u kienet tħeġġiġhom jieħdu sehem fit-talb u l-ħidmiet l-oħrajn tal-komunità. Id-dħul tagħhom fil-kunvent kien ikun iċċelebrat b'ċerimonja speċjali fil-kappella, li għalihom kienu

jiġu l-fidili. Dan kien iservi biex iħeġġeġ u jagħti kuraġġ lil ż-żgħażagħ oħrajn ġenerużi biex iwieġbu b'ġenerożità u mal-ewwel għas-sejħa ta' Alla, jekk din kienet tinħass minnhom.

In-nies tax-Xagħra kienu jafu wkoll bl-esperjenzi mistiċi u bl-estasi ta' Madre Margerita; ħafna minnhom kienu xhieda li rawhom b'għajnejhom, filwaqt li oħrajn kienu semgħu lil min jirrakkontahom. Nistgħu nifhmu faċilment li dan kien ikabbar l-istima u l-prestiġju morali ta' Madre Margerita. Ġuljana Attard, li dak iż-żmien kienet żagħżugħa tal-Azzjoni Kattolika, u li mbagħad kellh ssir soru Franġiskana, qaltilna:

*"Jiena kont kurjuża ħafna. L-oħrajn kienu jmorru biex jagħmlu l-provi tal-kant u jien kont nisgiċċa fil-kappella biex nara bil-moħbi lil Madre Margerita li kienet tkun f'estasi. Rajtha hekk diversi drabi. Darba – qrib l-1935 – kienet daħlet f'estasi anke meta kienet tinsab fil-knisja arċipretali. Xi drabi kienet tibqa' mitlufa f'Alla meta kien isir il-qari spiritwali. Kienet tibda taqra u mbagħad kienet tintilef f'estasi. Ħadd minna ma kien jidħaq. Konna kollha nħossuna bħallikieku maqbudin minn xi ħaġa misterjuża, l-aktar meta hi kienet titkellem b'tant konvinzjoni u b'tant ħeġġa."*

Madre Margerita baqgħet superjura x-Xagħra sal-1935 meta mardet minħabba waqgħa kerha u ġiet meħuda għal tliet snin fil-Casa Madre. Imbagħad kienet superjura mill-ġdid ix-Xagħra, fid-dar ta' Ġesù Nazarenu, għal tliet snin oħra, mill-1937 sal-1940, meta ġiet milquta minn attakk ikrah u kienet għoddha waslet fi tmiem ħajjitha, kif naraw, tant li kellha tiġi obbligata għall-mistrieħ l-aktar assolut.

**Kapitlu 24**

## GĦELUQ IL-ĦAMSIN SENA MILL-PROFESSJONI TA' MADRE MARGERITA 16 ta' Awwissu 1933

Is-sena 1930 kienet l-ewwel ċinkwantenarju tal-fundazzjoni tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani. Minn dak il-jum imbiegħed tal-1880, meta l-ewwel Maestre Terzjarji kienu ltaqgħu biex jikkonsagraw ruħhom lil Alla u biex jingħataw għall-qadi tal-bniet foqra u abbandunati fil-kappella fqajra tad-Dar tal-Karità ta' Triq Għajn Qatet, kienu għaddew ħamsin sena.

Jum wara jum gerbu ħamsin sena ta' ħajja u ta' storja. Minn dak iż-żmien il-grupp ċkejken, li fil-bidu kien mingħajr l-ebda binja proprja u mingħajr programm stabbli, kien dejjem kiber u ssaħħaħ filwaqt li beda jieħu sura għalih, billi sawwar abitu, regola u għamla ta' ħajja ħodda. Dan kien ferrex il-ħidma tiegħu fil-kamp tal-għajnuna nisranija u tal-iskola, tant li wasal ukoll quddiemnett fil-ħidma tal-Knisja fl-art tal-missjoni. Kien irnexxielu jakkwista l-approvazzjoni uffiċjali tal-Knisja bil-firma tal-isqof djoċesan u kien qed iħejji ruħu biex jirċievi – kollox kien juri li dan kellu jiġri dalwaqt – l-approvazzjoni tal-ogħla awtorità ta' Ruma. Dik ix-xmara ċkejkna li kienet ħarġet min-nixxiegħa taħt il-blata, kienet issa bdiet il-mixja tagħha bil-mod il-mod, billi tfittex l-aħjar triq qalb il-ġebel, l-għollieq u x-xewk; aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar bdiet tiżdied fil-volum tal-ilma, u bdiet tiġri aktar bil-ħeffa sa ma saret xmara kbira kapaċi li ssaqqi l-għelieqi ta' madwarha u kapaċi li tagħti lill-oħrajn bl-abbundanza l-ġid kollu li kienet irċeviet. Kien għadda nofs seklu! Kienet data li ma kellhiex tgħaddi mingħajr ma tiġi mfakkra.

Fl-imgħoddi, kif nafu, ma tantx kienet tingħata mportanza lil dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ta' ġublew bl-istess mod li tingħata fi żmienna. Minkejja dan, dik it-tifkira ġiet imħejjija biex tiġi ċċelebrata bl-aħjar mod. Mil-lat prattiku, iżda, s-sorijiet ma setgħu jagħmlu xejn minħabba l-qagħda politika diffiċli ta' Malta fl-1930, wara l-ġlieda li kienet inqalgħet bejn l-awtorità ekkleżjastika u Lord Strickland. Għalhekk iċ-ċelebrazzjoni ġiet imħollija għal żminijiet aktar kwieti meta l-okkażjoni tkun aktar taqbel.

Dik l-okkażjoni ppreżentat ruħha tliet snin wara, fl-1933, meta Madre Margerita għalqet ħamsin sena li għamlet il-professjoni reliġjuża fid-Dar tal-Karità ta' Triq Palma, fis-17 ta' Awwissu 1883. Madre Margerita, il-fundatriċi, kienet ir-ruħ, l-anġlu li mexxa, dik li kienet il-gwida għaqlija, l-għalliema u l-wens tal-Kongregazzjoni f'dak in-nofs seklu ta' ħajja. Hi kienet bdiet tmexxi l-Kongregazzjoni meta din kienet għadha bħal tifla żgħira, imbeżża' u mhux żgura, u kienet mexxietha 'l quddiem b'kuraġġ erojku, kienet għamlitha qawwija, kbira, ferrxitha barra mill-gżira ta' Għawdex fejn twieldet, billi rebħet diffikultajiet li kienu tassew iebsin għal bniedma bħalha, sakemm wasslitha għall-qagħda żgura li fiha tinsab illum. Issa hi ma kinitx għadha Superjura Ġenerali, imma reliġjuża sempliċi, anke jekk kienet tagħmel parti mill-Kunsill Ġenerali. Madankollu l-influss morali u spiritwali tagħha fuq l-imseħbin kollha, kemm żgħażagħ kif ukoll anzjani, kien għadu sħiħ u qawwi. Fit-tifkira tal-ħamsin sena mill-professjoni tagħha reliġjuża kellhom jiġu mfakkra wkoll il-ħamsin sena l-aktar erojċi u l-aktar suġġestivi tal-istorja kollha tal-Kongregazzjoni.

L-inizjattiva taċ-ċelebrazzjoni tal-ħamsin sena kienet saret minn Madre Nazarena, li b'ittra ċirkolari tas-7 ta' Awwissu 1933, li bagħtet lill-250 soru Franġiskana mifruxin fid-djar ta' Għawdex, Malta, Corfù, Etjopja, Sqallija u Ruma, qalet fost l-oħrajn:

*"Kollha kemm aħna nafu tajjeb, u jalla dan ma ninsewh qatt, li wara Alla u l-wisq miqjum u dejjem mibki missier fundatur, il-Kongregazzjoni tagħna taf ħajjitha u t-tkabbir tagħha lil Madre Margerita, li għalkemm ma nisslithiex hi, xorta waħda għajxitha bħala Superjura Ġenerali għal tletin sena sħaħ bid-demm tas-sagrifiċċji tagħha, qawwietha bil-ħalib tat-talb ħerqan tagħha u ħarsitha bil-għasel tal-eżerċizzju ħelu tal-virtujiet tagħha."*

Iċ-ċelebrazzjoni tal-ġublew kienet maħsuba għas-17 ta' Awwissu 1933 u kellha ssir fid-djar kollha tal-Kongregazzjoni. Ċelebrazzjoni aktar solenni, "iżda li ma għandhiex tweġġa' l-umiltà ta' Madre Margerita u s-sempliċità tal-Kongregazzjoni tagħna li, għall-grazzja ta' Alla, hi kollha kemm hi Franġiskana", kellha ssir fil-Casa Madre, u għaliha kienu ġew mistiedna s-superjuri kollha ta' Għawdex u Malta.

Is-17 ta' Awwissu 1933 baqa' immemorabbli fil-kronaka tal-Casa Madre. Għall-Quddiesa li ġiet iċċelebrata minn Monsinjur Gonzi, li wara l-Evanġelju għamel omelija mqanqla, kienet preżenti l-komunità kollha u rappreżentanza numeruża mid-djar ta' Għawdex u Malta. Il-kor tas-sorijiet kanta innijiet magħżula, li bihom iċ-ċelebrazzjoni kienet aktar solenni u devota. Madre Margerita, li kellha ħdejha lil Sor Marija Agata, minn Kerċem li kienet għamlet il-professjoni magħha, kienet għarkobbtejha f'riġlejn l-altar, u matul il-ħin kollu tal-Quddiesa ma għamlet xejn aktar għajr tibki. Wara l-Quddiesa ż-żewġ sorijiet ġeddew l-voti tagħhom quddiem l-isqof.

*"Ma nistax niddeskrivi* – tinnota Madre Paċifika – *id-devozzjoni, il-ħlewwa u l-ħeġġa li bihom hi qalet il-formola tat-tiġdid tal-voti. Matul il-qari ma kontx tisma' ħlief ilfiq u d-dmugħ beda nieżel fuq il-ktieb, filwaqt li l-Madre Ġenerali kienet maġenbha u kellha bilfors tgħinha biex tkompli."*

Iċ-ċerimonja sabiħa ntemmet bil-kant tat-Te Deum quddiem Ġesù espost u bil-barka sagramentali. Wara ċ-ċerimonja kien hemm il-laqgħa fraterna fid-dar flimkien mal-għotja tar-rigali. Lil Madre Margerita għamlulha l-isbaħ rigal li qatt kienet tistenna: tabernaklu ġdid tal-metall maħsul bid-deheb biex tpoġġih fil-kappella tax-Xagħra. Hi qatt ma kienet tistenna dak ir-rigal.

*"Filwaqt li ħadet it-tabernaklu f'idejha* – tkompli Madre Paċifika – *bdiet tbusu bil-ħlewwa u tgħid kelmiet ta' mħabba lil Dak li kellu jiġi biex joqgħod fih".*

Għall-okkażjoni kienu wkoll ħejjew santa-tifkira, li qassmuha lis-sorijiet u lill-fidili, b'din il-kitba li kien sawwar Monsinjur Luigi Farrugia, segretarju tal-arċisqof ta' Malta:

1883 – 1933

O Verġni Mbierka

Mtellgħa fil-glorja tas-sema

Offri lit-Trinità Divina

ir-radd ta' ħajr imqanqal

li aħna reliġjużi Franġiskani

nagħtuk b'rikonoxxenza

F’DAN IL-JUM TA’ TIFKIRA

LI FIH IL-MIQJUMA MADRE

SOR MARIJA MARGERITA TAL-QALB TA’ ĠESÙ

TAGĦLAQ ĦAMSIN SENA FIL-ĦAJJA RELIĠJUŻA

LI FIHOM IDDIET DEJJEM

BĦALA MUDELL TA’ PRUDENZA U TJUBIJA

TA’ OSSERVANZA TAL-ĦAJJA TAL-KUNVENT

FILWAQT LI NITOLBU ĦERQANA

LI ALLA JĦARISHA FIT-TUL

GĦAWDEX, DAR TAL-KARITÀ, 15 TA’ AWWISSU 1933

Iċ-ċelebrazzjonijiet li saru fil-Casa Madre ħallew l-effett tagħhom ukoll ix-Xagħra, fejn Madre Margerita kienet maħbuba u miqjuma minn dawk in-nies twajba mhux anqas milli minn ħutha s-sorijiet. Kien xieraq għalhekk, li f’dik id-data tassew importanti, ssir tifkira xierqa hemmhekk ukoll, fejn hi kienet tgħix u fejn tant kienet taħdem b’modi diversi għall-ġid taż-żgħażagħ.

Dun Ġużepp Mizzi, direttur tal-Azzjoni Kattolika u tal-Ulied ta’ Marija, organizza ċ-ċelebrazzjoni tal-ġublew għall-aħħar ta’ Awwissu. L-arċipriet, il-kanonċi tal-kolleġġjata, l-awtorità ċivili, l-istudenti tal-iskola kemm tal-preżent kif ukoll tal-imgħoddi, u poplu tassew numeruż, kienu preżenti għal din il-festa li tħejjiet mingħajr ħafna lussu, imma b’tant imħabba u kura biex tfakkar din id-data importanti tal-ġujblew tal-professjoni tal-Madre. Ix-xbejbiet tal-Azzjoni Kattolika offrew lil Madre Margerita, bħala tifkira ta’ dik il-ġurnata, iċ-ċavetta tad-deheb għat-tabernaklu:

*“Hu rigal li għandu jfakkrek dejjem fl-imħabba ta’ Ġesù lejk, u fl-istess ħin ifakkrek anke fina u jħeġġek biex tirrikmandana quddiem Ġesù”.*

Minn dawn il-ħafna festi, ċelebrazzjonijiet, xewqat sbieħ u awguri, dak li għoġob lil Madre Margerita kien ir-rigal tat-tabernaklu u ċ-ċavetta tad-deheb. Dawn ma kinux rigali għaliha, għall-persuna fqajra tagħha, imma għal Dak li kienet tħobb. Dan kien jimlieha b’hena kbir.

## Kapitlu 25

## SPIRTU FRANĠISKAN MILL-BIDUNETT

Is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù llum għandhom bixra u karatteristika proprja fil-Knisja, li jxebbħuhom ma' Istituti reliġjużi femminili oħrajn, imma fl-istess ħin jiddistingwuhom minnhom: ixebbhuhom minħabba s-sejħa komuni li tniżżel għeruqha fl-Evanġelju u fil-kunsilli evanġeliċi, li jgħinu lill-membri biex jitqaddsu, biex jikkonsagraw il-forzi u l-ħidma tagħhom għat-tqaddis tagħhom u tal-oħrajn; jiddistingwuhom minħabba l-mod u l-metodu proprju u karatteristiku li bih jilħqu dan il-għan. Fil-fatt il-Knisja qatgt ma tħalli li l-Istituti li hi tapprova l-ħajja tagħhom ikunu kopja ta' Istituti oħrajn. Din hi r-raġuni għaliex kull Istitut reliġjuż, anke l-iċken wieħed u l-ionqas li jidher, għandu jkollu l-bixra tiegħu proprja li toħroġ mir-Regola, mill-ispiritwalità speċifika, mill-għanijiet apostoliċi u mill-mod kif kull Istitut iqiegħed dawn l-għanijiet fil-prattika.

Liema hi l-bixra speċifika tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù? Biex nintebħu biha hemm bżonn nerġgħu mmorru lura għall-bidu tagħhom, jiġifieri nerġgħu naraw dak li ppruvajna nisħqu dwaru fil-kapitli li għaddew. Il-Kongregazzjonji tas-Sorijiet Franġiskani ma twilditx f'daqqa waħda mil-lum għall-għada. Hi kibret bil-mod il-mod permezz tas-sagrifiċċji tal-ħajja ta' kuljum, u bl-għajnuna b'a taqta' tal-fidi. F'dan il-proċess u progress storiku ta' bil-mod ġew iffurmati, u mbagħad miżjuda wieħed mal-ieħor, l-elementi kollha tal-ispiritwalità tagħha: mill-banda l-waħda l-fedeltà lejn il-kariżma Franġiskan u mill-banda l-oħra l-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù.

Dawn iż-żewġ karatteristiċi nibtu u kibru flimkien, u kienu diġà qawwijin fil-bidunett tal-eżistenza tal-Istitut meta l-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù mhux talli ma kinitx għadha twieldet, imma lanqas biss kien tnissel il-ħsieb jew it-tama li tista' teżisti xi darba. Il-bidu, fil-fatt, kien dak tal-"Kuruna tat-Tnax-il Kewkba tal-Qalb ta' Ġesù", li mbagħad żviluppa fid-Dar tal-Karità mħollija f'idejn is-Sorijiet Terzjarji ta' San Franġisk t'Assisi. Dawn, bl-indħil tal-isqof Monsinjur Pace, saru s-Sorijiet Franġiskani ta' Malta, isem li ġie kkonfermat minn

Piju XII fit-23 ta’ Diċembru 1946 u miżmum sal-1970 meta, billi l-Kongregazzjoni kienet għoddha saret internazzjonali, is-sorijiet ħasbu sewwa biex ibiddlu dan l-aħħar isem, li kien idoqq wisq “ġeografiku”, bl-isem li aktar jesprimi l-karattru u l-ispiritwalità bażilari tal-Kongregazzjoni: Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù. Mela ż-żewġ pilastri tal-ispiritwalità tal-Kongregazzjoni huma dik Franġiskana u dik Kristoċentrika, li tinbena fuq il-qima lejn il-Qalb ta’ Ġesù.

Nieqfu, għalissa, biex inqisu l-ispiritwalità Franġiskana, li saret il-karatteristika tal-fundazzjoni l-ġdida ta’ Triq Palma, biex imbagħad ngħaddu ħalli nqisu dik Kristoċentrika, li hi importanti u radikali daqs l-ewwel waħda.

Qabel xejn, x’nifhmu bil-kelma spiritwalità? L-ispiritwalità, meqjusa kemm fl-individwu kif ukoll fil-komunità, hi l-perfezzjoni tal-imħabba, u fl-istess ħin l-għarfien tat-triq u tal-użu tal-mezzi li jiżguraw l-ilħuq tal-perfezzjoni. L-ispiritwalità, mela, meta nqisuha fiha nfisha, hi unika u ugwali għal kulħadd, kif hi unika l-imħabba: hi l-imitazzjoni ta’ Kristu, il-qbil perfett mal-mudell divin tiegħu, il-kopja ħajja tal-mod li bih kien jgħix, jaħdem, jaħseb, jitkellem. Ġesù Kristu jibqa’ dejjem il-mudell l-aktar perfett li lejh ħarsu l-qaddisin rġiel u nisa taż-żminijiet kollha, dawk li fittxu l-assolut u l-perfett fil-ħajja tagħhom spiritwali: “Dan hu Ibni l-għażiż, li fih jien nitgħaxxaq: isimgħu lilu!”

Imma jekk, fiha nfisha, l-ispiritwalità hi dejjem l-istess, il-mezzi u t-toroq biex wieħed jasal għaliha f’każijiet konkreti, iqiegħdha fil-prattika u jgħixha mhumiex l-istess. Għal din ir-raġuni niltaqgħu ma’ diversi “skejjel ta’ spiritwalità”, li mill-ewwel sekli sa żminijietna twieldu u ħadmu fil-Knisja. Fost dawn l-iskejjel ta’ spiritwalità waħda mill-aktar mifruxin u li nisslet kienet u għadha dik Franġiskana.

L-ispiritwalità Franġiskana għandha bħala fundatur u awtur lil San Franġisk t’Assisi, il-bniedem li kien iffissa ħarstu fuq Kristu u kkontemplah fil-misteri prinċipali tal-Inkarnazzjoni u tal-Fidwa. It-teoloġija franġiskana tistudja u toħroġ minn dawn il-misteri il-prinċipji tal-ispiritwalità tagħha li hi tipikament Kristoċentrika. L-ispiritwalità Franġiskana nistgħu inqisuha bħala l-Evanġelju li wieħed irid jgħixu kollu kemm hu, imżejjen b’dik il-libertà tal-ispirtu li hi kapaċi li tkun taf il-bżonnijiet spiritwali taż-żminijiet, dejjem f’ubbidjenza sħiħa lejn il-Knisja. L-essenza tal-ħajja Franġiskana mela, qiegħda fil-fedeltà bla kundizzjoni għall-

Evanġelju: fil-ħajja prattika ta' umiltà u ta' qadi lejn l-aħwa, ħajja ta' ħidma bla taqta' ta' mħabba lejn Alla u lejn il-ħolqien kollu. L-imħabba fl-ispiritwalità Franġiskana hi l-prinċipju fundamentali, il-mutur, ir-ruħ tal-azzjoni: kollox irid isir u għandu jsir għall-imħabba!

Din kienet il-ħajja li wieġġed li jgħix San Franġisk u din ukoll hi l-ħajja li jwiegħdu li jgħixu l-ulied fidili tiegħu, bix-xewqa mħeġġa li din l-imħabba tibda taqbad fihom:

*"...biex inħobbuk b'qalbna kollha billi naħsbu dejjem fik; b'ruħna kollha, biex nixtiquk il-ħin kollu; b'moħħna kollu, billi ndawru lejn il-fehmiet tagħna, u nfittxu f'kollox il-glorja tiegħek; b'saħħitna kollha, billi naħlu l-enerġija kollha tagħna u s-sensibiltà kollha ta' ruħna u ġisimna fil-qadi tiegħek u ta' mħabbtek u f'xejn aktar"* (San Franġisk, Parafrasi tal-Missierna).

Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù, matul is-snin twal tal-ħajja tagħha, għarfet tixrob u tmantni lilha nfish b'dan l-ispirtu Franġiskan b'mod perfett, u b'doża akbar minn dik tas-soltu. F'din il-fedeltà bla taqta' u qatt miċżuda lejn l-iskola u l-eżempji tal-patrijarka ta' Assisi aħna nsibu l-prova l-aktar awtentika tal-ħajja profonda tar-ruħ u tal-qdusija tagħha. Hi, iżda, ma waslitx għal din il-milja ta' ħajja spiritwalit f'daqqa waħda. Anke hi kellha tgħaddi mill-fażijiet tat-tħejjija, tal-approfondiment u tal-maturazzjoni, li jiġu waħda wara l-oħra. Aħna rridu naraw kif, anke jekk fil-qosor.

Fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, l-istorja tal-Knisja kienet karatterizzata minn żewġ fatti li huma wieħed kontra l-ieħor, imma fl-istess ħin li jitqiesu flimkien: mill-banda l-waħda, l-ġlieda akkanita tal-masonerija u tal-antiklerikaliżmu kontra l-Knisja, li ġrat l-aktar f'dawk il-pajjiżi li kellhom tradizzjoni Kattolika qadima ħafna: Franza, Spanja u l-Italja; u mill-banda l-oħra, kważi bħala rejazzjoni u konsegwenza meħtieġa, nassistu għal twelid ġdid tal-ispirtu u l-ħeġġa reliġjuża min-naħa tal-Kattoliċi li kienu jħossu l-bżonn li jingħaqdu b'rabtiet akbar madwar il-Papa. Alla kien bagħat lill-Knisja tiegħu ragħaj adatt għal dawk iż-żminijiet diffiċli fil-persuna tal-Papa Ljun XIII.

Dan il-Papa kien Terzjarju Franġiskan, u kien jara fl-ispiritwalità Frnaġiskana, li hi għanja fil-varjetà daqs l-Evanġelju li minnu titnissel, wieħed mill-mezzi l-aktar

effikaċi biex itejjeb u jġedded id-dinja. Fl-ittra enċiklika tiegħu *Auspicata Concessum* kien ħeġġeġ lill-isqfijiet tad-dinja kollha biex jgħinu ħalli jitwaqqaf kullimkien it-Terz'Ordni Franġiskan, illum magħruf bħala l-Ordni Franġiskan Sekular (O.F.S.). Din l-enċiklika ġiet milqugħa b'mod favorevoli anke fiż-żewġ gżejjer Maltin.

Meta kien għadu seminarista Dun Ġużepp Diacono kien diġà milqugħ fost it-Terzjarji Franġiskani. Il-formazzjoni seminaristika tiegħu u t-tħejjija tiegħu għas-saċerdozju seħħet, nistgħu ngħidu, fuq żewġ linji: l-imħabba tiegħu għall-ispirazzjoni Franġiskana u l-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù, li kien ħadha mingħand il-Ġiżwiti li kienu jmexxu s-seminarju djoċesan ta' Għawdex. Hu kellu influss tant effikaċi fuq l-għaqda tat-Tnax-il Kewkba tal-Qalb ta' Ġesù li ġiet imwaqqfa minnu, u wara anke fuq il-Maestre Terzjarji ta' San Franġisk tad-Dar tal-Karità, li kienju l-kontinwazzjoni u l-iżvilupp ta' dawk tal-ewwel, li huma kienu tgħallmu minnu dawn iż-żewġ aspetti tal-ħajja tiegħu spiritwali personali, li hu tant kien tgħallimhom tajjeb.

Billi l-isem "Maestre Terzjarji ta' San Franġisk" ma kellux ikun biss titlu, imma kellu jindika stat ta' ħajja, programm ta' ħidma determinata, meta hu kien hejja lil uliedu għall-ġrajja kbira tal-vestizzjoni tal-ewwel tnax-il Maestre Terzjarji fit-18 ta' Ottubru 1880, hu kien insista fuq l-ispirtu Franġiskan li dejjem kellu jakkumpanja u jagħti ħeġġa spiritwali lil dawn it-Terzjarji ġodda, spirtu li huma kellhom jitgħallmu u jagħmluh tagħhom sa mill-ewwel żminijiet biex imbagħad iħarsuh u jiżviluppawh matul ħajjithom kollha.

L-ispirtu Franġiskan, indipendentement mill-indħil personali ta' Dun Diacono, jinsab ukoll fl-għeruq tal-istess għaqda tat-"Tnax-il Kewkba". Dun Gaspare Olmi, li kien sar l-appostlu li xerred din l-għaqda li kienet ġiet minn Franza fl-Italja, kien ukoll Terzjarju Franġiskan. Kemm f'Dun Olmi kif ukoll f'Dun Diacono, mela, insibu din il-mixja devozzjonali doppja: dik Franġiskana u dik Kristoċentrika, li jintegraw waħda lill-oħra b'mod sħiħ. Wara kollox, il-Franġiskaneżmu u d-devozzjoni lejn il-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, li hi l-espressjoni l-aktar ċara u sensibbli tad-duttrina fuq il-post ċentrali ta' Kristu, kienu dejjem jaqblu perfettament ma' xulxin.

Fl-1875, fil-fatt, ftit snin qabel il-fundazzjoni ta’ Triq Palma, il-venerabbli Patri Bernardino minn Portogruaro, Ministru Ġeneral tal-Ordni tal-Patrijiet Minuri, kien ikkonsagra lill-Qalb ta’ Ġesù l-Ordni Franġiskan kollu li hu kien imexxi.

Biex tintwera u tiġi kkonfermata anke minn barra din l-għaqda spiritwali tas-Sorijiet ta’ Triq Palma mal-Ordni u l-ispirtu Franġiskan, fl-1903, Madre Rożalija Vella, Superjura Ġenerali, u Madre Margerita, Vigarja Ġenerali, talbu u ġew mogħtija l-aggregazzjoni, jiġifieri r-rabta spiritwali tal-Kongregazzjoni tagħhom mal-Ordni tal-Patrijiet Minuri (O.F.M.), li ġiet iffirmata b’digriet tat-23 ta’ Ottubr4u ta’ dik is-sena mill-Ministru Ġeneral, Patri Dionisio Schüler O.F.M.

## Kapitlu 26

## MADRE MARGERITA FRANĠISKANA AWTENTIKA

Hawnhekk mhux skop tagħna li niktbu trattatta' spiritwalità, imma l-ħajja ta' Madre Margerita, il-"fundatriċi" tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-qalb ta' Ġesù. Issa l-bixra karatteristika tal-Istitut reliġjuż tingħata mill-fundatur jew fundatriċi, mir-Regola li huma jsawru permezz ta' nebħa divina, mill-applikazzjoni prattika li huma jagħtu lir-Regola, mill-eżempju ta' ħajjithom, mill-kitbiet tagħhom, mit-twissijiet li jagħmlu lil ħuthom; f'kelma waħda, mill-kariżma tagħhom – jiġifieri, minn grazzja partikulari li huma jirċievu mingħand Alla – li tidher f'elf ċirkustanza u f'elf mod. Din il-bixra ta' Istitut reliġjuż ma tingħatax mill-isqof li jkun tah l-approvazzjoni djoċesana, u lanqas minn Ruma li aktar tard tagħti l-approvazzjoni pontifiċja. Mhix l-awtorità tal-Knisja li twaqqaf Istitut Reliġjuż; din kull ma tagħmel hu biss li taġġrovah meta ssib fih il-kundizzjonijiet meħtieġa biex hu jiġi approvat.

Bħala fundatriċi, Madre Margerita kellha tkun dik li wriet, l-ewwel u qabel kulħadd, iż-żewġ dimensjonijiet tal-ispiritwalità li ħaddnet hi u s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Dawn, kemm fl-ewwel żminijiet kif ukoll fiż-żminijiet li ġew wara, kellhom iħarsu lejha; minnha kellhom jieħdu l-ispirazzjoni tagħhom, u kellhom ifasslu ħajjithom fuq l-eżempju tagħha. Il-ħajja tal-fundatriċi kellha ssir għal uliedha skola ħajja, li minnha huma kellhom jitgħallmu kif wieħed ikun tassew Franġiskan u kif wieħed għandu jgħix fil-prattika l-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù.

Madre Margerita, għalkemm kienet kapaċi, qatt ma ħalliet l-ebda trattat jew kitba speċifika dwar dawn iż-żewġ aspetti tal-ispiritwalità li tant kienet tħobb: il-Franġiskaneżmu u l-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù. Hi qatt ma sabet ħin tagħmel dan, u forsi, fl-umiltà tagħha, ma kinitx tqis lilha nfisha la kapaċi u lanqas jistħoqqilha li tikteb dwar dawn iż-żewġ aspetti tant għoljin. Minkejja dan, hi kellha ssir għalliema esperta kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni wieħed. It-tagħlim tagħha neħduh minn għejjun oħrajn; mill-ħajja eżemplari tagħha u mill-ittri tagħha, fejn hi

ta’ spiss tmiss dan il-qofol tal-ispiritwalità tagħha fiż-żewġ aspetti u tiżviluppah. IL-ħajja tagħha kienet dejjem tagħlima permezz tal-eżempju, kif diġà rajna fil-kapitli li għaddew ta’ dan il-ktieb, u kif se naraw ukoll f’dawk li ġejjin. Qatt ma nistgħu nifhmu biżżejjed kemm kienet tinkarna fiha l-ispirtu tas-sempliċità u tal-faqar Franġiskan. Aħna nippruvaw biss biex nuru xi ftit aspetti, li bilfors ikollna nħalluhom mhux kompluti, f’dan il-kapitlu.

Aħna ma nfux, u almenu dan ma jirriżultax mid-dokumenti tal-arkivji li waslu sa għandna, li hi xi darba ħadet ħsieb tikteb xi studju sistematiku dwar il-Kitbiet tal-Missier Imqaddes San Franġisk u dwar xi opri fundamentali li jmissu l-ispiritwalità Franġiskana. Iżda, avolja hi ma kinitx ingħatat għal dan l-istudju tejoretiku, hi ħaġa żgura li Madre mArgerita kienet inkarnat fiha nfisha l-ispirtu Franġiskan, tant li hi stess saret Franġiskana awtentika. Biex nikkonvinċu ruħna aktar minn dan, nistgħu nqabblu l-Kitbiet ta’ San Franġisk mal-kitbiet, jew aħjar mal-ittri, ta’ Madre Margerita, u naraw kemm huma qrib ta’ xulxin b’mod uniku kemm fl-għanijiet kif ukoll fil-metodi li jużaw, li huma identiċi.

San Franġisk hu l-qaddis tal-imħabba. Il-ħeġġa ta’ din l-imħabba tmexxieh biex jaħtaf għal Kristu d-dinja kollha, il-bnedmin kollha. L-idejal apostoliku tal-qaddis ta’ Assisi jaqbel ma’ dak ta’ Pawlu minn Tarsu, u jersaq qrib ħafna għal dak ta’ Kristu: “Jiena ġejt inġib in-nar fid-dinja, u kemm nixtieq li diġà qabad!”

Madre Margerita timxi fuq l-istess triq. L-għajta tagħha li dejjem kienet ittenni ta’ spiss, u li nsibuha f’espressjonijiet diversi imma fl-istess ħin simili fl-ittri kollha tagħha, kif ukoll li kienet tinstema’ ta’ spiss fuq xofftejha fil-konferenzi spiritwali li kienet tagħti lil uliedha, kienet:

*“Inħobbu l-Imħabba. Inħobbu l-Imħabba. Ejjew, ejjew erwieħ ħalli tħobbu l-Imħabba!”* (28-05-1895). *“Iva, nħobbu, inħobbu. Dan il-Missier tagħna l-aktar twajjeb u ta’ dejjem, iħobbna bla qjies minkejja li aħna ħlejjaq imsejkna u ma niswew xejn”* (22-11-1925).

Dan hu l-awgurju tagħha li għamlet lil ħutha s-sorijiet fil-Milied tal-1920:

*“Jiena wkoll, għeżież tiegħi, ma nixtieqx, u lanqas ma nista’ nawguralkom ġid ieħor għajr din l-imħabba safja, ġeneruża u qawwija. U billi n-nar filwaqt li*

*jsaħħan, idawwal ukoll, hekk ir-ruħ li tabilħaqq tħobb, fl-istess waqt tkun ukoll umli u ubbidjenti. Hekk issir il-għarusa ta' Dak li, għax ħabbna, minn Ħallieq sar ħlejqa, minn Sid ta' kollox, qaddej"* (22-12-1920).

San Franġisk kien sawwar il-qima u d-devozzjoni tiegħu fuq tliet misteri fundamentali tal-ħajja ta' Kristu: Betlehem, il-Kalvarju, l-Ewkaristija. L-Ordni Franġiskan, fuq il-passi tal-qaddis fundatur tiegħu, sa miż-żminijiet tan-nofs ħadem bis-sħiħ biex ferrex fost il-poplu l-qima lejn il-presepju, lejn is-salib u lejn it-tabernaklu. Dawn it-tliet misteri huma l-ġabra perfetta tal-imħabba ta' Alla lejn il-bnedmin. Ma hemmx imħabba akbar minn dik li fiha wieħed jagħti ħajtu għall-persuna li jħobb. Hekk qal Ġesù.

Madre Margerita kellha tkompli dejjem tgħożż id-devozzjoni lejn il-Bambin Ġesù, lejn il-Kurċifiss, lejn is-Sagrament Imqaddes, u kellha tnissilha bil-kelma u bl-eżempju f'uliedha:

*"Inħarsu 'l fuq u nilmħu 'l Alla, li jinżel mill-ħdan tal-Missier divin tiegħu ta' dejjem u jiġi jieħu s-sura fqira tagħna l-bnedmin u jgħix bħala wieħed fost l-aktar foqra"* (3-12-1931).

Meta darba ġiet mistoqsija x'riedet tfisser bil-frażi li dejjem kienet ittenni, jiġifieri "Inħobbu l-Imħabba", hi wieġbet b'ton żgur: "Inħobbu l-Imħabba tfisser li rridu nbatu għall-Imħabba."

Il-Passjoni tal-Mulej kienet dejjem fil-moħħ u fil-qalb ta' Madre Margerita. Il-Ġimgħa l-Kbira kienet għaliha appuntament mal-Imħabba tal-Mulej li jbati, li lilu hi qatt ma kienet tonqsu f'xejn. Hi kienet tingħaqad mat-tbatijiet tal-Passjoni b'fiduċja sħiħa. Fl-10 ta' Diċembru 1921 kitbet hekk:

*"L-imħabba mingħajr ħafna tbatija, sagrifiċċju u umiljazzjoni m'hi Imħabba xejn"* (10-12-1921).

U ftit snin wara kitbet:

*"Inħobbu 'l-Għarus ħelu tagħna, ukoll fis-solitudni tal-ispirtu, fl-inxif u l-ebusija tar-ruħ. Xejn ma jimporta, l-aqwa li dejjem nagħmlu r-rieda mqaddsa Tiegħu!"* (5-12-1924).

Il-Milied, festa tradizzjonali tal-familji kollha tad-dinja, tant tiġbed lill-bnedmin, li jiċċelebrawha anke dawk li ma għandhomx fidi. Hi l-festa tal-Bambin, li fih naraw it-tfal kollha tad-dinja. Hi festa li fiha anke l-kbar jieħdu pjaċir li jsiru tfal flimkien ma' wliedhom. Hi festa, mela, li tant tappella għas-sentiment, li ħafna drabi ġġegħelna ninsew l-ogħla raġunijiet ta' fidi li jiġġustifikawha. Imma għal Madre Margerita ma kienx l-aspett sentimentali jew poetiku tal-Milied li kien jiswa. Hi kienet tmur direttament fil-qofol tal-misteru, jiġifieri, l-Inkarnazzjoni ta' Alla, il-Verb li kien sar bniedem, u li għażel li jgħammar fost il-bnedmin. U dan, biss għall-imħabba.

Kif kienet tagħmel fl-Avvent, anke fir-Randanhi kienet titqaddes permezz tas-sawm li kienet tikkmanda l-Knisja, kif ukoll permezz tat-talb aktar intens. Dwar dan tikteb Madre Paċifika:

*"Il-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira kienu għaliha l-isbaħ ġranet ta' ħajjitha. Kienet tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha tal-Knisja bl-akbar devozzjoni u tqanqil tal-ispirtu, bħallikieku hi kienet personalment preżenti waqt il-ġrajja tal-Kalvarju. F'Ħamis ix-Xirka, meta kienet Madre Ġenerali, kienet taħsel ir-riġlejn ta' tnax-il soru li kienu jittellgħu bix-xorti. Kienet tkun trid li l-komunità kollha tkun preżenti għaċ-ċerimonja, anke n-novizzi u l-postulanti. Iċ-ċerimonja kienet tħalli impressjoni profonda fuq is-sorijiet kollha preżenti. Nhar il-Ġimgħa l-Kbira ma kienet tiekol kważi xejn u kienet tqatta' l-jum kollu fil-kontemplazzjoni, fil-kor jew fil-kamra tagħha. Kulħadd kien jaraha mnikkta ħafna, u jekk kienet titkellem kien biss biex tgħid: Kemm ħabbejtna!"*

Meta tifhem l-imħabba li Alla wriena permezz tas-sagrifiċċju tas-salib, Madre Margerita mbagħad tkompli biex tgħallem il-bżonn tat-tpattija. L-imħabba trid tesprimi ruħha fi tpattija għan-nuqqas ta' gratitudni u għad-dnubiet li tant iweġġgħu l-Qalb ta' Alla: hemm bżonn li wieħed jemmen għal min ma jemminx, jadura għal min ma jadurax, iħobb għal min ma jħobbx. It-triq tat-tpattija, għal Madre Margerita, hi waħda biss:

*"Li tħobb tfisser li tpatti bl-imħabba sinċiera, safja u ġeneruża".* (8-6-1926). *Bit-tweġiba ġeneruża tagħna rridu npattu għall-imħabba tiegħu bla tarf ...Inħobbuh, iva, inħobbuh b'imħabba safja, inħobbu lilu biss ..."* (10-5-1930).

Il-misteru ta' Betlehem u dak tal-Kalvarju jsibu l-qofol tagħhom fl-Ewkaristija, li hi t-tifkira ħajja tal-għeġubijiet ta' Alla. Madre Margerita kienet għamlet l-Ewkaristija ċ-ċentru tal-qima tagħha. Is-sigħat twal li kienet tqatta' f'adorazzjoni quddiem is-Sagrament qaddis, u l-aktar fid-Dar tal-Adorazzjoni kif ukoll fil-Casa Madre matul l-aħħar snin ta' ħajjitha, kienu l-għaxqa ta' qalbha. Jekk wieħed jifred lil Madre Margerita, li hi ruħ għal kollox mistika, mill-Ewkaristija, wieħed ikun qisu qed ineżżagħha minn kull tifsira u b'hekk ħadd ma jkun jista' jasal biex jifhem il-kobor tagħha. Bħala prova ta' din biżżejjed li naqraw l-ittra li hi kitbet lil ħutha s-sorijiet biex tħabbar il-ftuħ tad-Dar tal-Adorazzjoni tal-Belt Valletta. Hi ittra li fiha naraw emozzjoni, sens ta' radd il-ħajr, entużjażmu, tama u hena bla tarf:

*"Ikun imfaħħar l-isem tal-Mulej li għoġbu jagħżel lilna biex noqogħdu ħdejh maġenb it-tron tiegħu fl-Ewkaristija. Kunu kuntenti u ferħanin intom ukoll, sorijiet l-aktar għeżież u maħbubin, għax waqt li intom tkunu qed twettqu x-xogħol tagħkom, kunu afu li għandkom ukoll lil ħutkom adoratriċi u riparatriċi quddiem Ġesù Ostja! Deo Gratias et Mariae. Kemm ġew imħallsin sew ix-xewqat tagħna! Kemm ġew imwettqin sew issa x-xewqat ħerqana tagħna! Deo Gratias! Hallelujah! Qed nibgħatilkom ritratt ħalli taraw l-altar kif kien imżejjen dakinhar tal-inawgurazzjoni; iżda l-kuluri ma jidhrux. Kien fih għaxqa b'dawn l-ilwien sbieħ tal-ward, tal-purtiera u l-bizzilla tat-terħa mpittra bi fjuri bojod u roża. Ikun imfaħħar Ġesù fis-Sagrament!"* (11-6-1924).

L-ispiritwalità Franġiskana, bħal kull forma oħra ta' spiritwalità, ma tiqafx biss fil-kontemplazzjoni tal-misteri ta' Kristu u ta' Alla, imma tinżel fil-prattika, jiġifieri filli wieħed jagħmel tiegħu u jimita l-istess sentimenti ta' Kristu u japplikahom għall-ħajja ta' kuljum: "Qisu li jkollkom fikom l-istess sentimenti li kienu fi Kristu Ġesù" (San Pawl). San Franġisk, flimkien mal-qaddisin l-oħrajn, dan wettqu billi fassal ħajtu fuq triq ta' sempliċità, umiltà, faqar, ferħ perfett, kontemplazzjoni u azzjoni, appostolat bla jaqta' bħala imitazzjoni ta' dak ta' Kristu Alla u bniedem.

Madre Margerita għamlet l-istess ħaġa. L-ispirtu Franġiskan ta' umiltà, faqar, sempliċità, li hi u l-ewwel sorijiet minn dejjem għożżew bħala erwieħ adoratriċi li jpattu għan-nuqqasijiet kontra l-Qalb ta' Ġesù fl-Ewkaristija, illum hu l-patrimonju tal-Kongregazzjoni tagħha. Il-motto Franġiskan "Kollox għall-Imħabba" kien wisq

għażiż għal Madre Margerita, li biex tiżżi ħajr ‘l Alla għal xi don li kienet tirċievi mingħandu, kienet soltu tgħid: “Ikun għall-imħabba t’Alla”, frażi li s-sorijiet tagħha ta’ spiss jużaw.

F’ħafna paġni ta’ dan il-ktieb ġibna ħafna ġrajjiet li għandhom x’jaqsmu mal-ispirtu ta’ faqar u ta’ umiltà tal-meqjuma Madre, u għalhekk hawnhekk mhux il-każ li noqogħdu nirrepetuhom.

Bħal San Franġisk, Madre Margerita tagħmel parti mill-kategorija tal-mistiċi, jiġifieri ta’ dawk l-erwieħ li, bi grazzja speċjali ta’ Alla, setgħu jilħqu l-ogħla gradi tal-ħajja kontemplattiva u tal-għaqda ma’ Alla, b’dehriet anke esterni u li jidhru ta’ karattru straordinarju li mhnuxmiex mogħtijin lil kulħadd. Jidher, għalhekk, mal-ewwel daqqa ta’ għajn, li l-ħidma li l-Madre wettqet fil-Knisja u fil-Kongregazzjoni tagħha hi aktar kontemplattiva milli attiva, aktar interna milli esterna, aktar ta’ talb milli ta’ azzjoni. Imma mhux hekk fil-fatt. Madre Margerita, bħall-mistiċi kollha, kienet ħaddiema li ma għejjiet qatt, sal-aħħar snin tal-ħajja twila tagħha. Jekk fi tmiem ħajjitha, meta l-mard u l-qalb għajjiena tagħha ma kinux iħalluha twettaq l-ebda attività esterna oħra, hi kellha ssofri ħafna, l-ikbar tbatija tagħha kienet proprju tikkonsisti fil-fatt li hi ma setgħetx taħdem u kienet tħossha li saret ta’ piż fuq is-sorijiet li kienu jgħinuha.

Il-mistiċi kbar kollha kienu ħaddiema tassew tal-għaġeb: San Bernard minn Clairvaux, Santa Franġiska Saverja Cabrini, Madre Tereża ta’ Kalkutta. Anke San Franġisk ta’ Assisi kien mistiku u appostlu fl-istess ħin, bniedem ta’ kontemplazzjoni u ta’ azzjoni. Hu kien rawwem lil uliedu fis-sens tax-xogħol:

*“Dawk il-patrijiet li l-Mulej tahom il-grazzja li jaħdmu, ħa jaħdmu bla tnikkir u b’qalb tajba, ħalli b’hekk, imbegħdin mill-għażż, għadu tar-ruħ, ma jitfux fihom il-ħeġġa għat-talb u d-devozzjoni, li lejhom kull ħaġa maħluqa għandha tressaq”* (Regola Bullata V).

Anke Madre Margerita kienet tqis ix-xogħol bħala grazzja u bħala għotja li Ġesù jagħmel lill-magħżulin tiegħu:

*“Il-ħelu Ġesù tagħna joffrilna ħafna għelieqi x’naħdmu u x’nieħdu ħsieb. Għalhekk, nagħmlu li nistgħu biex inkunu ġenerużi miegħu. Dan filli nwieġbu għas-sejħat*

*tiegħu ta' mħabba ... Oh kemm erwieħ jistennew ix-xogħol tagħna, il-kelma tagħna u fuq kollox it-talb tagħna! Ejjew, isa, qumu u meddu ruħkom għax-xogħol, għall-kelma u għat-talb imqanqal!"* (17-3-1922). *Kuraġġ, mela, ulied għeżież tiegħi, il-ħajja hi qasira ħafna biex naqilgħu l-mistrieħ ta' dejjem. Għalhekk, ejjew nagħmlu minn kollox, ma nħallu l-ebda okkażjoni ta' qliegħ li tgħaddi mingħajr ma napprofittaw ruħna minnha".* (Ħamis ix-Xirka).

Diġà għidna li l-għajn ewlenija tal-ispiritwalità Franġiskana tinġabar fil-frażi: "Kollox għall-Imħabba", dik l-imħabba li ma tafx bi qlub ta' nofs kedda, jew inkella b'kompromessi u wisq anqas b'waqfien. Madre Margerita kienet tagħmel kollox għall-imħabba. Kienet tistudja lil Kristu fil-misteri tiegħu tal-Inkarnazzjoni u tal-Fidwa u kienet titgħallem it-tagħlima kbira tal-Imħabba. Hi kienet temmen fl-Imħabba: "Aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminnieha". Hekk setgħet ittenni Madre Margerita flimkien ma' San Ġwann. Hi kienet temmen fl-Imħabba, kienet tgħix skont dak li kienet temmen fih u ħalliet lil uliedha bħala wirt dan il-messaġġ kbir:

*"Inħobbu l-Imħabba! Inħobbu l-Imħabba! Inħobbuha, inħobbuha u naħdmu biex tiġi maħbuba minn kulħadd u kullimkien"* (21-7-1945).

Dan hu messaġġ u, fuq kollox, hu programm ta' ħajja kbir u sħiħ.

## Kapitlu 27

## FL-ISKOLA TA' MADRE MARGERITA: ID-DEVOZZJONI LEJN IL-QALB TA' ĠESÙ

L-ewwel darba li Madre Margerita saret midħla tal-qaddisa protettriċi tagħha, Santa Margerita Marija Alacoque, li tagħha riedet iġġib l-isem fil-ħajja reliġjuża, kien fl-20 ta' Frar 1881, meta hi, li dak iż-żmien kellha tmintax-il sena, ġiet milqugħa minn Dun Diacono fost is-Sorijiet Terzjarji Franġiskani, bl-isem ta' Maestra Virġinja tal-Beata Margerita, dik ix-xbejba ta' Paray-le-Monial, li kellha rivelazzjonijiet mistiċi u saret l-ewwel appostlu tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù.

Bil-professjoni reliġjuża, li hi għamlitha fit-8 ta' Diċembru 1887, Maestra Virġinja saret definittivament Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù. L-isem tal-Magħmudija, Virġinja, kellu jinbidel f'dak tal-qaddisa ħabbara tal-Qalb ta' Ġesù, u l-kunjom De Brincat bl-isem tal-Qalb ta' Ġesù nnifsu. Dan kien isem u kunjom ġdid li ma kellhomx jibqgħu ittra mejta fil-karti tal-arkivji, imma li kellhom isiru sinjal ta' ħajja ġdida, ta' programm ta' ħidma ġdid, ta' mixja twila li kellha tissokta qalb ġrajjiet diversi u diffikultajiet iebsin, taħt it-tmexxija u d-dawl tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù.

Santa Margerita Marija Alacoque saret, minn dak il-waqt 'il quddiem, mhux biss l-qaddisa patruna tagħha, li l-festa tagħha kienet tiġi ċċelebrata kull sena mis-soriiet b'solennità partikulari fis-16 ta' Ottubru, imma fuq kollox il-mudell u l-għalliema tagħha li għenitha titgħallem u tapprofondixxi l-kult u l-imħabba lejn il-Qalb ta' Ġesù. F'dan il-kult hi, bħala fundatriċi, kellha tgħaddi u tiġi qabel ħutha s-sorijiet kollha li kienu jgħixu magħha kif ukoll qabel dawk li kellhom jidħlu fil-Kongregazzjoni warajha. Din kienet il-missjoni li hi kellha twettaq, il-ħidma li ma setgħetx tonqos milli twassal għat-tmiem. Minn dak li għidna fil-kapitlu li għadda, u minn dak li se nżidu f'dan, naraw li hi qatt ma naqset għal waqt wieħed biss li twettaq dan id-dmir u l-missjoni tagħha.

Il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù, li ġiet murija u rrikmandata lill-bnedmin fl-1673 minn Ġesù nnifsu f'Paray-le-Monial, bħala tweġiba għall-imħabba kbira tiegħu, "li tant

ħabb lill-bnedmin u li mhux maħbub minnhom", tiġbor fiha fil-prattika l-aspetti kollha ta' qima u ta' spiritwalità Kristoloġika: jiġifieri, l-misteri kollha tal-ħajja ta' Ġesù Kristu mit-tfulija sal-ħajja pubblika, sal-passjoni, il-mewt u l-qawmien mill-imwiet, l-Ewkaristija, il-ġisem mistiku li hu l-Knisja, il-ħakma tiegħu bla tarf bħala sultan tal-univers, it-tagħlim tiegħu bħala verità assoluta, il-preżenza tiegħu fir-ruħ tal-bniedem bħala ħajja tar-ruħ li titnissel permezz tal-grazzja. Minbarra dan, id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù żżid mal-għarfien ta' dawn l-aspetti kollha tal-Kristoloġija, element ieħor li riedu Ġesù nnifsu, jiġifieri dak tat-tpattija għan-nuqqas ta' għarfien, għat-traskuraġni u għaċ-ċaħda ta' dawn id-doni kollha li Kristu jagħti lill-bnedmin.

Il-Kongregazzjoni li ġġib isimha minn San Franġisk u mill-Qalb ta' Ġesù, timpenja lil kull membru tagħha biex f'ħajjitha, barra mill-ispirtu Franġiskan, ikollha wkoll imħabba taħraq lejn il-Qalb ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Kull soru trid tħossha li hi obbligata li timita l-istess mod ta' ħajja ta' Ġesù permezz tal-att tiegħu ta' adorazzjoni, ta' għotja sal-mewt, ta' tpattija u tal-fiduċja sħiħa fir-rieda divina u, fuq kollox, fl-appostolat tal-Qalb Qaddisa – "l-Imħabba li mhix maħbuba!" – u għat-tixrid tal-qima tiegħu fl-Ewkaristija sabiex il-bnedmin kollha jsiru jafu u jħossuhom miġbudin mill-imħabba kollha ħniena ta' Kristu.

Madre Margerita, kif kienet uriet ruħha bħala għalliema u mudell fil-prattika tal-ispirtu Franġiskan, hekk ukoll uriet ruħha – matul is-snin kollha tal-ħajja twila tagħha – bħala għalliema mill-aktar esperta biex trawwem lil-oħrajn ħalli jħobbu, jqimu u jagħmlu atti ta' tpattija mill-aħjar li jistgħu lill-Qalb Qaddisa ta' Ġesù. Ma' dak il-ħafna li diġà tkellimna dwaru fil-paġni li għaddew, u li jurina kemm kienet taħraq fiha l-imħabba lejn Ġesù u l-ħeġġa li tħabbeb miegħu lill-bnedmin kollha, inżidu bħala konferma u biex ikollna kwadru sħiħ, xi siltiet mill-ittri li hi kitbet lil ħutha s-sorijiet, u li fihom hi tesprimi dawn is-sentimenti u ttennihom f'forma aktar attwali u immedjata. Mill-kitbiet kollha li tħalli xi persuna, fil-fatt, huma l-ittri li l-aktar jirriflettu b'mod fidil is-sentimenti u l-ħsibijiet li wieħed ikollu. Fl-ittra, u l-aktar f'dik kunfidenzjali u mibgħuta lill-ħbieb, hi l-qalb li titkellem mingħajr ħafna tlablib vojt, mingħajr ħafna tiżjin ta' kliem, mingħajr ma taħbi xejn. B'hekk l-ittra ssir is-sinjal tal-verità, il-mera fidila tas-sentimenti li jkunu għaddejjin

mingħajr ħabi mill-qalb għall-fomm, u mill-qalb għall-pinna, għax "mill-milja tal-qalb jitkellem il-fomm".

Fil-korrispondenza ta' Madre Margerita naraw inixxu b'abbundanza dawk is-sentimenti li dejjem kienu jduru mal-istess suġġett: "Inħobbu l-Imħabba!" Hawn nagħtu xi ftit siltiet.

Fl-1892 hekk kitbet lil waħda mis-sorijiet:

*"Ser inħallik, u ngħannqek mal-Qalb Qaddisa. Fil-jiem li ġejjin nibqgħu magħqudin biex flimkien inħobbu lill-Għarus maħbub tagħna, kif nixtieq li jagħmlu wkoll is-Sorijiet l-aktar maħbubin tagħna"* (16-4-1892).

Erba' snin wara, fl-1896, kitbet lil soru oħra:

*"U m'hemmx għalfejn ngħidlek biex tagħmel kollox bl-imħabba, għall-imħabba u fl-imħabba, għax taf aktar minni li l-Maħbub tagħna ma jogħġbuhx l-opri, imqar l-aktar magħrufa, li jsiru mingħajr imħabba. Insomma għix fil-qalb ta' dan il-Maħbub ħelu, ħajja ta' mħabba, ta' mħabba safja ..."* (13-5-1896).

Imbagħad Madre Margerita tkompli billi tistieden lil din is-soru ħalli ssir vittma tal-Qalb Qaddisa sabiex tingħaqad mal-Passjoni tiegħu u b'hekk issewwi aħjar l-offiżi li jsiru kontra tiegħu.

Lil waħda soru oħra, bint spiritwali tagħha, kitbitilha fl-1907:

*"Hawn jien miegħek, mhux biex ngħidlek xi ħaġa ġdida, iżda dwar ħwejjeġ l-aktar antiki u qodma; għalkemm għal min irid ikun fidil u mogħti lill-Qalb Qaddisa, jidhru dejjem ġodda! Iva, bil-ħaqq kollu, u minkejja s-sagrifiċċji kollha, hu meħtieġ li ningħataw bħala vittmi lill-Qalb Qaddisa. Ja ruħ għażiża tiegħi, tħallinix nilmenta mis-sagrifiċċji magħmula għalik ..."* (6-5-1907)

L-ispirtu ta' "vittma" kien ilu żmien twil li daħal f'moħħ is-sorijiet tal-Kongregazzjoni. Bħala vittmi tal-imħabba, huma riedu jilqgħu b'qalb tajba t-tbatijiet tal-ġisem u tar-ruħ ta' kull jum, bi spirtu ta' ferħ qaddis, għax konvinti li t-tbatija tagħhom kienet magħquda ħaġa waħda ma' dik tal-Feddej. Hekk tikteb fl-okkażjoni tal-Milied tal-1920:

*"Mela għeżież uliedi, inħobbu bil-fatti u tassew; jiġifieri bis-sagrifiċċji, billi niċċaħdu mill-fehma tagħna, ukoll fi ħwejjeġ żgħar, billi nħobbu lil xulxin u nagħdru d-dgħufija ta' xulxin ... Inkomplu ngħixu fil-pjagi tal-Maħbub ħelu tagħna"* (22-12-1920).

Il-Qalb ta' Ġesù sejħet lilha nfisha "ġwejda u umli" u ġiet mogħtija lil kulħadd bħala mudell perfett ta' dawn il-virtujiet, jiġifieri dawk ta' min għandu qalbu ħelwa u umli. Madre Margerita kienet ta' spiss tfakkar lilha nfisha u lil ħutha s-sorijiet:

*"a darba għandek rieda tajba, la inti lesta u trid ukoll, m'għandekx x'tagħmel għajr li tersaq lejn il-Qalb ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Hu jurik kif tagħraf lilek innifsek u tneħħi minn qalbek kull sentiment proprju u tnissel fik sentimenti ta' umiltà, ta' tmaqdir, u tbaxxi lilek innifsek. F'kelma waħda tagħraf aktar il-verità"* (9-10-1922).

Lis-sorijiet tad-Dar il-maħbuba tagħha tal-Adorazzjoni, tiktbilhom fl-1925:

*"Xjistenna minna (t-twejjeb Ġesù) għajr imħabbitna? Mit-Tabernaklu Mqaddes jistenna l-imħabba. Jistenna dik l-imħabba li jnebbaħna biha ..."* (22-11-1925).

Sena wara, meta kienet qorbot il-festa liturġika tal-Qalb ta' Ġesù, hi kitbet lill-istess komunità:

*"Xi ħtieġa hemm li wieħed ipatti! Inħobbu, inħobbu u nirrispettaw b'imħabba safja u ġeneruża! ... Ninħbew fil-Qalb Qaddisa, u hemm moħbijin nikkunsmaw għal kollox. Nawgura lilek u lill-għeżież sorijiet tagħna xrar ta' nar ta' mħabba safja li taqbad fil-Qalb Qaddisa u fl-Ewkaristija ħalli lkoll nintemmu dejjem aktar f'din l-imħabba".* (8-6-1926).

Dawn l-espressjonijiet saru dejjem aktar spissi u aktar mituħin fil-korrispondenza privata lil xi sorijiet li fihom kienet issib nies li jifhmuha aktar u li kienu aktar qrib tagħha fil-ħajja tal-ispirtu, bħalma huma Madre Paċifika Xuereb, Madre Nazarena Gouder, Madre Luisa Busuttil, u n-neputija Sor Agostina De Brincat.

Lil Sor Paċifika kitbitilha hekk fl-1926:

*"Inħobbu lit-twajjeb Ġesù tagħna u ninxteħtu fil-Qalb Qaddisa fejn nistgħu ninħaslu bl-imħabba ... Inħobbuh, għażiża tiegħi, għax hu jistħoqqlu kollox. Ejjew inpattu għaż-żeblieħ kollu li jirċievi fis-Sagrament Imqaddes tal-altar"* (20-11-1926).

Lil Sr Nazarena Gouder, li kellha tiġi warajha fit-tmexxija tal-Kongregazzjoni, u li kienet ir-ruħ tewmija tagħha għal tant snin, hekk kitbitilha lejlet il-professjoni tagħha fot-13 ta' Mejju 1896:

*"Lejlet it-Tlugħ fis-Sema tal-Maħbub tagħna, u tal-Professjoni tal-maħbuba binti Sor Marija Nazarena Gouder. Għix fil-Qalb ta' dan il-Maħbub ħelu, ħajja ta' mħabba, imħabba safja, imħabba ta' sagrifiċċju. Għix fiH, bħall-ħut fil-baħar ..."* (13-5-1896).

Lil Sor Rosaria Sotera, li kienet novizza tagħha Ruma, kitbitilha:

*"Attenta li ma titlifx l-ebda okkażjoni li tersaq qrib il-ħelu Ġesù fit-tabernaklu tiegħu. Issibu dejjem lest biex idawwalna, isabbarna u jgħinna. Inħobbuh, għażiża tiegħi, iva nħobbuh, għax Hu jħobbna bla qjies, u aħna ma nistgħux inħobbuh jekk mhux il-ftit. Imma nersqu lejn il-Qalb Tiegħu stess, li jagħtihielna bil-qalb kollha, u hekk inħobbuh bla tarf u daqshekk"* (1936).

Lin-neputija żagħżugħa tagħha, Sor Agostina, bint ħuha Salvu, li kellha lil missierha marid ħafna, kitbitilha ittra mimlija faraġ b'din il-konklużjoni:

*"Għalhekk serraħ rasek u wettaq ir-rieda ta' Alla filwaqt li titlob lill-Qalb Qaddisa ta' Ġesù, ħalli tħarsu aktar minn qatt qabel ... Inħallik għażiża tiegħi fil-Qalb Qaddisa tal-uniku Għarus tagħna, filwaqt li nitolbok biex bil-ħerqa tiftakar fl-imsejkna zitek li ma tixtieqx għajr is-sema"* (29-6-1937).

Lil neputija oħra, Marija Ewfrosina, li kienet se tidħol mas-Sorijiet Franġiskani, turiha liema kellha tkun id-dota vera li kellha ġġib fil-Kongregazzjoni:

*"Għażiża tiegħi, l-isbaħ dota li biha għandek tiżżejjed għal quddiem il-Għarus Divin, hi l-umiltà ... il-għarfien tal-fond u tax-xejn tiegħek, imbagħad it-twarrib ta' kull ħaġa maħluqa, l-aktar tiegħek innifsek, tal-volontà u l-ġudizzju tiegħek, issir*

*hekk bajda dik l-Ostja offruta b'sagrifiċċju fuq l-altar tal-Qalb Qaddisa"* (25-8-1936).

F'ittra oħra lin-neputija Sor Marija Antonja Abela, hi tgħid:

*"Inħeġġek biex tħobbu b'qalbek kollha, b'mod l-aktar safi u l-proxxmu għal imħabbtu. Kun dejjem umli u rikonoxxenti tal-grazzja li tak tal-vokazzjoni mqaddsa. Żomm ruħek dejjem moħbija fil-Qalb Qaddisa ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Meta jkollok ħin liberu, fittex li tkun qrib tiegħu, għix bħala vittma pura u qaddisa"* (bla data)

Lil Madre Dionisia Thomas, superjura tad-Dar ta' Ruma tiktbilha:

*"Lilek nirrikmandalek il-qawwa, il-paċenzja, eċċ. Fittex kollox mill-Imqaddes Tabernaklu, kollox jinsab hemm moħbi. Oh li kieku nista' nagħmel li jkun magħruf minn kulħadd u kullimkien, kemm inqis ruħi xxurtjata! Ta' lanqas nagħmlu li jkun magħruf u maħbub mill-ulied u s-sorijiet għeżież tagħna"* (12-9-1948).

U fl-aħħarnett, lil Sor Martina Vella:

*"Ningħaqdu mal-Qalb Qaddisa tiegħu biex inħobbuh bl-istess nar li bih iħobbna ..."* (8-9-1951).

Din kienet tkun dejjem id-daqqa fl-ittri tagħha. Huma kienu jħallu impressjoni qawwija f'dawk li kienu jirċevuhom u jaqrawhom. Kienu jinqraw, u jerġgħu jinqraw, u miġu meditati bħala messaġġi mis-sema u jiġu miżmuma bħala relikwi prezzjuħi.

Madre Margerita kienet tgħix dak li kienet tgħallem. Għaldaqstant it-tħeġġiġ tagħha, li kien isir aktar bl-eżempji ta' ħajjitha milli bit-tpaċpiċ, qatt ma kien jaqa' fil-vojt; imma, bħaż-żerriegħa t-tajba tal-parabbola, kien dejjem jagħti s-sittin u l-mija fil-wieħed.

**Kapitlu 28**

## L-EWKARISTIJA U L-MADONNA FL-ISPIRITWALITÀ TA' MADRE MARGERITA

Id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù ssib l-isbokk l-aktar naturali tagħha fl-Ewkaristija, "is-Sagrament tal-imħabba tiegħi", kif Ġesù ried isejjaħlu f'Paray-le-Monial. It-tieni dimensjoni tal-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù hi t-tpattija għad-dnubiet li jsiru kontra l-Ewkaristija.

Dan kollu Madre Margerita kienet fehemitu sewwa ħafna u kienet għamlet mill-Ewkaristija l-ġabra tal-qima kollha tagħha, tat-teoloġija u tal-kult tagħha. Hi kienet tħobb tqatta' sigħat twal quddiem it-tabernaklu mqaddes kemm bin-nhar kif ukoll bil-lejl. Hi kienet tirrikmanda bil-ħerqa lil ħutha s-sorijiet din il-"viżta tal-qalb", din it-"taħdita intima mal-Priġunier ħelu tagħha", bħala għajnuna u faraġ fis-saram li dejjem jinqala' anke fil-ħajja tal-komunità, u bħala qawwa li ssostni lir-ruħ fid-diffikultajiet tal-ħidma u tad-dmirijiet tagħhom.

Nisimgħu għal darb'oħra lil Madre Paċifika:

*"Hi kienet imdorrija li toħroġ minn kamritha matul il-lejl u tmur fil-kor biex tinviżta lil Ġesù. Anke fid-dar tal-Qbajjar – id-dar tal-villeġġjatura tas-sajf tas-sorijiet – ma kienet tħalli qatt li tinżel fil-kappella matul il-lejl biex tagħmel il-viżta tagħha tas-soltu. U jekk xi kultant ma setgħetx tinżel bil-lejl, dan kienet twettqu f'xi t-tlieta ta' filgħodu. Kienet tinżel inkiss inkiss, u kienet tibqa' qrib il-"Priġunier" tagħha, kif hi kienet issejjaħħlu, sakemm is-sorijiet jistenbħu fil-ħamsa."*

Il-vġili tal-ewwel ġimgħa tax-xahar kienet soltu tqattagħha fil-knisja quddiem is-sagrament fi spirtu ta' tpattija għall-Qalb Qaddisa ta' Ġesù:

*"Matul l-aħħar tnax-il sena li hi għaddiet fil-Casa Madre* – tgħidilna dejjem Madre Paċifika – *qatt ma kienet tħalli l-adorazzjoni tal-ewwel ġimgħa tax-xahar. Kienet tidħol fil-knisja filgħodu f'xi s-7:30, u kienet toħroġ minn hemm biex tieħu xi ħaġa mal-ħdax, u mbagħad kienet terġa' tidħol mal-ewwel fil-knisja. U min jista' qatt jimmaġina d-diskorsi ħelwin li hi kienet tagħmel ma' Ġesù Ostja? Kienet tkun qisha*

*xi serafin quddiemu. Kienet tkun hemm mingħajr ma titħarrek b'għajnejha maħsulin bid-dmugħ u rasha kemmxejn mitluqa fuq sidirha u kienet tibqa' dejjem għarkobbtejha. Jekk xi kultant kienet tħoss il-bżonn li toqgħod ftit bilqiegħda, kienet tmur f'xi rokna tal-knisja, għax quddiem it-tabernaklu ma riedet qatt toqgħod bilqiegħda. Fl-aħħar snin ta' ħajjitha, meta kienet tbati ħafna biex tibqa' għarkobbtejha, kienet is-soltu toqgħod fil-kor, fejn setgħet tpoġġi jew toqgħod bil-wieqfa.*

*Din l-imħabba lejn Ġesù fl-Ewkaristija ma ħallietha qatt. Kemm-il darba, fil-vġili tal-ewwel ġimgħa tax-xahar, kienet tkun indisposta u jkollha toqgħod fis-sodda, u mbagħad filgħodu tal-ewwel ġimgħa kienet tiġbor il-forzi kollha tagħha biex tinżel fil-kor u tagħmel kumpanija lill-Maħbub tagħha. Il-komunità kollha kienet tibqa' mimlija ammirazzjoni meta tara lill-Madre twajba li, għalkemm il-forzi kienu għoddhom ħallewha, kienet tagħmel minn kollox biex ma tonqosx għall-adorazzjoni. Kienet dejjem tirrikmanda lil kulħadd il-prattika tal-ewwel ġimgħa tax-xahar. Meta kienet Superjura Ġenerali kienet hi stess li kienet tqassam lis-sorijiet id-disa' uffiċċji tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù. Niftakar li meta fis-sajf kienet tkun il-Qbajjar u kienet tersaq l-ewwel ġimgħa tax-xahar, minn jumejn qabel hi kienet tfittex l-okkażjoni biex tmur lura l-Casa Madre ħalli toqgħod il-jum kollu f'adorazzjoni quddiem Ġesù Ostja. U billi ma tantx kien ikun faċli li ssib mezzi ta' trasport sar-Rabat, kienet titlob lil Ġesù biex jibgħatilha xi wieħed, u jien nista' nixhed li Ġesù kien kważi dejjem jismagħha".*

Madre Paqifika semmiet il-mezz tat-trasport li Ġesù kien jieħu ħsieb jipprovdi lill-qaddejja tiegħu biex tista' tkun preżenti għall-appuntament tal-ewwel ġimgħa tax-xahar fil-Casa Madre. Dan li se ngħidu ġara f'xahar mhux magħruf tal-1948. Madre Margerita kienet qiegħda għal ftit ġranet fid-Dar ta' Ġesù Nazarenu fix-Xagħra, li tagħha kienet superjura Madre Paċifika. Kienet il-vġili tal-ewwel ġimgħa tax-xahar u l-jum ta' wara fil-Casa Madre kien hemm il-funzjoni sabiħa f'ġieħ il-Qalb ta' Ġesù. Imma kien jidher li dik id-darba Madre Margerita ma setgħetx tieħu sehem. Ma kienx hemm mezzi ta' trasport pubbliku biex wieħed imur mix-Xagħra għar-Rabat f'dak iż-żmien, u Madre Margerita, li dak iż-żmien kellha 86 sena u kienet marida b'qalbha, ma kinitx fi grad li tagħmel it-triq lura bil-mixi. Hi kienet tistenna u tittama li l-Providenza terġa' taħseb għaliha anke din id-darba! Matul l-ewwel

sigħat ta' wara nofsinhar ġie mir-Rabat raġel b'karru – imma mhux b'karrettun tas-soltu – li kien ġab l-istatwa ta' San Ġużepp li kellha titqiegħed fil-knisja tan-Nazzarenu. Billi hu mar lura vojt, seta' jieħu miegħu lil Madre Margerita u jwassalha qawwija u sħiħa quddiem il-bieb tal-Casa Madre. Kemm kien ħelu magħha l-Mulej! It-twajjeb Alla kien bagħtilha karrettun f'ħin tajjeb, mingħajr ma talbitu u b'xejn!

Imma jekk noqogħdu nirrakkontaw iċ-ċirkostanzi kollha, li għadna ma tkellimniex dwarhom fil-paġni li għaddew, u li fihom id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù u lejn l-Ewkaristija dehret f'Madre Margerita b'espressjonijiet ordinarji u straordinarji, jiġifieri b'dehriet ta' mistika għolja kif ukoll ta' qima komuni, jidhrilna li jeħodna 'l bogħod wisq mil-limiti li fihom nixtiequ nibqgħu. Għalhekk inħallu fil-ġenb dan kollu għall-id u l-pinna ta' oħrajn. Inżidu biss xhieda oħra ta' Madre Paċifika, li ħallithielna bil-miktub.

*"Jien ta' spiss kien ikolli x-xorti noħroġ magħha u kont nammira l-mod li bih kienet timxi. Anke li tħares lejha biss kienet tnissillek qima. Meta kienet teħodni f'xi knisja fejn ikun espost is-Sagrament Qaddis, malli tinżel għarkobbtejha kienet toqgħod f'adorazzjoni profonda u kienet tibqa' hekk għal ħin twil mingħajr ma titħarrek. In-nies li jkunu qrib tagħna kienu jibqgħu imbellħin kif hi setgħet tibqa' f'dik il-qagħda għal ħin daqshekk twil".*

Imbagħad hemm it-test ta' ittra li Madre Margerita kienet bagħtet mid-Dar tal-Adorazzjoni fl-1926 lill-istess Madre Paċifika:

*"Xi żmien sabiħ għaddejjin minnu! Niftakru fl-imħabba safja tal-Ewkaristija! U kemm hu mħallas ħażin dan Ġesù! Xi ħtieġa hemm li wieħed ipatti! Inħobbu, inħobbu u nirrispettaw b'imħabba safja u ġeneruża! Qabbdu f'dawn il-qlub ċkejknin minn dan in-nar Ewkaristiku ħalli lkoll ikunu safja u qaddisin ... Inħobbu tassew u jkun biżżejjed! Kemm hi rari l-vera mħabba t'Alla! U kemm hu komuni l-amor proprju! Jeħtieġ li nitqabdu dejjem, immutu dejjem, nixxejnu dejjem ... Iva, naslu għall-qerda tal-*jien *uman u naslu għall-kisba tal-Imħabba divina. Hekk iva, ir-ruħ tista' tkanta l-ħelu u l-għażiż Fiat tal-imħabba safja. Oh maħbuba tiegħi, kemm jiena 'l bogħod, 'il bogħod, 'il bogħod ... Nitolbu, nitolbu għal xulxin sabiex il-ħelu Ġesù tagħna jogħġbu jagħmel li naslu f'daqqa waħda għall-kisba ta' dan il-*

*għan mixtieq. Ninħbew fil-Qalb Qaddisa, u hemm moħbijin nikkunsmaw għal kollox"* (8-6-1926).

Flimkien mad-devozzjoni tal-Qalb ta' Ġesù fl-Ewkaristija, bħala devozzjoni li tkompli neċessarjament magħha, Madre Margerita kellha devozzjoni ħelwa u filjali lejn il-Madonna. Kienet tħejji ruħha għall-festi tagħha b'noveni, sawm, dixxiplina, ċilizji u mortifikazzjonijiet oħrajn. Kienet tinviżtaha dejjem fis-santwarji tagħha. L-aktar wieħed għażiż għaliha kien dak Ta' Pinu, fil-gżira ta' Għawdex. Kellha devozzjoni partikulari lejn Marija Addolorata. Kull nhar ta' Sibt kienet tibqa' fil-kappella għal siegħa sħiħa biex timmedita d-duluri ta' Marija.

Madre Margerita kienet nisslet f'uliedha s-sorijiet imħabba ħelwa lejn il-Madonna, għax kienet konvinta li Marija tipproteġi u tħares bi tjubija ta' omm lil uliedha kollha, u lill-Kongregazzjoni kollha.

Fost id-devozzjonijiet partikulari tagħha, niftakru dik lejn il-patrijarka San Ġużepp, li lilu kienet tirrikmanda lilha nfisha ħafna drabi fis-sitwazzjonijiet diffiċli, u kienet dejjem tiġi mismugħa.

Kellha wkoll imħabba kbira u ħniena kbira lejn l-erwieħ qaddisa tal-purgatorju – devozzjoni komuni ħafna u tradizzjonali fiż-żewġ gżejjer Maltin – li hi kienet tfittex li titlob għalihom aktar milli tista', l-aktar waqt it-tqarbin u l-penitenzi li kienet tagħmel.

## Kapitlu 29

## FL-ISKOLA TA' MADRE MARGERITA:
## GĦERF FIT-TAGĦLIM U FIDI FIL-PROVIDENZA

L-istorja tagħna ssir twila ż-żejjed li kieku kellna noqogħdu niddeskrivu waħda wara l-oħra l-inizjattivi kollha li Madre Margerita middet idejha għalihom u wasslithom għat-tmiem matul l-ewwel tnax-il sena tas-superjorat tagħha. Ma nistgħux inkomplu ntawlu billi ninsistu mhux biss fuq l-aspett estern tal-ħidma tagħha – fundazzjonijiet, amministrazzjoni, ekonomija – imma fuq kollox dwar il-formazzjoni spiritwali tas-sorijiet tagħha, li f'dak iż-żmien kienu kollha żgħażagħ u kellhom bżonn ta' skola qawwija ta' spiritwalità, kif ukoll fuq il-ħidma fundamentali ta' Madre Margerita bħala "fundatriċi" li hi bdiet twettaq bl-umiltà u fis-skiet qabel ma ġiet magħżula bħala Superjura Ġenerali. Il-ħidma tagħha ta' fundatriċi, fil-fatt, titħallat ma' dik tagħha bħala Madre Ġenerali, imma ma tistax tiġi mqiegħda fuq l-istess pjan. L-ewwel aspett jiġi qabel it-tieni wieħed, u rridu dejjem inżommuh quddiem għajnejna, anke meta Madre Margerita waqfet li tokkupa l-uffiċċju ta' Superjura Ġenerali u kompliet tgħix bħala soru sempliċi fi ħdan il-komunità.

Biex nagħtu lill-qarrejja tagħna dehra sħiħa ta' din il-ħidma ta' formazzjoni, aħna ridna nagħżlu xi ittri u xi episodji li huma l-aktar karatteristiċi.

Bħala Superjura Ġenerali Madre Margerita qatt ma nsiet jew poġġiet fil-ġenb il-funzjoni tagħha ta' edukatriċi u ta' formatriċi tal-ulied spiritwali tagħha. Is-Sorijiet Franġiskani, skont is-sejħa tagħhom, kienu kollha "Maestre" u edukatriċi; iżda huma ma kinux jistgħu jaqdu dan id-dmir delikat tagħhom jekk huma wkoll ma ġewx edukati, mgħallmin u iffurmati minn min kien għamel l-istess esperjenza qabilhom, u għalhekk kellu aktar dawl u kien fi grad li jagħtihom direttivi żguri. Anke f'dan il-kamp Madre Margerita kienet timxi quddiemhom kollha u kienet tgħallimhom bil-kliem u bl-eżempju tagħha.

Qabel xejn Madre Margerita kienet tgħallem bi kliemha. Ma wasalx għandna t-test, lanqas fil-qosor, tal-konferenzi spiritwali li hi kienet tagħmel lis-sorijiet

żgħażagħ jew inkella tal-kliem ta' tħeġġiġ privat li kienet tagħmel lil ħutha s-sorijiet li kellhom jaħdmu fl-iskola jew inkella fil-kura tal-bniet fit-tagħlim tal-ħidma tad-dar, jew anke lil dawk li kienu jiġu magħżulin biex imexxu l-komunitajiet bħala superjuri; imma b'xorti tajba għandna t-test ta' xi ittri li fihom dan il-kliem ta' twissija u tħeġġiġ hu mtenni b'mod ċar. F'dawn l-ittri Madre Margerita turi lilha nfisha bħala edukatriċi prattika, li taqbel perfettament mal-iskejjel kbar ta' tagħlim tal-Knisja li kienu ġew iffurmati mill-qaddisin kbar edukaturi u edukatriċi taż-żminijiet kollha.

L-edukazzjoni nisranija trid qabel xejn tkun mezz ta' apostolat. It-tifla u ż-żagħżugħa jiġu tassew formati u mħejjija għall-ġejjieni tagħhom meta jgħixu f'integrità l-ħajja tal-grazzja u tal-għaqda ma' Alla. Jekk l-edukatur jilħaq dan l-iskop, hu jkun wettaq totalment u kif jixraq il-missjoni tiegħu.

Dawn il-prinċipji narawhom fl-ittra sabiħa li Madre Margerita kitbet fl-1937 lil Sor Rebecca Muscat, direttriċi ta' grupp ta' bniet f'Ruma. Hi ittra li nistgħu nqisuha bħala regola ċkejkna tal-arti tat-tagħlim nisrani:

*"Hawn jien qed nifraħ miegħek għall-uffiċċju nobbli, sabiħ u delikat li l-Għarus kollu mħabba, Ġesù, għoġbu jerħi f'idejk. Binti, qabel kellek fi ħsiebek it-tfal esterni, imma issa għandek it-tfal orfni. Dan hu xogħol aktar nobbli, aktar delikat u aktar u aktar diffiċli! Għażiża tiegħi, kun af ersaq aktar bil-qalb lejn it-twajjeb Ġesù, Missier twajjeb u lejn Marija, Omm it-tfal orfni, lejn l-Anġli Kustodji tagħhom, ħalli jmexxuk huma fil-kura tagħhom li hi tant iebsa u kritika.*

*Kun af li f'idejk għandek teżori hekk prezzjużi li swew il-prezz tad-Demm ta' Bin l-Aktar Għoli. Minnek tiddependi l-fidwa ta' ruħhom u minnek l-Imħallef Divin għad jitlob kont sħiħ! Lilek ukoll għad jagħti l-premju tas-sagrifiċċji li kellek tagħmel biex tedukahom spiritwalment u materjalment. Ċert li trid titħaba ħafna. Trid tistinka. Trid titqabad bla ma taqta' qalbek, u jekk tafda f'Ġesù, jirnexxilek li tqaddishom. Min-naħa tiegħek ressaq quddiemu l-isbaħ xewqat ta' mħabba, lejn dan Ġesù hekk ta' min iħobbu. Ħeġġiġhom ħalli jagħmlu xi fjuretti żgħar, u meta jkollok l-iċken okkażjoni agħraf bil-ħlewwa kollha urihom kif iħobbuh.*

*Iva, għażiża tiegħi, hawn qiegħda l-akbar diffikultà: f'li tħobbhom b'imħabba spiritwali u qatt bil-grazzja. U billi l-għira tal-Għarus tagħna hi bla qjies, ara tħalli qatt li n-natura tirbħek, u tħalli lil ħadd jimxi magħhom b'dan il-mod. Aħfirli, għażiża binti, imma l-esperjenza tiegħi hi akbar minn dik tiegħek. Għalhekk agħti widen għal dan li qed ngħidlek, u ħarsu b'fiduċja u ma jisgħobbikx"* (9-4-1937).

Madre Margerita kellha l-istess kura biex twissi lis-superjuri żgħażagħ tal-komunitajiet. Is-superjuri, qabel l-oħrajn u wisq aktar minnhom, iridu jkunu għalliema, gwidi u direttriċi ta' ħuthom is-sorijiet li jiġu afdati għall-ħarsien tagħhom. Għalhekk għandu gkollhom, fi grad għoli, il-kapaċità, il-kultura, il-psikoloġija u s-sentimenti ta' omm biex ikunu jistgħu jwiżnuhom, jifhmuhom, ifarrġuhom u jindikawlhom it-triq materjali u morali li fiha jridu jgħaddu. Anke għal dan l-aspett ma naqasx it-tħeġġiġ bil-fomm li nistgħu nintebħu bih, anke jekk it-test ma wasalx għandna, u li nsibu fl-ittra li fl-1938 Madre Margerita kitbet lill-bint maħbuba tagħha Madre Luisa Busuttil, superjura tad-Dar ta' Ruma:

*"Għażiża tiegħi, nifraħ bil-bħaqda u l-ispirtu tajjeb ta' sagrifiċċju ta' wliedek is-sorijiet, u nroddu ħajr lil Alla, għax għandek biex. Imma oqgħod ukoll attenta li l-ħafna xogħol ma jberridx l-ispirtu, għax ħaġa faċli li l-ħafna xogħol minn barra jdgħajjef dak intern; imma kif għidt int, iġorru l-piż bil-ferħ, allura jistgħu jaħdmu aktar. Dan l-ispirtu jagħmilli l-qalb, il-Mulej jieqaf magħhom aktar!"* (9-12-1938).

Nistgħu nkomplu fit-tul b'dawn it-tipi ta' ittri. L-istess idejat insibuhom ħafna drabi fl-ittri ta' Madre Margerita li hi kienet tibgħat lis-sorijiet, kif ukoll fil-kitbiet l-oħrajn tagħha. Anke f'dak il-każ, dak kollu li hi kienet tisħaq li jagħmlu l-oħrajn, kienet tkun hi l-ewwel waħda li tgħixu. L-eżempju tagħha ma kienx jiċħad, imma jikkonferma l-kelma tagħha.

Bħala Superjura Ġenerali hi kienet dejjem tħossha qrib ħafna ta' wliedha, kienet tinteressa ruħha f'kollox u l-indħil tagħha personali qatt ma kien jonqos, u dak l-aktar waqt mumenti ta' emerġenza u ta' ħtieġa, meta l-preżenza tagħha kienet tkun aktar urġenti u mixtieqa u kienet tkun meħtieġa xi kelma ta' faraġ, ta' inkoraġġiment u ta' mħabba min-naħa tagħha.

Madre Franġiska Borġ kienet darba magħżula biex takkumpanja lil Madre Margerita fil-viżta li hi kienet tagħmel id-djar ta' Malta darba kull tliet snin. Hi kienet tinsab fid-dar tal-Furjana, fejn kienet sejħet u tkellmet mas-sorijiet kollha. Ma kien fadal xejn għajr li tasal għall-konklużjonijiet u tgħaddi għall-viżta ta' dar oħra. Imma qabel ma temmet il-viżta, sejħet lil Sor Franġiska u talbitha toħroġ magħha. Ħadet karozzin u talbet lill-kuċċier biex jeħodha fl-Istitut ta' Fra Diegu l-Ħamrun. Malli waslu sabu li kien hemm konfużjoni sħiħa u tensjoni fid-dar. Is-superjura, is-sorijiet u l-orfni kienu kollha mbeżża'. "X'ġara?" staqsiet Madre Margerita. "Għandna infezzjoni ta' variċella – wieġbet is-superjura – Seba' orfni jridu jibqgħu maqtugħin mill-oħrajn, irridu niddisinfettaw id-dar u l-ħwejjeġ kollha, u hemm il-periklu li jittieħdu t-tfal l-oħrajn kollha."

Madre Margerita kienet waslet hemm mhux mistennija, ċertament bi tnebbiħa mis-sema. Madre Franġiska, malli rat dik il-konfużjoni kollha, riedet titlaq minn hemm biex ma tkomplix toħloq inkwiet lis-sorijiet; imma Madre Margerita ma qablitx magħha: "Le, nibqgħu hawn. Il-karità trid li nibqgħu ftit magħhom. Nieħdu sehem fil-ferħ tagħhom; mela hi ħaġa sewwa li nieħdu sehem anke fin-niket tagħhom." U baqgħet il-Ħamrun il-ġurnata kollha biex tfarraġ u tagħti kuraġġ lis-superjura u lis-sorijiet.

Punt li fuqu dejjem kienet tisħaq fit-tagħlim tagħha b'mod speċjali kien il-kuraġġ: Kuraġġ qawwi, qawwi!" kienet espressjoni li ta' spiss kienet tinstema' fuq fommha u fl-ittri tagħha. Kien dak il-kuraġġ li kien jitwieled mill-fidi u miċ-ċertezza li Alla ma jitlaq qatt lil min jafda ruħu fih. Hemm bżonn nafdaw f'Alla u fil-providenza tiegħu fuq kull qjies tal-bnedmin. Hekk biss wieħed jirnexxilu jagħmel il-ġid fil-Knisja u fid-dinja.

X'imkien ieħor fakkarna ħafna aspetti ta' din il-fiduċja fil-Providenza, li ma kellhiex limiti, u li Madre Margerita tħarrġet fiha mingħajr ma ddubitat minnha qatt. Fakkarna wkoll ħafna ġrajjiet li mhumiex tas-soltu, u li wieħed ma jistax jispjegahom bir-raġunamenti tal-bnedmin. Hawnhekk irridu nżidu xi ftit ittri li fihom Madre Margerita tirrepeti din il-fiduċja, b'insistenza tassew qawwija, lil uliedha fil-waqtiet ta' skuraġġiment u ta' nuqqas ta' faraġ. Minn Corfù hekk kitbet lil soru żagħżugħa:

*"It-taqtigħ ta' qalb tiegħek inikkitni, għax ma nixtieq qatt li dan jidħol fil-qalb ta' xi għarusa tat-twajjeb Ġesù. Aħna rridu nagħmlu kull ma nistgħu, biex imbagħad bla biża' nħallu kollox f'idejn il-Providenza divina ... Kemm huma sbieħ u ħelwin is-sagrifiċċju li hu stess ipprovdieli, jiġifieri li ġabuli Hu, li tani Hu, ikun imbierek l-isem qaddis tiegħu. Oh x'paċi ġġarrab, meta r-ruħ hekk marbuta tintelaq fil-ħarsien tal-Providenza mbierka. Kuraġġ mela, u ħila kbira. Mela aħna m'aħniex għarajjes tas-Sultan tas-sema? Għaliex niddubitaw? Għaliex ma nafdawx fil-għajnuna paterna tiegħu?"* (1-8-1922).

Ftit xhur qabel, lienet kitbet minn Regalbuto lil soru żagħżugħa oħra li kienet itturmentata minn ħafna skrupli u taqlib spiritwali:

*"Jeħtiġilna li issa nirrassenjaw ruħna għal kull ma trid minna l-Providenza divina. Intennu dejjem l-imqaddes Fiat. Iżda bil-kuraġġ kollu u bil-ferħ, u mhux bid-dmugħ u l-qtigħ il-qalb. Fhimtni? Twarrib tagħna nfusna u fiduċja bla qjies fit-tjubija divina, u daqshekk! ... Għalhekk agħmel kuraġġ u tkunx bħal tifla żgħira. Ġib ruħek ta' għarusa fuq tiegħek. Intelaq kollok kemm int fi ħdan dan l-Għarus ħelu, u jkunlek biżżejjed. M'għandix għalfejn inkun naf aktar bid-dmugħ tiegħek. Jiġifieri ma rridekx li tibki aktar għal dawn l-affarijiet, imma ibki aktar minħabba fil-ħtijiet lejn dan il-ħelu Ġesù. Bil-moħbi, bla ma jkun qatt li tidher imnikkta u bla kuraġġ. Jekk ikun ser jiġri dan, mur malajr ħdejn it-twajjeb Ġesù Priġunier ta' mħabba, u minn ħdejh toħroġ kollok kuraġġ u qawwa"* (5-5-1922).

Fl-istess żmien, hekk kitbet lil Madre Paċifika, li kienet superjura fi Troina:

*"Nemmen li tinsab fil-paċi u fil-fiduċja kbira ta' ħsieb il-Providenza divina, li mingħajrha ma nistgħu qatt nagħmlu ħwejjeġ tajba, la l-ftit u lanqas il-wisq. Għalhekk ma jkun qatt li nħallu li neżerċitaw ruħna f'dan l-eżerċizzju tal-abbandun sħiħ f'idejn Alla u Missier tagħna. Oh, x'kalma tħoss ir-ruħ tagħna meta nintelaq fil-ħsieb tat-twajjeb Ġesù tagħna!"* (16-4-1922).

F'ittra oħra li kitbet lis-sorijiet ta' Troina, terġa' fuq l-istess suġġett:

*"Jeħtieġ li dejjem nitqabdu kontra n-natura mħassra tagħna. Jeħtieġ li dejjem nissagrifikaw ruħna. Ma rridu nċedu qatt għall-mod kif naħsbuha ta' bnedmin, u lanqas għat-twebbil tal-ġisem. Qalbna u ħsibijietna dejjem 'il fuq u qatt lejn il-*

*ħwejjeġ tad-dinja. Sakemm nistgħu, bil-għajnuna tal-grazzja divina, nħarsu dejjem ‘il fuq lejn l-Etna, aktar ‘il fuq, aktar ‘il fuq. Hekk la nħossu la kesħa u lanqas sħana, iżda arja ħelwa, bnina u wtieqa”* (5-12-1924).

Biex nuru għal darb’oħra li, anke f’dan l-abbandun fil-paternità u fil-Providenza ta’ Alla Madre Margerita kienet taf tgħaqqad b’mod meraviljuż il-prattika mat-teorija, l-eżempju mal-kelma, il-konvinzjoni personali mat-tagħlim mogħti lill-oħrajn, għall-ħafna episodji oħrajn li diġà semmejna, jew li għad insemmu aktar ‘il quddiem, ħa nżidu xi ftit oħrajn li għandhom x’jaqsmu maż-żmien tal-ġeneralat tagħha. Kull fatt jitkellem waħdu, u hu aktar ċar fil-messaġġ tiegħu minn kull spjegazzjoni li nistgħu nagħmlu aħna. Il-fatt storiku ma għandux bżonn ta’ spjegazzjoni, għax juri t-teorija u l-applikazzjoni tat-teorija, jiġifieri l-qawwa li ssaħħar tal-eżempju li jkaxkar, li hu akbar mill-kelma li malajr tgħaddi u tintesa. Biex ma naħlux bil-kliem tagħna l-element frisk Franġiskan ta’ dawn il-ġrajjiet aħna nġibuhom bl-istess kliem li bih għaddewhomlna s-sorijiet l-aktar anzjani, li huma xhieda diretti ta’ dawn l-istess fatti.

Darba minnhom – ninsabu qrib is-sena 1889 – il-kapumastru li kien qed jibni fid-dar ta’ Triq Palma, mar quddiem Madre Margerita u qalilha li rnexxielu jakkwist partita travi għas-soqfa u li s-somma biex jiħallsu – ħamsin lira sterlina – kellu jgħaddi biex jiġborha s-Sibt fl-għaxra ta’ filgħodu. Imma fid-dar lanqas kien hemm sold wieħed. Wasal is-Sibt u Madre Margerita qattgħet siegħa fil-knisja, titlob quddiem it-tabernaklu.

Fid-disgħa ta’ filgħodu ċemplet il-qanpiena tal-bieb. Kienet postulanta li kienet ġiet minn Malta flimkien ma’ ħuha. Kien jisimha Roża Portelli mill-Belt, li mbagħad kellha ssir Sor Ġorġina ta’ Santa Tereża, bint Pawlu u Annunzjata Galea. Ħuha kien kummerċjant u kien jaħseb li ż-żmien ifisser flus u li għalhekk kien jaħli żmien prezzjuż li kieku kellu jerġa’ jiġi Għawdex biex iħallas id-dota ta’ oħtu. Għalhekk iddeċieda li jagħmel kollox darba u mal-ewwel. Wassal lil oħtu u ħalla d-dota ta’ mitt lira sterlina, filwaqt li skuża ruħu b’dawn il-kliem: “Madre, jiena ġibtlek is-somma kollha biex inneħħi dan il-ħsieb minn rasi għax għalissa mħabbat ħafna”.

Madre Margerita laqgħet bi ħlewwa kbira lil din l-aspiranta żagħżugħa, u bl-istess gratitudni aċċettat dawk il-mitt lira sterlina, li kellhom jeħilsuha minn tant inkwiet. Dik id-darba, il-kapumastru seta' jitħallas fil-ħin.

Darba oħra – kif tirrakkonta Madre Katerina, li kienet l-ekonoma tad-dar – ma kienx fadal żejt meta s-soru ġiet biex tħejji l-ikla ta' filgħaxija. Ma kienx fadal lanqas qatra u kien ikun kollu ta' xejn li s-sorijiet jitolbu lill-fornitur, għax kien ilhom żmien twil jieħdu ż-żejt mingħandu mingħajr ma jħallsuh. Katerina marret għand Madre Margerita biex tagħtiha l-flus biex almenu tħallas id-dejn li kellhom ma' dan ir-raġel, u b'hekk dan jagħtihom iż-żejt li kellhom bżonn. Imma l-Madre twajba ma tilfitx il-kalma tagħha lanqas quddiem l-inkwiet tal-ekonoma, u weġbitha bil-ħlewwa: "Oħt, il-flus li inti tlabtni nagħtihomlok bil-qalb kollha, imma lanqas għandi sold wieħed. Ejjew nerħu ruħna f'idejn il-Providenza ta' Alla u jaħseb Hu." Dawn il-kliem il-Madre kienet qalithom għall-ħabta ta' nofsinhar. Fis-siegħa ċemplet il-qanpiena tal-bieb tad-dar. Kienu żewġ turisti ingliżi, li riedu jixtru xi ftit bizzilla li kienu jaħdmu s-sorijiet. Is-somma flus li ħallew l-ingliżi serviet biex tħallas iż-żejt ta' xahar sħiħ.

Fatt ieħor ġara fi Frar tal-1900. F'dak iż-żmien kien hemm id-drawwa li wara l-meditazzjoni ta' filgħaxija l-Majjistra tiegħu lin-novizzi għand Madre Margerita biex jisimgħu t-tgħlim sabiħ li hi kienet tagħmel lis-sorijiet professi. Il-Madre kienet se tibda l-konferenza tagħha meta resqet lejha l-ekonoma tad-dar u qaltilha minn taħt l-ilsien, imma b'mod li kulħadd seta' jisma' dak li qalet: "Madre spiċċajt bla flus, u għada ma nkunx nista' nixtri l-laħam għall-komunità".

Il-Madre wieġbet mingħajr ma tħawdet: "Lanqas jien ma għandi flus, imma toqgħodx taħseb għal għada, il-Mulej jipprovdi". L-ekonoma għamlet inkin u marret.  Lanqas laħqet għamlet seba' jew tmien passi li ma semgħetx id-daqqa ħelwa ta' munita li waqgħet mal-art. Kienet sterlina tad-deheb li kienet waqgħet mill-ktieb li fih kienet qed taqra Madre Margerita. Is-soru li kienet qrib ġabritha u tatha lill-Madre. Anke l-ekonoma kienet semgħet il-ħoss u mal-ewwel daret lura. Madre Margerita tatha l-isterlina li, mingħajr ma stenniet, kienet ġiet f'idejha qabel l-"għada" li fih il-Mulej suppost kellu jipprovdi, u qaltilha: "Hekk hu kif diġà ipprovda t-twajjeb Alla. Ħu din l-isterlina". U biex tneħħi minn dawk li kienu

hemm l-impressjoni li din kienet xi ħaġa barra mis-soltu, kompliet: "Xi kultant inqiegħed il-flus fil-borża li fiha nqiegħed ukoll il-kotba, u żgur li din il-munita rnexxielha tidħol bejn il-paġni tal-ktieb mingħajr ma ndunajt". Imma ħadd minn dawk preżenti ma emmen dik il-verżjoni tal-fatt.

Dawn il-ġrajjiet, li fihom l-indħil ta' ordni soprannaturali u straordinarju jidher wisq ċar, ma setgħux jibqgħu moħbijin. Huma kienu magħrufin fil-komunità, kienu jsiru suġġetti li s-sorijiet kienu jitkellmu dwarhom, u b'hekk kienu jkabbru l-istima lejn il-Madre Ġenerali. Kienet ħaġa ċara, li fiha kien jaħdem, jitkellem u jopra Alla. Hi kienet skola ħajja tal-ħajja spiritwali. Ma kienx hemm ħlief li wieħed iħares lejn il-mod li fih kienet tgħix u ġġib ruħha biex jitgħallem is-sigriet tal-imħabba divina, tal-ħerqa lejn il-perfezzjoni, tal-prattika totali tar-regolarità u tal-osservanza reliġjuża.

## Kapitlu 30

## B'PASSI MGĦAĠĠLA LEJN IT-TMIEM
## 1940

L-attakk gravi ta' puplesija li laqat lil Madre Margerita fl-14 ta' Jannar 1940 kellu jkun l-ewwel wieħed f'sensiela li mbagħad tkompli għal diversi snin sa Jannar 1951.

Fl-1940 Madre Margerita kienet għalqet 78 sena. Sa dak il-waq saħħitha qatt ma qajmet preokkupazzjonijiet la fiha u lanqas f'ħutha s-sorijiet. Iżda f'din is-sena l-qagħda ta' saħħitha nbidlet b'mod radikali. Kienet proprju s-saħħa tal-Madre twajba u l-biża' li s-sorijiet jitilfuha fi żmien qasir li l-aktar li kienu jinkwetaw lis-superjuri u lill-komunità kollha.

Minn fejn ġiet dik il-marda tagħha hekk ħesrem? Mill-ħidma bla waqfien tagħha? Miż-żmien? Mill-istat ġenerali ta' dgħufija fiżika? Dik il-marda setgħet kienet frott ta' diversi kawżi. Ħaġa waħda kienet żgura; hi kienet marida bl-imħabba divina. L-istess tabib li kien jikkuraha, Nicolino Xicluna, meta ġie mistoqsi dwar il-kawża ta' dik il-marda, ma kienx ħasibha darbtejn biex iwieġeb: "Il-Madre tagħkom hi marida aktar bid-deni tal-imħabba divina milli b'dak naturali".

Madre Margerita waslet fit-tmiem tal-eżistenza u tal-missjoni tagħha f'din id-dinja f'din il-ħerqa taqbad u dejjem ġdida tal-imħabba divina. It-tmiem tagħha kien tmiem kwiet u seren, bħal dak li wieħed jara filgħaxijiet tar-rebbiegħa jew tal-ħarifa mill-għolja tar-Rabat ta' Għawdex, meta x-xemx, qisha ballun kbir tan-nar, tinżel qajl qajl sakemm tegħreq fix-xefaq tal-baħar, filwaqt li dan jibda jleqq u jinxtegħel bid-dawl ħamrani.

Kienet ilha xi ftit snin tħoss bħal toqla fuq sidirha minħabba l-ażżma qawwija li kellha fil-bronki. Kienet tħossha għajjiena ħafna u kien ikollha bilfors tidħol fis-sodda. Il-puplesija li laqtitha filgħaxija tal-14 ta' Jannar damet fuqha aktar minn siegħa. Imbagħad bdiet tiġi f'tagħha bil-mod il-mod u fi ftit ġranet kienet f'saħħitha bħal qabel. Wieħed kellu l-illużjoni li l-periklu issa kien għadda, imma

din kienet biss waqfa ta' ftit żmien fil-marda tagħha. Sitt ijiem wara, fl-20 ta' Jannar, l-attakk reġa' irrepeta ruħu, din id-darba b'intensità akbar minn dik tad-darba ta' qabel. It-tabib Xicluna, li issa ra li l-periklu kien sar gravissimu, ordna lill-Madre l-mistrieħ l-aktar assolut.

L-aħħar attakk f'din is-sensiela ġara fis-27 ta' Jannar, u din id-darba kulħadd beża' li kellu tassew ikun it-tmiem u li l-katastrofi issa kienet inevitabbli u wara l-bieb. Il-marida kienet waslet fl-estremità tal-forzi tagħha. Kien it-tabib stess li ta lis-sorijiet il-parir li jiġu amministrati l-aħħar sagramenti lil Madre Margerita dik il-lejla stess, għax minn mument għall-ieħor seta' jiġri minn kollox Il-marida, malli saret taf b'dan, jew nkella kienet fehmet dak li t-tabib kien qal, ma riditx tħalli għal-għada att daqshekk importanti u talbet li jġibulha s-sagrament tal-morda dik il-lejla stess. Issejjaħ Patri Mikiel, Kapuċċin tal-kunvent tar-Rabat, li kien il-konfessur ordinarju tagħha, li ġie malajr ħdejn is-sodda tal-mewt. Il-qrara li għamlet Madre Margerita kienet tassew xi ħaġa li tqanqlek. Is-sorijiet u s-saċerdoti li kienu qegħdin barra mill-kamra semgħu l-ilfiq li bihom il-marida kienet tagħmel il-qrara ta' dnubietha. Hi kompliet tibki sakemm l-arċipriet Dun Mawrizju Cauchi, li ġie ma' erba' saċerdoti oħrajn, ġabilha eżatt wara l-qrara, l-Vjatku Mqaddes. Malli dan daħal bis-Sagrament hi riedet tqum mis-sodda, imma l-arċipriet għamar li timtedd mill-ġdid u hi, minħabba d-dgħufija kbira tagħha, obdiet. Iżda l-ħarsa tagħha u l-mod kif kienet qed tesprimi ruħh kienu jagħtuk x'taħseb li hi kienet qed tara lil Ġesù nnifsu hemm quddiemha. L-arċipriet qal:

*"F'ħajti kollha qatt ma tajt il-Vjatku lil persuna li kienet tant imxennqa għal Alla daqs Madre Margerita".*

Wara li rċeviet it-Tqarbin imqaddes, talbet li tibqa' weħidha biex tiżżi ħajr lil Ġesù ta' dik l-aħħar żjara li Hu għamel lill-qaddejja tiegħu – hekk kienet qed temmen dak il-ħin – u damet f'ġabra profonda għal nofs siegħa, sakemm is-saċerdoti stennew fis-sagristija. Meta spiċċat ir-ringrazzjament, talbet hi stess biex jamministrawlha s-Sagrament tal-morda li l-arċipriet mar jagħtiha mal-ewwel. Anke hi kienet tieħu sehem billi tirrepeti l-kliem tat-talb bl-akbar ħeġġa u qima. Wara dan, hi sejħet madwar is-sodda tagħha l-komunità, is-superjuri u s-sorijiet li kienu ġew mill-Casa Madre, filwaqt li talbithom maħfra tal-offiżi li setgħet

għamlitilhom u tal-iskandli li setgħet tathom, u biex jitolbu għaliha biex tagħmel mewta tajba. Fl-aħħarnett talbet lil soru biex tgħinha ħalli tirringrazzja ‘l Alla tal-grazzji kollha li rċeviet f’dawk l-aħħar waqtiet. Riedet li xi ħadd jgħid f’isimha t-talba tal-moribondi u mal-ewwel Sor Delfina – li minn dak il-waqt ‘il quddiem kellha tkun l-infermiera tagħha – bdiet tgħid it-talba b’mod ċar u li jinftiehem. Il-marida kienet tirrepetikelma b’kelma t-talba b’ħafna dmugħ li kiene jaħsel il-ħaddejn tagħha.

U hekk għaddiet il-lejl, li fih kienet kalma mhux ħażin. Imma, għal xi l-erbgħa ta’ filgħodu, attakk ieħor u qawwi ħafna deher li  kien tassew l-aħħar wieħed. Riedet mal-ewwel it-tqarbin imqaddes, u ġie l-arċipriet għal dan il-għan.Wara ftit waslu anke t-tabib u l-konfessur tagħha, Patri Mikiel. It-tabib mal-ewwel taha injezzjoni ta’ koramina bl-iskop li jtaffilha l-uġigħ u jerġa’ jikkontrolla t-taħbit tal-qalb, imma r-riżultat kien eżattament bil-maqlub. Il-mediċina kienet fatali u bdiet tkabbar l-uġigħ flok tnaqqsu.

Madre Margerita daħlet f’agunija għal xi s-sebgħa u nofs ta’ filgħodu u kollox issa kien juri li wasal it-tmiem. Ġie espost Ġesù Sagramentat fil-kappella tan-Nazarenu. Is-sorijiet u ħafna fidili kienu jitolbu intensament għall-fejqan u l-ħarsien ta’ dik il-ħajja prezjuża, li t-telfa tagħha ma setgħetx tissewwa bl-ebda mod. Sadanittant kienu waslu x-Xagħra s-superjuri kollha tal-komunitajiet ta’ Għawdex u ta’ Malta biex jagħtu l-aħħar tislima lill-Madre Fundatriċi u biex jirċievu mingħandha, f’isem is-sorijiet kollha li ma kinux preżenti, l-aħħar barka tagħha. Madre Nazarena, li kienet Superjura Ġenerali, kienet minn tal-ewwel li marret tħaffef lejn is-sodda tal-mewt ta’ Madre Margerita, ta’ dik li dejjem kienet tqisha bħala l-aħjar waħda u l-aktar waħda li jistħoqqilha ġieħ fost uliedha.

Iżda Alla ried jippremja l-fiduċja u jisma’ t-talbiet li kienu saru bla għadd f’dik iċ-ċirkustanza. F’xi l-għaxra u nofs ta’ filgħodu l-agunija waqfet. In-nifs tqil beda jeħfief dejjem iħjed u l-għaraq għab minn fuq wiċċ Madre Margerita. Il-marida li issa kienet xi ftit mistrieħa, fetħet għajnejha u bdiet titkellem għalkemm kienet għadha tħossha f’qagħda mfarrka li ma tistax tiddiskriviha. Kulħadd ħa r-ruħ u bdiet titqawwa t-tama li forsi hi terġa’ tieħu saħħitha, sħalkemm din kienet ħaġa iebsa u riedet iż-żmien. Alla għoġbu jħalli fid-dinja mill-ġdid il-marida għażiża

tiegħu, ħalli hi tkompli tipperfezzjona l-imħabba tagħha fit-tbatija u sabiex id-dawl tal-eżempji tagħha, tal-qima profonda tagħha, tal-paċenzja erojka tagħha, ikompli jibni lil uliedha spiritwali u jkompli jinxtered bħala fwieħa ħelwa ta' Kristu fuq dawk kollha li kienu jafuha u jħobbuha.

Din il-qagħda mwiegħra tal-logħba bejn il-ħajja u l-mewt damet ġimagħtejn sħaħ. Madre Nazarena, matul dan il-perjodu kollu, qatt ma tbiegħdet minn ħdejn is-sodda tal-marida. Anke l-isqof ta' Għawdex, Monsinjur Gonzi, kien għamel żjara lil Madre Margerita, li kien sabha xi ftit aħjar u li ħallieha bil-barka tiegħu. Tassew li kienet xi ftit aħjar, imma l-qagħda tagħha kienet dejjem imwiegħra u nċerta, tant li t-tabib kien tilef kull tama li hi terġa' tfiq. Skont ix-xewqa tal-marida kienet bdiet issir fil-knisja l-prattika qaddisa tas-siegħa tal-agunija biex wieħed ikollu mewta tajba. L-arċipriet Dun Cauchi, flimkien mas-sorijiet u ma' numru kbir ta' fidili, għamel il-funzjoni li damet sejra tliet sigħat. Kuljum kien ikun hemm purċissjoni bla taqga' ta' sorijiet, nies, ħbieb, benefatturi li kienu jiġu minn diversi ċentri ta' Għawdex u ta' Malta, u li riedu jaraw għal darb'oħra lil Madre Margerita u jagħtuha l-aħħar tislima. Anke s-sorijiet imferrxin fid-djar taż-żewġ gżejjer talbu li jkunu jistgħu jsellmu għal darb'oħra l-"Omm" tagħhom li għal ħafna minnhom kienet ta' faraġ, dawl, gwida, u salvazzjoni. IL-marida ma kinitx issib aħjar milli tħalli din it-tifkira lil uliedha permezz ta' dawn il-kelmiet:

"Ħobb ħafna lil Ġesù, u itolbu għalija biex inkun nista' nagħmel mewta tajba".

Lis-superjuri li kienu jżuruha, kienet tirrikmandalhom, barra milli jħobbu ħafna lill-Mulej, li jieħdu ħsieb l-osservanza tar-Regola u li jħobbu sinċerament lill-Kongregazzjoni.

Fl-aħħarnett, wara ġimagħtejn li għaddiet f'dan it-taqlib kontinwu u fl-inċertezza bejn il-ħajja u l-mewt, il-marida bdiet tħossha ġejja għall-aħjar bis-serjetà. Fl-aħħar ta' Frar setgħet tħalli s-sodda għal xi ftit sigħat kuljum u tmur fil-kor, tiegħu sehem fil-Quddiesa u tieqaf għal ftit ħin biex titlob. Imma l-konvalexxenza kienet twila u iebsa, L-istonku tagħha, li kienet dejjem delikat, kien iddgħajjef aktar f'dawk ix-xhur ta' mard. L-unika ħaġa li biha setgħet tmantni ruħha kien ikun ftit brodu taċ-ċitri u ftit kaffè jew ċikkulata sħuna. Ikel aktar sustanzjuż, li kien jagħtiha naqra aktar forza, ma setgħetx iġġergħu.

Minkejja kollox, anke b'dieta daqshekk miżera, il-marida bil-mod il-mod bdiet tiġi f'tagħha. L-attakki tal-qalb bdew isiru aktar rari u inqas vjolenti u anke l-istonku qagħad naqra f'postu, u kien jippermettilha li tieħu ftit għaġin fil-brodu u aktar tard anke xi biċċa ħobż żgħira bil-patata mgħollija mingħajr żejt.

Madre Nazarena, malli rat li l-marida kienet sejra dejjem għall-aħjar, anke jekk l-ażżma ma kinitx waqfitilha, u għalhekk kellha diffikultà biex tieħu n-nifs u qalb dgħajfa ħafna,ħasbetli l-aħjar ħaġa tkun dik li teħodha fil-Casa Madre fejn, meħlusa mill-uffiċċju tagħha ta' superjura, setgħet tkun iktar kwieta u tiġi kkurata aħjar. It-tluq mix-Xagħra ġie ffissat għas-16 ta' Marzu. Lejlet din id-data ġew iżuruha bosta saċerdoti u fidili, li lilhom kollha ħalliet xi kelma tajba ta' parir.

Hekk, wara għaxar snin, Madre Margerita ħalliet ix-Xagħra darbagħal dejjem. Dan kien l-aħħar kamp ta' ħidma tagħha, imwieled fil-faqar u fis-sagrifiċċju, imkabbar fit-talb u fil-ħidma l-aktar intensa, li ta ħafna frott abbondanti spiritwali fost iż-żgħażagħ, li minnhom kienu ħarġu ħafna vokazzjonijiet reliġjużi, kif ukoll ħalla ħafna ġid fost il-popolazzjoni. Issa hi rtirat fil-Casa Madre, l-ewwel benniena tal-Istitut u li magħha hi kienet intrabtet minħabba tant tifkiriet għeżież, sabiex hemmhekk tħejji ruħha, fit-talb u fis-skiet, għall-aħħar pass u l-aktar wieħed importanti ta' ħajjitha kollha.

**Kapitlu 31**

**L-AĦĦAR GĦAXAR SNIN FIL-CASA MADRE**
**1940 – 1950**

Fil-Casa Madre ġiet mogħtija lil Madre Margerita kamra isfel, in-naħa tal-lemin tal-kuridur li kien imiss mal-kor, li minnu kien jifirdu biss ħajt. Din il-kamra kienet tkun aktar komda għaliha kieku kien ikollha bżonn tiċċaqlaq, kif ukoll setgħet tintlaħaq aktar faċilment minn min kien jaqdiha u jieħu ħsiebha matul il-mard tagħha. Dik il-kamra, fejn hi kellha ttemm ħajjitha għaxar snin aktar tard, illum ma għadhiex teżisti, għaliex wara li ġie mwaqqa' l-ħajt li kien jifridha mill-kor, hi saret biċċa minn dan il-kor tal-knisja, li kellu bżonn jitkabbar minħabba l-bżonnijiet tal-komunità.

Id-daqqa ta' ħarta gravi li kienet irċeviet f'saħħitha tliet xhur qabel, li f'ċertu mument dehret fatali u definittiva, kien irnexxielha tissuperaha bil-mod il-mod u l-marida issa kienet barra mill-periklu. Fil-fatt, hi rnexxielha tgħix għal għaxar snin oħra, dejjem fil-Casa Madre, u b'xi dehriet rari f'xi djar oħrajn ta' Għawdex u ta' Malta. Minkejja dan, qatt ma nistgħu ngħidu li hi kienet fieqet perfettament. Il-konsegwenzi ta' dak l-ewwel attakk gravi u terribbli baqgħu jinħassu anke wara. Hi qatt ma reġgħet għal li kienet qabel. Ta' spiss kienu jiġuha attakki oħrajn, għalkemm kienu jkunu inqas gravi minn dawk ta' qabel. Kien ikollha wkoll attakki spissi ta' ażżma li, xi kultant, kienu jdumu diversi ġranet u kienu donnhom se joħinquha. Biex tħaffef in-nifs bl-għajnuna tal-arja tal-baħar, ta' spiss kienu jeħduha fid-dar tal-villeġġjatura tal-Qbajjar qrib Marsalforn.

Ftit xhur wara li Madre Margerita kienet ġiet trasferita fil-Casa Madre, faqqgħet it-tieni gwerra dinjija li anke f'Malta u f'Għawdex bdiet tinħass u tħalli konsegwenzi koroh u iebsin. Billi ż-żewġ gżejjer kienu f'punt strateġiku importanti tat-traffiku navali tal-Mediterran tal-lvant u billi kienu taħt il-kontroll tal-gvern Ingliż, kien inevitabbli li jinħassu l-konsegwenzi tal-konflitt. Anke f'Malta kienu spissi l-ħbit mill-ajru, b'numru kbir ta' vittmi fost iċ-ċivili, ir-razzjonament tal-ikel, in-nuqqas ta' ħwejjeġ ta' ħtieġa assoluta u biża' bla taqta' ta' ġrajjiet mhux mistennija u

sorpriżi li l-gwerra dejjem iġġib magħha. Din il-qagħda ta' niket żgur li ma kinitx tgħin lill-marida biex ittejjeb l-istat ta' saħħitha u tieħu r-ruħ. Hi, iżda, qatt ma wriet li kienet tinkwieta ż-żejjed minħabba l-perikli li kienu jdawruha. Anke matul l-"air raids" hi kienet tibqa' fil-kamra tagħha jew fil-kappella ħdejn it-tabernaklu bħallikieku kienet fil-post l-aktar żgur u protett mingħajr ma kienet tkun trid tinżel fix-xelter.

Il-gwerra li ħraxet aktar fil-gżira ta' Malta milli f'dik ta' Għawdex, kienet obbligat lis-sorijiet biex jagħlqu d-dar ta' Bormla, li kienet serjament milquta mill-bombardament, kif ukoll dik tal-Isla, li kienet ġiet meqruda kompletament. Anke s-sorijiet tad-djar l-oħrajn, li kienu mikxufin għall-periklu kontinwu, ġew trasferiti fid-djar ta' Għawdex li kienu jitqiesu l-aktar żguri. Ħafna minnhom spiċċaw fil-Casa Madre. Is-sorijiet li kienu jaħdmu Malta, li kienu f'qagħda inqas ta' periklu, baqgħu għaddejjin b'xogħolhom fil-postijiet tagħhom, għalkemm mhux mingħajr diffikultajiet.

Madre Margerita kienet tieħu sehem sħiħ fit-tbatijiet tas-sorijiet tagħha. Ma setgħet tagħmel xejn biex ittejjeb il-qagħda tal-affarijiet imma kienet titlob u toffri t-tbatijiet tagħha biex ittaffi l-ġustizzja ta' Alla u tgħin ħalli terġa' l-paċi fid-dinja.

Fit-2 ta' Frar 1941, hekk kitbet lid-direttur spiritwali tagħha, Dun Alfons Agius:

*"Xi żminijiet, għażiż Padre, proprju li l-Providenza Divina qed turina l-ħsieb patern tagħha, u fl-istess waqt il-ġustizzja meqjusa tagħha! Hawn, s'issa, grazzi lit-Twajjeb Ġesù, ma kellna xejn serju ... imma n-nies li qed tiffolla hawn iġġiblek ħniena ... Nitolbu, nitolbu, imma milli nista'nifhem l-imġieba tan-nies ma tinbidilx".*

Mill-korrispondenza li kellha ma' Dun Alfons Agius, li ġiet konservata fil-parti kbira tagħha, nistgħu jkollna dehra kważi eżatta ta' kif kienet għaddejja saħħitha. Kienet logħba kontinwa bejn waqtiet ħżiena u oħrajn li fihom terġa' tieħu saħħitha, bejn tamiet u delużjonijiet, mingħajr, iżda, li dawk il-fatti gravi setgħu qatt iħassru l-kors normali tal-marda tagħha, jew aħjar, il-konvalexxenza. Hekk tiktiblu fit-30 ta' Marzu 1942:

*"Il-forza fiżika kważi ħallietni, nisma' Quddiesa waħda biss, nitqarben u nirtira fil-kamra. Qabel kont ngħaddi s-sigħat quddiem it-Twajjeb Priġunier, imma issa, qed ngħaddi ftit wisq. MA nista' nagħmilha mas-sorijiet kważi xejn, għax jonqosni n-nifs ..."*

Iżda fid-19 ta' Lulju hi setgħet tikteb hekk:

*"Għall-grazzja ta' Ġesù, il-maħbub l-aktar ħelu tagħna, inti u l-imsejkna bintek reġgħu qamu kemmxejn! U dan kemm ser idum? U kemm imbagħad inħossni fil-qrib u mill-ġdid nerġa' niftakar f'dan il-jasar? .. Imbagħad jiġi l-Għarus ħelu u jeħodna miegħu".*

Dawn l-għaxar snin li għaddiet fil-Casa Madre nistgħu narawhom bħala tħejjija bla taqta' għall-mewt; anzi, bħala xewqa kontinwa u mħeġġa tal-mewt, bħala dak il-passaġġ obbligatorju li minnu rridu ngħaddu biex niltaqgħu definittivament mal-Akbar Tjieba tar-ruħ.

Lil Dun Alfons hekk kitbitlu fil-15 ta' Marzu 1943:

*"Eh, kemm ser idum dan il-jasar! U sakemm għandu jtul dan il-bogħod mill-kisba ta' dak il-Kollox tant mixtieq?"*

Hi kienet tħossha ħlejqa li ma tiswa għal xejn f'din id-dinja. Kienet tħossha piż fuq il-komunità u fuq ħutha s-sorijiet, donnha waħda li baqgħet tgħix għalkemm temmet il-ġirja tagħha fuq l-art, li kellha tintemm darba għal dejjem u tħalli post, li qabel hi kienet tokkupa, lill-oħrajn. Jekk is-snin kollha ta' ħajjitha minn mindu kienet għadha żagħżugħa kienu xewqa kbira tal-ġenna, dawn tal-aħħar li hi għaddiethom fis-skiet, donnha mingħajr l-ebda attività u fit-talb, servew biex żiedu u qawwew aktar in-nostalġija tagħha tas-sema u ta' Alla.

Jekk hi kienet tħossha inutli għall-komunità u piż għas-sorijiet, ċertament din ma kinitx il-fehma ta' ħutha s-sorijiet. Meta hi kienet ippreżentat ir-riżenja minn superjura tax-Xagħra u minn Kunsilliera Ġenerali meta mardet, ġiet milqugħa dik tal-ewwel għax issa ma setgħetx taqdiha kif suppost minħabba saħħitha; imma ma ġietx aċċettata r-riżenja minn Kunsilliera Ġenerali, għaliex avolja kienet marida, hi setgħet tagħmel ħafna ġid lill-Kongregazzjoni. U meta fl-1945, is-sena li fiha

ntemmet il-gwerra, id-direttur spiritwali tagħha Dun Agius talabha tiġi l-Ħamrun fejn seta' jkun qrib tagħha aktar faċilment, Madre Nazarena u s-superjuri l-oħrajn opponew din l-ideja tiegħu: "Madre Margerita hi prezzjuża ż-żejjed għalina u rridu li hi tibqa' fil-Casa Madre!"

Il-gwerra ntemmet fl-1945 u n-nies bdiet tieħu r-ruħ. F'dawk is-snin kien hemm xi fatti li farrġu lill-marida tagħna. Il-ħdax-il Kapitlu Ġenerali li kien iltaqa' fl-24 ta' Mejju 1945 fil-Casa Madre għażel bħala Superjura Ġenerali lil Madre Cleofa Bondin, li kienet għadha tagħmel parti mill-ġenerazzjoni xiħa tal-Kongregazzjoni u li kienet kibret fl-iskola ta' Madre Margerita. Fit-23 ta' Diċembru 1946 wasal minn Ruma digriet li approva definittivament il-Kongregazzjoni, wara li disa' snin qabel, fit-2 ta' Lulju 1937, kien ħareġ id-"Decretum laudis". Fit-8 ta' Diċembru 1947 ġew imfakkra s-sittin sena mill-professjoni perpetwa ta' Madre Margerita, li hi kienet għamlet fl-1887 f'idejn Monsinjur Pietru Pace. Ma nafux jekk kinux saru festi biex ifakkru din l-okkażjoni; imma nistgħu nimmaġinaw x'kienu s-sentimenti ta' umiltà u ta' rikonoxxenza ta' Madre Margerita, l-aktar minn ittra tad-9 ta' Diċembru 1938:

*"Diġà għaddew 51 sena mill-Professjoni Perpetwa u aktar jidhirli li ta' soru m'għandix għajr il-libsa, l-isem u tagħbija bla tarf ta' dejn! Il-Pjagi ta' Ġesù biss jagħmluli kuraġġ".*

Il-piż tas-snin, aktar qrib id-disgħin milli t-tmenin, beda jinħass dejjem aktar. Riġlejha kienu saru dgħajfin, kif ukoll il-vista u s-smigħ. Kienet timxi ftit ħafna u bi tbatija, imqabbda mal-bastun, meta ma kinitx tkun obbligata li tqatta' sigħat twal fis-sodda.

Imma l-ispirtu tagħha kien jimxi, jimxi bil-ġirja, b'passi kbar daqs qatt qabel.

## Kapitlu 32

## IL-MEWT
## 22 ta' Jannar 1952

Wasalna fl-1951, l-aħħar sena tal-ħajja ta' Madre Margerita. Hi kienet laħqet l-età eċċezzjonali ta' 89 sena. Il-forzi tagħha kienu naqsu ħafna, imma l-fakultajiet tagħha mentali, u magħhom il-memorja, li ssoltu hi l-ewwel waħda li ssofri l-konsegwenza taż-żmien, kienu baqgħu tajbin. Hi kienet baqgħet issegwi l-ġrajjiet kollha li kienu jiġru fil-Casa Madre u kienet iżżomm ruħha infurmata b'dak kollu li kien jiġri fid-djar l-oħrajn tal-Kongregazzjoni mxerrdin mad-dinja. Fit-23 ta' Mejju 1951 inżamm it-tnax-il Kapitlu Ġenerali, li fih ġiet eletta Madre Luisa Busuttil bħala Superjura Ġenerali, li kienet ħadmet magħha u kienet bint spiritwali tagħha għal tant snin. Madre Margerita kienet waħda minn tal-ewwel li ferħet lill-Madre Ġenerali l-ġdida u li għamlitilha l-iktar xewqat sinċieri għall-ħidma li kienet sejra tibda għall-ġid tal-Kongregazzjoni.

Il-Kongregazzjoni kienet sejra 'l quddiem u tikber dejjem, imħollija f'idejn tajbin u bil-barka ta' Alla. Is-superjuri li kienu mexxew f'dawk l-aħħar snin kienu kollha waħda aħjar mill-oħra u kienu taw lill-Kongregazzjoni impuls kbir u li jibqa' jissemma ta' vokazzjonijiet u ta' ħidmiet. L-istat preżenti tal-Kongregazzjoni kien il-garanzija tal-aqwa u l-aħjar żvilupp li seta' jsir fil-ġejjieni. Madre Margerita, avolja kienet marida, kompliet tagħti għal dan l-iżvilupp, il-kontribut tat-talb u tat-tbatijiet tagħha.

Imma sakemm? Kemm kien għad fadlilha żmien?

Konna fakkarna kif, fis-26 ta' Ottubru 1951, kienet mietet f'Malta Madre Nazarena, li kienet Superjura Ġenerali u dak iż-żmien Superjura tal-Casa Madre. Sa dak il-waqt, Madre Margerita kienet għexet fil-Casa Madre qrib Madre Nazarena. Il-waħda kienet twieżen u tfarraġ lill-oħra. Madre Nazarena, li kienet twieldet fl-1874, kienet iżgħar minnha tnax-il sena; minkejja dan, hi kienet mietet qabel minn kien għoddu qorob għad-disgħin sena. Għaliex il-Mulej kien uża din il-preferenza magħha? Hekk afdat lill-Madre Paċifika f'dawk il-ġranet Madre Margerita:

*"Madre Nazarena ħallietna. Issa jmiss lili. Nibqa' ftit żmien ieħor u mbagħad immur jien ukoll. Madre Nazarena diġà qiegħda l-ġenna u issa li jiena rajt tmut mara qaddisa, issa jiena żgura li l-Kongregazzjoni hi mbierka minn Alla, u nista' mmut fis-sliem. Ili għoxrin sena nitlob biex naqla' din il-grazzja mingħand il-Mulej, jiġifieri li nara tmut qaddisa fil-Kongregazzjoni. Issa Hu għoġbu jisma' t-talba tiegħi. Għalhekk inħoss li t-tmiem tiegħi hu wara l-bieb".*

Dan kien sentiment li kien iqarreb lejn il-profezija, u din id-darba l-profezija ma kellhiex ittul biex tiġi realtà.

F'Diċembru 1951 il-marda li Madre Margerita kien irnexxielha tissaportiha għal tant snin, imma li dejjem kienet mhedda biha għax setgħet ittemmilha ħajjitha fi żmien qasir, f'daqqa waħda saret gravi u bdiet tħasseb lis-sorijiet: deni għoli, qtugħ ta' nifs, nuqqas ta' aptit u ta' rqad. Fit-23 ta' Diċembru, il-jum qabel il-vġili tal-Milied, għal xi d-disgħa ta' filgħodu, attakk ieħor ta' puplesija ta' qawwa ikbar mis-soltu, kien deher li għoddu ħasad il-ħajja dgħajfa tagħha. Mal-ewwel ġew amministrati l-aħħar sagramenti u ġew avżati s-sorijiet tad-djar li kienu fil-qrib. Madre Paċifika, li kienet superjura x-Xagħra, waslet mal-ewwel qrib is-sodda tal-marida, għall-ħabta tal-ħdax. Hi stess tirrakkontalna d-dettalji ta' dik l-għodwa. Madre Margerita kienet mimduda nofsha mitlufa fuq is-sodda, b'għajnejha magħluqa, filwaqt li Patri Berardu Debrincat, Franġiskan Konventwal u konfessur tal-komunità, kien qiegħed jgħid it-talb tal-mejtin. Madre Paċifika kieku xtaqet titkellem mal-moribonda, għax kellha ħwejjeġ importanti x'tistaqsiha; imma ma ħallewhiex tqajjem lill-marida. Tliet sorijiet, fosthom Madre Paċifika, baqgħu ħdejn il-marida mingħajr ma ħallewha għal waqt wieħed biss, u xi kultant kienu jsejħulha biex jirċievu xi tweġiba. Għal xi s-siegħa ta' wara nofsinhar, Madre Margerita fetħet għajnejha, u tbissmet bi tbatija lil kulħadd, speċjalment lil Madre Paċifika:

*"Agħtini kuċċarina meraq tal-larinġ", talbet b'vuċi għajjiena. Madre Paċifika għamlet kuraġġ: "Madre, int ma tistax tħallina hekk. Issa ninsabu qrib il-Milied. Tmurx il-ġenna f'din il-ġurnata". "Kif irid Hu", wieġbet il-moribonda bi tnehida. "Għid lil Ġesù biex iħallik ftit ieħor fostna, kif konna ftehemna fl-aħħar ta'*

*Ottubru". "Tkun magħmula r-rieda Tiegħu", reġgħet wieġbet il-marida, bi tbissima.*

Imbagħad, wara li ħadet il-kuċċarina meraq tal-larinġ, żiedet:

*"Ħalluni mmur. Ma niflaħx iżjed. Ħalluni mmur".*

Imbagħad ġiet il-Madre Ġenerali, Madre Luisa, li damet xi ftit ħin magħha. Wara dan daħlu s-sorijiet kollha preżenti, u lilhom ħallitilhom l-aħħar rakkomandazzjonijiet tagħha u tathom il-barla tagħha.

Imma bi pjan tal-Providenza, Alla lanqas dik id-darba ma riedha tkun l-aħħar darba. Wara li għaddiet il-kriżi l-aktar gravi, filgħaxija ta' dak l-istess jum setgħet tqum fis-sodda u l-jum ta' wara qamet u baqgħet bilqiegħda fil-pultruna, għaliex din kienet il-qagħda li kienet tegħjiha l-inqas. It-tama reġgħet xegħlet fil-qalb ta' kulħadd. Forsi l-Mulej ried ifejjaqha għal kollox?

B'hekk, bejn is-sodda u l-pultruna, għaddiet il-festi tal-Milied u waslet li tara b'għajnejha s-sena l-ġdida 1952. Jannar ta' dik is-sena kien qalil ħafna, anke għall-klima tal-gżejjer Maltin, imma hi ma kinitx intebħet, anzi kienet dejjem tilmenta li tħoss ħafna sħana, qisu qtugħ ta' nifs li xi kultant kien iġiegħlha titniehed.

"Hi kienet taqbad bl-imħabba divina – ħalliet miktub l-infermiera tagħha Sor Delfina – meta kont noħdilha l-pols f'idejja ma kontx inkun niflah inżommu daqs kemm kien ikun sħun."

Anke t-tabib li kien jieħu ħsiebha, Antonio Tabone, ma kienx jaf jispjega għaliex dik is-sħana f'ġisimha. Kien jiġi jżurha kuljum, u anke aktar minn darba kuljum.

Attakk ġdid reġa' laqatha fil-15 ta' Jannar u dan kellu jkun tal-aħħar. Il-ġimgħa ta' bejn il-15 u t-22 ta' Jannar għaddieha fi stat ta' bidu ta' agunija kontinwa. Kienet ġimgħa li fiha kellha kriżijiet waħda wara l-oħra, kemmxejn gravi, u ma tantx kienet tirbaħħom kif ġieb u laħaq. Patri Berardu Debrincat kien jiġi kuljum u kull darba li s-sorijiet kienu jibżgħu li waslet fl-aħħarnett.

Fis-17 ta’ Jannar waslilha minn Ruma l-permess li titqarben mingħajr ma tagħmel is-sawma preskritta, billi kienet marida. Il-moribonda aċċettat din l-aħħar delikatezza tal-Għarus tas-sema, b’sens imqanqal ta’ radd il-ħajr.

Fl-21 ta’ Jannar, festa ta’ Sant’Anjeże, patruna tal-Ulied ta’ Marija, Sor Delfina staqsietha:

*“Madre, x’tixtieq li nistaqsi lil Sant’Anjeże għalik?” “Li tiġi biex teħodni malajr magħha”, wieġbet.*

Ftit wara, meta Sor Delfina reġgħet lura mill-knisja żiedet tgħid:

*“Iva, iva, ġejja dalwaqt biex teħodni”.*

Kienet titkellem dwar il-mewt li issa kienet imminenti mingħajr twegħir u mingħajr biża’, bħallikieku kienet xi rigal li kienet ilha tistennih, jew laqgħa li kienet ilha tħejji ruħha għaliha, jew inkella t-tmiem tat-tbatija u tad-dmugħ u l-bidu tal-hena li ma tistax titfisser bil-kliem. Kellha tant ħerqa li tingħaqad ma’ Alla u ma kinitx tara l-waqt li tmut. Is-superjuri u ħutha s-sorijiet kienu ingħaqdu madwarha u kienu jassistu mingħajr ma jistgħu jagħmlu xejn u mqanqlin għat-tmiem tagħha li kien ġej bil-mod imma li issa kien żgur li jasal. Kien it-tmiem ta’ dik il-ħajja li ma kinitx titmantna jekk mhux bl-Ewkaristija.

Dak il-21 ta’ Jannar kellu jkun l-aħħar jum ta’ ħajjitha. It-tabib li kien ġie bħas-soltu anke dik il-għodwa, qal ċar u tond li kollox kien mitmum għall-moribonda u li ma kien hemm xejn aktar x’wieħed jagħmel. Hu ordna li tingħatalha injezzjoni oħra ta’ koramina, imma qal li lanqas dik ma kienet se sservi għal xejn.

Għal xi t-tmienja ta’ filgħaxija taha attakk ieħor. Il-moribonda kienet sfinita, maħsula bl-għaraq u kienet tbati bl-aħrax, imma kienet żammet il-luċidità ta’ moħħha u baqgħet preżenti għal kollox sa nofs siegħa qabel ma għaddiet għall-ħajja l-oħra. Kellha l-forza li titbissem bil-ħlewwa u li tgħid xi kelma b’vuċi għajjiena u bil-kemm tinstema’, dejjem dwar xi argument spiritwali. Fil-kamra ċkejkna tagħha kienet assistita kontinwament mill-Madre Ġenerali, mis-sorijiet l-oħrajn, mill-konfessur u mit-tabib li kien jikkuraha.

Għaddiet f'din il-qagħda l-lejl kollu. F'xi t-tlieta ta' filgħodu, Padre Berardu ġabilha l-Vjatku Imqaddes, li hi kienet talbet li jinġab. Ma setgħetx titkellem iżjed, imma b'għajnejha mdawra lejn il-ħajt, li kien jifred kamritha mill-kor, u tħabbat fuqu b'idejha, tat x'tifhem f'hiex kienet qed taħseb f'dak il-waqt: kienet qed issejjaħ lil Ġesù għal darb'oħra u kienet qed tagħmel l-appuntament għal-laqgħa li jmiss miegħu.

Mietet ftit wara, għal xi l-erbgħa ta' filgħodu tat-22 ta' Jannar 1952. Madre Margerita kellha eżattament 89 sena, xahar u 25 jum, li 71 minnhom kienet għaddiethom fil-ħajja reliġjuża u 27 bħala Superjura Ġenerali.

L-aħbar tal-mewt ta' Madre Margerita xterdet f'dik l-istess ġurnata fir-Rabat, fil-gżejjer ta' Għawdex u ta' Malta u fid-djar l-oħrajn tal-Kongregazzjoni. L-aħbar, wara tant ġranet ta' stennija u ta' bdil ta' messaġġi li kienu jaslu minn kullimkien, ma waslitx mhux mistennija; minkejja kollox, qajmet sens ta' niket xorta waħda f'dawk kollha li kienu jafu lill-marida, u l-aktar f'uliedha spiritwali, is-Sorijiet Franġiskani. Minn kullimkien, kulħadd beda ġej ħalli jara l-ġisem mejjet tagħha li kien espost fil-"loġġa" tal-Casa Madre, u kulħadd kien jgħid:

*"Mietet mara qaddisa! Mietet il-qaddisa tas-Sorijiet Franġiskani".*

Kulħadd, mhux biss is-sorijiet li kienu ġew mid-djar taż-żewġ gżejjer, imma anke l-fidili tħabtu kemm felħu biex imissu oġġetti ta' devozzjoni mal-ġisem tal-mejta jew biex jakkwistaw oġġetti li kienu tagħha biex iżommuhom bħala relikwi prezzjużi.

Il-funeral sar il-jum ta' wara, fit-23 ta' Jannar, u kien mill-aktar solenni mhux biss minħabba l-parteċipazzjoni tal-isqof djoċesan, Monsinjur Ġużepp Pace – l-isqof Mikiel Gonzi kien ġie trasferit f'Malta fl-14 ta' Diċembru 1943 – u ta' ħafna sorijiet, saċerdoti, imma wkoll minħabba l-preżenza devota u mqanqla ta' ħafna fidili li kienu ġew anke mill-gżira ta' Malta. Dan kien il-qofol li din il-bint umli minn Kerċem la kienet xtaqitu u lanqas riditu, imma li kienet immeritatu għaliex kienet qattgħet is-snin twal ta' ħajjitha tagħmel il-ġid ma' kulħadd mingħajr distinzjoni.

Ġiet midfuna fil-kripta tal-knisja tal-Casa Madre, fil-qabar numru 8, l-ewwel wieħed quddiem id-daħla, li fih kien hemm diġà l-kadavru ta' Madre Nazarena. Iż-

żewġ ħbieb kbar, li qatt ma kienu nfirdu f’ħajjithom, reġgħu ltaqgħu flimkien anke f’mewthom. Il-qabar jinsab kemm kemm lejn ix-xellug taħt l-altar maġġur tal-knisja. B’hekk twettqet ix-xewqa li Madre Margerita kienet ta’ spiss uriet lil ħutha s-sorijiet, jiġifieri li tkun tista’ torqod l-aħħar raqda tagħġa ħdejn Ġesù Sagramentat, anzi taħt riġlejh, taħt it-tabernaklu tiegħu, f’att ta’ adorazzjoni perpetwa li kienet bdietha f’ħajjitha u li kellha tkompliha bla waqfien għal dejjem.

## Kapitlu 33

## IL-FTUĦ TAL-QABAR TA' MADRE MARGERITA
## 14 ta' Mejju 1977

Għall-erwieħ li huma privileġġati minn Alla, il-mewt ma tfisser qatt it-tmiem, imma pjuttost il-bidu ta' glorja ġdida anke fid-dinja u qalb il-bnedmin. Min għex f'għaqda ma' Alla jkompli jgħix fil-mewt u t-tifkira tiegħu tibqa' bħala barka għal dejjem.

Madre Margerita kienet magħrufa bħala qaddisa meta kienet għada tgħix, ħafna mill-fatti straordinarji ta' ħajjitha kienu magħrufin minn kulħadd u kienu kkonfermaw u żiedu dan l-għarfien fil-poplu. Il-mewt ma kinitx temmet dan kollu, anzi kienet kompliet żiditu.

Ħafna kienu dawk li jmorru jżuru l-qabar tagħha u kienu jintelqu fl-interċessjoni tagħha. Ħafna grazzji, uħud minnhom dokumentati, kienu ġew attribwiti għal Madre Margerita. Fil-fatt għad hemm ir-relazzjoni u d-dokumentazzjoni ta' ħafna minnhom fl-arkivju tal-Vasa Madre.

Il-qabar ta' Madre Margerita kien sar ċentru ta' pellegrinaġġi, b'mod partikulari tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, uliedha spiritwali, li kienu jqisuha bħala għalliema ta' qdusija u mexxejja żgura fl-għarfien tal-imħabba.

Il-jum 14 ta' Mejju 1977 jibqa' data li ma tintesa qatt fl-istorja tal-Kongregazzjoni. Monsinjur Nikol Cauchi, Isqof ta' Għawdex, f'dan il-jum reġa' kixef uffiċċjalment il-qabar u r-relikwi ta' Madre Margerita, fil-preżenza tas-Superjura Ġenerali ta' dak iż-żmien, Madre Ines Gauci, u tal-komunità reliġjuża kollha tal-Casa Madre.

Il-Madre Vigarja Ġenerali, Madre Luisa Busuttil, u Sor Gaetana Xerri, li taw xhieda bil-miktub li dawk kienu l-fdalijiet ta' Madre Margerita, huma żewġ sorijiet li kienu preżenti fil-waqt tad-difna. Il-fdalijiet imbagħad tqiegħdu f'urna magħmula għal dan il-għan, li ġiet issiġillata minn Monsinjur Nikol Cauchi u mqiegħda fiċ-ċentru tal-kripta.

L-interċessjoni ta’ Madre Margerita dehret u tkompli tidher anke llum, fil-ħarsien u fiż-żjieda kontinwa tal-familja reliġjuża li tagħha hija kienet Madre, il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Ġesù, il-familja li għaliha hi kienet ikkonsagrat l-aqwa enerġiji tagħha f’ħajjitha u li permezz tat-talb u l-eżempji tagħha, u permezz tas-sagrifiċċji li hi tant għamlet għaliha, setgħet tirkeb il-mumenti diffiċli tal-eżistenza tagħha u tal-istorja tagħha u tirbaħ il-problemi u s-saram kollu li sabet fil-mixja tagħha ‘l quddiem.

In-Nekroloġju uffiċjali tal-Kongregazzjoni jgħid ċar u tond li dan kollu kien mertu ta’ Madre Margerita:

*“Il-Providenza inqdiet b’dan l-istrument umli sabiex iż-żerriegħa ċkejkna li tħawlet fl-art Għawdxija, tikber u ssir siġra li tat ħafna frott u tifrex il-friegħi tagħha mhux biss fil-gżira qariba ta’ Malta, imma wkoll barra mix-xtut tal-gżejjer Maltin”.*

Fl-1952, meta mietet Madre Margerita, in-numru tas-Sorijiet Franġiskani tal-qalb ta’ Ġesù kien 450. Minn dak iż-żmien ‘il hawn din il-merħla ċkejkna kompliet dejjem tikber b’ritmu regulari, mhux biss, imma b’pass aktar mgħaġġel minn dak li bih kienet kibret fil-bidunett, kważi bħala prova tat-talb u tal-għajnuna li l-fundatriċi kienet qed tkompli tagħmel mis-sema.

Illum il-Kongregazzjoni għandha mas-700 soru mqassmin f’73 dar li huma mxerrdin fil-ħames kontinenti, 30 minnhom f’Malta u f’Għawdex, 14 fl-Italja u rappreżentanza sabiħa fl-Etjopja, Brażil, Pakistan u Awstralja.

Il-glorifikazzjoni ta’ Madre Margerita bl-għarfien uffiċjali min-naħa tal-Knisja tal-virtujiet erojċi u tal-qdusija tagħha, li jalla ma ddumx ma tasal, tkompli tkabbar, u ta’ dan aħna żguri, il-kotra ta’ grazzji u ta’ favuri li Alla jkompli dejjem jagħti b’idejh miftuħa bl-interċessjoni tagħha.

**WERREJ**


| | | |
|---|---|---|
| Preżentazzjoni | | 3 |
| Kelmtejn għall-Edizzjoni bil-Malti | | 8 |
| Prefazzjoni | | 10 |
| Kwadru Kronoloġiku tal-Ħajja ta' Madre Margerita tal-Qalb ta' Ġesù | | 13 |
| Kap 1 | Bint il-Gżira t'Għawdex Lejn il-Qima tal-Altari | 20 |
| Kap 2 | Il-Familja Patrijarkali ta' Mikielanġlu De Brincat f'Kerċem | 23 |
| Kap 3 | It-tnax-il Kewkba tal-Qalb ta' Ġesù – 1877 | 30 |
| Kap 4 | L-ewwel "Dar tal-Karità" Fi Triq Għajn Qatet | 35 |
| Kap 5 | Il-Maestre Terzjarji Ta' San Franġisk ta' Assisi | 40 |
| Kap 6 | Dun Gużepp Diacono | 47 |
| Kap 7 | Maestra Virġinja tal-Beata Margerita | 53 |
| Kap 8 | Id-Dar il-ġdida tal-Karità Fin-numru 10 ta' Triq Palma | 57 |
| Kap 9 | L-Avventura ta' Madre Ġeltrude Darmanin | 61 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kap | 10 | L-Approvazzjoni tal-Kostituzzjonijiet | 65 |
| Kap | 11 | Virġinja tal-Beata Margerita issir Margerita tal-Qalb ta’ Ġesù | 74 |
| Kap | 12 | Madre Margerita tindaħal fl-aħħar Mument biex issalva l-Kongregazzjoni | 79 |
| Kap | 13 | Madre Margerita l-ewwel Superjura Ġenerali tal-Kongregazzjoni | 85 |
| Kap | 14 | L-Approvazzjoni Pontifiċja tal-Kostituzzjonijiet u tal-Kongregazzjoni | 91 |
| Kap | 15 | Ħeġġa ta’ Twaqqif ta’ Djar ġodda | 100 |
| Kap | 16 | Is-Sorijiet Franġiskani f’Corfù | 104 |
| Kap | 17 | Madre Margerita Superjura Ġenerali għas-sitt darba | 111 |
| Kap | 18 | Id-Dar tal-Adorazzjoni tal-Belt Valletta | 116 |
| Kap | 19 | Fundazzjoni tad-Djar ta’ Regalbuto u Troina fi Sqallija | 126 |
| Kap | 20 | Madre Nazarena Gouder | 134 |
| Kap | 21 | Il-Missjoni fl-Etjopja | 144 |
| Kap | 22 | Il-Fundazzjoni ta’ Ruma | 149 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kap | 23 | Apostolat fix-Xagħra | 156 |
| Kap | 24 | Għeluq il-Ħamsin Sena<br>mill-Professjoni ta' Madre Margerita | 165 |
| Kap | 25 | Spirtu Franġiskan mill-bidunett | 170 |
| Kap | 26 | Madre Margerita Franġiskana awtentika | 176 |
| Kap | 27 | Fl-iskola ta' Madre Margerita:<br>id-Devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù | 185 |
| Kap | 28 | L-Ewkaristija u l-Madonna<br>fl-ispiritwalità ta' Madre Margerita | 192 |
| Kap | 29 | Fl-iskola ta' Madre Margerita:<br>Għerf fit-Tagħlim u Fidi fil-Providenza | 196 |
| Kap | 30 | B'passi mgħaġġla lejn it-tmiem | 205 |
| Kap | 31 | L-aħħar għaxar snin fil-Casa Madre | 211 |
| Kap | 32 | Il-Mewt | 216 |
| Kap | 33 | Il-Ftuħ tal-Qabar ta' Madre Margerita | 223 |
| Werrej | | | 227 |